II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# ORJENTAZZJONIJIET

# BANK ĊENTRALI EWROPEW

## LINJA TA' GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**ta' l-1 ta' Awwissu 2007**

**fuq statistika monetarja, ta' istituzzjonijiet finanzjarji u tas-suq (abbozzat mill-ġdid)**

***(BĊE/2007/9)***

(2007/830/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIVI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikoli 5.1, 12.1 u 14.3 tagħhom,

Wara li kkunsidra r-Regolament BĊE/2001/13 tat-22 ta' Novembru 2001 dwar il-karta ta' bilanċ tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji ([1]),

Wara li kkunsidra r-Regolament BĊE/2003/9 tat-12 ta' Settembru 2003 dwar l-applikazzjoni tar-riżervi minimi ([2]),

Wara li kkunsidra r-Regolament BĊE/2001/18 ta' l-20 ta' Diċembru 2001 dwar statistika fuq rati ta' imgħax applikati minn istituzzjonijiet finanzjarji monetarji għal depożiti u self għal familji u korporazzjonijiet mhux finanzjarji ([3]),

Wara li kkunsidra r-Regolament BĊE/2007/8 dwar statistika fuq l-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investiment ([4]),

Wara li kkunsidra ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew ([5]),

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn ([6]),

Wara li kkunsidra l-Linja ta' Gwida BĊE/2002/10 tal-5 ta' Diċembru 2002 dwar il-qafas legali tal-kontijiet u tar-rapportar finanzjarju fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali ([7]),

Wara li ra l-Anness A tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità (ESA 95) ([8]),

Billi:

(1) Il-Linja ta' Gwida BĊE/2003/2 tas-6 ta' Frar 2003 dwar ċerti ħtiġijiet ta' rapportaġġ statistiku tal-Bank Centrali Ewropew u l-proċeduri għar-rapportaġġ ta' informazzjoni statistika mill-banek ċentrali nazzjonali fil-qasam ta' statistika monetarja u bankarja ġiet emendata b'mod sinjifikanti f'diversi okkażjonijiet. Issa li l-emendi ġodda qed isiru għal-linja ta' gwida msemmija għandha tiġi abbozzata mill-ġdid fl-interess tal-kjarezza u t-trasparenza.

([1]) ĠU L 333, 17.12.2001, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament BĊE/2006/20 (ĠU L 2, 5.1.2007, p. 3).
([2]) ĠU L 250, 2.10.2003, p. 10.
([3]) ĠU L 10, 12.1.2002, p. 24. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament BĊE/2004/21 (ĠU L 371, 18.12.2004, p. 42).
([4]) ĠU L 211, 11.8.2007, p. 8.
([5]) ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.
([6]) ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2006/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 1).
([7]) ĠU L 58, 3.3.2003, p. 1.
([8]) ĠU L 310, 30.11.1996, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1267/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 180, 18.7.2003, p. 1).

(2) Għall-kumpilazzjoni ta' karti ta' bilanċ aggregati tas-settur ta' l-istituzzjoni finanzjarja monetarja (MFI) pajjiż b'pajjiż u taż-żona ta' l-euro, il-karta ta' bilanċ taż-żona ta' l-euro tas-settur MFI u l-aggregati monetarji rilevanti taż-żona ta' l-euro, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jeħtieġ karta ta' bilanċ tal-BĊE, karta ta' bilanċ minn banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) u minn MFIs li m'humiex BĊNi (iktar 'il quddiem "MFIs oħrajn") ta' Stati Membri li adottaw l-euro (iktar 'il quddiem "Stati Membri parteċipanti").

(3) Ir-Regolament BĊE/2007/8 dwar statistika fuq l-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investiment [1] (IFs) jistabbilixxi li l-ishma ta' titoli ta' IFs b'kodiċijiet ta' identifikazzjoni disponibbli pubblikament għandhom jiġu rrapportati fuq bażi titolu b'titolu (s-b-s) bil-metodu kkombinat. Il-BĊNi għandhom jikklassifikaw u jaggregaw dawn id-*data*.

(4) *Database* ta' titoli ċentalizzati funzjonanti (CSDB) jew *database* tat-titoli nazzjonali kumpatibbli hija kkunsidrata essenzjali għall-klassifikazzjoni ta' l-istatistika fuq l-attiv u l-passiv ta' l-IF.

(5) *Data* speċifika u komparattiva għall-pajjiż fuq statistika u strument ta' ħlas użati fi Stati Membri li adottaw l-euro huma essenzjali għall-identifikazzjoni u l-monitoraġġ ta' żviluppi, inkluż id-daqs ta' l-integrazzjoni tas-sistemi ta' pagament tagħhom,

ADOTTA DIN IL-LINJA TA' GWIDA:

*Artikolu 1*

**Għan**

## 1. *Ġenerali*

Din il-Linja ta' Gwida tistabbilixxi l-obbligi tal-BĊNi biex jirrapportaw statistika ta' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji u tas-suq lill-BĊE.

## 2. *Skemi ta' rapportar, standards u dati ta' trażmissjoni*

Il-BĊNi għandu jirrapporta l-partiti msemmijin fl-Artikoli 3 sa 18 skond l-iskemi li jidhru fl-Anness III u skond l-istandards tar-rapportar elettroniku stabbiliti fl-Anness IV ta' din il-Linja ta' Gwida. F'Settembru ta' kull sena, il-BĊE għandu jikkomunika d-dati eżatti tat-trażmissjoni lill-BĊNi fil-forma ta' kalendarju ta' rapportar għas-sena ta' wara.

## 3. *Ħtiġijiet għar-rapputar tad-data b'lura*

Ir-rapportar preskritt fl-Artikoli 3, 6, 7, 10, 11 u 13 sa 17 huwa suġġett għar-rapputar tad-data b'lura.

(a) Mingħajr preġudizzju għall-punt (b), ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw f'każijiet ta' adeżjoni għall-Unjoni Ewropea u/jew l-adozzjoni ta' l-euro:

(i) Il-BĊNi ta' l-Istati Membri li daħlu fl-UE f'Mejju 2004 għandhom jirrapportaw lura d-data lill-BĊE li jkopri ta' l-anqas il-perjodu mill-2004;

(ii) Il-BĊNi ta' l-Istati Membri li daħlu fl-UE qabel Mejju 2004, imma li ma adottawx l-euro fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-Linja ta' Gwida, għandhom jirrapportaw lura d-data lill-BĊE li jkopri ta' l-anqas il-perjodu minn 1999 u l-perjodu minn 2003 għall-istatistika tar-rata ta' imgħax ta' l-MIR (iktar 'il quddiem "istatistika ta' l-MIR");

(iii) Il-BĊNi ta' l-Istati Membri li daħlu fl-UE wara Mejju 2004 għandhom jirrapportaw lura d-data lill-BĊE li jkopru ta' l-anqas t-tliet snin ta' qabel;

(iv) Fir-rigward ta' pożizzjonijiet vis-à-vis l-Istati Membri li jadottaw l-euro wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Linja ta' Gwida, il-BĊNi ta' Stati Membri parteċipanti għandhom jirrapportaw lura d-data lill-BĊE li jkopru ta' l-anqas il-perjodu: (1) minn 1999, jekk l-Istat Membru daħal fl-UE qabel Mejju 2004; jew (2) mill-2004, jekk l-Istat Membru daħal fl-UE f'Mejju 2004; jew (3) jiġu koperti t-tliet snin ta' qabel, jekk l-Istat Membru daħal fl-UE wara Mejju 2004. Dan il-prinċipju għandu japplika biss għall-istatistika li tinġabar li għaliha nqasmu *data* mill-pajjiżi kontropartijiet.

(b) Għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(i) għal intermedjarji finanzjarji oħrajn (OFIs), għandhom jiġu trażmessi *data* ta' kull tliet xhur storiċi lill-BĊE li jibdew minn dawk disponibbli l-ewwel tal-perjodu ta' referenza, ta' l-anqas jibdew b'*data* għar-raba' trimestru ta' l-1998 bħala l-perjodu ta' referenza;

(ii) għal titoli, is-serje tal-ħin trażmessa lill-BĊE għandhom jibdew f'Diċembru 1989 għall-ammonti pendenti u Jannar 1990 għall-flussi;

(iii) għall-istatisitika tal-ħlas, għandhom jiġu rrapportati ħames snin ta' *data* inluż l-aħħar sena ta' referenza, fuq bażi ta' l-aħjar sforz.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din il-Linja ta' Gwida:

1. "resident" għandha listess tifsira bħad-definizzjoni fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98;

2. "Eurosistema" tfisser BĊNi ta' Stati Membri parteċipanti u l-BĊE;

3. "istituzzjoni ta' kreditu" għandha l-istess tifsira bħat-Taqsima I.2 ta' Parti 1 ta' l-Anness I tar-Regolament BĊE/2001/13.

(1) ĠU L 211, 11.8.2007, p. 8.

*Artikolu 3*

**Statistika fuq il-partiti tal-karta ta' bilanċ fuq istituzzjonijiet finanzjarji monetarji**

### 1. *Għan tar-rapportat*

(a) Ġenerali

Il-BĊNi għandhom jikkompilaw u jirrapportaw fuq żewġ karti ta' bilanċ aggregati, it-tnejn fuq bażi grossa, skond ir-Regolament BĊE/2001/13: karta ta' bilanċ aggregata tirriferi għas-subsettur MFI "bank ċentrali" u karta ta' bilanċ aggregata tirriferi għas-subsettur "MFIs oħrajn".

Il-BĊNi għandhom iġibu l-informazzjoni statistika meħtieġa dwar il-karta ta' bilanċ tagħhom stess mis-sistema ta' kontabbiltà permezz ta' tabelli *bridging* li jidhru fl-Anness I ta' din il-Linja ta' Gwida. Il-BĊE, għal skopijiet ta' statistika, għandu jġib id-*data* mill-karta ta' bilanċ tiegħu stess, li jikkorrespondu mad-*data* li jiġu mill-karti ta' bilanċ tal-BĊNi tagħhom stess.

Il-BĊNi għandhom iġibu l-informazzjoni statistika meħtieġa dwar il-karta ta' bilanċ ta' l-MFIs oħrajn permezz ta' l-aggregar tad-*data* tal-partiti tal-karta ta' bilanċ (BSI) miġburin minn MFIs individwali residenti ħlieg għall-BĊN residenti.

Dawn ir-rekwiżiti għandhom ikopru ammonti [1] pendenti ta' l-aħħar tax-xahar u ta' l-aħħar tat-tliet xhur u fluss ta' aġġustament tad-*data* ta' kull xahar u trimestrali.

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw informazzjoni statistika fuq partiti tal-karta ta' bilanċ skond il-Parti 1 ta' l-Anness III ta' din il-Linja ta' Gwida.

(b) Aġġustamenti tal-fluss

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE *data* għas-serje tar-riklassifikazzjoni ta' kull xahar u trimestrali u s-serje ta' aġġustament rivalutat, skond l-Anness V ta' din il-Linja ta' Gwida.

Il-BĊE għandu jikkalkula l-flussi [2] billi jieħu d-differenza bejn l-ishma ta' l-aħħar tax-xahar u mbagħad ineħħi dawk l-effetti li ma joħorġux it-tranżazzjonijiet. Għandu jneħħi żviluppi mhux ta' tranżazzjonijiet permezz ta' l-aġġustament tal-fluss. Tliet tipi ta' aġġustament tal-fluss huma:

— aġġustamenti ta' rivalutazzjoni: dawn għandhom jirriflettu l-impatt ta' *write-offs* jew *write-downs* ta' self u ta' flutwazzjonijiet fil-prezz tas-suq ta' stokk pendenti ta' titoli negozjabbli miżmumin, mibjugħin jew maħruġin.

— riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħrajn: dawn għandhom jinkludu t-tibdil fl-istokks tal-karta ta' bilanċ li jkun hemm minħabba: (i) bidla fil-kopertura statisitika tal-popolazzjoni MFI [3], (ii) ir-riklassifikazzjoni ta' attiv u passiv, jew (iii) żbalji tar-rapportar li ġew korretti fl-istokks matul medda limitata ta' żmien u effetti ta' tibdil fl-istruttura [4],

— aġġustatmenti tar-rata tal-kambju: dawn għandhom jinkludu kull bidla fil-pożizzjoni ta' l-istokk minħabba l-impatt tal-movimenti fir-rata tal-kambju fuq attiv u passiv ddenominati f'valuta barranija. Il-BĊE għandu jikkalkola l-aġġustamenti tar-rata tal-kambju bl-użu ta' proporzjonijiet tal-valuta li jiġu mit-tqassim ta' l-attiv u l-passiv f'valuti ewlenin li huma disponibbli fit-Tabella 4 fil-Parti 2 ta' l-Anness I tar-Regolament BĊE/2001/13.

### 2. *Rapportar tal-frekwenza u skadenza*

Il-BĊNi u d-Direttorat tal-Finanzi Interni tal-BĊE għandhom jirrapportaw lill-BĊE l-ishma BSI ta' kull xahar u aġġustamenti tad-*data* sa l-għeluq tal-15-il jum tax-xogħol wara l-aħħar tax-xahar li dwarhom għandhom x'jaqsmu d-*data*.

Il-BĊNi u d-Direttorat tal-Finanzi Interni tal-BĊE għandhom jirrapportaw lill-BĊE l-ishma BSI ttrimestrali u l-aġġustamenti tad-*data* sa l-għeluq tat-28 jum tax-xogħol sa l-aħħar tat-trimestru li dwarhom għandhom x'jaqsmu.

### 3. *Politika ta' reviżjoni*

Il-BĊNi jista' jkollu l-bżonn li jirrivedi d-*data* li jirriferu għall-aħħar perjodu ta' qabel il-perjodu ta' referenza kurrenti. Barra minn dan, reviżjonijiet li jirriferu għad-*data* ta' qabel l-aħħar perjodu qabel ix-xahar ta' referenza jistgħu jsiru wkoll, li joħorġu, per eżempju, minn żbalji, riklassifikazzjonijiet, proċeduri ta' rapportar imtejbin eċċ. Il-BĊE jista' jipproċessa reviżjonijiet eċċezzjonali u ordinarji simultanjament jew jiddeċiedi li jippostponi l-ipproċessar ta' reviżjonijiet eċċezzjonali għal wara l-perjodu ta' produzzjoni ta' kull xahar għall-aggregati monetarji.

Il-politika ta' reviżjoni għandha tikkonforma mal-prinċipji tal-BĊE *Money and Banking Statistics Compilation Guide* [5]. Biex jiġi żgurat bilanċ tajjeb bejn il-kwalità ta' l-istatistika monetarja u l-istabbiltà tagħhom, u biex titjieb il-konsistenza bejn l-istatistika ta' kull xahar u trimestrali, għandhom jintbagħtu reviżjonijiet eċċezzjonali għad-data ta' kull xahar meta tintbagħat l-istatistika trimestrali.

(1) Fil-prinċipju l-karta ta' bilanċ titħejja fl-aħħar jum kalendarju tax-xahar/trimestru mingħajr ma jitqiesu l-festi pubbliċi lokali. Fil-ħafna każijiet fejn dan ma jkunx possibbli l-karta ta' bilanċ titħejja fl-aħħar jum tax-xogħol skond ir-regoli as-suq nazzjonali jew tal-kontabbiltà.

(2) Jiġifieri tranżazzjonijiet.

(3) Jiġifieri inklużjoni jew l-esklużjoni ta' l-MFIs jekk in-negozju ġie ttrasferit fi jew 'il barra mis-settur MFI.

(4) Jiġifieri għaqdiet u kisbiet.

(5) Istitut Monetarju Ewropew, *Money and Banking Statistics Compilation Guide — Guidance provided to BĊNi for the compilation of money and banking statistics for submission to the ECB*, li jinstab f'www.ecb.int.

### 4. *Żieda*

Meta l-BĊNi jagħti derogi lill-MFIs skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament BĊE/2001/13, BĊNi għandu jżid sa 100 % kopertura għal dawn l-MFIs fil-kumpilazzjoni tad-*data* tal-karta ta’ bilanċ ta’ l-MFI ta’ kull xahar u trimestrali rrapportati lill-BĊE.

Il-BĊNi jista’ jagħżel il-proċedura għaż-żieda ta’ 100 % kopertura, sakemm jissodisfa l-istandards minimi li ġejjin:

(a) għat-tqassim ta’ *data* nieqsa, għandhom jinġiebu stimi bl-applikazzjoni ta’ proporzjonijiet bbażati fuq il-popolazzjoni sħiħa li tirrapporta jew fuq subsett kkunsidrat aktar rappreżentattiv ta’ l-“aħħar”; u

(b) meta jkun disponibbli t-taqsim tad-*data*, imma b’dewmien akbar jew b’frekwenza aktar baxxa, id-*data* rapportata għandha tinġieb ‘il quddiem fil-perjodi neqsin billi:

  (i) jiġu ripetuti d-*data* meta r-riżultati jkunu ppruvati adegwati; jew

  (ii) jiġu applikati tekniċi ta’ stima statistika biex jitqiesu x-xejriet fid-*data* jew ix-xejriet staġonali.

### 5. *Regoli tal-valutazzjoni u/jew tal-kontabbiltà*

Fil-kumpilazzjoni tal-karta ta’ bilanċ, il-BĊNi u l-BĊE għandhom isegwu r-regoli tal-kontabiltà armonizzati fil-Linja ta’ Gwida BĊE/2002/10, ħlief:

(a) fejn il-BĊNi u l-BĊE huma meħtieġa għall-finijiet ta’ kontabbilità li jirrivalutaw il-portafoll tat-titoli tagħhom fuq bażi ta’ xahar u mhux ta’ trimestru;

(b) għall-partiti ta’ kontabbiltà 9.5 “klejms oħra fl-Eurosistema (nett)” u 10.4 “passiv ieħor fl-Eurosistema (nett)”, li għandhom jiġu rrapportat fuq bażi grossa;

(ċ) għall-partita ta’ kontabbiltà 14 “kontijiet ta’ rivalutazzjoni”, li għandhom jiġu rrapportat fuq bażi grossa għall-finijiet ta’ kontabbiltà u fuq bażi netta għall-iskopijiet statistiċi;

(d) għal telf mhux realizzat, li għandu jiġi rrapportat taħt il-partita 11 “attiv ieħor”.

Ir-regoli tal-valutazzjoni u/jew ta’ kontabbiltà fir-Regolament BĊE/2001/13 għandhom japplikaw għal “MFIs oħrajn”.

### 6. *Noti spjegattivi*

Il-BĊNi għandhom jibagħtu noti spjegattivi li jispjegaw ir-raġunijiet għal reviżjonijiet sinjifikanti u għal reviżjonijiet eċċezzjonali.

Barra minn dan, il-BĊNi għandhom jipprovdu lill-BĊE noti spjegattivi dwar l-aġġustamenti fir-“riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħrajn” skond il-proċeduri stabbiliti fil-Parti ta’ l-Anness V ta’ din il-Linja ta’ Gwida.

*Artikolu 4*

## Monitoraġġ tal-konsistenza

### 1. *Skop tar-rapportar*

Il-BĊNi u l-BĊE għandhom jimmonitorjaw il-konsistenza bejn il-karta ta’ bilanċ aggregata ta’ l-aħħar tax-xahar rispettiva tagħhom għal skopijiet ta’ statistika kif irrapportat fir-Regolament BĊE/2001/13 u partiti ta’ kontabbiltà tagħhom kif irrapportat fl-istqarrija finanzjarja ta’ kull ġimgħa ta’ l-Eurosistema skond il-Linja ta’ Gwida BĊE/2002/10. Għandhom isegwu l-proċedura segwita fl-Anness II ta’ din il-Linja ta’ Gwida.

### 2. *Frekwenza tar-rapportat u skadenza*

Il-BĊNi u l-BĊE għandhom jagħmlu dawn il-verifiki ta’ konsistenza kull xahar. Għandhom jirrapportaw l-eżitu tagħhom lill-BĊE qabel jew flimkien mad-*data* BSI, sal-15-il jum tax-xogħol wara t-tmiem tal-perjodu ta’ referenza skond il-kalendarju ta’ kull sena stabbilit mill-BĊE u kkomunikat lill-BĊNi sa l-aħħar ta’ Settembru ta’ kull sena. Fil-perjodi tar-rapportar meta d-dati tal-karta ta’ bilanċ għal skopijiet ta’ statistika aggregata ta’ l-aħħar tax-xahar u l-partiti ta’ kontabbiltà kif irrapportati fl-istqarrija finanzjarja ta’ kull ġimgħa ta’ l-Eurosistema ma jaqblux, il-BĊNi jistgħu jqabblu d-*data* statistika mal-karta ta’ bilanċ ta’ kuljum magħmula għall-aħħar jum tax-xogħol tax-xahar. Meta jagħmel il-karta ta’ bilanċ tiegħu stess, il-BĊE għandu jsegwi l-istess proċedura.

### 3. *Noti spjegattiva*

Il-BĊNi u l-BĊE għandhom jibagħtu lid-Diviżjoni ta’ l-Istatistika ta’ l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Monetarji u tas-Suq noti spjegattivi għal kull diskrepanza identifikata: noti spjegattivi sħaħ u noti spjegattivi simplifikati. Nota spjegattiva sħiħa għandha tiġi kkumpilata darba fis-sena biss sa data ffissata mill-BĊE bl-informazzjoni msemmija fil-Parti 3 ta’ l-Anness II ta’ din il-Linja ta’ Gwida. Għax xhur l-oħrajn, għandhom ilestu biss noti spjegattivi simplifikati skond il-galvu tal-Parti 2 ta’ l-Anness II ta’ din il-Linja ta’ Gwida. Il-BĊNi u l-BĊE għandhom jibagħtu noti spjegattivi sħaħ fl-istess ħin.

*Artikolu 5*

## Statistika fuq e-money

### 1. *Għan tar-rapportar*

Il-BĊE, f’kooperazzjoni mal-BĊNi, għandu jidentifika u jirreġistra fuq bażi annwali l-karatteristiċi ta’ skemi ta’ l-*e-money* fl-UE, id-disponibbiltà ta’ informazzjoni statistika kkonċernata u l-metodi ta’ kompilazzjoni relatati għaliha. Il-BĊNi għandhom jirrapportaw l-informazzjoni statistika fuq l-*e-money* maħruġ mill-MFIs suġġett għad-disponibbiltà tagħhom, skond il-lista ta’ partiti preskritti fil-Parti 2 ta’ l-Anness III ta’ din il-Linja ta’ Gwida.

### 2. *Frekwenza tar-rapportar u skadenza*

*Data* ta' kull xahar għandha tintbagħat lill-BĊE ta' l-anqas darbtejn fis-sena, sa l-aħħar jum tax-xogħol ta' Marzu u Settembru. Skond id-disponibbiltà tad-*data* tal-BĊNi, jistgħu jsiru trasmissjonijiet tad-*data* aktar frekwenti ta' l-aħħar jum tax-xogħol tax-xahar wara tmiem tal-perjodu ta' referenza. Il-perjodu ta' referenza għandu jkun l-aħħar xahar tat-trimestru jew tas-sitt xhur li għalihom tirriferi l-partita. Meta l-bilanċi ta' l-*e-money* m'humiex disponibbli sa l-iskadenza, il-BĊNi jistgħu jirrapportaw l-aħħar *data* disponibbli sa l-aħħar jum tax-xogħol tax-xahar.

*Artikolu 6*

## Karta ta' bilanċ ta' l-istatisitka tal-gvern ċentrali

### 1. *Għan tar-rapportar*

(a) Ġenerali

Il-BĊNi għandu jirrapporta informazzjoni statistika fuq il-passiv ta' depożiti tal-gvern ċentrali jiġifieri sostituti mill-qrib ta' passiv ta' depożiti, l-investimenti ta' kontanti u titoli skond il-Parti 3 ta' l-Anness III ta' din il-Linja ta' Gwida.

L-ebda rapportar mhu meħtieġ fuq il-bażi *de minimis* meta l-fenomenu ma jeżistix jew huwa insinjifikanti. Il-partita "karti tal-flus u muniti euro miżmumin mill-gvern ċentrali" għandha tiġi rrapporatat bħala partita tal-memorandum bi prijorità għolja. Jistgħu jintbagħtu stimi miksubin bl-użu ta' *data* disponibbli, bħad-*data* annwali u/jew trimestrali tal-kontijiet ta' l-unjoni finanzjarja monetarja (MUFA).

(b) Aġġustamenti tal-fluss

*Data* ta' l-aġġustamenti tal-fluss għandhom jiġu rrapportati skond l-Artikolu 3(1)(b) ta' din il-Linja ta' Gwida.

### 2. *Rapportar tal-frekwenza u skadenza*

Din is-serje għandha tiġi rapportata fuq bażi ta' kull xahar u bl-istess puntwalità bħal dak speċifikat fl-Artikolu 3(2) għall-istatistika ta' kull xhar BSI statistics.

*Artikolu 7*

## Partiti tal-memorandum

### 1. *Għan tar-rapportar*

(a) Ġenerali

Safejn id-*data* huma disponibbli, inkluż skond l-aħjar stima, jew li n-negozju kkonċernat huwa sinjifikanti millat monetarju, il-BĊNi għandhom jirrapportaw informazzjoni statistika ulterjuri skond il-lista ta' partiti tal-memorandum li hemm fil-Parti 4 ta' l-Anness III ta' din il-Linja ta' Gwida bħala suppliment għal u bl-istess frekwenza bħall-istatistika BSI speċifikata fl-Artikolu 3(2). Il-BĊE, f'kooperazzjoni mal-BĊNi, għandu jidentifika u jirreġistra d-disponibbiltà ta' l-informazzjoni statistika kkonċernata u l-metodi ta' kompilazzjoni li għandhom x'jaqsmu magħha. Partiti tal-memorandum ta' prijorità għolja, li jidhru f'ċelloli bil-grassett, jirrapreżentaw l-informazzjoni meħtieġa għall-kumpilazzjoni ta' aggregati monetarji taż-żona ta' l-euro u tal-MUFA.

Bla ħsara għall-ftehim bejn il-BĊE u l-BĊN, ċelloli bil-grassett bi vleġġa (↑) jistgħu ma jiġux irrapportati mill-BĊNi meta jintużaw sorsi tad-*data* alternattivi mill-BĊE.

B'referenza għaċ-ċelloli li jikkorrespondu ma' l-Istati Membri li m'adottawx l-euro fit-Tabelli 3 u 4 fil-Parti 2 ta' l-Anness I tar-Regolament BĊE/2001/13, jekk il-figuri miġburin f'livell ogħla juru li huma insinjifikanti, il-BĊNi jistgħu jiddeċiedu li ma jeħtiġux ir-rapportar sħiħ tagħhom. F'każ bħal dan, il-BĊNi għandhom jivvalutaw f'intervalli regolari, ta' l-anqas darba fis-sena, jekk *data* fir-rigward taċ-ċelloli li jikkorrespondu ma' l-Istati Membri li adottaw l-euro humiex sinjifikanti jew le, u jinfurmaw lill-BĊE u l-MFIs b'kull bidla fil-ħtiġijiet tar-rapportar fir-rigward ta' dawk iċ-ċelloli. Meta *data* dwar ċelloli li jikkorrespondu għall-Istati Membri li ma adottawx l-euro huma insinjifikanti l-BĊNi ma jkunux jeħtieġu r-rapportar sħiħ tagħhom, għandhom jagħmlu stima tad-*data* bl-użu ta' informazzjoni eżistenti, skond il-metodi li jidhru hawn isfel, u jirrapportawhom bħala partiti tal-memorandum bi frekwenza trimestrali.

(b) Aġġustamenti tal-fluss

*Data* tal-fluss tista' tiġi pprovduta sakemm ikun hemm ftehim bej il-BĊE u l-BĊN. *Data* ta' l-aġġustamenti tal-fluss għandhom jiġu rrapportati skond l-Artikolu 3(1)(b) ta' din il-Linja ta' Gwida.

### 2. *Rapportar tal-frekwenza u skadenza*

Is-serje għandha tiġi rrapportata fi frekwenza ta' kull xahar għall-partiti tat-Taqsimiet 1 u 2 tal-Parti 4 ta' l-Anness III ta' din il-Linja ta' Gwida jew bi frekwenza trimestrali għall-partiti tat-Taqsima 3 tal-Parti 4 ta' l-Anness III ta' din il-Linja ta' Gwida u bl-istess puntwalità bħall-istatistika tal-karta ta' bilanċ ta' l-MFI obbligatorja ta' kull xahar u trimestrali skond ir-Regolament BĊE/2001/13.

*Data* li jirreferu għal ċelloli li jikkorrespondu ma' l-Istati Membri li ma adottawx l-euro tat-Tabelli 3 u 4 tal-Parti 2 ta' l-Anness I tar-Regolament BĊE/2001/13, meta jiġu stmati mill-BĊNi u rrapportati bħala partiti tal-memorandum, jistgħu jiġu rrapportati lill-BĊE b'dewmien ulterjuri ta' xahar mill-għeluq tat-28 jum tax-xogħol wara t-tmiem tat-trimestru li jirriferu għalihom.

### 3. *Regoli ta' valutazzjoni u/jew kontabbiltà*

Partiti tal-memorandum meħtieġa skond dan l-Artikolu għandhom jiġu rrapportati wara li jiġu segwiti l-istess regoli ta' valutazzjoni u ta' kontabbiltà dwar id-*data* skond ir-Regolament BĊE/2001/13.

### 4. *Metodi ta' stima*

B'referenza għat-Tabelli 3 u 4 tal-Parti 2 ta' l-Anness I tar-Regolament BĊE/2001/13, meta d-*data* dwar ċelloli li jikkorrespondu ma' l-Istati Membri li ma adottawx l-euro m'humiex metieġa għall-BĊNi, għandhom jiġu stmati skond l-istandards ta' hawn isfel.

Meta l-BĊNi jagħmlu stima tad-*data* bl-użu ta' informazzjoni eżistenti, għandhom jirrapportaw dawn id-*data* lill-BĊE bħala partiti tal-memorandum. Il-metodi ta' stima li ġejjin għandhom jintużaw sakemm ma jkunx hemm ftehim mod ieħor mal-BĊE:

— iċ-ċifri trimestrali għandhom jiġu stmati fuq il-bażi ta' *data* rapportata mill-MFIs bi frekwenza aktar baxxa. Id-*data* għandhom jinġiebu 'l quddiem fil-perjodu/i nieqes/neqsin, billi jiġu ripetuti jew jiġu applikati t-tekniċi statistiċi xierqa biex jirriflettu kull xejra fid-*data* jew fix-xejra staġonali,

— iċ-ċifri trimestrali għandhom jiġu stmati fuq il-bażi ta' *data* irrapportati mill-MFIs fuq bażi aktar aggregata, jew fuq bażi ta' taqsim speċifiku li l-BĊNi jikkonsidra jagħmlu sens,

— iċ-ċifri trimestrali għandhom jiġu stmati fuq il-bażi ta' *data* trimestrali miġburin minn MFIs kbar responsabbli għal minn l-anqas 80 % tan-negozju mal-pajjiżi li aderew fl-UE fl-1 ta' Mejju 2004,

— iċ-ċifri trimestrali għandhom jiġu stmati fuq il-bażi ta' sorsi tad-*data* alternattivi bħall-*Bank for International Settlements* jew *data* tal-bilanċ ta' pagamenti, wara kull aġġustament meħtieġ minħabba kunċetti u definizzjonijiet differenti użati f'dawn is-sorsi alternattivi pparagunati ma dawk użati fl-istatistika monetarja u finanzjarja, jew

— iċ-ċifri trimestrali għandhom jiġu stmati fuq il-bażi ta' *data* għall-pajjiżi li aderew fl-UE fl-1 ta' Mejju 2004 irrapportati kull trimestu mill-MFIs bħala total wieħed.

*Artikolu 8*

## Statistika dwar il-bażi ta' riżerva

### 1. *Għan tar-rapportar*

Statistika ta' kull xahar fuq il-bażi tar-riżerva aggregata, imqassma skond it-tip ta' passiv, għandha tiġi kkalkulata bħala ishma ta' l-aħħar tax-xahar skond ir-Regolament BĊE/2003/9 u bil-kategoriji stabbiliti fir-Regolament BĊE/2001/13. *Data* għall-produzzjoni ta' din l-istatistika skond il-Parti 5 ta' l-Anness III ta' din il-Linja ta' Gwida għandha tinġieb mid-*data* li istituzzjonijiet ta' kreditu li huma suġġetti għar-rekwiżiti ta' riżerva minima jibagħtu lill-BĊNi.

### 2. *Rapportar tal-frekwenza u skadenza*

L-istatistika tal-bażi ta' riżerva sitt serje ta' ħin għall-istituzzjonijiet ta' kreditu, b'referenza għall-figuri ta' l-ishma ta' l-aħħar tax-xahar li għandhom jiġu trażmessi lill-BĊE kull xahar, mhux aktar tard mill-jum tax-xogħol tal-BĊN qabel il-bidu tal-perjodu ta' żamma ta' riżerva, permezz tas-sistema tal-bdil tad-*data* tas-SEBĊ. Istituzzjonijiet ta' kreditu ta' l-aħħar għandhom jirrapportaw lill-BĊNi taqsim limitat fuq bażi trimestrali. Għal dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' l-aħħar statistika tal-bażi ta' riżerva semplifikata għandha tintuża għat-tliet perjodi ta' żamma ta' riżerva. Il-BĊNi għandhom jużaw id-*data* tal-bażi tar-riżerva trimestrali mill-istituzzjonijiet ta' l-aħħar għall-figuri ta' kull xahar rapportati lill-BĊE fit-tliet trażmissjonijiet tad-*data* wara r-rilaxx tagħhom.

### 3. *Politika ta' reviżjoni*

Reviżjonijiet mill-istituzzjonijiet tar-rapportar u/jew rekwiżiti ta' riżerva li jseħħu wara li jkun beda l-perjodu ta' żamma jistgħu ma jwasslux għal reviżjonijiet għall-istatistika fuq il-bażi ta' riżerva u fuq il-rekwiżiti ta' riżerva.

*Artikolu 9*

## Statistika tal-proporzjon makro

### 1. *Għan tar-rapportar*

Il-BĊE għandu jagħmel monitoraġġ fuq bażi ta' kull xahar, bl-użu ta' informazzjoni statistika ta' l-aħħar tax-xahar li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jibagħtu lill-BĊNi skond ir-Regolament BĊE/2001/13, il-preċiżjoni tad-deduzzjonijiet standardizzati kurrenti mill-bażi ta' riżerva li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu japplikaw għall-ammont pendenti tat-titoli ta' debitu tagħhom maħruġin b'maturità miftehma sa sentejn. Il-BĊNi għandhom jikkompilaw l-aggregati meħtieġa skond il-Parti 6 ta' l-Anness III ta' din il-Linja ta' Gwida u jirrapportawhom lill-BĊE.

### 2. *Rapportar tal-frekwenza u skadenza*

Is-serje ta' tliet darbiet ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu, li jirreferu għaċ-ċifri ta' l-ishma ta' l-aħħar tax-xahar, għandhom jiġu trażmessi lill-BĊE kull xahar, mhux aktar tard mill-aħħar jum tax-xogħol tal-BĊN qabel il-bidu tal-perjodu ta' żamma.

Dawn is-serje għandhom jiġu trażmessi anki jekk l-partiti tal-karta ta' bilanċ irrelatati ma japplikawx fl-Istat Membru.

*Artikolu 10*

## Statistika tal-karta ta' bilanċ ta' l-istituzzjoni ta' kreditu

### 1. *Għan tar-rapportar*

(a) Ġenerali

Il-BĊNi għandu jirrapporta lill-BĊE *data* tal-partiti tal-karta ta' bilanċ għas-settur ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu skond it-Tabelli 1, 2 u 4 tal-Parti 2 ta' l-Anness I tar-Regolament BĊE/2001/13 u tal-Parti 7 ta' l-Anness III ta' din il-Linja ta' Gwida. Billi d-*data* fuq is-settur kollu ta' l-MFIs huma diġà rrapportati skond ir-Regolament BĊE/2001/13, ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw biss għal dawk l-Istati Membri fejn il-popolazzjoni li tirrapporta ta' MFIs oħrajn tikkonsisti minn kemm l-istituzzjonijiet ta' kreditu u fondi tas-suq tal-flus (MMFs) u l-impatt ta' l-MMFs jitqies statistikament importanti għaliex il-kriterji li ġejjin jiġu sodisfatti f'daqqa:

(i) id-differenza bejn it-total tal-karta ta' bilanċ tas-settur MFI u t-total tal-karta ta' bilanċ tas-subsett tiegħu ta' istituzzjonijiet ta' kreditu huwa ta' aktar minn EUR 5 000 miljun fuq bażi sostnuta; u

(ii) MFIs li m'humiex istituzzjonijiet ta' kreditu, jiġifieri MMFs, għandhom impatt fuq aktar minn partita waħda fuq kull naħa tal-karta ta' bilanċ tas-settur MFI.

Ghalkemm f'xi Stati Membri numru żgħir ta' istituzzjonijiet huma kklassifikati bħala MFI, dawn l-istituzzjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati insinjifikanti minn perspettiva kwantitattiva.

(b) Aġġustamenti tal-fluss

*Data* ta' l-aġġustamenti tal-fluss għandhom jiġu rrapportati skond l-Artikolu 3(1)(b) ta' din il-Linja ta' Gwida.

### 2. *Rapportar tal-frekwenza u skadenza*

Id-*data* għandha tiġi rrapportata trimestralment fi 28 jum tax-xogħol mill-aħħar tal-perjodu ta' referenza.

Id-*data* mitluba skond it-Tabella 3 tal-Parti 7 fl-Anness III ta' din il-Linja ta' Gwida għandhom jiġu rrapportati minn Marzu 2005 bħala x-xahar ta' referenza.

### 3. *Żieda*

Id-*data* rrapportata dwar il-karta ta' bilanċ ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ikopru 100 % ta' l-istituzzjonijiet ikklassifikati f'dan is-settur. Meta l-kopertura ta' rapportar attwali hija anqas minn 100 % minħabba l-applikazzjoni tal-prinċipju *cutting-off-the-tail*, il-BĊNi għandhom iżidu d-*data* mogħtija biex jassigura kopertura ta' 100 %.

*Artikolu 11*

## Indikaturi finanzjarji strutturali

### 1. *Għan tar-rapportar*

(a) Ġenerali

Il-BĊNi għandu jirrapporta d-*data* tal-karta ta' bilanċ fuq indikaturi finanzjarji strutturali oħrajn skond il-Parti 8 ta' l-Anness III ta' din il-Linja ta' Gwida.

Il-BĊNi għandu jipprovdi *data* fir-rigward ta' 18-il indikatur speċifikati fil-Parti 8 ta' l-Anness III ta' din il-Linja ta' Gwida skond ir-regoli konċettwali u metodoloġiċi stabbiliti hemmhekk. Għandhom jiġu segwiti l-prinċipji statistiċi adottati għall-kumpilazzjoni ta' l-istatistika BSI jiġifieri:

(i) id-*data* għandhom jiġu aggregati, mhux ikkonsolidati; u

(ii) il-prinċipju tar-residenza għandu jsegwi "l-metodu tal-pajjiż ospitanti"; u

(iii) id-*data* tal-karta ta' bilanċ għandhom jiġu rrapportati fuq bażi grossa.

(b) Aġġustamenti tal-fluss

Id-*data* ta' l-aġġustamenti tal-fluss għandhom jiġu rrapportati skond l-Artikolu 3(1)(b) ta' din il-Linja ta' Gwida.

### 2. *Rapportar tal-frekwenza u skadenza*

Id-*data* ta' l-aġġustamenti tal-fluss għandhom jiġu rrapportati sa l-aħħar ta' Marzu ta' kull sena b'referenza għas-sena ta qabel. L-indikatur "Numru ta' impjegati ta' CIs" għandu jiġi pprovdut, jekk ikun possibbli, sa l-aħħar ta' Mejju ta' kull sena b'referenza għas-sena ta' qabel.

### 3. *Politika ta' reviżjoni*

Il-BĊNi għandhom japplikaw il-prinċipji ġenerali li ġejjin meta jirrevedu d-*data* rapportata:

(a) matul it-trażmissjonijiet kollha regolari tad-*data* ta' kull sena, flimkien ma' l-aħħar sena r-reviżjonijiet ordinarji għad-*data* tas-sena ta' qabel u r-reviżjonijiet eċċezzjonali għandhom jintbagħtu kif meħtieġ; u

(b) reviżjonijiet eċċezzjonali li jtejbu b'mod sinjifikanti l-kwalità tad-*data* jistgħu jintbagħtu matul is-sena.

### 4. *Żieda*

*Data* miġburin għandhom ikopru 100 % ta' l-istituzzjonijiet iddefiniti bħala istituzzjonijiet ta' kreditu skond it-Taqsima I.2 tal-Parti 1 ta' l-Anness I tar-Regolament BĊE/2001/13. Fejn il-kopertura ta-rapportar attwali hija anqas minn 100 % minħabba l-applikazzjoni tal-prinċipju *cutting-off-the-tail*, il-BĊNi għandhom iżidu d-*data* mogħtija skond Artikolu 3(4) ta' din il-Linja ta' Gwida biex tiġi assigurata l-kopertura ta' 100 %.

### 5. *Noti spjegattivi*

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE kull devjazzjoni mid-definizzjonijiet u r-regoli ta' hawn fuq biex jiġi permess il-monitoraġġ tal-prattika nazzjonali. Il-BĊNi għandu jissottometti noti spjegattivi li jispjegaw ir-raġunijiet għar-reviżjonijiet sinjifikanti.

*Artikolu 12*

## Data għal skopijiet tal-Fond Monetarju Internazzjonali

### 1. *Għan tar-rapportar*

Mingħajr preġudizzju għall-obbligi statutorji tal-BĊNi fil-konfront tal-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF), il-BĊNi jistgħu jittrażmettu statistika tal-partiti tal-karta ta' bilanċ supplimentari ta' l-MFI lill-IMF permezz tal-BĊE skond l-arranġamenti tekniċi li ġejjin.

### 2. *Rapportar tal-frekwenza u skadenza*

Il-partiti tal-karta ta' bilanċ ta' l-MFI skond il-Parti 9 ta' l-Anness III ta' din il-Linja ta' Gwida għandhom jiġu trażmessi mill-BĊNi lill-BĊE fil-qafas ta' trażmissjoni regolari ta' kull xahar tad-*data* BSI. It-trażmissjonijiet tad-data għandhom jikkoinċidu mar-rapportar regolari tad-*data* tal-BSI lill-BĊE, li jsiru fil-15-il jum tax-xogħol wara l-aħħar tax-xahar li għalihom jirriferu d-*data*, skond Artikolu 3(2) ta' din il-Linja ta' Gwida. Il-frekwenza u l-puntwalità għal partiti tal-memorandum ta' prijorità għolja stabbiliti fl-Artikolu 7(2) ta' din il-Linja ta' Gwida għandhom japplikaw ukoll għas-serje ddefinita hawnhekk.

*Artikolu 13*

## Statistika dwar is-securitisation u trasferimenti oħrajn ta' self MFI oriġinarjament mogħti lil mhux MFIs

### 1. *Għan tar-rapportar*

Skond id-disponibbiltà tagħhom, inkluż fuq bażi ta' l-aħjar stima, il-BĊNi għandhom jirrapportaw l-informazzjoni statistika fuq bejgħ u trasferimenti ta' self MFI lil terzi skond il-Parti 10 ta' l-Anness III ta' din il-Linja ta' Gwida.

It-trażmissjoni tad-*data* lill-BĊE għandha tinkludi: (i) flussi grossi, (ii) flussi netti ta' self mogħti oriġinarjament mill-MFIs u mibjugħin lil terzi, fejn id-*data* fuq flussi grossi m'humiex disponibbli, u (iii) *data* ta' l-ishma, meta disponibbli, għandhom jiġu rrapportati fiż-żewġ każijiet. għal kull wieħed minn dawn it-tliet tipi ta' *data*, self mogħti lil korporazzjoni ta' vettura finanzjarja (FVC), jiġifieri fejn huma *securitised* permezz ta' FVC, u self ittrasferit lil aġenti oħrajn, kemm jekk hemm involut is-*securitisation* jew le, għandhom jiġu rrapportati b'mod separat. Billi s-self huwa mifhum li jinbiegħ lis-settur mhux MFI, ir-rapportar relatat għandu jkun meħtieġ biss safejn ma jitqiesx aktar meħtieġ li jidher fil-karta ta' bilanċ ta' l-MFI li oriġinarjament għamlet is-self lil setturi residenti oħrajn jew fuq kull karta ta' bilanċ oħra ta' MFIs.

### 2. *Rapportar tal-frekwenza u skadenza*

Id-*data* għandhom jiġu trażmessi fil-15-il jum tax-xogħol wara l-aħħar tax-xahar li għalih jirriferu d-*data*.

*Artikolu 14*

## Statistika oħra ta' intermedjarji finanzjarji

### 1. *Għan tar-rapportar*

(a) Ġenerali

Il-BĊNi għandu jirrapporta l-informazzjoni statistika fuq l-OFIs skond il-Parti 11 ta' l-Anness III ta' din il-Linja ta' Gwida. Id-*data* għandhom jiġu trażmessi b'mod separat mis-subkategoriji ta' OFIs li ġejjin: (i) fondi ta' investiment (ħlief MMFs); u (ii) negozjanti ta' titoli u derivattivi (SDDs); u (iii) korporazzjonijiet finanzjarji li jisilfu (FCLs); u (iv) OFIs oħrajn.

*Data* dwar OFIs għandha tiġi trażmessa fuq il-bażi ta' *data* li jkunu disponibbli fil-livell nazzjonali. Meta *data* attwali m'hijiex disponibbli jew ma tistax tiġi pproċessata, għandhom jingħataw stimi nazzjonali. Meta jeżisti l-fenomenu ekonomiku sottostanti imma ma jkunx immoniterjat statistikament u għalhekk l-istimi nazzjonali ma jistgħux jingħataw, il-BĊNi jistgħu jagħżlu jew li ma jirrapportawx is-serje tal-ħin jew jirrapportawha bħala nieqsa. Għalhekk kull serje ta' ħin mhux irrapportata għandha b'hekk tiġi interpretata bħala "*data* li jeżistu imma m'humiex miġburin" u l-BĊE jista' jagħmel assunzjonijiet u stimi għall-finijiet tal-kumpilazzjoni ta' l-aggregati taż-żona ta' l-euro. Il-popolazzjoni tar-rapportar għandha tinkludi t-tipi kollha ta' OFIs residenti fi Stati Membri parteċipanti: istituzzjonijiet li jinsabu fit-territorju, inkluż sussidjarji ta' kumpanniji ġenituri li jinsabu barra dak it-territorju, u friegħi indipendenti ta' l-istituzzjonijiet li għandhom l-uffiċċju ewlieni tagħhom barra t-territorju.

Għandhom jingħataw dawn l-indikaturi ewlenin u l-informazzjoni supplimentari:

— indikaturi ewlenin għandhom jiġu trażmessi għall-kumpilazzjoni ta' l-aggregati taż-żona ta' l-euro: l-Istati Membri parteċipanti għandhom jittrażmettu dawn id-*data* ddettaljati meta dawn id-*data* jkunu disponibbli. Meta ma jkunux disponibbli dawn id-*data* attwali għat-taqsim meħtieġ jew għall-frekwenza, puntwalità jew firxa fiż-żmien mifteħma, għandhom jingħataw stimi jew ikun fattibbli.

— informazzoni supplimentari għandha tiġi trażmessa bħala "partiti memo": dawn id-*data* għandhom jintbagħtu mill-pajjiżi li għalihom bħalissa huwa disponibbli aktar dettall.

(b) Aġġustamenti tal-fluss

*Data* ta' l-aġġustament tal-fluss jistgħu jiġu rrapportati fil-każ ta' waqfien sinjifikanti f'ishma jew meta jkun hemm ir-riklassifikazzjonijiet u l-aġġustamenti oħra. B'mod partikolari, id-*data* ta' l-aġġustament tal-fluss jistgħu jingħataw minħabba riklassifikazzjonijiet fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni tal-qafas ESA 95.

Jekk it-trażazzjonijiet huma stmati bbażati fuq id-differenza bejn żewġ perjodi ta' ishma sussegwenti, is-serje tal-ħin jew ma tkunx irrapportata jew irrapportata bħala nieqsa.

*Data* ta' l-aġġustament tal-fluss għandha tiġi rrapportata skond Artikolu 3(1)(b) ta' din il-Linja ta' Gwida.

### 2. *Rapportar tal-frekwenza u skadenza*

Il-frekwenza tar-rapportar lill-BĊE għandha tkun trimestrali. L-istatistika OFI għandha tiġi trażmessa lill-BĊE mhux aktar tard mill-aħħar jum kalendarju tat-tielet xahar wara t-tmiem tal-perjodu ta' referenza, jew fil-jum tax-xogħol ta' qabel tal-BĊN jekk l-aħħar jum kalendarju m'huwiex jum tax-xogħol għall-BĊN. Id-dati eżatti tat-trażmissjoni għandhom jiġu kkomunikati lill-BĊNi bil-quddiem fil-forma ta' kalendarju tar-rapportar ipprovdut mill-BĊE sa Settembru ta' kull sena.

### 3. *Politka ta' reviżjoni*

Il-BĊNi jista' jkollu bżonn li jirrivedi *data* trażmessi matul it-trimestru ta' qabel. Barra minn dan jista' jkun hemm ukoll reviżjonijiet għad-*data* fuq trimestri oħrajn.

Għandhom japplikaw il-prinċipji ġenerali li ġejjin:

(a) meta jkun hemm trażmissjonijiet ta' *data* trimestrali regolari, flimkien mad-*data* ta' l-aħħar trimestru, jistgħu jintbagħatu r-reviżjonijiet "ordinarji" biss, jiġifieri reviżjonijiet tad-*data* trażmessi fit-trimestu ta' qabel,

(b) ir-reviżjonijiet eċċezzjonali għandhom ikunu limitati u rrapportati f'data differenti mir-rapportar regolari. Reviżjonijiet żgħar storiċi ta' rutina lid-*data* għandhom jitbagħtu biss fuq bażi annwali, flimkien mat-trażmissjoni tad-*data* għar-raba' trimestu; u

(ċ) reviżjonijiet eċċeżżjonali li jtejbu b'mod sinjifikanti l-kwalità tad-*data* jistgħu jintbagħtu matul is-sena barra ċ-ċikli ta' produzzjoni regolari.

### 4. *Regoli ta' valutazzjoni u/jew kontabbiltà*

Ir-regoli tal-kontabbiltà segwiti mill-OFIs fit-tħejjija tal-kontijiet tagħhom għandhom jikkonformaw mat-trapożizzjoni nazzjonali tad-Direttiva 86/635/KEE u kull standard internazzjonali ieħor applikabbli. Mingħajr preġudizzju għall-prattiċi tal-kontabbiltà li jipprevalu fl-Istati Membri, l-attiv u l-passiv kollu għandhom jiġu rrapportati fuq bażi grossa għal skopijiet statistiċi. Il-metodi ta' valutazzjoni huma indikati fil-kategoriji rilevanti.

### 5. *Noti spjegattivi*

Il-BĊNi għandhom jipprovdu noti spjegattivi lill-BĊE skond it-Taqsima 3 tal-Parti 11 ta' l-Anness III ta' din il-Linja ta' Gwida. Il-BĊNi għandhom jipprovdu noti spjegattivi għal reviżjonijiet sinjifikanti.

### 6. *Dispożizzjoni tranżitorja*

Il-BĊNi għandhom jieqfu milli jirrapportaw informazzjoni statistika li tirriferi għall-istatistika IF fil-kuntest ta' l-istatistika OFI hekk kif il-Kunsill Governattiv, wara li jqis il-veduti tal-Kumitat ta' l-Istatistika, jiddeċiedi li l-istatistika disponibbli fuq assi u passiv IF irrapportati skond l-Artikolu 18 ta' din il-Linja ta' Gwida huma ta' kwalità li tista' tiġi ppubblikata fil-livell taż-żona ta' l-euro, u mhux aktar tard mir-raba' trimestru ta' l-2009. Il-BĊNi jistgħu jġibu l-istatistika IF skond il-Parti 11 ta' l-Anness III ta' din il-Linja ta' Gwida mill-informazzjoni statistika xierqa miġbura għal skopijiet ta' statistika fuq attiv u passiv IF skond il-Parti 14 ta' l-Anness III ta' din il-Linja ta' Gwida.

*Artikolu 15*

## Statistika ta' ħruġ ta' titoli

### 1. *Għan tar-rapportar*

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw l-informazzjoni statistika li tkopri t-titoli kollha maħruġin mir-residenti taż-żona ta' l-euro fi kwalinkwe valuta kemm domestika u internazzjonali, skond il-Parti 12 ta' l-Anness III ta' din il-Linja ta' Gwida.

### 2. *Rapportar tal-frekwenza u skadenza*

Ir-rapportar lill-BĊE għandu jkun ta' kull xahar. L-istatistika ta' ħruġ ta' titoli għandha tiġi trażmessa lill-BĊE mhux aktar tard minn ħames ġimgħat wara tmien ix-xhur li dwarhom għandhom x'jaqsmu d-*data*. Il-BĊE għandu jikkomunika d-dati eżatti tat-trażmissjoni lill-BĊNi bil-quddiem f'forma ta' kalendarju ta' rapportar.

### 3. *Noti spjegattivi*

Il-BĊN għandu jipprovdi noti spjegattivi lill-BĊE kif stabbilit fit-Taqsima 3 tal-Parti 12 ta' l-Anness III ta' din il-Linja ta' Gwida.

*Artikolu 16*

**Statistika tar-rata ta' imgħax ta' l-MFI**

1. ***Għan tar-rapportar***

Għall-finijiet ta' l-istatistika ta' l-MIR, il-BĊNi għandhom jirrapportaw informazzjoni statistika aggregata ta' kull xahar nazzjonali dwar ammonti pendenti u negozju ġdid kif speċifikat fl-Appendiċi 1 u 2 ta' l-Anness II tar-Regolament BĊE/2001/18.

2. ***Rapportar tal-frekwenza u skadenza***

Din l-informazzjoni statistika għandha tiġi rapportata skond il-kalendarju annwali stabbilit mill-BĊE u kkomunikat lill-BĊNi sa l-aħħar ta' Settembru ta' kull sena.

3. ***Politika ta' reviżjoni***

Il-BĊNi jista' jkollhom bżonn jirrevedu l-valuri tax-xahar ta' referenza ta' qabel. Jista' jkun hemm ukoll ir-reviżjonijiet li jiġu minn, per eżempju, żbalji, riklassifikazzjonijiet, proċeduri ta' rapportar imtejjeb eċċ applikati għal *data* tax-xahar ta' referenza ta' qabel.

Dawn għandhom japplikaw il-prinċipji ġenerali li ġejjin:

(a) meta l-BĊNi jirrevedu *data* għall-perjodu qabel ix-xahar ta' referenza ta' qabel għandhom jibagħtu noti spjegattivi lill-BĊE; u

(b) Il-BĊNi għandhom jipprovdu wkoll noti spjegattivi għal reviżjonijiet sinjifikanti; u

(ċ) fit-trażmissjoni tad-*data* reveduta, il-BĊNi għandhom jikkunsidraw il-puntwalità stabbilita tar-rapportar regolari ta' l-istatistika ta' l-MIR. Reviżjonijiet eċċezzjonali għandhom jiġu rrapportati barra mill-perjodi ta' produzzjoni ta' kull xahar.

4. ***Żieda***

Meta l-kopertura tar-rapportar MIR attwali huwa anqas minn 100 % minħabba l-applikazzjoni tal-kampjunatura, il-BĊNi għandhom iżidu l-volumi ġodda tan-negozju mogħtija biex tiġi assigurata l-kopertura ta' 100 %.

*Artikolu 17*

**Statistika tal-ħlas**

1. ***Għan tar-rapportar***

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw informazzjoni statistika fuq ħlasijiet skond il-Parti 13 ta' l-Anness III ta' din il-Linja ta' Gwida. Din għandha tinkludi: (i) *data* fuq tranżazzjonijiet u struttura, kif hemm fit-Tabelli 4 sa 9; u (ii) informazzjoni relatata fuq partiti tal-karta ta' bilanċ u informazzjoni strutturali fuq istituzzjonijiet ta' kreditu ta' l-MFI u l-istituzzjonijiet ta' kreditu, kif hemm fit-Tabelli 1 sa 3.

*Data* ta' l-ishma għandhom jiġu rrapportati għall-partiti kollha fit-Tabelli 1 sa 4 u 7. L-istokks kollha għandhom jirreferu għaċ-ċifri ta' l-aħħar tal-perjodu, ħlief għall-partiti fit-Tabella 2 bir-referenza "medja għall-aħħar perjodu ta' żamma ta' riżerva". Il-flussi grossi għandhom jiġu rrapportati mill-partiti fit-Tabelli 5, 6, 8 u 9, li jikkonsistu minn *data* fuq tranżazzjonijiet ta' ħlas.

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw l-informazzjoni storika għall-partiti kollha.

2. ***Rapportar tal-frekwenza u skadenza***

Is-serje għandha tiġi rrapportata kull sena lill-BĊE, immaterjalment mill-frekwenza tad-data. Il-frekwenza tad-data għandha tkun annwali għall-partiti kollha fit-Tabelli 4 sa 9. L-informazzjoni fil-karta ta' bilanċ tal-MFI fit-Tabella 1 għandha tkun ta' kull xahar. L-informazzjoni tal-karta ta' bilanċ ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu li hemm fit-Tabelli 2 u 3 għandha tkun trimestrali ħlief għall-partiti msemmijin fil-pożizzjonijiet mal-partiti tal-BĊN u istituzzjoni ta' flus elettroniċi, li għandha tkun annwali. Informazzjoni strutturali fuq istituzzjonijiet ta' kreditu li hemm fit-Tabella 3 għandha tkun annwali. Għat-Tabelli 1 sa 3, jekk id-disponibbiltà tad-*data* hija severament ristretta, il-BĊNi jistgħu jittrażmettu sett minimu ta' *data* biex jiżguraw pubblikazzjoni fil-ħin u valida.

Is-sett minimu tad-*data* għandu jinkludi:

— is-serje ta' kull xahar: osservazzjoni waħda dwar il-pożizzjonijiet ta' l-aħħar ta' Diċembru,

— is-serje trimestrali: osservazzjoni waħda dwar ir-raba' trimestru tas-sena,

— is-serje annwali: osservazzjoni waħda dwar il-pożizzjonijiet ta' l-aħħar ta' Diċembru.

Il-BĊE għandu jikkomunika lill-BĊNi għal kull sena id-dati preċiżi għas-sottomissjoni tad-*data* ta' kull rawnd ta' produzzjoni. Il-BĊNi jistgħu jittrażmettu *data* attwali jew qabel l-ewwel rawnd ta' produzzjoni, bla ħsara għall-konferma tal-BĊE li jkun lest jirċievi d-*data*, jew fi kwalunkwe ħin ieħor matul ir-rawnds ta' produzzjoni.

Fin-nuqqas ta' *data* attwali, il-BĊNi għandu juża estimi jew *data* provviżorja meta jkun possibbli.

3. ***Politika ta' reviżjoni***

Min jipprovdi d-*data* jew il-BĊNi jistgħu jagħmlu reviżjonijiet bbażati fuq kalkolazzjonijiet mill-ġdid jew fuq stimi. Il-BĊNi għandu jittrażmetti r-reviżjonijiet lill-BĊE bħala parti mir-rawnds ta' produzzjoni, preferibbilment bħala parti mill-ewwel rawnd ta' produzzjoni.

### 4. *Noti spjegattivi*

Il-BĊE għandu jibgħat lill-BĊNi in-noti spjegattivi tas-sena ta' qabel f'format Word, qabel il-bidu ta' l-ewwel rawnd ta' produzzjoni, li għandu jitlesta u/jew jiġi korrett u ritornat lill-BĊE. F'dawn in-noti spjegattivi, il-BĊNi għandhom jispjegaw fid-dettall id-devjazzjonijiet mir-rekwiżiti, jekk ikun possibbli bl-inklużjoni ta' l-impatt fuq id-*data*.

*Artikolu 18*

## Statistika fuq l-attiv u l-passiv ta' l-IFs

### 1. *Għan tar-rapportar*

(a) Ġenerali

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw l-informazzjoni statistika fuq l-attiv u l-passiv ta' l-IF skond il-Parti 14 ta' l-Anness III ta' din il-Linja ta' Gwida, għal kull wieħed minn dawn is-subsetturi: fondi ta' parteċipazzjoni azzjonarja, fondi tal-bonds, fondi mħalltin, fondi tal-proprjetà immobbli, *hedge funds*, u fondi oħrajn jiġifieri min-natura ta' l-investiment, u kull wieħed jinqasam aktar f'fondi *open-end* u fondi *closed-end* jiġifieri bit-tip ta' IF. Għall-iskopijiet ta' IFs maqsumin skond in-natura ta' l-investiment, fondi ta' fondi għandhom jiġu kklassifikati skond il-kategorija ta' fondi li fihom jinvestu primarjament.

Dawn ir-rekwiżiti għandhom ikopru ishma ta' l-aħħar tax-xahar u l-aħħar tat-trimestru kif ukoll aġġustamenti tal-fluss ta' kull xahar u trimestrali [1].

(b) Aġġustamenti tal-fluss

Il-BĊNi għandu jirrapporta lill-BĊE *data* separata fuq aġġustamenti ta' rivalutazzjoni minħabba t-tibdil fil-prezz u r-rata tal-kambju u aġġustamenti ta' riklassifikazzjoni, kif stabbilit fil-Parti 14 ta' l-Anness III u skond l-Anness V ta' din il-Linja ta' Gwida.

Tranżazzjonijiet finanzjarji, u għalhekk aġġustamenti, għandhom jinġiebu skond ESA 95, imsejjaħ bħala "l-metodu ESA 95" meta jkun possibbli. Il-BĊNi jistgħu jiddevjaw mill-ESA 95 minħabba prattiċi nazzjonali diverġenti skond ir-Regolament BĊE/2007/8. Fejn informazzjoni ta' l-ishma s-b-s tkun disponibbli, aġġustamenti ta' rivalutazzjoni jistgħu jinġiebu skond metodu komuni ta' l-Eurosistema, jiġifieri l-metodu tad-derivazzjoni tal-fluss msemmi fl-Anness V ta' din il-Linja ta' Gwida.

(ċ) Ishma tal-portatur

Jekk id-*data* fuq l-ishma tal-portatur irrapportati minn IFs, MFIs u/jew OFIs li m'humiex IFs skond Anness I tar Regolament BĊE/2007/8 għadhom m'humiex lesti jew disponibbli, il-BĊNi għandhom jipprovdu *data* fuq l-ishma tal-portatur fuq bażi ta' l-aħjar stima skond it-taqsim ġeografiku u settorali fit-Tabella 1 tal-Parti 14 ta' l-Anness III ta' din il-Linja ta' Gwida.

(d) Partiti tal-memorandum

Safejn huma disponibbli d-*data*, inkluż fuq bażi ta' l-aħjar stima, il-BĊNi għandu jirrapporta fuq bażi ta' kull xahar aktar informazzjoni statistika skond it-Tabella 3 tal-Parti 14 ta' l-Anness III ta' din il-Linja ta' Gwida.

### 2. *Rapportar tal-frekwenza u skadenza*

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE l-ishma, *data* ta' l-aġġustamenti ta' rivalutazzjoni u aġġustamenti ta' riklassifikazzjoni ta' l-IF sa l-għeluq tat-28 jum tax-xogħol sa l-aħħar tat-trimestru li dwarhom għandhom x'jaqsmu. L-istess skadenza għandha tapplika għar-rapportar tal-partiti tal-memorandum.

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw lill-BĊE l-ishma, *data* ta' l-aġġustamenti ta' rivalutazzjoni u aġġustamenti ta' riklassifikazzjoni ta' l-IF sa l-għeluq tat-28 jum tax-xogħol sa l-aħħar tat-trimestru li dwarhom għandhom x'jaqsmu.

### 3. *Politika ta' reviżjoni*

Ir-regoli ġenerali għandhom japplikaw għar-reviżjonijiet tad-*data* ta' kull xahar u trimestrali:

(a) ir-reviżjonijiet għandhom isiru biex *data* trimestrali u ta' kull xahar ikunu konsistenti ma xulxin;

(b) matul il-perjodi ta' produzzjoni regolari, jiġifieri mit-28 jum tax-xogħol wara t-tmiem tax-xahar/trimestu ta' referenza sal-jum li d-*data* jintbagħtu lura lill-BĊNi, il-BĊNi jista' jirrivedi d-*data* li jirreferu għat-trimestru ta' referenza ta' qabel, lix-xahrejn ta' qabel, kif ukoll għax-xhur wara t-trimestru ta' referenza ta' qabel;

(ċ) barra l-perjodi ta' produzzjoni regolari, il-BĊNi jista' jirrivedi wkoll *data* li jirreferu għall-perjodi ta' referenza qabel ix-xahrejn li jippreċedu t-trimestru ta' referenza ta' qabel, fost l-oħrajn f'każ ta' żbalji, riklassifikazzjonijiet jew proċeduri ta' rapportar imtejbin.

[1] Fil-prinċipju, l-attiv u l-passiv jithejjew sa l-aħħar jum kalendarju tax-xahar jew trimestru mingħajr ma jitqiesu l-festi pubbliċi lokali. Iżda, f'ħafna każijiet dan ma jkunx possibbli u l-attiv u l-passiv jithejjew fit-tmiem ta' l-aħħar jum tax-xogħol skond r-regoli nazzjonali tas-suq u l-kontabbiltà.

### 4. *Derogi u żieda*

Biex tiġi żgurata l-kwalità ta’ l-istatistika IF taż-żona ta’ l-euro, meta l-BĊNi jagħtu derogi għall-iżgħar IFs skond Artikolu 3(1) tar-Regolament BĊE/2007/8, il-BĊNi għandhom iżidu kopertura sa 100 % għal dawn l-IFs fil-kumpilazzjoni ta’ l-attiv u l-passiv IF ta’ kull xahar u trimestrali rrapportati lill-BĊE, kemm għall-aġġustamenti ta’ l-ishma u rivalutazzjoni.

Il-BĊNi jistgħu jagħżlu l-proċedura għaż-żieda tal-kopertura sa 100 %, iżda l-istandards li ġejjin għandhom jiġu sodisfatti:

(a) għal *data* ta’ taqsim neqsin, l-istimi għandhom jinġiebu mill-applikazzjoni tal-proporzjonijiet ibbażati fuq is-subsettur tal-fond ta’ investiment korrispondenti, eż. jekk bond *open-end* jaqa’ fl-aħħar u jinġabru biss ishma/unitajiet ta’ fond ta’ investiment, it-taqsim nieqes jinġieb bl-applikazzjoni ta’ l-istruttura tal-kategorija ta’ fondi ta’ bonds *open-end*;

(b) l-ebda subsettur ta’ fond ta’ investiment (eż. fondi ta’ proprjetà immobbli *open-end*, fondi ta’ proprjetà immobbli *open-end* eċċ) ma huwa kompletament eskluż.

Skond l-Artikolu 3(2) tar-Regolament BĊE/2007/8, jistgħu jingħataw derogi lill-IFs li minħabba regoli ta’ kontabbiltà nazzjonali jivvalutaw l-assi tagħhom fi frekwenza anqas minn dik trimestrali. Minkejja din id-deroga, id-*data* IF ta’ kull xahar u trimestrali rrapportata mill-BĊNi lill-BĊE għandhom jinkludu dejjem *data* li għandha x’taqsam ma’ dawn l-IFs.

### 5. *Metodu kkombinat: derivazzjoni ta’ data aggregata*

Meta jiġi applikat il-metodu kkombinat ddefinit fl-Anness I tar-Regolament BĊE/2007/8, il-BĊNi għandhom iġibu l-attiv u l-passiv aggregat trimestrali tas-subsetturi IF skond it-Tabella 1 tal-Parti 14 ta’ l-Anness III ta’ din il-Linja ta’ Gwida kif ġej:

(a) għal titoli b’kodiċijiet ta’ identifikazzjoni disponibbli pubblikament, il-BĊNi għandha timmarka l-informazzjoni pprovduta fuq bażi s-b-s ma’ l-informazzjoni miġjuba mis-CSDB jew mid-*databases* tat-titoli nazzjonali kompatibbli. L-informazzjoni s-b-s indikata għandha tintuża għall-kompilazzjoni tal-valur tal-attiv u l-passiv f’euro u biex jinġab it-taqsim metieġ għal kull titoli individwali ta’ l-IF. Jekk l-identifikaturi tat-titolu ma jinstabux fis-CSDB jew id-databases tat-titoli nazzjonali, jew l-informazzjoni meħtieġa għall-kumpilazzjoni ta’ l-attiv u l-passiv skond it-Tabella 1 tal-Parti 14 ta’ l-Anness III ta’ din il-Linja ta’ Gwida m’hijiex disponibbli mis-CSDB jew *databases* tat-titoli nazzjonali kompatibbli, il-BĊNi għandhom jistmaw id-*data* neqsin. Il-BĊNi jistgħu jiġbru wkoll informazzjoni s-b-s fuq titoli mingħajr kodiċijiet ta’ identifikazzjoni disponibbli pubblikament bl-użu ta’ identifikaturi tas-sigurtà interna tal-BĊN;

(b) Il-BĊNi għandhom jaggregaw id-*data* fuq titoli li jiġu minn (a) u jżiduhom ma’ l-informazzjoni rrapportata għat-titoli mingħajr kodiċijiet ta’ identifikazzjoni pubblikament disponibbli biex jipproduċu aggregati għal: (i) titoli li m’humiex ishma maqsumin skond il-maturità, il-valuta u l-kontroparti; u (ii) ishma u parteċipazzjoni azzjonarja oħra, maqsumin skond l-istrument u l-kontroparti; u (iii) ishma/unitajiet totali IF maħruġin;

(c) Il-BĊNi għandu jġib l-informazzjoni statistika meħtieġa fuq l-attiv u l-passiv ta’ l-IF bili jżid id-*data* fuq titoli idderivati skond (b) u l-attiv u l-passiv li m’hiumiex titoli miġburin minn IFs individwali residenti;

(d) Il-BĊNi għandhom jaggregaw l-attiv u l-passiv ta’ l-IFs residenti fi Stat Membru u li jappartjenu għall-istess subsettur.

Dan japplika wkoll meta l-BĊNi jiġbru *data* fuq attiv u passiv ta’ l-IF fuq bażi ta’ kull xahar skond l-Artikolu 6(3) tar-Regolament BĊE/2007/8.

### 6. *Stima ta’ data ta’ kull xahar*

Skond l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament BĊE/2007/8, il-BĊNi jiġbru ishma/unitajiet IF maħruġin fuq bażi ta’ kull xahar. Għal xhur ta’ referenza li m’humiex xhur ta’ l-aħħar tat-trimestru, il-BĊNi għandhom jistmaw l-attiv u l-passiv ta’ l-IF ta’ kull xahar li ma jkunux ishma/unitajiet ta’ fondi ta’ investiment maħruġin, ibbażati fuq id-*data* ta’ kull xahar u trimestrali miġburin sakemm id-*data* ma jinġabrux fuq bażi ta’ kull xahar kif stabbilit fl-Artikolu 6(3) tar-Regolament BĊE/2007/8.

Meta jkun possibbli, il-BĊNi għandhom jagħmlu stimi fil-livell tal-fond individwali. Alternattivament, BĊN jista’ jagħmel stimi skond is-sub-settur IF jew jista’ jitlob lill-BĊE biex jagħmel stimi. F’dan l-aħħar każ il-BĊE jista’ jitlob informazzjoni addizzjonali bħad-*data* fond b’fond jew sigurtà b’sigurtà.

### 7. *Regoli ta’ valutazzjoni u/jew kontabbiltà*

Ir-regoli ta’ valutazzjoni u/jew kontabbiltà fir-Regolament BĊE/2007/8 għandhom japplikaw ukoll meta l- BĊNi jirrapportaw *data* IF lill-BĊE. Iżda, għall-partiti li huma suġġetti għall-imgħax akkumulat għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) “titoli li m’humiex ishma” inkluż imgħax akkumulat;

(b) “klejms ta’ depożitu u self” u “depożiti u self irċevuti” jeskludu imgħax akkumulat li huma rreġistrati taħt l-attiv/passiv.

### 8. *Noti spjegattivi*

Il-BĊNi għandhom jissottomettu noti spjegattivi li jispjegaw ir-raġunijiet għar-reviżjonijiet sinjifikanti. Barra minn dan, il-BĊNi għandhom jipprovdu lill-BĊE b'noti spjegattivi dwar ir-riklassifikazzjoni ta' l-aġġustamenti. Il-BĊNi għandhom jipprovdu wkoll noti spjegattivi dwar ir-reviżjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 18(3)(ċ) ta' din il-Linja ta' Gwida.

### 9. *Rapportar ta' grupp*

Skond l-Artikolu 5(3) tar-Regolament BĊE/2007/8, il-BĊNi jistgħu jippermettu lill-IFs li jirrapportaw l-attiv u l-passiv tagħhom bħala grupp, iżda dan għandu jwassal għal riżultati li huma simili għar-rappurtar fond b'fond. IFs li jirrapportaw bħala grupp għandhom jappartjenu lill-istess subsettur; per eżempju, fondi ta' proprjetà immobbli *closed-end* jew fondi ta' proprjetà immobbli *open-end*.

### 10. *Monitoraġġ tal-kwalità tas-CSDB jew database tat-titoli nazzjonali fil-kuntest tar-rappurtar s-b-s*

Il-BĊNi għandhom jipprovdu lill-BĊE fuq bażi annwali jew: (i) indikaturi li janalizzaw il-kopertura u l-kwalità tas-sett rilevanti ta' titoli fis-CSDB skond il-Manwal tal-Proċeduri tas-CSDB, jew (ii) l-informazzjoni rilevanti meħtieġa biex tinġieb il-kopertura u l-indikaturi ta' kwalità.

Il-BĊNi waqt li joqogħdu fuq id-*databases* tat-titoli nazzjonali għandhom darba fis-sena jipprovdu lill-BĊE riżultati aggregati li jkopru kwart u ta' l-anqas żewġ subsetturi statistikament sinjifikanti ta' IFs. Dawn ir-riżultati aggregati m'għandhomx ikun differenti b'aktar minn 5 % minn dawk ir-riżultati li kienu jinkisbu bl-użu tas-CSDB. Dan japplika għal informazzjoni li mhix irrapportata mill-IFs.

L-informazzjoni ta' hawn fuq għandha tiġi trażmessa lill-BĊE sa l-aħħar ta' Frar ta' kull sena billi tittieħed bħala referenza d-*data* ta' l-aħħar ta' Diċembru tas-sena ta' qabel.

*Artikolu 19*

## Lista ta' MFIs għall-finijiet statistiċi

### 1. *Għan tar-rapportar*

Il-varjabbli miġburin biex tiġi stabbilita u miżmuma lista ta' MFIs għal skopijiet ta' statistika stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament BĊE/2001/13 huma speċifikati fil-Parti 1 ta' l-Anness VI ta' din il-Linja ta' Gwida.

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw aġġornamenti tal-varjabbli speċifikati fil-Parti 1 ta' l-Anness VI ta' din il-Linja ta' Gwida, jew meta jkun hemm bidliet fis-settur MFI jew meta jkun hemm tibdil fl-attributi ta' MFIs eżistenti. Dawn huma bidliet fis-settur MFI meta istituzzjoni tidħol f'settur MFI (jiġifieri fil-każ ta' twaqqif ta' MFI bħala riżultat ta' għaqda, twaqqif ta' entitajiet legali ġodda bħala riżultat ta' diviżjoni ta' MFI eżistenti, twaqqif ta' MFI ġdida, jew bidla fl-istatus ta' mhux MFI ta' qabel b'tali mod li jsir MFI) jew meta MFI eżistenti tħalli s-settur MFI (jiġifieri fil-każ ta' involviment ta' MFI f'għaqda, xiri ta' MFI minn istituzzjoni oħra, diviżjoni ta' MFI f'entitajiet legali separati, bidla fl-istatus ta' MFI b'mod li jsir mhux MFI, jew likwidazzjoni ta' MFI).

Meta tiġi rapportata istituzzjoni ġdida jew istituzzjoni li għandha tiġi mmodifikata, il-BĊNi għandhom ilestu l-varjabbli obbligatorji kollha. Meta jirrapportaw istituzzjoni li tħalli s-settur MFI li mhix parti minn għaqda l-BĊNi għandhom jirrapportaw l-informazzjoni li ġejja bħala minimu: it-tip ta' talba, jiġifieri tħassir, u l-kodiċi ta' identifikazzjoni ta' l-MFI, jiġifieri l-varjabbli "mfi_id".

Il-BĊNi m'għandhomx jirriallokaw ikl-kodiċijiet ta' identifikazzjoni MFI ta' MFIs imħassrin lill-MFIs ġodda. Fil-każ li din l-azzjoni ma tistax tiġi evitata, il-BĊNi għandhom jibagħtu spjegazzjoni bil-miktub lill-BĊE fl-istess ħin (bl-użi ta' "object_request" tip "mfi_req_realloc").

Meta jirraportaw l-aġġornamenti, il-BĊNi jistgħu jużaw is-sett talkarattri nazzjonali tagħhom, iżda għandhom jużaw l-alfabett Ruman. Il-BĊNi għandhom jużaw l-Unicode biex juru tajjeb is-settijiet tal-karattri speċjali meta jirċievu l-informazzjoni mill-BĊE permezz tar-*Register of Institutions and Assets Database (RIAD) Data Exchange System*.

Qabel it-trażmissjoni ta' l-aġġornamenti lill-BĊE, il-BĊNi għandhom jagħmlu verifiki ta' validazzjoni fit- Taqsimiet 1 sa 10 tal-Parti 2 ta' l-Anness VI ta' din il-Linja ta' Gwida.

### 2. *Rapportar tal-frekwenza u skadenza*

Il-BĊNi għandhom jittrażmettu lill-BĊE meta jkun possibbli aġġornamenti tal-varjabbli speċifikati fil-Parti 1 ta' l-Anness VI ta' din il-Linja ta' Gwida, hekk kif jkun hemm tibdil fis-settur MFI jew fl-attributi ta' MFI eżistenti.

Jekk dan m'huwiex possibbli, il-BĊNi għandu jipprovdi spjegazzjoni bil-miktub għad-dewmien bejn li jkun hemm l-avveniment u r-rappurtar tiegħu lill-BĊE.

### 3. *Standards tat-trażmissjoni*

Il-BĊNi għandhom jittrażmettu aġġornamenti fil-format XML, permezz tar-*RIAD Data Exchange System*, skond id-dokument "*Exchange Specification for the RIAD Data Exchange System*". Fil-każ ta' ħsara lir-*RIAD Data Exchange System*, l-aġġornamenti għandhom jiġu trażmessi fil-format XML permezz tal-kont N13 Cebamail account. Fil-każ li s-sistema Cebamail system ma tkunx taħdem għat-trasferiment tal-fajl ta' aġġornamenti jew korrezzjonijiet ta' MFI, il-BĊNi għandu jittrasferixxi dawn il-fajls bl-e-mail bl-użu tal-format XM, f'dan l-indirizz: birs@ecb.int.

Meta jintużaw proċeduri ta' input manwali, il-BĊNi għandu jkollhom stabbilit sett adegwat ta' kontrolli biex inaqqsu żbalji operattvi u jiżguraw il-preċiżjoni u l-konsistenza ta' l-aġġornamenti ta' l-MFI rrapportati permezz tar-*RIAD Data Exchange System*.

### 4. *Rikonoxximenti ta' akkwist u ta' żbalji*

Meta jiġu rċevuti l-aġġornamenti, il-BĊE għandu jagħmel ma' l-ewwel verifiki ta' valutazzjoni fit-Taqsimiet 1 sa 11 tal-Parti 2 ta' l-Anness VI ta' din il-Linja ta' Gwida.

Il-BĊE għandu jibgħat ma' l-ewwel lill-BĊNi: (i) rikonoxximent ta' l-akkwist li fih informazzjoni fil-qosor ta' l-aġġornamenti MFI li ġew ipproċessati u implimentati b'suċċess fid-*dataset* ta' l-MFI; u/jew (ii) rikonoxximent ta' żball li fih informazzjoni ddettaljata fuq l-aġġornamenti MFI u l-verifiki ta' valutazzjoni li fallew. Skond it-Taqsimiet 1 sa 11 tal-Parti 2 ta' l-Anness VI ta' din il-Linja ta' Gwida, il-BĊE għandu jimplimenta, għal kollox jew in parti, talbiet inkompleti, skorretti jew neqsin jew jiċħadhom.

Malli jirċievu rikonoxximent ta' żball, il-BĊNi għandhom jieħdu azzjoni ma' l-ewwel biex jittrażmettu l-informazzjoni korretta. Jekk l-informazjoni korretta tiddependi fuq aġġornamenti mibgħuta minn BĊNi oħrajn matul ix-xahar ta' qabel u għalhekk m'hijiex disponibbli fuq il-websajt tal-BĊE, il-BĊNi għandhom jikkuntatjaw lill-BĊE permezz tal-kont N13 Cebamail, b'dettalji speċifiċi ta' l-informazzjoni meħtieġa.

### 5. *Tqassim tal-lista ta' MFIs u tal-lista ta' MFIs u istituzzjonijiet suġġetti għar-riżervi minimi*

Il-BĊE għandu jieħu kopja tat-tibdil kollu implimentat fil-lista ta' MFIs kull jum tax-xogħol tal-BĊE fis-17.00 ħin ta' l-Ewropa Ċentrali (CET) u jqassamha lill-BĊNi kollha. It-tqassim għandu jkollu d-dettalji kollha ta' kull bidla li ġejja rrapportata mill-BĊNi: (i) MFIs ġodda; (ii) MFIs aġġornati; (iii) MFIs imħassrin; (iv) riallokazzjoni ta' kodiċijiet ta' identifikazzjoni ta' l-MFI; (v) bidla ta' kodiċijiet ta' identifikazzjoni ta' l- MFI; u (vi) bidla ta' kodiċijiet ta' identifikazzjoni ta' l-MFI li tinvolvi r-riallokazzjoni.

Fis-17.00 CET ta' kull jum tax-xogħol tal-BĊE, il-BĊE għandu jieħu kopja tad-*dataset* MFI u jagħmilha disponibbli fil-websajt tal-BĊE. Ir-rekords ta' l-MFI kollha għandhom jintwerew, irrispettivament minn jekk humiex konsistenti mar-rekords tal-*Monetary Policy Eligible Counterparties* (MPEC) jew le.

Fl-aħħar jum tax-xogħol tal-BĊE ta' kull xahar kalendarju, il-BĊE għandu jieħu kopja tad-dataset MFI flimkien ma varjabbli waħda mid-*dataset* MPEC jiġifieri l-varjabbli "reserve" li tindika jekk istituzzjonijiet ta' kreditu residenti fiż-żona ta' l-euro humiex suġġetti għar-riżervi minimi jew le, sas-17.00 CET. Din il-kopja m'għandhiex tinkludi rekords MFI-MPEC inkonsistenti, jiġifieri jekk istituzzjoni taż-żona ta' l-euro hijiex elenkata fid-*dataset* MFI imma mhux fid-*dataset* MPEC, u viċi versa. Il-BĊE għandu jagħmel disponibbli lill-pubbliku lista ta' MFIs u istituzzjonijiet suġġetti għar-riżervi minimi fil-jum wara l-kopja. Jekk il-kopja tittieħed fis-17.00 CET il-Ġimgħa, il-BĊE għandu jipprovdi informazzjoni aġġornata fit-12.00 CET is-Sibt.

Fl-istess ħin li jsir ir-rilaxx tal-lista ta' MFIs u istituzzjonijiet suġġetti għar-riżervi minimi fuq il-websajt tiegħu, il-BĊE għandu jibgħatha lill-BĊNi permezz tar-*RIAD Data Exchange System*.

## *Artikolu 20*

## Lista ta' IFs għal skopijiet ta' statistika

### 1. *Għan tar-rapportar*

Il-varjabbli miġburin biex tiġi stabbilita u miżmuma lista ta' IFs għal skopijiet ta' statistika kif maħsub fl-Artikolu 4 tar-Regolament BĊE/2007/8 huma speċifikati fl-Anness VII ta' din il-Linja ta' Gwida.

Il-BĊNi għandhom jirraportaw aġġornamenti tal-varjabbli speċifikati fil-Parti 1 ta' l-Anness VII ta' din il-Linja ta' Gwida jew meta jkun hemm tibdil fis-settur IF jew meta jkun hemm tibdil fl-attributi ta' IFs eżistenti. Hemm tibdil fis-settur IF meta istituzzjoni tidħol f'settur IF jew meta IF iħalli s-settur IFs.

Il-BĊNi għandhom iġibu aġġornamenti billi jipparagunaw il-lista nazzjonali tagħhom ta' IFs fl-aħħar ta' żewġ trimestri suċċessivi, jiġifieri m'għandhomx iqisu movimenti bejn it-trimestri.

Meta jirrapportaw istituzzjoni ġdida jew istituzzjoni li għandha tiġi mmodifikata, il-BĊNi għandhom ilestu l-varjabbli obbligatorji kollha tagħhom.

Meta jirrapportaw istituzzjoni li tħalli settur IF, il-BĊNi għandom jirrapportaw din l-informazzjoni bħala minimu: it-tip ta' talba, jiġifieri t-tħassir, u l-kodiċi ta' identifikazzjoni ta' l-IF, jiġifieri il-varjabbli "if_id".

Darba fis-sena, fir-rigward tad-data ta' referenza tal-31 ta' Diċembru, il-BĊNi għandhom jittrażmettu fajl XML speċifikament biex jirrapportaw il-valur nett ta' l-assi (NAV) għal kull IF. Jiġifieri, in-NAV għandu jiġi pprovdut separatament mit-tibdil fl-attributi l-oħrajn ta' l-IFs. Għall-IFs kollha, għandha tingħata l-informazzjoni li ġejja: it-tip tat-talba, jiġifieri if_req_nav, il-kodiċi ta' identifikazzjoni uniku ta' l-IF, l-ammont NAV u d-data applikabbli NAV.

Għal kull data ta' referenza partikolari, informazzjoni fuq kull IF ġdid jew tibdil għall-kodiċijiet ta' identifikazzjoni ta' IFs eżistenti, għandhom jiġu trażmessi l-ewwel lill-BĊE, qabel l-informazzjoni NAV.

Meta jkun possibbli, il-BĊNi m'għandux jirrialloka kodiċijiet ta' identifikazzjoni IF ta' IFs ġodda. Meta ma jkunx jista' jiġi evitat, il-BĊNi għandhom jissottomettu spjegazzjoni bil-miktub lill-BĊE permezz tal-kont N13 Cebamail fl-istess ħin tar-rekord IF (bl-użu tat-tip object_request "if_req_realloc").

Meta jirrapportaw aġġornamenti, il-BĊNi jistgħu jużaw is-sett ta' karattri nazzjonali tagħhom, iżda għandhom jużaw l-alfabet Ruman. Il-BĊNi għandhom jużaw l-Unicode biex juru tajjeb is-settijiet tal-karattri speċjali meta jirċievu l-informazzjoni mill-BĊE permezz tar-*RIAD Data Exchange System*.

Qabel jintbagħtu l-aġġornamenti lill-BĊE, il-BĊNi għandhom jagħmlu verifiki ta' valutazzjoni fil-Parti 3 ta' l-Anness VII ta' din il-Linja ta' Gwida.

## 2. *Rapportar tal-frekwenza u skadenza*

BĊNi għandhom jittrażmettu lill-BĊE aġġornamenti tal-varjabbli speċifikati fil-Parti 1 ta' l-Anness VII ta' din il-Linja ta' Gwida, ta' l-anqas fuq bażi trimestrali, b'puntwalità ta' xahrejn wara d-data ta' referenza. Iżda, il-varjabbli NAV għandha tiġi aġġornata għall-fondi ta' investiment kollha fuq bażi annwali, b'dewmien ta' xahrejn wara d-data ta' referenza ta' l-aħħar ta' Diċembru.

## 3. *Standards ta' trażmissjoni*

Il-BĊNi għandhom jittrażmettu aġġornamenti fil-format tal-fajl XML permezz tal-kanal tat-trażmissjoni ESCB-Net, skond il-gwida mogħtija fid-dokument: "*Exchange Specification for the RIAD Data Exchange Systems*". Il-BĊE imbagħad jipproċessa d-*data* permezz tar-*RIAD Data Exchange System*. Jekk ikun hemm ESCB-Net u/jew ir-*RIAD Data Exchange System*, l-aġġornamenti għandhom jiġu trażmessi fil-format XML permezz tal-kont N13 Cebamail'. Fil-każ li s-sistema Cebamail system ma tkunx qed taħdem għat-trasferimenti tal-fajls ta' aġġornamenti jew korrezzjonijiet IF, il-BĊNi għandhom jittrasferixxu dawn il-fajls b'e-mail bl-użi tal-format XML, f'dan l-indirizz: birs@ecb.int.

Meta jintużaw proċeduri ta' input manwali, il-BĊNi għandhom ikollhom stabbilit sett adegwat ta' kontrolli biex inaqqsu l-iżbalji operattivi u biex jiġu żgurati l-preċiżjoni u l-konsistenza ta' l-aġġornamenti ta' l-IF irrapportati permezz tar-*RIAD Data Exchange System*.

## 4. *Rikonoxximenti ta' akkwist u ta' żbalji*

Meta jiġu rċevuti dawn l-aġġornamenti, il-BĊE għandu jagħmel minnufih il-verifiki ta' valutazzjoni fil-Parti 3 ta' l-Anness VII ta' din il-Linja ta' Gwida.

Il-BĊE għandu jibgħat lura ma' l-ewwel lill-BĊNi: (i) rikonoxximent ta' akkwist li fih informazzjoni sommarja ta' l-aġġornamenti IF li ġew ipproċessati u implimentati b'suċċess fid-*dataset* IF; u/jew (ii) rikonoxximent ta' żball li fih informazzjoni ddettaljata fuq l-aġġornamenti ta' l-IF u l-verifiki ta' valutazzjoni li fallew. Skond il-Parti 3 ta' l-Anness VII. Il-BĊE għandu jimplimenta, għal kollox jew in parti, talbiet ta' aġġornament inkompleti, skorretti jew neqsin jew jiċħadhom.

Meta jirċievu rikonoxximent ta' żball, il-BĊNi għandhom jieħdu azzjoni immedjata biex jibagħtu informazzjoni korretta. Jekk azzjoni immedjata m'hijiex fattibbli, għandu jkollhom sa erbat ijiem tax-xogħol, jiġifieri sas-17.59 CET tar-raba' jum tax-xogħol, biex jirrapportaw l-informazzjoni korretta, wara l-iskadenza stipulata għar-rapportar.

## 5. *Tqassim tal-lista tal-fondi ta' investiment*

Il-BĊE għandu jieħu kopja tad-*dataset* IF, bl-esklużjoni ta' valuri mmarkati bħala konfidenzjali u l-varjabbli "NAV", fit-18.00 CET fir-raba' jum tax-xogħol wara d-data ta' rapportar stipulat għat-trażmissjoni ta' l-aġġornamenti. L-informazzjoni aġġornata għandha tkun disponibbli sa 12.00 CET ta' l-għada. Jekk il-kopja tittieħed fit-18.00 CET il-Ġimgħa, il-BĊE għandu jipprovdi l-informazzjoni aġġornata fi 12.00 CET is-Sibt.

Il-BĊE m'għandux jippubblika l-valuri li ġew immarkati bħala kunfidenzjali.

Il-BĊE m'għandux jippubblika n-"NAV" għal kull fond ta' investiment. Minflok, abbażi tan-"NAV", il-BĊE għandu jistabbilixxi firxa ta' klassijiet ta' daqsijiet u l-klassi.

Fl-istess żmien li tiġi rrilaxxata l-lista ta' IFs fuq il-websajt tiegħu, il-BĊE għandu jibgħatha lill-BĊNi permezz tar-*RIAD Data Exchange System*.

*Artikolu 21*

## Verifika

Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' verifika tal-BĊE stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2533/98 u r- Regolament BĊE/2001/13, il-BĊNi għandu jimmoniterja u jiżgura l-kwalità u l-affidabbiltà ta' l-informazzjoni statistika disponibbli għall-BĊE.

*Artikolu 22*

## Standards ta' trażmissjoni

Il-BĊNi għandu juża l-ESCB-Net ipprovdut mis-SEBĊ għat-trażmissjoni elettronika ta' informazzjoni statistika meħtieġa mill-BĊE. Il-format tal-messaġġ statistiku żviluppat għal dan l-iskambju elettroniku ta' informazzjoni statistika għandu jkun il-format l-istandard miftiehem mill-Kumitat ta' l-Istatistika. Dan ir-rekwiżit ma jipprevjeniex l-użu ta' xi mezz ieħor tat-trażmissjoni ta' informazzjoni statistika bħala soluzzjoni ta' riżerva bil-kunsens minn qabel tal-BĊE.

*Artikolu 23*

## Proċedura ta' emenda simplifikata

Wara li titqies l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-Istatistika, il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE jista' jagħmel kull emenda teknika għall-annessi ta' din il-Linja ta' Gwida li ma tibdilx il-qafas kunċettwali sottostanti jew taffettwa l-piż tar-rappurtar fuq l-aġenti tar-rappurtar fl-Istati Membri.

*Artikolu 24*

**Pubblikazzjoni**

Il-BĊNi m'għandux jippubblika kontribuzzjonijiet nazzjonali għall-aggregati monetarji taż-żona ta' l-euro sakemm il-BĊE ma jkunx ippubblika dawn l-aggregati. Meta l-BĊNi jippublikaw dawn id-*data*, għandhom ikunu l-istess bħad-*data* li kkontribwew għall-aħħar aggregati ppubblikati taż-żona ta' l-euro. Meta l-BĊNi jirriproduċu aggregati taż-żona ta' l-euro ppubblikati mill-BĊE, għandhom jirriproduċuhom fedelment.

*Artikolu 25*

**Tħassir**

Il-Linja ta' Gwida BĊE/2003/2 hija b'dan imħassra.

*Artikolu 26*

**Dħul fis-seħħ**

Din il-Linja ta' Gwida għandha tidħol fis-seħħ fil-fit-tielet jum wara dak meta ir-Regolament BĊE/2007/8 jidħol fis-seħħ.

*Artikolu 27*

**Indirizzati**

Din il-Linja ta' Gwida tapplika għall-banek ċentrali kollha ta' l-Eurosistema.

Magħmula fi Frankfurt am Main, l-1 ta' Awwisu 2007.

*Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE*
*Il-President tal-BĊE*
Jean-Claude TRICHET

*ANNESS I*

## TABELLI TA' ASSOĊJAZZJONI (BRIDGING TABLES)

It-tabelli ta' assoċjazzjoni jipprovdu rabta dettaljata bejn il-punti taż-żamma tal-kontijiet tal-karta tal-bilanċ u l-punti li għandhom jiġu rrapportati għal għanijiet statistiċi.

In-naħa tax-xellug tat-tabelli ta' assoċjazzjoni tagħti, għal kull kaxxa tat-Tabelli 1, 2, 3 u 4 ta' l-Anness I għar-Regolament BĊE/2001/13, in-numru tal-kategoriji, id-deskrizzjoni u l-analiżi; in-naħa tal-lemin tat-tabelli ta' assoċjazzjoni tagħti, għal kull kategorija taż-żamma tal-kontijiet, in-numru tal-kategorija, id-deskrizzjoni u l-analiżi mitluba. Ċerti kategoriji tal-karta tal-bilanċ tar-Regolament BĊE/2001/13 mhumiex applikabbli għall-karti ta' bilanċ tal-BĊE/BĊN (huma indikati bħala "m/a").

# BRIDGING TABLE

(Data ta' kull xahar)

**Tabella ta' assoċjazzjoni (*bridging tables*). Korrispondenza punt b'punt.**

PASSIVI

*Stokks*

| Regolament BĊE/2001/13 — Anness 1 — Tabella 1 | | | | | | | Format tal-karta ta' bilanċ taż-żamma tal-kontijiet | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kategorija | Deskrizzjoni | Analiżi | | | | | Kategorija | Deskrizzjoni | Aktar analiżi provduta | | | | | |
| | | Residenza | Settur | Sub-settur | | Maturità | | | Residenza | Tip | Munita | Settur | Sub-settur | Maturità |
| 8 | Munita fiċ-ċirkolazzjoni | | | | | | 1 | Flus f'karti fiċ-ċirkolazzjoni | | | | | | |
| 9 | Depożiti (il-muniti kollha) | Domestika | IFM | | | | 2,1 | Passivi għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro — kontijiet kurrenti (li jkopru s-sistema minima ta' riserva) | Domestika | | | | | |
| | | | | | | | 2,2 | Passivi għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro — faċilità ta' depożitu | Domestika | | | | | |
| | | | | | | | 2,3 | Passivi għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro — depożiti fuq perjodu ta' żmien fiss | Domestika | | | | | |
| | | | | | | | 2,4 | Passivi għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro — *fine-tuning reverse operations* | Domestika | | | | | |
| | | | | | | | 2,5 | Passivi għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro — depożiti li għandhom x'jaqsmu ma' sejħat tal-marġini | Domestika | | | | | |
| | | | | | | | 3 | Passivi oħra għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro denominati f'euro | Domestika | | | | | |
| | | | | | | | 5,2 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta' l-euro denominati f'euro — Passivi oħra | Domestika | | | | | |
| | | | | | | | 7 | Passivi tar-residenti taż-żona ta' l-euro denominati f'munita barranija | Domestika | | | | | |
| | | | | | | | 10,1 | Passivi fi ħdan is-sistema ta' l-euro — passivi ekwivalenti għat-trasferiment ta' riservi barranin (il-karta ta' bilanċ tal-BĊE biss) | Domestika | | | | | |

**Tabella ta' assoċjazzjoni (*bridging tables*). Korrespondenza punt b'punt.**

PASSIVI

*Stokks*

| Regolament BĊE/2001/13 — Anness 1 — Tabella 1 | | | | | | | Format tal-karta ta' bilanċ taż-żamma tal-kontijiet | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kate-gorija | Deskrizzjoni | Analiżi | | | | | Katego-rija | Deskrizzjoni | Aktar analiżi provduta | | | | | |
| | | Residenza | Settur | Sub-settur | | Maturità | | | Residenza | Tip | Munita | Settur | Sub-settur | Maturità |
| | | | | | | | 10,2 | Passivi fi ħdan is-sistema ta' l-euro — passivi li għandhom x'jaqsmu maċ-ċedoli li jappoġġjaw il-ħruġ taċ-ċertifikati tad-dejn tal-BĊE (il-karta ta' bilanċ tal-BĊN biss) | Domestika | | | | | |
| | | | | | | | 10,4 | Passivi fi ħdan is-sistema ta' l-euro — Passivi oħra fi ħdan is-sistema ta' l-euro | Domestika | | | | | |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Domestika | Depożiti | Il-muniti kollha | IFM | | |
| 9 | Depożiti (il-muniti kollha) | Domestika | Istituzzjo-nijiet mhux IFM | Gvern ġenerali | Gvern ċentrali | | 5,1 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta' l-euro denominati f'euro — gvern ġenerali | Domestika | | | Istituzzjoni-jiet mhux IFM | Gvern ċentrali | |
| | | | | | | | 7 | Passivi tar-residenti taż-żona ta' l-euro denominati f'munita barranija | Domestika | | | Istituzzjoni-jiet mhux IFM | Gvern ċentrali | |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Domestika | Depożiti | Il-muniti kollha | Istituzzjoni-jiet mhux IFM | Gvern ċentrali | |
| 9 | Depożiti (il-muniti kollha) | Stati Membri parteċipanti oħra | IFM | | | | 2,1 | Passivi għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro — kontijiet kurrenti (li jkopru s-sistema minima ta' riserva) | Stati Membri par-teċipanti oħra | | | | | |
| | | | | | | | 2,2 | Passivi għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro — faċilità ta' depożitu | Stati Membri par-teċipanti oħra | | | | | |
| | | | | | | | 2,3 | Passivi għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro — depożiti fuq perjodi ta' żmien fiss | Stati Membri par-teċipanti oħra | | | | | |
| | | | | | | | 2,4 | Passivi għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro — *fine-tuning reverse operations* | Stati Membri par-teċipanti oħra | | | | | |
| | | | | | | | 2,5 | Passivi għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro — depożiti li għandhom x'jaqsmu ma' sejħat tal-marġini | Stati Membri par-teċipanti oħra | | | | | |
| | | | | | | | 3 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta' l-euro denominati f'euro | Stati Membri par-teċipanti oħra | | | | | |

**Tabella ta’ assoċjazzjoni (*bridging tables*). Korrispondenza punt b’punt.**

PASSIVI

*Stokks*

| Regolament BĊE/2001/13 — Anness 1 — Tabella 1 | | | | | | | Format tal-karta ta’ bilanċ taż-żamma tal-kontijiet | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kate-gorija | Deskrizzjoni | Analiżi | | | | | Katego-rija | Deskrizzjoni | Aktar analiżi provduta | | | | | |
| | | Residenza | Settur | Sub-settur | | Maturità | | | Residenza | Tip | Munita | Settur | Sub-settur | Maturità |
| | | | | | | | 5,2 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta’ l-euro denominati f’euro — Passivi oħra | Stati Membri parteċipanti oħra | | | | | |
| | | | | | | | 7 | Passivi tar-residenti taż-żona ta’ l-euro denominati f’munita barranija | Stati Membri parteċipanti oħra | | | | | |
| | | | | | | | 10,1 | Passivi fi ħdan is-sistema ta’ l-euro — passivi ekwivalenti għat-trasferiment ta’ riservi barranin (il-karta ta’ bilanċ tal-BĊE biss) | Stati Membri parteċipanti oħra | | | | | |
| | | | | | | | 10,2 | Passivi fi ħdan is-sistema ta’ l-euro — passivi li għandhom x’jaqsmu maċ-ċedoli li jappoġġjaw il-ħruġ taċ-ċertifikati tad-dejn tal-BĊE (il-karta ta’ bilanċ tal-BĊN biss) | Stati Membri parteċipanti oħra | | | | | |
| | | | | | | | 10,4 | Passivi fi ħdan is-sistema ta’ l-euro — Passivi oħra fi ħdan is-sistema ta’ l-euro | Stati Membri parteċipanti oħra | | | | | |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Stati Membri parteċipanti oħra | Depożiti | Il-muniti kollha | IFM | | |
| 9 | Depożiti (il-muniti kollha) | Stati Membri parteċipanti oħra | Istituzzjonijiet mhux IFM | Gvern ġenerali | Gvern ċentrali | | 5,1 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta’ l-euro denominati f’euro — gvern ġenerali | Stati Membri parteċipanti oħra | | | Istituzzjonijiet mhux IFM | Gvern ċentrali | |
| | | | | | | | 7 | Passivi tar-residenti taż-żona ta’ l-euro denominati f’munita barranija | Stati Membri parteċipanti oħra | | | Istituzzjonijiet mhux IFM | Gvern ċentrali | |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Stati Membri parteċipanti oħra | Depożiti | Il-muniti kollha | Istituzzjonijiet mhux IFM | Gvern ċentrali | |

**Tabella ta' assoċjazzjoni (*bridging tables*). Korrespondenza punt b'punt.**

PASSIVI

*Stokks*

| Regolament BĊE/2001/13 — Anness 1 — Tabella 1 | | | | | | | Format tal-karta ta' bilanċ taż-żamma tal-kontijiet | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kate-gorija | Deskrizzjoni | Analiżi | | | | | Katego-rija | Deskrizzjoni | Aktar analiżi provduta | | | | | |
| | | Residenza | Settur | Sub-settur | | Maturità | | | Residenza | Tip | Munita | Settur | Sub-settur | Maturità |
| 9 | Depożiti (il-muniti kollha) | Bqija tad-dinja | | | | | 6 | Passivi għal residenti mhux taż-żona ta' l-euro denominati f'euro | | | | | | |
| | | | | | | | 8,1 | Passivi għal residenti mhux taż-żona ta' l-euro denominati f'munita barranija — depożiti, bilanċi u passivi oħra | | | | | | |
| | | | | | | | 8,2 | Passivi mill-faċilità ta' kreditu taħt ERM II | | | | | | |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Rest of the world | Depożiti | Il-muniti kollha | | | |
| 9 | Depożiti (il-muniti kollha) | Bqija tad-dinja | | | | Skond il-maturità (2 fażijiet) | 6 | Passivi għal residenti mhux taż-żona ta' l-euro denominati f'euro | | | | | | Skond il-maturità (2 faxex) |
| | | | | | | | 8,1 | Passivi għal residenti mhux taż-żona ta' l-euro denominati f'munita barranija — depożiti, bilanċi u passivi oħra | | | | | | Skond il-maturità (2 faxex) |
| | | | | | | | 8,2 | Passivi mill-faċilità ta' kreditu taħt ERM II | | | | | | Skond il-maturità (2 faxex) |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Rest of the world | Depożiti | Il-muniti kollha | | | Skond il-maturità (2 faxex) |
| 9e | Depożiti (euro) | Domestika | IFM | | | | 2,1 | Passivi għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro — kontijiet kurrenti (covering the minimum reserve system) | Domestika | | | | | |
| | | | | | | | 2,2 | Passivi għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro — faċilità ta' depożitu | Domestika | | | | | |
| | | | | | | | 2,3 | Passivi għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro — depożiti fuq perjodi ta' żmien fiss | Domestika | | | | | |
| | | | | | | | 2,4 | Passivi għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro — *fine-tuning reverse operations* | Domestika | | | | | |

**Tabella ta' assoċjazzjoni (*bridging tables*). Korrispondenza punt b'punt.**

PASSIVI

*Stokks*

| Regolament BĊE/2001/13 — Anness 1 — Tabella 1 | | | | | | | Format tal-karta ta' bilanċ taż-żamma tal-kontijiet | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kate-gorija | Deskrizzjoni | Analiżi | | | | | Katego-rija | Deskrizzjoni | Aktar analiżi provduta | | | | | |
| | | Residenza | Settur | Sub-settur | | Maturità | | | Residenza | Tip | Munita | Settur | Sub-settur | Maturità |
| | | | | | | | 2,5 | Passivi għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro — depożiti li għandhom x'jaqsmu ma' sejħat tal-marġini | Domestika | | | | | |
| | | | | | | | 3 | Passivi oħra għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro denominati f'euro | Domestika | | | | | |
| | | | | | | | 5,2 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta' l-euro denominati f'euro — Passivi oħra | Domestika | | | | | |
| | | | | | | | 10,1 | Passivi fi ħdan is-sistema ta' l-euro — passivi ekwivalenti għat-trasferiment ta' riservi barranin (il-karta ta' bilanċ tal-BĊE biss) | Domestika | | | | | |
| | | | | | | | 10,2 | Passivi fi ħdan is-sistema ta' l-euro — passivi li għandhom x'jaqsmu maċ-ċedoli li jappoġġjaw il-ħruġ taċ-ċertifikati tad-dejn tal-BĊE (il-karta ta' bilanċ tal-BĊN biss) | Domestika | | | | | |
| | | | | | | | 10,4 | Passivi fi ħdan is-sistema ta' l-euro — Passivi oħra fi ħdan is-sistema ta' l-euro | Domestika | | | | | |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Domestika | Depożiti | Euro | | | |
| 9e | Depożiti (euro) | Stati Membri parteċipanti oħra | IFM | | | | 2,1 | Passivi għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro — kontijiet kurrenti (li jkopru s-sistema tar-riserva minima) | Stati Membri parteċipanti oħra | | | | | |
| | | | | | | | 2,2 | Passivi għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro — faċilità ta' depożitu | Stati Membri parteċipanti oħra | | | | | |
| | | | | | | | 2,3 | Passivi għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro — depożiti fuq perjodi ta' żmien fiss | Stati Membri parteċipanti oħra | | | | | |
| | | | | | | | 2,4 | Passivi għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro — fine-tuning reverse operations | Stati Membri parteċipanti oħra | | | | | |

**Tabella ta' assoċjazzjoni (*bridging tables*). Korrispondenza punt b'punt.**

PASSIVI

*Stokks*

| Regolament BĊE/2001/13 — Anness 1 — Tabella 1 | | | | | | | Format tal-karta ta' bilanċ taż-żamma tal-kontijiet | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kate-gorija | Deskrizzjoni | Analiżi | | | | | Katego-rija | Deskrizzjoni | Aktar analiżi provduta | | | | | |
| | | Residenza | Settur | Sub-settur | | Maturità | | | Residenza | Tip | Munita | Settur | Sub-settur | Maturità |
| | | | | | | | 2,5 | Passivi għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro — depożiti li għandhom x'jaqsmu ma' sejħat tal-marġini | Stati Membri parteċipanti oħra | | | | | |
| | | | | | | | 3 | Passivi oħra għal istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona ta' l-euro denominati f'euro | Stati Membri parteċipanti oħra | | | | | |
| | | | | | | | 5,2 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta' l-euro denominati f'euro — passivi oħra | Stati Membri parteċipanti oħra | | | | | |
| | | | | | | | 10,1 | Passivi fi ħdan is-sistema ta' l-euro — passivi ekwivalenti għat-trasferiment ta' riservi barranin (il-karta ta' bilanċ tal-BĊE biss) | Stati Membri parteċipanti oħra | | | | | |
| | | | | | | | 10,2 | Passivi fi ħdan is-sistema ta' l-euro — passivi li għandhom x'jaqsmu maċ-ċedoli li jappoġġjaw il-ħruġ taċ-ċertifikati tad-dejn tal-BĊE (il-karta ta' bilanċ tal-BĊN biss) | Stati Membri parteċipanti oħra | | | | | |
| | | | | | | | 10,4 | Passivi fi ħdan is-sistema ta' l-euro — Passivi oħra fi ħdan is-sistema ta' l-euro | Stati Membri parteċipanti oħra | | | | | |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Stati Membri parteċipanti oħra | Depożiti | Euro | IFM | | |
| 9.1e | Overnight | Domestika | Istituzzjonijiet mhux IFM | Gvern ġenerali | Gvern ġenerali oħra | | 5,1 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta' l-euro denominati f'euro — gvern ġenerali | Domestika | Overnight | | | Gvern ġenerali oħra | |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Domestika | Overnight | Euro | Istituzzjonijiet mhux IFM | Gvern ġenerali oħra | |
| 9.1e | Overnight | Domestika | Istituzzjonijiet mhux IFM | Residenti oħra | | | 5,2 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta' l-euro denominati f'euro — Passivi oħra | Domestika | Overnight | | | | |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Domestika | Overnight | Euro | Istituzzjonijiet mhux IFM | Residenti oħra | |

**Tabella ta' assoċjazzjoni (*bridging tables*). Korrispondenza punt b'punt.**

PASSIVI
*Stokks*

| Regolament BĊE/2001/13 — Anness 1 — Tabella 1 | | | | | | | Format tal-karta ta' bilanċ taż-żamma tal-kontijiet | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kategorija | Deskrizzjoni | Analiżi | | | | | Kategorija | Deskrizzjoni | Aktar analiżi provduta | | | | | |
| | | Residenza | Settur | Sub-settur | | Maturità | | | Residenza | Tip | Munita | Settur | Sub-settur | Maturità |
| 9.1e | Overnight | Domestika | Istituzzjonijiet mhux IFM | Residenti oħra | Intermedjarji finanzjarji oħra | | 5,2 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta' l-euro denominati f'euro — Passivi oħra | Domestika | Overnight | | | Intermedjarji finanzjarji oħra | |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Domestika | Overnight | Euro | Residenti oħra | Intermedjarji finanzjarji oħra | |
| 9.1e | Overnight | Domestika | Istituzzjonijiet mhux IFM | Residenti oħra | Korporazzjonijiet ta' l-assikurazzjoni u fondi tal-pensjoni | | 5,2 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta' l-euro denominati f'euro — Passivi oħra | Domestika | Overnight | | | Korporazzjonijiet ta' l-assikurazzjoni u fondi tal-pensjoni | |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Domestika | Overnight | Euro | Residenti oħra | Korporazzjonijiet ta' l-assikurazzjoni u fondi tal-pensjoni | |
| 9.1e | Overnight | Domestika | Istituzzjonijiet mhux IFM | Residenti oħra | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | | 5,2 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta' l-euro denominati f'euro — Passivi oħra | Domestika | Overnight | | | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Domestika | Overnight | Euro | Residenti oħra | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | |
| 9.1e | Overnight | Domestika | Istituzzjonijiet mhux IFM | Residenti oħra | Djar | | 5,2 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta' l-euro denominati f'euro — Passivi oħra | Domestika | Overnight | | | Djar | |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Domestika | Overnight | Euro | Residenti oħra | Djar | |
| 9.1e | Overnight | Stati Membri parteċipanti oħra | Istituzzjonijiet mhux IFM | Gvern ġenerali | Gvern ġenerali oħra | | 5,1 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta' l-euro denominati f'euro — gvern ġenerali | Stati Membri parteċipanti oħra | Overnight | | | Gvern ġenerali oħra | |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Stati Membri parteċipanti oħra | Overnight | Euro | Istituzzjonijiet mhux IFM | Gvern ġenerali oħra | |

**Tabella ta’ assoċjazzjoni (*bridging tables*). Korrespondenza punt b’punt.**

PASSIVI

*Stokks*

| Regolament BĊE/2001/13 — Anness 1 — Tabella 1 | | | | | | | Format tal-karta ta’ bilanċ taż-żamma tal-kontijiet | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kate-gorija | Deskrizzjoni | Analiżi | | | | | Katego-rija | Deskrizzjoni | Aktar analiżi provduta | | | | | |
| | | Residenza | Settur | Sub-settur | | Maturità | | | Residenza | Tip | Munita | Settur | Sub-settur | Maturità |
| 9.1e | Overnight | Stati Membri parteċipanti oħra | Istituzzjo-nijiet mhux IFM | Residenti oħra | | | 5,2 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta’ l-euro denominati f’euro — Passivi oħra | Stati Membri par-teċipanti oħra | Overnight | | | | |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Stati Membri par-teċipanti oħra | Overnight | Euro | Istituzzjoni-jiet mhux IFM | Residenti oħra | |
| 9.1e | Overnight | Stati Membri parteċipanti oħra | Istituzzjo-nijiet mhux IFM | Residenti oħra | Intermedjarji finanzjarji oħra | | 5,2 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta’ l-euro denominati f’euro — Passivi oħra | Stati Membri par-teċipanti oħra | Overnight | | | Intermedjarji finanzjarji oħra | |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Stati Membri par-teċipanti oħra | Overnight | Euro | Residenti oħra | Intermedjarji finanzjarji oħra | |
| 9.1e | Overnight | Stati Membri parteċipanti oħra | Istituzzjo-nijiet mhux IFM | Residenti oħra | Korporazzjoni-jiet ta’ l-assikurazzjoni u fondi tal-pensjoni | | 5,2 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta’ l-euro denominati f’euro — Passivi oħra | Stati Membri par-teċipanti oħra | Overnight | | | Korporazzjoni-jiet ta’ l-assikurazzjoni u fondi tal-pensjoni | |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Stati Membri par-teċipanti oħra | Overnight | Euro | Residenti oħra | Korporazzjoni-jiet ta’ l-assikurazzjoni u fondi tal-pensjoni | |
| 9.1e | Overnight | Stati Membri parteċipanti oħra | Istituzzjo-nijiet mhux IFM | Residenti oħra | Korporazzjoni-jiet mhux finanzjarji | | 5,2 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta’ l-euro denominati f’euro — Passivi oħra | Stati Membri par-teċipanti oħra | Overnight | | | Korporazzjoni-jiet mhux finanzjarji | |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Stati Membri par-teċipanti oħra | Overnight | Euro | Istituzzjoni-jiet mhux IFM | Korporazzjoni-jiet mhux finanzjarji | |
| 9.1e | Overnight | Stati Membri parteċipanti oħra | Istituzzjo-nijiet mhux IFM | Residenti oħra | Djar | | 5,2 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta’ l-euro denominati f’euro — Passivi oħra | Stati Membri par-teċipanti oħra | Overnight | | | Djar | |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Stati Membri par-teċipanti oħra | Overnight | Euro | Istituzzjoni-jiet mhux IFM | Djar | |

**Tabella ta' assoċjazzjoni (*bridging tables*). Korrespondenza punt b'punt.**

PASSIVI
*Stokks*

| Regolament BĊE/2001/13 — Anness 1 — Tabella 1 | | | | | | | Format tal-karta ta' bilanċ taż-żamma tal-kontijiet | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kategorija | Deskrizzjoni | Analiżi | | | | | Kategorija | Deskrizzjoni | Aktar analiżi provduta | | | | | |
| | | Residenza | Settur | Sub-settur | | Maturità | | | Residenza | Tip | Munita | Settur | Sub-settur | Maturità |
| 9.2e | B'maturità miftehma | Domestika | Istituzzjonijiet mhux IFM | Gvern ġenerali | Gvern ġenerali oħra | Skond il-maturità (3 fażijiet) | 5,1 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta' l-euro denominati f'euro — gvern ġenerali | Domestika | B'maturità miftehma | | Istituzzjonijiet mhux IFM | Gvern ġenerali oħra | Skond il-maturità (3 faxex) |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Domestika | B'maturità miftehma | Euro | Istituzzjonijiet mhux IFM | Gvern ġenerali oħra | Skond il-maturità (3 faxex) |
| 9.2e | B'maturità miftehma | Domestika | Istituzzjonijiet mhux IFM | Residenti oħra | | Skond il-maturità (3 fażijiet) | 5,2 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta' l-euro denominati f'euro — Passivi oħra | Domestika | B'maturità miftehma | | | | Skond il-maturità (3 faxex) |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Domestika | B'maturità miftehma | Euro | Istituzzjonijiet mhux IFM | Residenti oħra | Skond il-maturità (3 faxex) |
| 9.2e | B'maturità miftehma | Domestika | Istituzzjonijiet mhux IFM | Residenti oħra | Intermedjarji finanzjarji oħra | Skond il-maturità (3 fażijiet) | 5,2 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta' l-euro denominati f'euro — Passivi oħra | Domestika | B'maturità miftehma | | | Intermedjarji finanzjarji oħra | Skond il-maturità (3 faxex) |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Domestika | B'maturità miftehma | Euro | Istituzzjonijiet mhux IFM | Intermedjarji finanzjarji oħra | Skond il-maturità (3 faxex) |
| 9.2e | B'maturità miftehma | Domestika | Istituzzjonijiet mhux IFM | Residenti oħra | Korporazzjonijiet ta' l-assikurazzjoni u fondi tal-pensjoni | Skond il-maturità (3 fażijiet) | 5,2 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta' l-euro denominati f'euro — Passivi oħra | Domestika | B'maturità miftehma | | | Korporazzjonijiet ta' l-assikurazzjoni u fondi tal-pensjoni | Skond il-maturità (3 faxex) |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Domestika | B'maturità miftehma | Euro | Istituzzjonijiet mhux IFM | Korporazzjonijiet ta' l-assikurazzjoni u fondi tal-pensjoni | Skond il-maturità (3 faxex) |
| 9.2e | B'maturità miftehma | Domestika | Istituzzjonijiet mhux IFM | Residenti oħra | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | Skond il-maturità (3 fażijiet) | 5,2 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta' l-euro denominati f'euro — Passivi oħra | Domestika | B'maturità miftehma | | | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | Skond il-maturità (3 faxex) |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Domestika | B'maturità miftehma | Euro | Istituzzjonijiet mhux IFM | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | Skond il-maturità (3 faxex) |

**Tabella ta' assoċjazzjoni (*bridging tables*). Korrespondenza punt b'punt.**

PASSIVI

*Stokks*

| Regolament BĊE/2001/13 — Anness 1 — Tabella 1 | | | | | | | Format tal-karta ta' bilanċ taż-żamma tal-kontijiet | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kategorija | Deskrizzjoni | Analiżi | | | | | Kategorija | Deskrizzjoni | Aktar analiżi provduta | | | | | |
| | | Residenza | Settur | Sub-settur | | Maturità | | | Residenza | Tip | Munita | Settur | Sub-settur | Maturità |
| 9.2e | B'maturità miftehma | Domestika | Istituzzjonijiet mhux IFM | Residenti oħra | Djar | Skond il-maturità (3 fażijiet) | 5,2 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta' l-euro denominati f'euro — Passivi oħra | Domestika | B'maturità miftehma | | | Djar | Skond il-maturità (3 faxex) |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Domestika | B'maturità miftehma | Euro | Istituzzjonijiet mhux IFM | Djar | Skond il-maturità (3 faxex) |
| 9.2e | B'maturità miftehma | Stati Membri parteċipanti oħra | Istituzzjonijiet mhux IFM | Gvern ġenerali | Gvern ġenerali oħra | Skond il-maturità (3 fażijiet) | 5,1 | Passivi għal residenti oħra taż-żona ta' l-euro denominati f'euro — gvern ġenerali | Stati Membri parteċipanti oħra | B'maturità miftehma | | | Gvern ġenerali oħra | Skond il-maturità (3 faxex) |
| | | | | | | | 12 | Passivi oħra | Stati Membri parteċipanti oħra | B'maturità miftehma | Euro | Istituzzjonijiet mhux IFM | Gvern ġenerali oħra | Skond il-maturità (3 faxex) |
| MFIs li m'humiex banek ċentrali | S47 | S97 | S147 | S197 |
| OFIs | S48 | S98 | S148 | S198 |
| Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S49 | S99 | S149 | S199 |
| Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | S50 | S100 | S150 | S200 |

(*) * Titoli ta' dejn li m'humiex ishma jirriferu għal "titoli m'humiex ishma, esklużi reżidwi finanzjarji".
(**) Ishma kkwotati jirriferu għal "ishma kkwotati bl-esklużjoni ta' fondi ta' investiment u ishma/unitajiet tal-fondi tas-suq tal-flus".

*TABELLA 2*

**Blokka Ċ formola tar-rapportar għall-BĊNi**

| | MIN JAGĦMEL IL-ĦRUĠ TA' RESIDENTI DOMESTIĊI//VALUTI OĦRAJN | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Ammonti pendenti | Ħruġ gross | Fidi | Ħruġ nett |
| | C1 | C2 | C3 | C4 |
| 4. **TITOLI TA' DEJN GĦAL PERJODU QASIR** | | | | |
| Total | S201 | S241 | S281 | S321 |
| MFIs li m'humiex banek ċentrali | S202 | S242 | S282 | S322 |
| OFIs | S203 | S243 | S283 | S323 |
| Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S204 | S244 | S284 | S324 |
| Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | S205 | S245 | S285 | S325 |
| Gvern ċentrali | S206 | S246 | S286 | S326 |
| Gvern statali u lokali | S207 | S247 | S287 | S327 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S208 | S248 | S288 | S328 |
| 5. **TITOLI TA' DEJN GĦAL PERJODU TWIL** | | | | |
| Total | S209 | S249 | S289 | S329 |
| MFIs li m'humiex banek ċentrali | S210 | S250 | S290 | S330 |
| OFIs | S211 | S251 | S291 | S331 |
| Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S212 | S252 | S292 | S332 |
| Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | S213 | S253 | S293 | S333 |
| Gvern ċentrali | S214 | S254 | S294 | S334 |
| Gvern statali u lokali | S215 | S255 | S295 | S335 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S216 | S256 | S296 | S336 |

| | MIN JAGĦMEL IL-ĦRUĠ TA' RESIDENTI DOMESTIĊI//VALUTI OĦRAJN | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Ammonti pendenti | Ħruġ gross | Fidi | Ħruġ nett |
| | C1 | C2 | C3 | C4 |
| 5.1 **Li minnhom ħruġ b'rata fissa:** | | | | |
| Total | S217 | S257 | S297 | S337 |
| MFIs li m'humiex banek ċentrali | S218 | S258 | S298 | S338 |
| OFIs | S219 | S259 | S299 | S339 |
| Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S220 | S260 | S300 | S340 |
| Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | S221 | S261 | S301 | S341 |
| Gvern ċentrali | S222 | S262 | S302 | S342 |
| Gvern statali u lokali | S223 | S263 | S303 | S343 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S224 | S264 | S304 | S344 |
| 5.2 **Li minnhom ħruġ b'rata varjabbli:** | | | | |
| Total | S225 | S265 | S305 | S345 |
| MFIs li m'humiex banek ċentrali | S226 | S266 | S306 | S346 |
| OFIs | S227 | S267 | S307 | S347 |
| Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S228 | S268 | S308 | S348 |
| Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | S229 | S269 | S309 | S349 |
| Gvern ċentrali | S230 | S270 | S310 | S350 |
| Gvern statali u lokali | S231 | S271 | S311 | S351 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S232 | S272 | S312 | S352 |
| 5.3 **li minnhom bonds ta' kupun żero:** | | | | |
| Total | S233 | S273 | S313 | S353 |
| MFIs li m'humiex banek ċentrali | S234 | S274 | S314 | S354 |
| OFIs | S235 | S275 | S315 | S355 |
| Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S236 | S276 | S316 | S356 |
| Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | S237 | S277 | S317 | S357 |
| Gvern ċentrali | S238 | S278 | S318 | S358 |
| Gvern statali u lokali | S239 | S279 | S319 | S359 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S240 | S280 | S320 | S360 |

*TABELLA 3*

**Blokk B formola ta' rapportar għal BIS**

| | MIN JOĦROĠ ROW/EURO/DEOMINAZZJONIJIET | | |
|---|---|---|---|
| | Ammonti pendenti | Ħruġ gross | Fidi |
| | B1 | B2 | B3 |
| 6. **TITOLI TA' DEJN GĦAL PERJODU QASIR** | | | |
| Total | S361 | S411 | S461 |
| BĊN | S362 | S412 | S462 |
| MFIs li m'humiex banek ċentrali | S363 | S413 | S463 |
| OFIs | S364 | S414 | S464 |

| | MIN JOĦROĠ ROW/EURO/DEOMINAZZJONIJIET | | |
|---|---|---|---|
| | Ammonti pendenti | Ħruġ gross | Fidi |
| | B1 | B2 | B3 |
| Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S365 | S415 | S465 |
| Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | S366 | S416 | S466 |
| Gvern ċentrali | S367 | S417 | S467 |
| Gvern statali u lokali | S368 | S418 | S468 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S369 | S419 | S469 |
| Organizzazzjonijiet internazzjonali | S370 | S420 | S470 |
| 7. **TITOLI TA' DEJN GĦAL PERJODU TWIL** | | | |
| Total | S371 | S421 | S471 |
| BĊN | S372 | S422 | S472 |
| MFIs li m'humiex banek ċentrali | S373 | S423 | S473 |
| OFIs | S374 | S424 | S474 |
| Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S375 | S425 | S475 |
| Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | S376 | S426 | S476 |
| Gvern ċentrali | S377 | S427 | S477 |
| Gvern statali u lokali | S378 | S428 | S478 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S379 | S429 | S479 |
| Organizzazzjonijiet internazzjonali | S380 | S430 | S480 |
| 7.1 **Li minnhom ħruġ b'rata fissa:** | | | |
| Total | S381 | S431 | S481 |
| BĊN | S382 | S432 | S482 |
| MFIs li m'humiex banek ċentrali | S383 | S433 | S483 |
| OFIs | S384 | S434 | S484 |
| Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S385 | S435 | S485 |
| Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | S386 | S436 | S486 |
| Gvern ċentrali | S387 | S437 | S487 |
| Gvern statali u lokali | S388 | S438 | S488 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S389 | S439 | S489 |
| Organizzazzjonijiet internazzjonali | S390 | S440 | S490 |
| 7.2 **Li minnhom ħruġ b'rata varjabbli:** | | | |
| Total | S391 | S441 | S491 |
| BĊN | S392 | S442 | S492 |
| MFIs li m'humiex banek ċentrali | S393 | S443 | S493 |
| OFIs | S394 | S444 | S494 |
| Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S395 | S445 | S495 |
| Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | S396 | S446 | S496 |
| Gvern ċentrali | S397 | S447 | S497 |
| Gvern statali u lokali | S398 | S448 | S498 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S399 | S449 | S499 |
| Organizzazzjonijiet internazzjonali | S400 | S450 | S500 |

| | MIN JOĦROĠ ROW/EURO/DEOMINAZZJONIJIET | | |
|---|---|---|---|
| | Ammonti pendenti | Ħruġ gross | Fidi |
| | B1 | B2 | B3 |
| 7.3 **li minnhom bonds ta' kupun żero:** | | | |
| Total | S401 | S451 | S501 |
| BĊN | S402 | S452 | S502 |
| MFIs li m'humiex banek ċentrali | S403 | S453 | S503 |
| OFIs | S404 | S454 | S504 |
| Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S405 | S455 | S505 |
| Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | S406 | S456 | S506 |
| Gvern ċentrali | S407 | S457 | S507 |
| Gvern statali u lokali | S408 | S458 | S508 |
| Fondi tas-sigurtà soċjali | S409 | S459 | S509 |
| Organizzazzjonijiet internazzjonali | S410 | S460 | S510 |

*TABELLA 4*

**Blokka A formola għall-partiti tal-memorandum għall-BĊNi**

| | MIN JOĦROĠ RESIDENTI DOMESTIĊI/EURO/DEOMINAZZJONIJIET | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Ammonti pendenti | Ħruġ gross | Fidi | Ħruġ nett |
| | A1 | A2 | A3 | A4 |
| 8. **ISHMA MHUX IKKWOTATI** | | | | |
| Total | S511 | S521 | S531 | S541 |
| MFIs li m'humiex banek ċentrali | S512 | S522 | S532 | S542 |
| OFIs | S513 | S523 | S533 | S543 |
| Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S514 | S524 | S534 | S544 |
| Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | S515 | S525 | S535 | S545 |
| 9. **PARTEĊIPAZZJONI AZZJONARJA** | | | | |
| Total | S516 | S526 | S536 | S546 |
| MFIs li m'humiex banek ċentrali | S517 | S526 | S536 | S546 |
| OFIs | S518 | S526 | S536 | S546 |
| Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni | S519 | S526 | S536 | S546 |
| Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | S520 | S526 | S536 | S546 |

1. **Residenza ta' min jagħmel il-ħruġ**

Ħrug minn sussidjarji ta' proprjetarju mhux residenti tal-pajjiż li jkun qiegħed jirrapporta imma li joperaw fit-territorju ekonomiku tal-pajjiż li jkun qiegħed jirrapporta huma kklassifikati bħala ħruġ minn unitajiet residenti tal-pajjiż li jkun qiegħed jirrapporta.

Ħruġ minn uffiċċji prinċipali li jinsabu fit-territorju ekonomiku tal-pajjiż li jkun qiegħed jirrapporta li joperaw internazzjonalment huma wkoll meqjusa bħala ħruġ minn unitajiet residenti. Ħruġ minn uffiċċji prinċipali jew sussidjarji li jinsabu barra t-territorju ekonomiku tal-pajjiż li jkun qiegħed jirrapporta imma s-sidien tagħhom ikunu residenti fil-pajjiż li jkun qiegħed jirrapporta huma meqjusa bħala ħruġ minn non-residenti.

Per eżempju, ħruġ mill-Volkswagen Brażil, huma meqjusa li jkunu saru minn unitajiet residenti fil-Brażil u mhux fit-territorju tal-pajjiż li jkun qiegħed jirrapporta.

2. **Taqsim settorjali ta' min jagħmel il-ħruġ**

Il-ħruġ għandu jiġi kklassifikat skond is-settur li jkollu l-passiv għat-titoli maħruġin. It-titoli maħruġin permezz tal-FVC fejn il-passiv għall-ħruġ jaqa' fuq l-organizzazzjoni omm u mhux l-FVC għandha tiġi attribwita lill-organizzazzjoni omm u mhux lill-FVC Per eżempju, ħruġ minn FVC ta' Philips għandu jiġi allokat lis-settur ta' korporazzjoni mhux finanzjarja u rrapportata mill-Olanda. Iżda, l-FVC u l-omm tagħha għandhom ikunu fl-istess pajjiż. għalhekk, meta l-kumpannija omm mhijiex residenti fil-pajjiż li jirrapporta, l-FVC għandha tiġi ttrattata bħala resident kunċettwali tal-pajjiż li jirrapporta, u s-settur li jirrapporta għandhom ikunu OFIs. Per eżempju, ħruġ mit-Toyota Motor Finance Netherlands BV għandu jingħata lill-OFIs ta' l-Olanda, għaliex il-kumpannija omm "Toyota" m'hijiex resident fl-Olanda.

Il-klassifikazzjoni settorjali tinkludi d-disa' tipi li ġejjin ta' min jagħmel il-ħruġ;

— BĊE/BĊN,

— istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFIs),

— intermedjarji finanzjarji oħrajn,

— korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni,

— korporazzjonijiet mhux finanzjarji,

— gvern ċentrali,

— gvern statali u lokali,

— il-fondi ta' sigurtà soċjali,

— istituzzjonijiet internazzjonali.

Jekk korporazzjoni pubblika ssir privatizata billi toħroġ ishma kkwotati, is-settur ta' ħruġ għandu jiġi kklassifikat bħala "korporazzjonijiet mhux finanzjarji". B'mod simili, jekk CI pubbliku huwa pprivatizzat, is-settur tal-ħruġ għandu jiġi kklassifikat "MFIs li m'humiex banek ċentrali". Ħruġ minn djar jew istituzzjonijiet mhux għall-profitt li jservu d-djar għadhom jiġu klassifikati bħala ħruġ minn "korporazzjonijiet mhux finanzjarji".

Il-BIS isegwi l-immappjar bejn it-taqsim settorjali ta' min jagħmel il-ħruġ disponibbli fid-*database* tal-BIS u dawk mitlubin fi-formoli tar-rapportar, kif jidher fiċ-ċart ta' hawn isfel

| Taqsim settorjali fid-database tal-BIS | | Klassifikazzjoni fil-formoli tar-rapport |
|---|---|---|
| Bank ċentrali | → | BĊN u BĊE |
| Banek kummerċjali | → | MFIs |
| OFI | → | OFIs |
| Gvern ċentrali | → | Gvern ċentrali |
| Ġvern ieħor Aġenziji statali | → | Gvern statali u lokali |
| Korporazzjonijiet | → | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji |
| Istituzzjonijiet internazzjonali. | → | Istituzzjonijiet internazzjonali (RoW) |

3. **Maturità tal-ħruġ**

*Titoli għal perjodu ta' żmien qasir* jikkomprendu titoli li għandhom maturità oriġinali ta' sena jew anqas, anki jekk jinħarġu skond faċilitajiet fuq żmien itwal.

*Titoli għal perjodu ta' żmien twil* jikkomprendu titoli li għandhom maturità oriġinali ta' aktar minn sena. Ħruġ b'dati ta' maturità fakultattivi, li l-aħħar waħda minnhom fadlilha sena, u ħruġ b'dati ta' maturità indefiniti, huma kklassifikati fit-tul. Kif propost fil-paragrafu 5.22 ta' l-ESA 95, it-taqsim ta' maturità jista' jkun flessibbli, jiġifieri f'każijiet eċċezzjonali titoli għal perjodu qasir jista' jkollhom maturità oriġinali ta' sentejn

Il-metodoloġija li hija applikata bħalissa mill-BSI hija differenti. Il-BSI jikkonsidra l-ECP kollha u “euronotes” oħra maħruġin taħt program ta’ terminu qasir bħala strumenti ta’ terminu qasir, u l-istrumenti kollha oriġinali tagħhom.

Maturtà ta’ sentejn maqsuma bħal fil-karta ta’ bilanc ta’ l-MFI m’hijiex meqjusa neċessarja taħt il-metodu ta’ terminu qasir.

4. **Klassifikazzjoni ta’ ħruġ**

Il-ħrug huwa analizzat taħt żewġ gruppi wesgħin: titoli ta’ dejn jiġifieri titoli li m’humiex ishma esklużi derivattivi finanzjarji [1]; u (2) ishma kkwotati esklużi ishma/unitajiet ta’ fondi ta’ investiment [2]. Tqegħid privat huwa koperti sa fejn hu possibbli. Karta tas-suq tal-flus hija inkluża bħala parti mit-titoli ta’ dejn. Ishma mhux ikkwotati u parteċipazzjoni azzjonarja oħra jistgħu jiġu rrapportati fuq bażi volontarja bħala partiti tal-memo.

L-istrumenti li jinstabu fid-*database* tal-BIS li ġejjin huma kklassifikati bħala titoli oħra mhux ishma:

— ċertifkati ta’ depożitu,

— karti kummerċjali,

— “treasury bills”,

— bonds,

— karta kummercjali ta’ l-Euro (ECP),

— noti ta’ terminu medju,

— karti oħra ta’ terminu qasir.

(a) Titoli ta’ dejn

(i) Titoli ta’ dejn fuq perjodu ta’ żmien qasir

L-istrumenti li ġejjin huma inklużi bħala minimu:

— “treasury bills” u karti oħra ta’ terminu qasir maħruġa mil-gvern ġenerali,

— karti negozjabbli ta’ terminu qasir maħruga minn korporazzjonijiet finanzjarji u mhux finanzjarji. Varjetà ta’ oggetti huma użati għal karti ta’ din ix-xorta inklużi: karti kummerċjali, kambjali kummercjali, “promissory notes”, kambjali ta’ negozju, kambjali u ċertifikati ta’ depożitu,

— titoli ta’ terminu qasir maħruġin taħt faċilitajiet ta’ ħrug ta’ noti sottoskritti, u,

— aċċettazzjonijiet bankarji.

(ii) Titoli ta’ dejn fuq perjodu ta’ żmien twil

L-istrumenti li ġejjin jservu bħala eżempju u jinkludu bħala minimu:

— “bearer bonds”,

— “bonds” subordinati,

— “bonds” b’għażla ta’ dati ta’ maturità, l-aħħar waħda tkun aktar minn sena ‘l boghod,

— “bonds” imġedda jew perpetwi,

— noti ta’ rata varjabbli,

— “bonds” li jistgħu jiġu kkonvertiti,

— titoli marbuta ma’ indiċi fejn il-valur tal-kapital huwa marbut ma’ indiċi tal-prezzijiet, mal-prezz ta’ oġġett jew ma’ indiċi tar-rata tal-kambju,

(1) Kategorija ESA 95 F.33.

(2) Kategorija ESA 95 F.511.

— bonds skontati ħafna,

— kupun ta' bond żero,

— euro bonds,

— bonds globali,

— bonds maħruġin privatament,

— titoli li jirriżultaw minn konverżjoni ta' self,

— self li sar negozjabbli *de facto*,

— obbligazzjonijiet u ishma ta' self konvertibbli f'ishma, kemm jekk ishma tal-korporazzjoni li toħroġhom jew ishma ta' kumpannija oħra, sakemm ma jkunux ġew konvertiti. Meta tkun separabbli mill-bond sottostanti, l-għażla tal-konverżjoni, ikkunsidrat bħala derivattiv finanzjarju, hija esklużа,

— ishma jew stokks li jħallsu dħul fiss imma ma jipprovdux għall-parteċipazzjoni fid-distribuzzjoni tal-valur reżidwu tal-korporazzjoni max-xoljiment, inkluż ishma ta' preferenza mhux parteċipanti,

— attiv finanzjarju maħruġ bħala parti mis-*securitisation* ta' self, ipoteki, debitu tal-karta ta' kreditu, kontijiet riċevibbli u attiv ieħor.

L-istrumenti li ġejjin huma esklużi:

— tranżazzjonijiet f'titoli bħala parti mill-ftehim ta' xiri mill-ġdid,

— ħruġ ta' titoli mhux negozjabbli,

— self mhux negozjabbli.

Ħruġ ta' titoli għal perjodu ta' żmien qasir jinqasmu fi tnejn:

— ħruġ b'rata fissa, jiġifieri bonds li l-ħlas tal-kupun nominali ma jinbidilx matul il-ħajja tal-ħruġ,

— ħruġ b'rata varjabbli, jiġifieri bonds li r-rata tal-kupun jew il-kapital sottostanti huma marbutin ma' rata ta' imgħax jew xi indiċi ieħor li jirriżulta fi ħlas ta' kupun nominali varjabbli matul ħajjet il-ħarġa,

— ħruġ ta' kupuni żero, jiġifieri strumenti li ma jħallsux xi pagamenti perjodiċi tal-kupun. Solitament, dawn il-bonds jinħarġu bi skont u jinfdew b'valur par. Il-biċċa l-kbira ta' l-iskont jirrappreżenta l-ekwivalenti ta' l-imgħax akkumulat matul ħajjet il-bond.

(b) Ishma kkwotati

Ishma kkwotati jinkludu:

— ishma kapitali maħruġin minn kumpanniji b'responsabbiltà limitata,

— ishma mifdijin f' kumpanniji b'responsabbiltà limitata,

— ishma ta' dividendi maħruġin minn kumpanniji b'responsabbiltà limitata,

— titoli preferuti jew ta' preferenza jew ishma li jipprovdu għall-parteċipazzjoni fid-distribuzzjoni tal-valur residwu max-xoljiment ta' korporazzjoni. Dawn jistgħu jkunu kkwotati jew mhux ikkwotati fi skambju rikonoxxut,

— tqegħid privat meta jkun possibbli.

Jekk kumpannija tiġi pprivatizzata u l-gvern iżomm parti mill-ishma imma l-parti l-oħra tkun ikkwotata f'suq regolat, il-valur kollu tal-kapital tal-kumpannija huwa rreġistrat bħala ishma kkwotati, minħabba li l-ishma kollha jistgħu ikunu potenzalment innegozjati fi kwalunkwe żmien bil-valur tas-suq. L-istess japplika jekk parti mill-ishma jinbiegħu lil investituri kbar biss u l-parti li jifdal biss tkun innegozjata fil-borża.

Ishma kkwotati jeskludu:

— ishma offerti għall-bejgħ imma mhux inklużi mal-ħruġ,

— obbligazzjonijiet u ishma ta' self konvertibbli f'ishma. Dawn huma inklużi ladarba jiġu kkonvertiti f'ishma,

— il-parteċipazzjoni azzjonarja b'responsabbilità illimitata f'soċjetajiet inkorporati,

— investimenti tal-gvern fil-kapital ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li huma legalment ikkostitwiti bħala korporazzjonijiet b'kapital ta' ishma,

— ħruġ ta ishma bonus fil-ħin tal-ħruġ biss u ħruġ ta' ishma maqsumin. Ishma bonus u ishma maqsumin huma madankollu inklużi mingħajr distinzjoni fl-ishma totali ta' l-ishma kkwotati.

5. **Valuta ta' ħruġ**

Bonds ta' valuti doppji, fejn il-bond jinfeda jew il-kupun imħallas f'valuta differenti mid-denominazzjoni tal-bond, huma klassifikati skond id-denominazzjoni tal-bond. Jekk bond globali jinħareġ f'aktar minn valuta waħda, kull porzjon jigi rapportat bħala ħruġ separat, skond il-valuta tal-ħrug tiegħu. Fejn il-ħrug huma ddenominat f'żewg valuti, per eżempju 70 % f'euro u 30 % f'dollari Amerikani, idealment il-komponenti relevanti tal-ħruġ ikunu rapportati separatament skond il-valuta ta' denominazzjoni. Għalhekk 70 % tal-ħrug ikunu rapportati bħala ħruġ f'euro/denominazzjonijiet nazzjonali ([1]) u 30 % bħala ħruġ f'valuti oħra. Fejn ma jkunx possibbli li jkunu identifikati l-komponenti tal-valuta ta' ħarġa, l-analiżi dettaljata attwali magħmula mill-pajjiż li jkun qiegħed jirrapporta tkun indikata fin-noti nazzjonali ta' spjegazzjoni.

Ishma kkwotati huma maħsuba li huma maħruga fil-valuta tal-pajjiż ta' residenza tal-korporazzjoni; ħruġ ta' ishma f'muniti oħra huma negligibbli jew ineżistenti. Għalhekk, iċ-ċifri dwar ishma kkwotati jirreferu għal ħruġ kollu minn residenti fiż-żona ta' l-euro biss.

6. **Ħin tar-reġistrazzjoni tal-ħarġa**

Ħarġa tiġi kkunsidrata li tkun saret meta min jagħmel il-ħruġ jirċievu l-ħlas, u mhux meta s-sindakat jieħu l-obbligu.

7. **Rikonċiljazzjoni ta' l-ishma u l-flussi**

BĊNi għandhom jibagħtu informazzjoni fuq ammonti pendenti, ħruġ gross, fidi u ħruġ nett ta' titoli ta' dejn fil-qasir u fit-tul u fuq ishma kkwotati.

Iċ-ċart ta' hawn isfel turi r-rabta bejn l-ishma (jiġifieri ammonti pendenti) u l-flussi (jiġifieri ħruġ gross, fidi u ħruġ nett). Fil-prattika, ir-rabta hija aktar kumplessa minħabba l-bdil fil-valutazzjoni tal-prezzijiet u tar-rata tal-kambju, riinvestiti imgħax (jiġifieri akkumulat), riklassifikazzjonijiet, reviżjonijiet u aġġustamenti oħrajn ([2]).

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| (a) | Ħruġ pendenti fl-aħħar tal-perjodu ta' rapportar | ≈ | Ħruġ pendenti fl-aħħar tal-perjodu ta' rapportar | + | Ħruġ gross matul il-perjodu ta' rapportar | – | Fidi matul il-perjodu ta' rapportar |
| (b) | Ħruġ pendenti fl-aħħar tal-perjodu ta' rapportar | ≈ | Ħruġ pendenti fl-aħħar tal-perjodu ta' rapportar | + | Ħruġ nett matul il-perjodu ta' rapportar | | |

(a) Ħruġ gross

Ħruġ gross matul il-perjodu ta' rapportar għandu jinkludi l-ħruġ ta' titoli ta' dejn kollu u ta' ishma kkwotati meta min joħroġhom ibiegħ titoli maħluqin ġodda għall-flus kontanti. Dan jikkonċerna l-ħolqien regolari ta' strumenti ġodda. Il-mument meta l-ħruġ ikun sar huwa ddefinit bħala l-ħin meta jsir il-ħlas; ir-reġistrazzjoni ta' ħruġ għandha b'hekk tirrifletti kemm jista' jkun malajr il-ħin tal-ħlas għall-ħarġa sottostanti.

Il-ħruġ gross ikopri l-ishma maħluqin ġodda li jinħarġu għall-flus kontanti minn korporazzjonijiet ikkwotati fil-borża għall-ewwel darba, inkluż kumpanniji maħluqin ġodda jew kumpanniji privati li jsiru kumpanniji pubbliċi. Il-ħruġ gross ikopri wkoll l-ishma maħluqin ġodda li jinħarġu għall-flus kontanti matul il-privatizzazzjoni tal-korporazzjonijit pubbliċi meta l-ishma tal-korporazzjoni jiġu kkwotati fil-borża. Il-ħruġ ta' ishma bonus għandhom jiġu esklużi ([3]). Il-ħruġ gross m'għandux jiġi rrapportat fil-każ ta' tpoġġija unika ta' korporazzjoni fil-borża meta ma jinġabx kapital ġdid.

L-iskambju jew it-trasferiment ta' titoli li jeżistu diġà matul akkwiżizzjoni jew għaqda m'humiex koperti ([4]) ġewwa l-ħruġ gross rapportat jew il-fidi, ħlief għal strumenti ġodda li jinholqu u jinħarġu għall-flus kontant minn entità residenti taż-żona ta' l-euro.

Ħruġ ta' titoli li aktar tard jistgħu jkunu kkonvertiti f'istrumenti oħra huma għandhom jiġu rreġistrati bħala ħruġ fil-kategorija ta' istrumenti oriġinali tagħhom; mal-konverżjoni huma jinfdew minn din il-kategorija ta' strument b'ammont identiku mbagħad jitqies bħala ħarġa mill-ġdid fil-kategorija ġdida ([5]).

([1]) Blokk A għall-BĊNi u Blokk B għall-BIS.
([2]) ESA 95 kategorija F.511.
([3]) Mhux iddefinita bħala tranżazzjoni finanzjarja; ara l-paragrafi 5.93 u 6.56 ta' l-ESA 95, u t-Taqsima 4 (b) ta' din il-Parti.
([4]) Tranżazzjoni fuq suq sekondarju li jinvolvi bidla tad-detentur; mhux koperta minn dawn l-istatistiċi.
([5]) Ikkonsidrata bħala żewġ tranżazzjoni finanzjarji; ara l-paragrafi 5.62 u 6.54 ta' l-ESA 95, u t-Taqsima 4 (a) (ii) ta' din il-Parti.

(b) Fidi

Fidi waqt il-perjodu ta’ rapportar ikopri x-xiri mill-ġdid kollu ta’ titoli ta’ dejn u ishma kkwotati minn min ikun ħariġhom, fejn l-investitur jirċievi flus għat-titoli. Jikkoncernaw it-tneħħija regolari ta’ strumenti. Jkopru l-puntwalità tad-data ta’ maturità tagħhom tat-titoli ta’ dejn kollha, kif ukoll fidi kmieni. Xiri lura ta’ ishma minn kumpanniji huwa kopert, jekk il-kumpannija tixtri lura l-ishma kollha għal-flus qabel ma tinbidel il-forma legali tagħha, jew parti mill-ishma tagħha għall-flus li jwassal għal tnaqqis fil-kapital. Xiri lura ta’ ishma minn kumpanniji m’huwiex kopert jekk huma investimenti fl-ishma tal-kumpannija stess ([1]).

Il-fidi m’għandux jiġi rrapportat fil-każ tat-tneħħija unika mill-borża.

(ċ) Ħruġ nett

Ħruġ nett huwa l-bilanċ ta’ ħruġ kollu li sar bit-tnaqqis tal-fidi kollu li jkun sar matul il-perjodu tar- rapportar.

L-ammonti pendenti ta’ ishma kkwotati għandhom ikopru l-valur tas-suq ta’ l-ishma kkwotati kollha ta’ l-entitajiet residenti. L-ammonti pendenti ta’ ishma kkwotati rrapportati mill-pajjiż taż-żona ta’ l-euro jistgħu b’hekk iżidu jew inaqqsu wara riallokazzjoni ta’ entità elenkata. Dan japplika wkoll fil-każ ta’ akkwiżizzjoni jew għaqda meta l-ebda strument ma jinħoloq u jinħareġ għall-flus kontanti u/jew mifdi għall-flus kontanti u tħassir. Biex jiġi evitat l-għadd doppju jew lakuni għat-titoli ta’ dejn u ishma kkwotati jekk min joħroġhom imur f’pajjiż residenti ieħor, il-BĊNi għandhom jikkoordinaw il-ħin tar-rapportar b’mod bilaterali.

8. **Valutazzjoni**

Il-valur ta’ ħruġ ta’ titoli huwa magħmul minn komponent ta’ prezz u, fejn il-ħruġ huwa ddenominat f’valuti oħra minn dik li tkun qiegħda tirrapporta, komponent tar-rata tal-kambju.

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw titoli ta’ dejn bil-valur nominali (jiġifieri il-valur li jidher fil-wiċċ) u l-ishma kkwotati filvalur tas-suq (jiġifieri il-valur tat-tranżazzjoni). Għal titoli ta’ dejn fit-tul it-tipi ta’ ħruġ (rata fissa, rata varjabbli u bonds ta’ kupun żero) jistgħu jiġu vvalutati bl-użu ta’ metodi differenti, bir-riżultat ta’ valutazzjoni mħallta għat-total. Per eżempju, ħruġ fiss u varjabbli huwa tipikament ivvalutat f’valur nominali u bonds ta’ kupun żero fl-ammont effettivament imħallas. Ġeneralment, l-ammont relattiv ta’ bonds ta’ kupun żero huwa żgħir, u għalhekk ma ssir l-ebda dispożizzjoni għall-valur ta’ valutazzjoni mħallta fil-lista tal-kodiċi; l-ammont totali ta’ titoli ta’ dejn fit-tul huwa rapportat bil-valur nominali (N). Fejn il-kobor tal-fenomenu huwa sinjifikanti, jintuża l-valur “Z” għal “mhux speċifikat”. B’mod ġenerali, kull meta hemm sitwazzjoni ta’ valutazzjoni mħallta, il-BĊN jagħti d-dettalji fil-livell ta’ attribut skond l-attributi fl-Anness IV.

(a) Valutazzjoni tal-prezz

Ishma u flussi ta’ ishma kkwotati għandhom jiġu rrapportati fil-valur tas-suq, ishma u flussi ta’ titoli ta’ dejn fil-valur nominali. Issir eċċezzjoni għar-reġistrazzjoni ta’ l-ishma u flussi ta’ titoli ta’ dejn mhux ishma fil-valur li jidher fir-rigward ta’ bonds skontati sewwa u *bonds* mingħajr kupun, fejn il-ħruġ huwa rreġistrat bl-ammont effettiv imħallas, jiġifieri, il-prezz skontat fil-ħin tax-xiri u l-fidi mal-maturità fil-valur nominali. L-ammonti pendenti ta’ *bonds* skontati sewwa u *bonds* mingħajr kupun huma l-ammont effettiv imħallas miżjud bl-imgħax dovut kif muri taħt.

$$A = E \times \left( \frac{100}{(E/P) \times 100} \right)^{\left(\frac{t}{T}\right)}$$

fejn

A = ammont effettiv imħallas u imgħax dovut

E = valur effettiv (ammont imħallas fl-ħin tal-ħruġ jew fidi)

P = valur hekk kif jidher (imħallas sa l-aħħar tal-maturità)

T = żmien sal-maturità mid-data tal-ħruġ (f’jiem)

t = żmien mid-data tal-ħruġ (f’jiem)

Jista’ jkun hemm ċerti differenzi fil-proċedura tal-valutazzjoni tal-prezz użata fil-pajjiżi

([1]) Tranżazzjoni fuq suq sekondarju li jinvolvi bidla tad-detentur; mhux koperta minn dawn l-istatistiċi.

Il-metodu tal-valutazzjoni tal-prezz skond l-ESA 95, li teħtieġ li l-flussi għal titoli ta' dejn u ishma jiġu rreġistrati fil-valur tat-tranżazzjoni u l-ishma fil-valur tas-suq, mhux applikat f'dan il-kuntest.

Ir-regoli ta' valutazzjoni tal-BIS kurrenti huwa tal-valur kif jidher għat-titoli ta' dejn u l-prezz tal-ħarġa għall-ishma kkwotati. Għall-bonds skontati ħafna u ta' kupun żero, il-BĊN li jirrapporta għandu jikkalkula l-imgħax akkumulat meta jkun fattibbli.

(b) Valutazzjoni tal-valuta tarrapportar u tar-rata tal-kambju

Il-BĊNi għandhom jirrapportaw id-*data* kollha lill-BĊE espressi f'euro inluż is-serje storika. Għall-konverżjoni f'euro ta' titoli maħruġin minn residenti domestiċi f'valuti oħrajn (Blokk Ċ) [1], il-BĊNi għandhom isegwu mill-qrib kemm jista' jkun il-prinċipji ta' valutazzjoni tar-rata tal-kambju bbażati fuq ESA 95 [2].

(i) ħruġ pendenti għandu jiġi kkonvertit f'denominazzjonijiet euro/nazzjonali bir-rata tal-kambju medjana is-suq rilevanti li jkun hemm fl-aħħar tal-perjodu tar-rapportar, jiġifieri fl-għeluq tan-negozju fl-aħħar jum tax-xogħol tal-perjodu tar-rapportar; u

(ii) ħruġ gross u fidi għandhom jiġu maqlubin f'denominazzjonijiet ta' l-euro/nazzjonali li jużaw ir-rata tal-kambju medjana tas-suq li tkun predominanti fil-ħin tal-ħlas. Jekk ma jkunx possibbli li tiġi identifikata r-rata tal-kambju preċiża applikabbli għall-kambju, tista' tintuża rata tal-kambju li tkun kemm jista' jkun qrib ir-rata medjana tas-suq fil-ħin tal-ħlas.

Għall-perjodi qabel l-1 ta' Jannar 1999, BĊNi għandhom isegwu fil-qrib kemm hu possibbli dawn l-istandards ta' l-ESA 95 biex jikkonvertu l-ħruġ kollu f'valuti mhux domestiċi, fidi u ammonti pendenti fl-euro/denominazzjoni nazzjonali tal-pajjiż li qiegħed jirrapporta. Għall-iskopijiet li jintbagħtu d-*data* lill-BĊE, is-serje ta' żmien kompluta għandha tkun ikkonvertita fl-euro bl-applikazzjoni tar-rati ta' konverżjoni irrevokabbli tal-31 ta' Diċembru 1998.

Il-BIS jirrapporta lill-BĊE l-punti kollha tar-residenti mir-RoW f'denominazzjonijiet euro/nazzjonali (Blokk B) f'dollari US bl-użu tar-rata tal-kambju fl-aħħar tal-perjodu għall-ammonti li jkun baqa' u r-rata tal-kambju medja għall-ħruġ u l-fidi. Il-BĊE jbiddel *id-data* kollha f'euro bl-użu ta' l-istess prinċipju li kien applikat inizjalment mill-BIS. Qabel l-1 ta' Jannar 1999 ir-rata tal-kambju bejn l-ECU u d-dollaru US kien użat bħala sostitut.

## 9. **Konsistenza kunċettwali**

Statistika tal-ħruġ ta' titoli u statistika tal-karta ta' bilanċ huma marbutin għal skopijiet ta' ħruġ ta' strumenti negozjabbli mill-MFIs. Il-kopertura ta' l-istrumenti u l-MFIs li joħorġuhom huma koncettwalment konsistenti, kif ukoll l-allokazzjoni ta' l-istrumenti ta' maturità u t-taqsim tal-valuta. Jeżistu differenzi fir-rigward tal-prinċipji tal-valutazzjoni, li huma ta' valur nominali għall-ħrug ta' sigurtajiet u l-valur tas-suq għall-istatistika tal-karta ta' bilanċ ta' l-MFI. Ħlief għal differenzi fil-valutazzjoni, għal kull pajjiż l-ammont pendenti ta' titoli maħruġin mir-rapporti tal-MFIs għall-istatistika tal-ħruġ tat-titoli jikkorrespondi mal-partiti 11 ("titolu ta' dejn maħruġin") u 12 (karti tal-flus fis-suq) fuq in-naħa tal-passiv tal-karti ta' bilanċ ta' l-MFI. Titoli fuq perjodu qasir kif iddefiniti għall-ħrug ta' titoli jikkorrespondu mas-somma ta' karti tal-flus tas-suq u titoli tad-dejn maħruga sa sena. Titoli fuq bażi twila ta' żmien kif definiti għall-istatistika tal-ħrug ta' titoli hija daqs is-somma ta' titoli ta' dejn maħruga għal sena jew sa sentejn u titoli ta' dejn maħruga 'l fuq minn sentejn.

Il-BĊNi għandhom jirrivedu l-kopertura ta' l-istatistika tal-ħruġ ta' titoli u l-istatistika tal-karta ta' bilanċ ta' l-MFI u jindikaw lll-BĊE kull differenza kunċettwali. Isiru tliet tipi ta' kontrolli għall-konsistenza: għall-ħrug minn 1) BĊNi f'denominazzjonijiet euro/nazzjonali; 2) MFIs li m'humiex banek ċentrali f'denominazzjonijiet euro/nazzjonali; u 3) MFIs li m'humiex banek ċentrali f'valuti oħrajn. Jista' jkun hemm u jiġu aċċettati differenzi żgħar, minħabba li l-istatistika tat-titoli maħruġa u l-karta ta' bilanċ ta' l-MFI huma miksuba minn sistemi ta' rapportar fuq livell nazzjonali li jservi għall-għanijiet differenti.

(1) Sa mill-1 ta' Jannar 1999, ma kien hemm l-ebda bżonn ta' valutazzjoni tar-rata tal-kambju għal titoli fl-euro maħruġa minn residenti domestiċi (parti mill-Blokka A), u titoli maħruġa minn residenti domestiċi f'euro/denominazzjonijiet nazzjonali (il-parti li jifdal mill-Blokka A) jinbidlu fl-euro billi jiġu applikati r-rati rrevokabbli ta' konverżjoni tal-31 ta' Diċembru 1998.

(2) ESA 95, paragrafu 6.58.

10. **Ħtiġijiet ta' data**

Rapporti statistiċi huma mistennija għal kull pajjiż għall-kull serje ta' ħin applikabbli. Il-BĊNi għandhom jinnotifikaw lill-BĊE malajr bil-miktub bi spjegazzjonijiet jekk partita partikolari ma tapplikax fil-pajjiż partikolari. Il-BĊNi ma jistgħux jirrapportaw is-serje ta' ħin b'mod temporanju jekk il-fenomenu sottostanti ma jeżstix. Il-BĊNi għandhom jinnotifikaw ukoll din il-ġrajja jew kull bidla oħra fl-iskema tal-kodifika deskritta fl-Anness IV. Barra minn dan, għandhom jinformaw lill-BĊE meta jintbagħtu flimkien bi spjegazzjonijiet fuq in-natura ta' dawn ir-reviżjonijiet.

## *Taqsima 3: Noti spjegattivi nazzjonali*

Kull BĊN għanu jibgħat rapport wieħed li jiddeskrivi d-*data* pprovduti fil-kuntest ta' dan l-eżerċizzju r-rapport għandu jkopri s-suġġetti speċifikati hawn taħt kemm jista' jkun mill-qrib skond il-format propost. Il-BĊNi għandhom jipprovdu informazzjoni addizzjonali fuq każijiet meta d-*data* rapportata ma jikkonformawx mal-Linja ta' Gwida, jew meta ma jkunux ipprovdew id-*data*, u r-raġunijiet għal dan. Għadhom jittrażmettu r-rapport lill-BĊN bħala dokument Word jew bis-Cebamail. Ir-rapport m'għandux jintbagħat aktar tard mid-*data*.

1. **Sorsi tad-*data*/sistema tal-ġbir tad-*data***: għandhom jingħataw dettalji tas-sorsi tad-*data* użati għall-kumpilazzjoni ta' l-istatistika tal-ħruġ tat-titoli: sorsi amministrattivi għall-ħruġ mill-gvern, rapportar dirett mill-MFIs u istituzzjonijiet oħrajn, gazzetti, u fornituri ta' *data* bħall-International Financial Review eċċ. Il-BĊNi għandhom jindikaw jekk id-*data* jinġabrux u jinħażnux fuq il-bażi ta' ħarġa b'ħarġa, u l-kriterji tagħhom. Alternattivament, il-BĊNi għandhom jindikaw jekk id-*data* nġabrux u nħażnux b'mod mhux distint bħala ammonti maħruġin minn min joħroġ individwalment matul perjodu ta' rapportar, eż. għal sistemi ta' ġbir ta' *data* diretti. Il-BĊNi għandhom jipprovdu informazzjoni fuq il-kriterji użati fir-rapportar dirett għall-identifikazzjoni ta' l-aġenti tar-rapportar u l-informazzjoni li għandha tintbagħat.

2. **Proċeduri ta' kumpilazzjoni**: il-metodu użat għall-kumpilazzjoni ta' *data* f'dan l-eżerċizzju għandu jiġi deskritt fil-qosor, per eżempju l-aggregazzjoni ta' informazzjoni fuq ħruġ ta' titoli individwali, arranġamenti għas-serje ta' ħin eżistenti u jekk humiex ippubblikati jew le.

3. **Residenza ta' min jagħmel il-ħruġ**: Il-BĊNi għandhom jispeċifikaw jekk huwiex possibbli li hijiex applikabbli kollha d-definizzjoni ta' residenza ta' l-ESA 95 (u l-IMF) fil-klassifikazzjonijiet tal-ħruġ. Jekk dan ma jkunx possibbli, jew possibbli parzjalment biss, il-BĊNi għandhom jipprovdu spjegazzjoni sħiħa tal-kriterji użati attwalment

4. **Taqsim settorjali ta' min jagħmel il-ħruġ**: il-BĊNi għandhom jindikaw id-devjazzjonijiet mill-klassifikazzjoni ta' min jagħmel il-ħruġ skond it-taqsim settorjali ddefinit fit-Taqsima 2 punt 2. In-noti għandhom jispjegaw id-devjazzjonijiet u kwistjonijiet dubbjużi

5. **Valuta tal-ħarġa**: jekk ma jkunx possibbli li jiġu identifikati separatament komponenti tal-valuta ta' ħarġa, il-BĊNi għandhom jispjegaw devjazzjonijiet mir-regoli. Barra minn dan, il-BĊNi li ma jistgħux jiddistingwu għat-titoli kollha bejn il-ħruġ f'denominazzjonijiet lokali, f'denominazzjonijiet oħra euro/nazzjonali u f'valuti oħrajn, għandhom jiddeskrivu fejn dan il-ħruġ ġie kklassifikat u jindikaw l-ammont totali ta' ħruġ li ma kinux allokati sewwa biex juru d-daqs tad-distorzjoni.

6. **Klassifikazzjoni tal-ħruġ**: Il-BĊNi għandhom jiprovdu informazzjoni komprensiva fuq it-tip ta' titoli koperti bid-*data* nazzjonali, inkluż l-kundizzjonijiet nazzjonali tagħhom. Jekk il-kopertura hija magħrufa li hija parzjali, il-BĊNi għandhom jispjegaw il-lakuni eżistenti

— Tqegħid privat: il-BĊNi għandhom jindikaw jekk humiex koperti jew le fid-*data* rrapportata,

— L-aċċettazzjonijiet tal-bankiera: jekk negozjabbli u inklużi fid-*data* rrapportata għal titoli fil-qasir, il-pajjiż li jirrapporta għandu jispjega fin-noti spjegattivi nazzjonali il-proċeduri nazzjonali għar-reġistrazzjoni ta' dawn l-istrumenti u n-natura ta' dawn l-istrumenti,

— Ishma kkwotati: il-BĊNi għandhom jindikaw jekk ishma mhux ikkwotati jew parteċipazzjoni azzjonarja oħra humiex koperti fid-*data* rrapportata bi stima ta' l-ammont ta' ishma mhux ikkwotati u/jew parteċipazzjoni azzjonarja oħra biex jintwera d-daqs tad-distorzjoni. Il-BĊNi għandhom jindikaw fin-noti spjegattivi nazzjonali kull lakuna magħrufa fil-kopertura ta' l-ishma kkwotati.

7. **Analiżi ta' l-istrument ta' titoli fit-tul**: jekk is-somma ta' rata fissa, rata varjabbli u bonds ta' kupun żero ma tkunx tat-total għat-titoli ta' dejn fit-tul, il-BĊNi għandhom jagħtu t-tip u l-ammont ta' titoli fit-tul li għalihom m'hemmx taqsim disponibbli.

8. **Maturità tal-ħruġ**: jekk l-applikazzjoni stretta ta' definizzjonijiet fil-qasir jew fit-tul ma jistgħux jiġu segwiti, il-BĊNi għandhom jindikaw fin-noti spjegattivi nazzjonali fejn id-*data* rapportata tista' tiddevja.

9. **Fidi**: Il-BĊNi għandhom jispeċifikaw kif iġibu l-informazzjoni fuq il-fidi u jekk l-informazzjoni tinġabarx bir-rapportar dirett jew ikalulata mir-reżidwi.

10. **Valutazzjoni tal-prezz**: Il-BĊNi għandhom jispeċifikaw fid-dettall fin-noti ta' spjega, il-proċedura ta' valutazzjoni użata għal 1) titoli ta' dejn fuq perjodu ta' żmien qasir; 2) titoli ta' dejn fuq perjodu ta' żmien twil; 3) *bonds* skontati; u 4) ishma kkwotati. Kull differenza ta' valutazzjoni għall-ishma u flussi għandha tiġi spjegata.

11. **Frekwenza tar-rapporti, puntwalità u medda taż-żmien**: Safejn id-*data* kkumpilati għal dan l-eżercizzju jkun ingħata f'konformità mal-ħtiġijiet ta' l-utent jiġifieri għad-*data* ta' kull xahar, b'puntwalità ta' ħames ġimgħat) għadu jiġi indikat. It-tul tas-serje taż-żmien għandha tingħata ukoll. Kwalunkwe waqfien fis-serje għandu jiġi rrapportat, per eżempju d-differenzi fil-kopertura tat-titoli matul iż-żmien.

12. **Reviżjonijiet**: Jekk saru r-reviżjonijiet, noti qosra ta' spjegazzjoni għandhom jispjegaw ir-raguni u l-firxa tagħhom.

13. **Kopertura stmata għal kull instrument maħruġ mir-residenti domestiċi**: Il-BĊNi jagħtu stimi nazzjonali tal-kopertura tat-titoli għal kull kategorija bil-ħrug mir-residenti domestici, jiġifieri ħruġ ta' titoli fuq medda qasira ta' żmien, fuq medda twila ta' żmien, u ishma kwotati, f'valuta lokali, denominazzjonijiet euro/nazzjonali inklużi l-ECU, u valuti oħrajn. L-istimi tal-"kopertura f' %" tindika s-sehem tat-titoli koperti għal kull kategorija ta' instrument bħala perċentwali tal-ħrug lokali, li għandu idealment ikun rapportat taħt l-intestatura relattiva wara r-regoli tar-rapportar. Deskrizzjonijiet qosra jistgħu jkunu pprovduti f'"kummenti". Il-BĊNi għandhom jindikaw ukoll kwalunkwe tibdil fil-kopertura bħala riżultat ta' l-unjoni monetarja.

| | | | Kopertura f%: | Kummenti: |
|---|---|---|---|---|
| **Ħruġ f'euro/denominazzjonijiet nazzjonali** | Denominazzjoni lokali | STS | | |
| | | LTS | | |
| | | QUS | | |
| | Euro/denominazzjonijiet nazzjonali barra mill-munita lokali, inkluż l-ECU | STS | | |
| | | LTS | | |
| **F'valuti oħra** | | STS | | |
| | | LTS | | |

STS = Titoli ta' dejn fuq perjodu ta' żmien qasir
LTS = Titoli ta' dejn fuq perjodu ta' żmien twil
QUS = ishma kkwotati

*PARTI 13*

## Statistika ta' ħlasijiet

### *Taqsima 1: Medja ta' settlement*

Mezzi ta' *settlement* huma assi jew klejms fuq assi li jintużaw għall-ħlasijiet

*TABELLA 1*

**Mezzi ta' settlement użati minn mhux MFIs** (*)

| | Partit | |
|---|---|---|
| | **I. Passiv tal-BĊN**<br>*Depożiti miżmumin mill-BĊN* | **II. Passiv iehor ta' l-MFI**<br>*Depożiti miżmumin mill-OMFIs* |
| **I.a Matul il-lejl Depożiti**<br>– ***Euro*** | ta' gvern ċentrali domestiku<br>tal-gvernijiet ċentrali ta' l-Istati Membri oħrajn taż-żona ta' l-euro<br>tal-bqija tad-dinja, ħlief għall-banek | ta' gvern ċentrali domestiku<br>tal-gvernijiet ċentrali taż-żona ta' l-euro<br>tal-bqija tad-dinja, ħlief għall-banek |
| **I.b Matul il-lejl Depożiti**<br>– ***Valuti oħrajn*** | ta' gvern ċentrali domestiku<br>tal-gvernijiet ċentrali ta' l-Istati Membri oħrajn taż-żona ta' l-euro<br>tal-bqija tad-dinja, ħlief għall-banek | ta' gvern ċentrali domestiku<br>tal-gvernijiet ċentrali taż-żona ta' l-euro<br>tal-bqija tad-dinja, ħlief għall-banek |

(*) EUR miljun, fl-aħħar tal-perjodu.

*TABELLA 2*

**Mezzi ta' settlement użati minn istituzzjonijiet ta' kreditu** (*)

| Partiti |
|---|
| Depożiti ta' matul il-lejl f'euro miżmumin f'istituzzjonijiet oħra ta' kreditu (l-aħħar tal-perjodu) |
| *Partita tal-memorandum:*<br>Self intraday f'euro mill-bank ċentrali (medja għall-aħħar perjodu ta' żamma ta'riżerva) (1) |

(*) EUR miljun

(1) Valur totali ta' kreditu estiż mill-bank ċentrali lill-istituzzjonijiet ta' kreditu u rimborżati f'perjodu ta' anqas minn jum. Din hija l-medja tal-valur massimu ta' kuljum ta' pożizzjonijiet ta' *overdraft* simultanji u attwali intraday jew it-teħid mill-faċiltajiet ta' kreditu intraday matul il-jum għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha meħudn flimkien.

### *Taqsima 2: Istituzzjonijiet li joffru servizzi ta' ħlas*

Istituzzjonijiet li joffru servizzi ta' ħlas huma istituzzjonijiet legalment indipendenti li joperaw fil-pajjiż li jirrapporta, u huma:

— il-bank ċentrali,

— istituzzjonijiet ta' kreditu, inkorporati legalment fil-pajjiż li jirrapporta (inkluż "Istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi"),

— friegħi ta' istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona ta' l-euro,

— friegħi ta' istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-ŻEE 'l barra miż-żona ta' l-euro,

— friegħi ta' banek mhux ibbażati fiż-ŻEE

— istituzzjonijiet oħrajn li joffru servizzi ta' ħlas lil mhux MFIs.

*TABELLA 3*

**Istituzzjonijiet oħrajn li joffru servizzi ta' ħlas lil mhux MFIs** (*)

| Partiti | |
|---|---|
| Bank ċentrali | Numru ta' uffiċċji<br>Numru ta' depożiti ta' matul il-lejl miżmumin minn mhux MFI (2) (eluf) |
| *Istituzzjonijiet ta' kreditu irrispettivament mill-inkorporazzjoni legali tagħhom* | Numru ta' depożiti ta' matul il-lejl miżmumin minn mhux MFI (2) (eluf)<br>*li minnhom*: Internet/PC-linked (2) (eluf) |
| — *Istituzzjonijiet ta' kreditu inkorporati legalment fil-pajjiż ta' rapportar tagħhom* | Numru ta' istituzzjonijiet (1)<br>Numru ta' uffiċċji<br>Valur ta' Depożiti ta' matul il-lejl miżmumin minn mhux MFI (2) (euro miljun) |
| — *Friegħi ta' istituzzjonijiet ta' kreditu bbażati fiż-żona ta' l-euro* | Numru ta' istituzzjonijiet (1)<br>Numru ta' uffiċċji<br>Valur ta' Depożiti ta' matul il-lejl miżmumin minn mhux MFI (2) (euro miljun) |
| — *Friegħi ta' istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-ŻEE 'l barra miż-żona ta' l-euro* | Numru ta' istituzzjonijiet (1)<br>Numru ta' uffiċċji<br>Valur ta' Depożiti ta' matul il-lejl miżmumin minn mhux MFI (2) (euro miljun) |
| — *Friegħi ta' banek mhux ibbażati fiż-ŻEE* | Numru ta' istituzzjonijiet (1)<br>Numru ta' uffiċċji<br>Valur ta' Depożiti ta' matul il-lejl miżmumin minn mhux MFI (2) (euro miljun) |
| *Istituzzjonijiet oħrajn li joffru servizzi ta' ħlas lil mhux MFIs* | Numru ta' istituzzjonijiet (1)<br>Numru ta' uffiċċji<br>Numru ta' depożiti ta' matul il-lejl miżmumin minn mhux MFI (2) (eluf)<br>Valur ta' Depożiti ta' matul il-lejl miżmumin minn mhux MFI (2) (euro miljun) |
| *Partiti tal-memorandum* | |
| *Istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi* | Numru ta' istituzzjonijiet (1)<br>Valur pendenti ta' *e-money* maħruġin minn istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi u miżmumin minn entitajiet li ma jkunux min ikun ħariġhom, inkluż istituzzjonijiet ta' kreditu li ma jkunux min ikun ħariġhom (euro miljun) |

(*) L-aħħar tal-perjodu.

(1) Kull istituzzjoni tingħadd darba, irrispettivament min-numru ta' uffiċċji li jkollha fil-pajjiż. Is-subkategoriji ta' istituzzjonijiet huma reċiprokament esklużivi. In-numru ta' istituzzjonijiet totali hija s-somma tas-subkategoriji kollha. L-istituzzjonijiet huma inklużi għall-ewwel darba li huma rrapportati lill-BĊE għal skopijiet ta' l-istatistika MFI.

(2) Jekk mhux MFI jkollha diversi kontijiet, kull kont jingħadd separatament.

— Numru ta' uffiċċji jinkludi l-uffiċċju ewlieni ta' l-istituzzjoni jekk toffri servizzi ta' ħlas bi klerjar u *settlement* mingħajr flus kontanti. Uffiċċji m'humiex inklużi. Kull post ta' negozju stabbilit fl-istess pajjiż tar-rapportar jingħadd separatament,

— Depożiti ta' matul il-lejl bl-Internet/marbuta mal-PC: Depożiti ta' matul il-lejl b'aċċess bankarju bit-telefown jew ċellulari m'humiex inklużi, sakemm ma jkunux aċċessibbli wkoll permezz ta' l-Internet jew programmi tal-PC banking.

*Taqsima 3: Funzjonijiet tal-karta u ta' tagħmir li jaċċetta*

*TABELLA 4*

**Funzjonijiet tal-karta u ta' tagħmir li jaċċetta** (*)

| Partiti | |
|---|---|
| **Numru ta' karti maħruġin mill-pajjiż** (1) | **Terminals li jinsabu fil-pajjiż** (1) |
| Numru ta' karti b'funzjoni ta' flus kontanti<br>Numru ta' karti b'funzjoni ta' ħlas ħlief għall-karti b'funzjoni ta' *e-money* biss (2)<br>— b'funzjoni ta' debitu<br>— b'funzjoni ta' debitu ttardjat<br>— b'funzjoni ta' kreditu<br>— b'funzjoni ta' debitu u/jew b'funzjoni ta' debitu ttardjat (3)<br>— b'funzjoni ta' kreditu u/jew b'funzjoni ta' debitu ttardjat (4)<br>Numru ta' karti b'funzjoni ta' *e-money*<br>— karti li ddaħħlu ta' l-anqas darba<br>Numru ta' karti totali b'kwalunkwe numru ta' funzjonijiet (5)<br>— b'funzjoni kkombinata ta' debitu, flus kontanti u *e-money* (6) | ATMs (7)<br>— b'funzjoni ta' żbank ta' flus<br>— b'funzjoni ta' trasferiment ta' kreditu<br><br>POS terminals<br>— EFTPOS terminals<br><br>Terminals ta' arta elettronika tal-flus (7)<br>— Terminals li jdaħħlu/joħorġu l-karta<br>— terminals li jaċċettaw karta |

(*) Unitajiet oriġinali, l-aħħar tal-perjodu.
(1) Karti jew terminals li joffru diversi funzjonijiet jingħaddu f'kull subkategorija applikabbli.
(2) Karti li joffru diversi funzjonijiet jingħadu darba biss. Iżda, kull funzjoni ta' ħlas hija indikata wkoll taħt kull subkategoriji rilevanti.
(3) Jekk id-*data* fuq "Karti b'funzjoni ta' debitu" u "Karti b'funzjoni ta' debitu ttardjat" m'humiex disponibbli biss.
(4) Jekk id-*data* fuq "Karti b'funzjoni ta' kreditu" u "Karti b'funzjoni ta' debitu ttardjat" m'humiex disponibbli biss.
(5) Karti b'funzjonijiet molteplici għandhom jingħadu darba biss.
(6) Indika kull funzjoni supplimentari għal dawn il-karti, eż. Il-funzjoni ta' kreditu, fin-noti ta' l-aħħar.
(7) Jekk terminal joffri diversi funzjonijiet, jingħadd darba biss. Iżda, kull funzjoni hija indikata wkoll taħt kull subkategoriji rilevanti.

1. **Karti**

Karti jingħaddu fuq in-naħa li toħroġ il-karta. Kull pajjiż jirrapporta n-numru ta' karti li nħarġu fil-pajjiż u użati għal tranżazzjonijiet ġewwa u barra l-pajjiż ta' ħruġ.

Jekk karta toffri diversi funzjonijiet elenkati hawn taħt, tingħadd f'kull subkategorija applikabbli. B'hekk, in-numru totali ta' karti jista' jkun iżgħar mis-somma tas-subkategoriji, u biex l-għadd ma jsirx darbtejn, is-subkategoriji m'għandhomx jingħaddu.

Il-funzjonijiet tal-karta jikkomprendu:

— Funzjoni ta' flus kontanti: dan jippermetti lid-detentur tal-karta biex jiżbanka l-flus kontanti minn *cash dispenser* u/jew għad-depożitu ta' kontanti. Il-funzjoni ta' flus kontanti is-soltu tkun maqgħuda ma' funzjoni ta' ħlas.

— Funzjoni ta' ħlas (ħlief għall-funzjoni ta' *e-money*): funzjoni ta' debitu, u/jew funzjoni ta' debitu ttardjat u/jew funzjoni ta' kreditu. Il-karta jista' jkollha funzjonijiet oħrajn, bħall-funzjoni ta' *e-money*, imma karti b'funzjoni biss ta' *e-money* ma jitqiesux f'din il-kategorija.

— Funzjoni ta' debitu: Tippermetti lid-detenturi tal-karta biex ix-xiri tagħhom jiġi direttament u immedjatament addebitat lill-kontijiet tagħhom, kemm jekk qegħdin għand min joħroġ il-karta jew le. Tista' tkun marbuta ma' kont li joffri faċilitajiet ta' overdraft bħala element addizzjonali.

— Funzjoni ta' debitu ttardjat: Tippermetti lid-detenturi tal-karta biex ix-xiri tagħhom jiġi addebitat lill-kont tagħhom ma' min joħroġ il-karta, sa limitu awtorizzat. Il-bilanċ f'dan il-kont imbagħad jitħallas sħiħ fl-aħħar ta' perjodu predefinit.

— Funzjoni ta' kreditu: Tippermetti lid-detenturi tal-karti li jagħmlu xirjiet u/jew jiżbankaw flus kontanti sa limitu stabbilit minn qabel. Il-kreditu mogħti jista' jitħallas kollu ta' l-aħħar ta' perjodu speċifikat jew jista' jitħallas in parti, bil-bilanċ jittieħed bħala kreditu estiż li fuqu jkun hemm is-soltu mgħax.

— Il-karti b'funzjoni ta' debitu u/jew debitu ttardjat: din il-kategorija hija rrapportata biss jekk id-*data* ma jistgħux jinqasmu f'"Karti b'funzjoni ta' debitu" u "Karti b'funzjoni ta' debitu ttardjat".

— Il-karti b'funzjoni ta' kreditu u/jew debitu ttardjat: din il-kategorija hija rrapportata biss jekk id-*data* ma jistgħux jinqasmu f'"Karti b'funzjoni ta' creditu" u "Karti b'funzjoni ta' debitu ttardjat".

— Funzjoni ta' *e-money*: karti li fuqhom jistgħu jinħażnu direttament flus elettroniċi.

2. **Terminals**

It-terminals kollha li jinsabu fil-pajjiż jingħaddu. Punti ta' aċċess mhux fiżiċi, bħall-Internet jew aċċess bit-telefown għasservizzi, m'humiex inklużi Karti jew terminals li joffru diversi funzjonijiet jingħaddu f'kull subkategorija applikabbli. B'hekk, in-numru totali ta' terminals jista' jkun iżgħar mis-somma tas-subkategoriji, u biex l-għadd ma jsirx darbtejn, is-subkategoriji m'għandhomx jingħaddu.

***Taqsima 4: Tranżazzjonijiet ta' ħlas u tat-terminal li jinvolvu mhux MFIs***

1. **Tranżazzjonijiet skond it-tip ta' strument ta' ħlas**

Din it-taqsima tikkomprendi t-tranżazzjonijiet kollha mibdija minn mhux MFIs, kif ukoll tranżazzjonijiet mibdijin minn MFIs jekk in-naħa l-oħra tat-tranżazzjoni m'hijex MFI. Tinkludi tranżazzjonijiet iddenominati f'valuta barranija u mibdija fil-pajjiż. Id-*data* huma kkalkulati mill-ġdid bl-użu tar-rata tal-kambju ta' referenza tal-BĊE. Fl-każ ta' ħlasijiet f'ammont kbir, kull ħlas individwali jingħadd.

2. **Tranżazzjonijiet skond it-tip ta' terminal**

Din it-taqsima tikkomprendi tranżazzjonijiet għall-flus kontanti u flus mhux kontanti magħmulin minn terminal fiżiku (mhux virtwali). L-iskop tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas bil-karti rrapportat f'din it-taqsima huwa iżgħar minn dak tat-tranżazzjonijiet rrapportati fit-Taqsima 4, punt 1 "Tranżazzjonijiet skond it-tip ta' strument ta' ħlas", billi t-tranżazzjonijiet tal-karti fil-punti virtwali ta' bejgħ, eż. fuq l-Internet jew it-telefown huma esklużi, filwaqt li dawn it-trażazzjonijiet huma rrapportati fit-Taqsima 4, punt 1.

Tranżazzjonijiet skond it-tip ta' terminal jingħaddu fuq tliet livelli differenti skond fejn jinsab it-terminal u r-residenza ta' min joħroġ il-karta. Jekk l-ebda distinzjoni skond fejn jinsab it-terminal u/jew ir-residenza ta' min joħroġ il-karta ma hija possibbli, it-tranżazzjonijiet huma inklużi fil-partita "*a) Terminali li jinsabu fil-pajjiż b'karti maħruġin fil-pajjiż*" bħala l-aktar kategorija komuni u għandha tingħata spjegazzjoni fin-"noti ta' l-aħħar".

*TABELLA 5*

**Tranżazzjonijiet ta' ħlas u tat-terminal li jinvolvu mhux MFIs — Numru ta' tranżazzjonijiet** (*)

| Partiti | |
|---|---|
| **Tranżazzjonijiet skond it-tip ta' strument ta' ħlas** (1) | **Tranżazzjonijiet skond it-tip ta' terminal** (1) |
| Trasferimenti ta' kreditu<br>— Ibbażati fuq il-karta<br>— Mhux ibbażati fuq il-karta<br>Debitar dirett<br>Ħlasijiet ta' karti b'karti maħruġin fil-pajjiż ħlief għal karti b'funzjoni ta' *e-money* biss<br>— b'funzjoni ta' debitu<br>— b'funzjoni ta' debitu ttardjat<br>— b'funzjoni ta' kreditu<br>— b'funzjoni ta' debitu u/jew b'funzjoni ta' debitu ttardjat (2)<br>— b'funzjoni ta' kreditu u/jew b'funzjoni ta' debitu ttardjat (3)<br>Tranżazzjonijiet ta' xiri bl-e-monny<br>— b'karti b'funzjoni ta' *e-money*<br>— bil-ħażniet ta' *e-money* oħrajn<br>Ċekkijiet<br>Strumenti oħra ta' ħlas<br>Tranżazzjonijiet totali bi strumenti ta' ħlas<br>— Tranżazzjonijiet internazzjonali mibgħuta | a) *Terminals li jinsabu fil-pajjiż bil-karti maħruġin fil-pajjiż*<br>Żbankar ta' flus kontanti mill-ATM<br>Depożitita' flus kontanti fl-ATM<br>Tranżazzjonijiet POS irrespettivament mit-tip ta' karta użata<br>Tranżazzjonijiet ta karti li jdaħħlu/joħorġu l-karta ta' *e-money*<br>b) *Terminals li jinsabu fil-pajjiż bil-karti maħruġin' il barra mill-pajjiż*<br>Żbankar ta' flus kontanti mill-ATM<br>Depożiti fi flus kontanti fl-ATM<br>Tranżazzjonijiet POS irrespettivament mit-tip ta' karta użata<br>Tranżazzjonijiet ta karti li jdaħħlu/joħorġu l-karta ta' *e-money*<br>ċ) *Terminals li jinsabu 'il barra mill-pajjiż bil-karti maħruġin fil-pajjiż*<br>Żbankar ta' flus kontanti mill-ATM<br>Depożiti fi flus kontanti fl-ATM<br>Tranżazzjonijiet POS irrespettivament mit-tip ta' karta użata<br>*E-money* card-loading/unloading transactions |
| *Partiti tal-memorandum*<br>Tranżazzjonijiet internazzjonali rċevuti (4)<br>Krediti fil-kontijiet b'entrata sempliċi fil-kont<br>Debiti fil-kontijiet b'entrata sempliċi fil-kont | *Partiti tal-memorandum*<br>Ħlas ta' flus kontanti fi-terminals POS<br>Żbank ta' flus kontanti OTC<br>Depożiti ta' flus kontanti OTC |

(*) Miljun, total għall-perjodu.
(1) Kull tranżazzjoni hija rrapportata f'subkategorija waħda biss.
(2) Jekk id-*data* fuq "Ħlasijiet b'karti b'funzjoni ta' debitu" u "Ħlasijiet b'karti b'funzjoni ta' debitu ttardjat" m'humiex disponibbli biss.
(3) Jekk id-*data* fuq "Ħlasijiet b'karti b'funzjoni ta' kreditu" u "Ħlasijiet b'karti b'funzjoni ta' debitu ttardjat" m'humiex disponibbli separatament biss.
(4) Jekk iċ-ċifri fuq it-tranżazzjonijiet irċevuti huma disponibli biss.

*TABELLA 6*

**Tranżazzjonijiet ta' ħlas u tat-terminal li jinvolvu mhux MFIs — Valur ta' tranżazzjonijiet** (*)

| Partiti | |
|---|---|
| **Tranżazzjonijiet skond it-tip ta' strument ta' ħlas** ([1]) | **Tranżazzjonijiet skond it-tip ta' terminal** ([1]) |
| Trasferimenti ta' kreditu<br>— Ibbażati fuq il-karta<br>— Mhux ibbażati fuq il-karta<br>Debitar dirett<br>Ħlasijiet ta' karti b'karti maħruġin fil-pajjiż ħlief għal karti b'funzjoni ta' *e-money* biss<br>— b'funzjoni ta' debitu<br>— b'funzjoni ta' debitu ttardjat<br>— b'funzjoni ta' kreditu<br>— b'funzjoni ta' debitu u/jew b'funzjoni ta' debitu ttardjat ([2])<br>— b'funzjoni ta' kreditu u/jew b'funzjoni ta' debitu ttardjat ([3])<br>Tranżazzjonijiet ta' xiri bl-e-monny<br>— b'karti b'funzjoni ta' *e-money*<br>— bil-ħażniet ta' *e-money* oħrajn<br>Ċekkijiet<br>Strumenti oħra ta' ħlas<br>Tranżazzjonijiet totali bi strumenti ta' ħlas<br>— Tranżazzjonijiet internazzjonali mibgħuta | a) *Terminals li jinsabu fil-pajjiż bil-karti maħruġin fil-pajjiż*<br>Żbankar ta' flus kontanti mill-ATM<br>Depożiti ta' flus kontanti fl-ATM<br>Tranżazzjonijiet POS irrespettivament mit-tip ta' karta użata<br>Tranżazzjonijiet ta karti li jdaħħlu/joħorġu l-karta ta' *e-money*<br>b) *Terminals li jinsabu fil-pajjiż bil-karti maħruġin' il barra mill-pajjiż*<br>Żbankar ta' flus kontanti mill-ATM<br>Depożiti ta' flus kontanti fl-ATM<br>Tranżazzjonijiet POS irrespettivament mit-tip ta' karta użata<br>Tranżazzjonijiet ta karti li jdaħħlu/joħorġu l-karta ta' *e-money*<br>ċ) *Terminals li jinsabu 'il barra mill-pajjiż bil-karti maħruġin fil-pajjiż*<br>Żbankar ta' flus kontanti mill-ATM<br>Depożiti ta' flus kontanti fl-ATM<br>Tranżazzjonijiet POS irrespettivament mit-tip ta' karta użata<br>Tranżazzjonijiet ta karti li jdaħħlu/joħorġu l-karta ta' *e-money* |
| *Partiti tal-memorandum*<br>Tranżazzjonijiet internazzjonali rċevuti ([4])<br>Krediti fil-kontijiet b'entrata sempliċi fil-kont<br>Debiti fil-kontijiet b'entrata sempliċi fil-kont | *Partiti tal-memorandum*<br>Ħlas ta' flus kontanti fi-terminals POS<br>Żbank ta' flus kontanti OTC<br>Depożiti ta' flus kontanti OTC |

(*) EUR miljun total għall-perjodu.
([1]) Kull tranżazzjoni hija rrapportata f'subkategorija waħda biss.
([2]) Jekk id-*data* fuq "Ħlasijiet b'karti b'funzjoni ta' debitu" u "Ħlasijiet b'karti b'funzjoni ta' debitu ttardjat" m'humiex disponibbli biss.
([3]) Jekk id-*data* fuq "Ħlasijiet b'karti b'funzjoni ta' kreditu" u "Ħlasijiet b'karti b'funzjoni ta' debitu ttardjat" m'humiex disponibbli separatament biss.
([4]) Jekk iċ-ċifri fuq it-tranżazzjonijiet irċevuti huma disponibbli biss.

— It-trasferimenti ta' kreditu jingħaddu fuq in-naħa tal-pagatur. Jinkludu ordnijiet postal u ordnijiet ta' flus.

Trasferimenti ta' kreditu huma jew ibbażati fuq il-karta jew mhux ibbażati fuq il-karta:

(i) *Trasferimenti ta' kreditu ibbażat fuq il-karta*: trasferimenti ta' kreditu li l-pagatur jissottometti f'forma bbażata fuq il-karta.

(ii) *Trasferimenti ta' kreditu mhux ibbażati fuq il-karta*: trasferimenti ta' kreditu li l-pagatur jissottometti mingħajr l-użu tal-karta, jiġifieri elettronikament.

— It-trasferimenti ta' debiti diretti jingħaddu fuq in-naħa ta' dak li jitħallas. Huma inklużi kemm debiti ta' darba u rikorrenti. Fil-każ ta' debiti diretti rikorrenti, kull ħlas individwali jingħadd bħala tranżazzjoni waħda.

— Ħlasijiet ta' karti b'karti maħruġin fil-pajjiż, ħlief għal karti b'funzjoni ta' *e-money* biss jingħaddu fuq in-naħa li toħroġ tal-karta. Tranżazzjonijiet ta' *e-money* m'humiex inklużi.

— Tranżazzjonijiet ta' xiri ta' *e-money* jingħaddu fuq in-naħa li toħroġ tal-karta jew ħażna użata. Jiġu rrapportati biss tranżazzjonijiet b'karti jew ħażniet maħruġin fil-pajjiż.

— Iċ-ċekkijiet jingħaddu fuq in-naħa ta' min jitħallas meta jintbagħtu għall-ikklerjar taċ-ċekk. Ċekkijiet maħruġin imma mhux mibgħutin għall-ikklerjar m'humiex inklużi.

— Strumenti oħra ta' ħlas ħlasijiet bi strumenti li jeżistu f'xi pajjiżi li ma jistgħux jiġu inklużi f'xi kategorija oħra ta' strumenti ta' ħlas eż. kambjali, inkluż kambjali maqsumin. In-"noti ta' l-aħħar" jispeċifikaw liema strumenti huma inklużi.

— Tranżazzjonijiet internazzjonali mibgħuta Subkategorija ta' "Numru totali/Valur ta' tranżazzjonijiet bi strumenti ta' ħlas".

— Tranżazzjonijiet internazzjonali rċevuti. L-informazzjoni tingħata jekk disponibbli fil-pajjiż tar-rapportar. It-trasferimenti ta' kreditu jingħaddu fuq in-naħa ta' min jitħallas (jiġifieri r-riċevent li jagħti l-istruzzjonijiet). Id-debiti diretti u ċ-ċekkijiet jingħaddu fuq in-naħa ta' min jitħallas (jiġifieri r-riċevent li jagħti l-istruzzjonijiet). It-tranżazzjonijiet tal-karta jingħaddu fuq in-naħa ta' min jakkwista (jiġifieri min jitħallas).

— Krediti fil-kontijiet b'entrata sempliċi fil-kont. Element obbligatorju tad-*data*, jiġifieri *data* għandhom jiġu rrapportati kemm jista' jkun malajr fil-kuntest nazzjonali.

— Debiti mill-kontijiet b'entrata sempliċi fil-kont. Element obbligatorju tad-*data*, jiġifieri *data* għandhom jiġu rrapportati kemm jista' jkun malajr fil-kuntest nazzjonali.

— Krediti lil/debiti minn mill-kontijiet b'entrata sempliċi fil-kont għandhom jiġu esklużi mit-trasferimenti ta' kreditu, debiti diretti jew kull kategorija oħra ta' strumenti ta' ħlas tradizzjonali u jkollhom jiġu rrapportati biss taħt il-partiti ta' memo korrispondenti. dan japplika wkoll għad-*data* b'lura, bla ħsara għad-disponibbiltà tad-*data*.

— Żbank ta' flus kontanti mill-*automatic teller machine* (ATM). Żbank ta' flus kontanti magħmulin f'ATM bl-użu ta' karta b'funzjoni ta' flus kontanti. Ħlas ta' flus kontanti fit-terminals POS bl-użu ta' karta b'funzjoni ta' debitu, kreditu jew debitu ttardjat m'humiex inklużi imma rrapportati taħt "Tranżazzjonijiet POS".

— Depożiti ta' flus kontanti fl-ATM Depożiti ta' flus kontanti magħmulin f'ATM bl-użu ta' karta b'funzjoni ta' flus kontanti.

— Tranżazzjonijiet POS jikkomprendu tranżazzjonijiet f'terminals EFTPOS u tranżazzjonijiet bl-użu ta' imprinters manwali. Inkludi ħlasijiet fi flus kontanti fit-terminals POS; jekk dawn jistgħu jiġu distinti, huma rrapportati wkoll fil-partita tal-memorandum "Ħlasijiet ta' flus kontanti fit-terminals POS".

— Tranżazzjonijiet ta' karti li jdaħħlu/joħorġu l-karta ta' *e-money* Kemm tranżazzjonijiet li jdaħħlu u joħorġu huma inklużi.

— Żbankar ta' flus kontanti OTC m'humiex inklużi fit-taqsim ta' l-istrumenti ta' ħlas. Madankollu, jistgħu jiġu rrapportati *data* bħala partiti tal-memorandum jekk huma disponibbli.

— Depożiti ta' flus kontanti OTC m'humiex inklużi fit-taqsim ta' l-istrumenti ta' ħlas. Madankollu, jistgħu jiġu rrapportati *data* bħala partiti tal-memorandum jekk huma disponibbli.

## *Taqsima 5: Sistemi ta' trasferiment ta' fondi interbank magħżula*

Sistemi ta' trasferiment ta' fondi interbank (IFTSs) huma inklużi, kemm jekk operati minn bank ċentrali jew operatur privat. Iċ-ċifri jingħataw fuq il-bażi ta' sistema b'sistema. Jiġu elenkati biss sistemi li jgħaddi minnhom volum sinjifikanti ta' negozju. L-aktar dawn huma s-sistemi msemmijin fil-parti testwali tal-Ktieb Blu. Is-sistemi huma inklużi jekk huma operattivi matul xi sena mill-ħamsa ta' referenza ta' qabel.

IFTSs jinqasmu f'komponenti TARGET u sistemi ta' ħlas mhux TARGET:

— komponent tat-TARGET huwa sistema ta' *settlement* gross f'ħin reali nazzjonali (RTGS) li huwa komponent tat-TARGET kif identifikat fl-Anness I tal-Linja ta' Gwida ECB/2005/16 tat-30 ta' Diċembru 2005 fuq *Trans-European Automated Real-Time Gross Settlement Express Transfer system* TARGET), il-mekkaniżmu ta' ħlas BĊE (EPM) jew is-sistema RTGS ta' Stat Membru li għadu ma adottax l-euro imma huwa konness direttament mat-TARGET u firma l-Ftehim TARGET

— sistema ta' ħlas mhux TARGET hija IFTS li mhijiex parti komponenti tat-TARGET.

1. **Parteċipazzjoni f'sistemi ta' trasferiment ta' fondi interbank magħżula**

Kull parteċipant li għandu aċċess individwali għas-sistema jew jista' jiġi indirizzat individwalment fis-sistema jingħadd separatament, irrispetivament minn jekk hemmx rabta legali bejn żewġ parteċipanti jew iżjed bħal dawn, eż fil-każ ta' għaqda.

*TABELLA 7*

**Parteċipazzjoni f'sistemi ta' trasferiment ta' fondi interbank magħżula** (*)

| Partiti | | |
|---|---|---|
| **Komponent TARGET** | **Systema ta' ħlas mhux -TARGET** [irriferi għal-lista ta' sistemi ta' ħlas] | |
| | **LVPS** [Irrapportat separatament għal kull LVPS 1, 2] | **Sistema blimnut** [Irrapportat separatament għal kull sistema ta' ħlas blimnut 1, 2, 3, 4] |
| Numru ta' parteċipanti | Numru ta' parteċipanti | Numru ta' parteċipanti |
| a) Parteċipanti diretti | a) Parteċipanti diretti | a) Parteċipanti diretti |
| *li minnhom:* | *li minnhom:* | *li minnhom:* |
| Istituzzjonijiet ta' kreditu | Istituzzjonijiet ta' kreditu | Istituzzjonijiet ta' kreditu |
| Bank ċentrali | Bank ċentrali | Bank ċentrali |
| Parteċipanti diretti oħrajn | Parteċipanti diretti oħrajn | Parteċipanti diretti oħrajn |
| *li minnhom* | *li minnhom* | *li minnhom* |
| — Amministrazzjoni pubblika | — Amministrazzjoni pubblika | — Amministrazzjoni pubblika |
| — Istituzzjoni postali | — Istituzzjoni postali | — Istituzzjoni postali |
| — Organizzazzjonijiet ta' kklerjar u ħlas | — Organizzazzjonijiet ta' kklerjar u ħlas | — Organizzazzjonijiet ta' kklerjar u ħlas |
| — Istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn | — Istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn | — Istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn |
| — Oħrajn | — Oħrajn | — Oħrajn |
| b) Parteċipanti indiretti | b) Parteċipanti indiretti | b) Parteċipanti indiretti |

(*) L-aħħar tal-perjodu, unitajiet oriġinali.

— Parteċipant dirett huwa entità li hija identifikata jew rikonoxxuta minn IFTS u hija awtorizzata tibgħat jew tirċievi ordnijiet ta' ħlas direttament lis- jew mis-sistema mingħajr intermedjarju jew hija direttament marbuta bir-regoli li jirregolaw l-IFTS. F'xi sistemi, parteċipanti diretti jiskambjaw ordnijiet ukoll f'isem parteċipant indiretti.

— Parteċipant indirett huwa parteċipant f'sistema ta' ħlas b'arranġament f'sensiela, li tuża parteċipant dirett bħala intemedjarju biex isiru xi attivitajiet permessi fis-sistema (partikolarment is-*settlement*).

2. **Ħlasijiet ipproċessati b'sistemi ta' trasferiment ta' fondi interbank magħżula**

It-Tabelli 8 u 9 jikkomprendu *data* fuq tranżazzjonijiet mibgħuta lil u ppproċessati f'sistema ta' trasferiment ta' fondi interbank. Kull ħlas jingħadd darba fuq in-naħa tal-parteċipant li jibgħat u mhux darbtejn — jiġifieri l-addebitar tal-kont tal-pagatur u l-ikkreditjar tal-kont ta' min iħallas ma jingħaddux separatament Il-ħlasijiet magħmulin fis-sistema biss huma inklużi. Ħlasijiet miċħudin jew mħassra huma esklużi.

Biex jiġi evitat l-għadd doppju, tranżazzjonijiet internazzjonali jingħaddu fil-pajjiż fejn toriġina t-tranżazzjoni.

Id-deskrizzjonijiet ta' strumenti ta' ħlas fit-Taqsima 4 japplikaw għall-partiti differenti f'din it-taqsima. It-tranżazzjonijiet kollha jingħaddu fuq in-naħa tal-parteċipant li jibgħat l-istruzzjoni.

*TABELLA 8*

**Ħlasijiet ipproċessati minn sistemi ta' trasferiment ta' fondi interbank magħżula — Numru ta' tranżazzjonijiet** (*)

| Partiti | | |
|---|---|---|
| **Komponent tat-TARGET** | **Sistema ta' ħlas mhux tat-TARGET**<br>(Irreferi għallista ta' sistemi ta' ħlas) | |
| | **LVPS** (1)<br>(irrapporati separatament għal kull LVPS 1, 2) | **Sistema ta' ħlas blimnut**<br>(Irrapportata separatament għal kull sistema ta' ħlas blimnut |
| Tranżazzjonijiet kollha mibgħuta<br>— Fl-istess komponent tat-TARGET<br>— Lill-komponent tat-TARGET ieħor<br>*li minnhom:*<br>— lil komponent taż-żona ta' l-euro<br>— lil komponent taż-żona ta' l-euro<br>Proporzjon ta' konċentrazzjoni f'termini ta' volum (proporzjon) | Tranżazzjonijiet kollha mibgħuta<br>— Trasferimenti ta' kreditu<br>*li minnhom:*<br>— Ibbażat fuq il-karta<br>— Mhux ibbażat fuq il-karta<br>— Debitar dirett<br>— Ħlasijiet b'karta<br>— Tranżazzjonijiet ATM<br>— Tranżazzjonijiet ta' *e-money*<br>— Ċekkijiet<br>— Strumenti oħra ta' ħlas<br>Proporzjon ta' konċentrazzjoni f'termini ta' volum (proporzjon) | Tranżazzjonijiet kollha mibgħuta<br>— Trasferimenti ta' kreditu<br>*li minnhom:*<br>— Ibbażat fuq il-karta<br>— Mhux ibbażat fuq il-karta<br>— Debitar dirett<br>— Ħlasijiet b'karta<br>— Tranżazzjonijiet ATM<br>— Tranżazzjonijiet ta' *e-money*<br>— Ċekkijiet<br>— Strumenti oħra ta' ħlas<br>Proporzjon ta' konċentrazzjoni f'termini ta' volum (proporzjon) |
| ***Partita tal-memorandum:***<br>Tanżazzjonijiet irċevuti minn ieħor Komponent tat-TARGET | | |

(*) miljun, total għall-perjodu.
(1) Sistema ta' ħlas ta' valur kbir.

*TABELLA 9*

**Ħlasijiet ipproċessati minn sistemi ta' trasferiment ta' fondi interbank magħżula — Valur ta' tranżazzjonijiet** (*)

| Partiti | | |
|---|---|---|
| **Komponent tat-TARGET** | **Sistema ta' ħlas mhux tat-TARGET**<br>(Irreferi għallista ta' sistemi ta' ħlas) | |
| | **LVPS**<br>(Irrapportati separatament għal kull LVPS 1, 2) | **Sistema ta' ħlas blimnut**<br>(Irrapportata separatament għal kull sistema ta' ħlas blimnut |
| Tranżazzjonijiet kollha mibgħuta<br>— Fl-istess komponent tat-TARGET<br>— Lill-komponent tat-TARGET ieħor<br>*li minnhom:*<br>— lil komponent taż-żona ta' l-euro<br>— lil komponent taż-żona ta' l-euro<br>Proporzjon ta' konċentrazzjoni f'termini ta' valur (proporzjon) | Tranżazzjonijiet kollha mibgħuta<br>— Trasferimenti ta' kreditu<br>*li minnhom:*<br>— Ibbażat fuq il-karta<br>— Mhux ibbażat fuq il-karta<br>— Debitar dirett<br>— Ħlasijiet b'karta<br>— Tranżazzjonijiet ATM<br>— Tranżazzjonijiet ta' *e-money*<br>— Ċekkijiet<br>— Strumenti oħra ta' ħlas<br>Proporzjon ta' konċentrazzjoni f'termini ta' valur (proporzjon) | Tranżazzjonijiet kollha mibgħuta<br>— Trasferimenti ta' kreditu<br>*li minnhom:*<br>— Ibbażat fuq il-karta<br>— Mhux ibbażat fuq il-karta<br>— Debitar dirett<br>— Ħlasijiet b'karta<br>— Tranżazzjonijiet ATM<br>— Tranżazzjonijiet ta' *e-money*<br>— Ċekkijiet<br>— Strumenti oħra ta' ħlas<br>Proporzjon ta' konċentrazzjoni f'termini ta' valur (proporzjon) |
| ***Partita tal-memorandum:***<br>Tranżazzjonijiet irċevuti minn ieħor Komponent tat-TARGET | | |

(*) EUR miljun, total għall-perjodu.

Proporzjon ta' konċentrazzjoni f'termini ta' volum/valur huwa s-sehem fis-suq ta' l-akbar ħames entitajiet li jibagħtu ta' messaġġi ta' ħlas u jistgħu jinkludu bank ċentrali, f'kull IFTS, f'termini ta' numru/valur ta' tranżazzjonijiet. Huwa kkalkulat bħala proporzjon tan-numru totali/valur ta' tranżazzjonijiet fis-sistema għas-sena.

**Lista ta' sistemi ta' ħlas fit-tabelli 7, 8 u 9**

| CC | Pajjiż | TARGET | | LVPS (mhux-TARGET) | | Sistema ta' bejgħ blimnut | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Isem | *Referenza tassistema* | Isem | *Kodifikazzjoni PSS* | Isem | *Referenza tassistema* |
| **BE** | **Il-Belġju** | ELLIPS | *Komponent TARGET* | — | — | Clearing House;<br>CEC | *Sistema bl-imnut 1*<br>*Sistema bl-imnut 2* |
| **DE** | **Il-Ġermanja** | RTGS$^{plus}$<br>ELS (sa 2001) | *Komponent TARGETs* | EAF (sa Nov 2001) | *LVPS (mhux TARGET) Sistema 1* | RPS | *Sistema bl-imnut 1* |
| **GR** | **Il-Ġreċja** | HERMES | *Komponent TARGET* | HERMES GRD<br>(magħluq Jan. 2001) | *LVPS (mhux –TARGET) Sistema 1* | DIAS;<br>ACO | *Sistema bl-imnut 1*<br>*Sistema bl-imnut 2* |
| **ES** | **Spanja** | SLBE | *Komponent TARGET* | SPI (sa Dec 2004) | *LVPS (mhux TARGET) Sistema 1* | SNCE | *Sistema bl-imnut 1* |
| **FR** | **Franza** | TBF | *Komponent TARGET* | PNS | *LVPS (mhux TARGET) Sistema 1* | SIT<br>CH Paris (magħluq 2002);<br>CH Province (magħluq 2002);<br>CREIC (magħluq 2002) | *Sistema bl-imnut 1*<br>*Sistema bl-imnut 2*<br>*Sistema bl-imnut 3*<br>*Sistema bl-imnut 4* |
| **IE** | **L-Irlanda** | IRIS | *Komponent TARGET* | — | — | IPCC u IRECC | *Sistema bl-imnut 1* |
| **IT** | **L-Italja** | BI-REL | *Komponent TARGET* | — | — | BI-COMP | *Sistema bl-imnut 1* |
| **LU** | **Il-Lussemburgu** | LIPS-Gross | *Komponent TARGET* | — | — | | |
| **NL** | **L-Olanda** | TOP | *Komponent TARGET* | — | — | Interpay | *Sistema bl-imnut 1* |
| **AT** | **L-Awstrija** | ARTIS | *Komponent TARGET* | — | — | — | |
| **PT** | **Il-Portugall** | SPGT | *Komponent TARGET* | — | — | SICOI;<br>SLOD | *Sistema bl-imnut 1*<br>*Sistema bl-imnut 2* |
| **SI** | **Is-Slovenja** | — | — | SIBPS<br>(magħluq Deċ. 2006) | *LVPS (Komponent TARGET) Sistema 1* | Sistema ta' l-ikklerjar Giro | *Sistema bl-imnut 1* |
| **FI** | **Il-Finlandja** | BoF-RTGS | *Komponent TARGET* | POPS | *LVPS (mhux TARGET) Sistema 1* | PMJ | *Sistema bl-imnut 1* |

*PARTI 14*

## Statistika fuq il-passiv u l-attiv ta' l-IF

Ir-rapporti ta' statistika għandu jkollhom *data* għaċ-ċelloli kollha fit-tabelli rilevanti f'din il-Linja ta' Gwida, anki meta huma żerijiet, neqsin jew il-fenomenu ma jeżistix.

*TABELLA 1*

### Ishma trimestrali u aġġustamenti tal-fluss

| | A. Domestiċi | | | | | | | | | B. Stati Membri parteċipanti ohrajn | | | | | | | | | C. RoW | | | | D. Mhux allokat |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Total | MFIs | Mhux MFIs — Total | | | | | | | Total | MFIs | Mhux MFIs — Total | | | | | | | Total | | | | |
| | | | | Gvern Ġenerali | Residenti ohrajn | | | | | | | | Gvern Ġenerali | Residenti ohrajn | | | | | | Stati Membri li ma jipparteċipawx | US | Ġappun | |
| | | | | | Total | Intermedjarji finanzjarji ohrajn + awżiljarji finanzjarji (S.123+S.124) | Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni (S.125) | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) | Djar + istituzzjonijiet mhux għall-profitt li jservu lid-djar (S.14+S.15) | | | | | Total | Intermedjarji finanzjarji ohrajn + awżiljarji finanzjarji (S.123+S.124) | Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni (S.125) | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) | Djar + istituzzjonijiet mhux għall-profitt li jservu lid-djar (S.14+S.15) | | | | | |
| ATTIV | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 1 **Klejms ta' depożitu u ta' self** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 2 **Titoli li m'humiex ishma** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| o/w imgħax akkumulat | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 2e. **Euro** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn sena u sa sentejn | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn sentejn | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 2x. **Valuta barranija** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn sena u sa sentejn | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn sentejn | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 2t. **Valuti totali** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn sena u sa sentejn | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| iktar minn sentejn | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 3 **Ishma u parteċipazzjoni azzjonarja ohra** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| o/w ishma kkwotati, eskluż.ishma/unitajiet IF u MMF | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| o/w ishma/unitajiet IF u MMF | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 4 **Derivati finanzjarji** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 5 **Attiv mhux finanzjarju (inkluż attiv fiss)** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 6 **Attiv iehor** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| o/w imgħax akkumulat fuq klejms ta' depożitu u ta' self | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| PASSIV | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 7 **Self u depożiti rċevuti** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 8 **Ishma/unitajiet IF** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 9 **Derivati finanzjarji** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 10 **Passiv iehor** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| o/w imgħax akkumulat fuq klejms ta' depożitu u ta' self | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

*TABELLA 2*

**Ishma ta' kull xahar u aġġustamenti tal-fluss**

| | A. Domestiċi | | | B. Stati Membri parteċipanti oħrajn | | | C. RoW | D. Mhux allokat |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Total | | | Total | | | | |
| | | MFIs | Mhux MFIs — Total | | MFIs | Mhux MFIs — Total | | |
| ATTIV | | | | | | | | |
| 1 **Klejms ta' depożitu u ta' self** | | | | | | | | |
| 2 **Titoli li m'humiex ishma** | | | | | | | | |
| 2e. **Euro** | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | |
| iktar minn sena u sa sentejn | | | | | | | | |
| iktar minn sentejn | | | | | | | | |
| 2x. **Valuta barranija** | | | | | | | | |
| sa sena | | | | | | | | |
| iktar minn sena u sa sentejn | | | | | | | | |
| iktar minn sentejn | | | | | | | | |
| 3 **Ishma u parteċipazzjoni azzjonarja oħra** | | | | | | | | |
| li minnhom ishma/unitajiet IF u MMF | | | | | | | | |
| 4 **Derivati finanzjarji** | | | | | | | | |
| 5 **Attiv mhux finanzjarju (inkluż attiv fiss)** | | | | | | | | |
| 6 **Attiv ieħor** | | | | | | | | |
| PASSIV | | | | | | | | |
| 7 **Self u depożiti rċevuti** | | | | | | | | |
| 9 **Ishma/unitajiet IF** | | | | | | | | # |
| 10 **Derivati finanzjarji** | | | | | | | | |
| 11 **Passiv ieħor** | | | | | | | | |

| | |
|---|---|
| # | *Data* minima li ghandha tinghata mill-aġenti tar-rappurtar lill-BĊNi fuq bażi ta' kull xahar |

*TABELLA 3*

**Partiti tal-memorndum ta' kull xahar**

| | A. Domestiċi | | | B. Stati Membri parteċipanti ohrajn | | | Ċ. RoW | D. Mhux allokat |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Total** | | | **Total** | | | | |
| | | MFIs | Mhux MFIs — Total | | MFIs | Mhux MFIs — Total | | |
| PASSIV | | | | | | | | |
| 9 **Ishma/unitajiet IF** | | | | | | | | |
| 9.1 **Bejgħ ta' ishma/unitajiet IF** | | | | | | | | |
| 9.2 **Fidi ta' Ishma/unitajiet IF** | | | | | | | | |

*ANNESS IV*

## TRAŻMISSJONI ELETTRONIKA

*PARTI 1*

### Introduzzjoni

Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu arranġamenti speċjali għall-iskambju tad-*data* mal-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ), il-BĊNi tal-Pajjiżi li Aderew u xi istituti ta' l-istatisitka nazzjonali ta' l-UE (NSIs). L-iskambji tad-data jużaw messaġġi ta' pjattaforma standardizzata indipendenti (Gesmes/TS), inkluż *data* (valuri numeriċi) u/jew attributi (metadata li tispjega d-*data* skambjata).

Biex jiġu skambjati messaġġi statistiċi, id-*data* għandhom bżonn jiġu strutturati skond "familja ta' kodiċi", li l-kunċetti statistiċi u l-listi ta' kodiċi mehmuża jippermetti li l-kontenut tagħhom jiġi deskritt adegwatament u bla ambigwità. Il-kollezzjoni tal-familja ta' kodiċi, kunċetti u listi tal-kodiċi assoċjati jissejħu definizzjonijiet strutturali.

Id-definizzjonijiet struturali tal-BĊE jipprovdu l-lista ta' kunċetti statistiċi, listi ta' kodiċi u definizzjonijiet tal-familja ta' kodiċi maħluqin mill-BĊE u użati fl-iskambji tad-data ta' Gesmes/TS. Id-definizzjonijiet strutturali tal-BĊE jinħażnu fil-websajt tal-Kummissjoni Ewropea website CIRCA (http://forum.europa.eu.int/Members/irc/dsis/eeg6/library, subfolder li jismu definizzjonijiet strutturali) u huma aċċessibbli minn membri ta' l-Electronic Data Interchange (EDI) u gruppi ta' interess ta' l-istatistika (inkluż membri tal-*Working Group of Statistical Information Management* — WGSIM). Kopja lokali tinħażen ġeneralment fil-BĊNi. Jekk dan ma jkunx il każ, il-qasam tan-negozju tal-BĊNi għandu jikkuntattja lid- WGSIM tal-BĊE.

L-Anness IV jiddeskrivi fid-dettall id-dettalji ta' kull skambju tad-data bejn il-BĊNi taż-żona ta' l-euro u l-BĊE fil-kuntest ta' l-istatistika monetarja u finanzjarja. Il-Parti 2 hawn isfel telenka l-kodiċi ta' familji tal-BĊE u settijiet tad-*data* relatati użati mis-SEBĊ. Il-Parti 3 isegwi b'deskrizzjoni tal kodiċi tal-familji inkluż id-dimensjonijiet speċifiċi li jikkomponu l-kodiċijiet tas-serje, il-format tagħhom u l-listi tal-kodiċi li minnhom jieħdu l-valuri tal-kodiċi. Il-Parti 4 turi r-relazzjoni bejn il-kodiċi tas-serje u l-attributi tagħhom, u tispeċifika liema mseħbin huma responsabbli għaż-żamma tagħhom.

*PARTI 2*

### Kodiċi ta' familji u datasets

1. Fil-messaġġi skambjati Gesmes/TS, il-kunċetti statistiċi jistgħu jintużaw bħala dimensjonijiet (fil-ħolqien ta' "kodiċijiet" li jidentifikaw is-serje tal-ħin jew bħala attributi (għoti ta' informazzjoni dwar id-*data*). Attributi u dimensjonijiet kkodifikati jieħdu l-valuri tagħhom minn listi ta' kodiċi predefiniti. Il-kodiċi ta' familji jiddefinixxu l-istruttura tal-kodiċi tas-serje skambjati, f'termini ta' kunċetti u listi ta' kodiċi assoċjati. Barra minn dan, jiddefinixxu wkoll r-relazzjoni tagħhom bl-attributi rilevanti. L-istess struttura tista' tinuża għal diversi flussi ta' *data*, li huma ddifferenzjati bl-informazzjoni tad-*data set*

2. Fil-kuntest ta' statistika monetarja u finanzjarja, il-BĊE jiddefinixxi seba' kodiċi ta' familji użati bħalissa għall-iskambju ta' l-istatistika mas-SEBĊ u organizzazzjonijiet oħrajn internazzjonali. Dawn huma marbutin ma':

   — Partiti tal-karta ta' bilanċ (BSI), identifikatur tal-familja ta' kodiċi "ECB_BSI1",

   — Indikaturi finanzjarji strutturali bankarji (SSI), identifikatur tal-familja ta' kodiċi "ECB_SSI1",

   — Rati ta' imgħax MFI (MIR), identifikatur tal-familja ta' kodiċi "ECB_MIR1",

   — Intermedjarji finanzjarji oħrajn (OFI), identifikatur tal-familja ta' kodiċi "ECB_OFI1",

   — Ħruġ ta' titoli (SEC), identifikatur tal-familja ta' kodiċi "ECB_SEC1",

— Sistemi ta' ħlas (PSS), identifikatur tal-familja ta' kodiċi "ECB_PSS1",

— Fondi ta' investiment (IF), identifikatur tal-familja ta' kodiċi "ECB_IVF1".

3. Għal kull kodiċi ta' familji elenkat hawn fuq, meta l-familja ta' kodiċi u identifikaturi tad-*dataset* (DSI) huma l-istess, jiġu skambjati *data*.

Għal skopijiet ta' trattament, puntwalità u responsabbiltà, żewġ settijiet ta' *data* wara l-familja ta' kodiċi "ECB_BSI" ġew identifikati u huma identifikati fil-livell tad-*dataset*.

3.1 Id-DSI "ECB_BSI1" tintuża biex tiddefinixxi kodiċijiet ta' serje għad-*data* fuq:

— statistika tal-karta ta' bilanċ ta' l-MFIs,

— e-money,

— statistika tal-karta ta' bilanċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu,

— gvern ċentrali passiv ta' depożitu u investimenti ta' kontanti u titoli,

— partiti memo,

— *data* BSI supplimentari rrapportata mill-BĊNi lill-IMF bl-użu tas-servizzi gateway BĊE,

— self mibjugħ MFI u securitised lil terzi,

— statistika tal-bażi ta' riżerva,

— *data* fuq il-proporzjon macro.

3.2 Id-DSI "ECB_BSP" tintuża biex tiddefinixxi kodiċijiet tas-serje għal *data* fuq il-karta ta' bilanċ fil-kuntest tal-Ktieb Blu.

*PARTI 3*

**Dimensjonijiet**

It-tabella ta' hawn isfel tidentifika d-dimensjonijiet li jikkomponu l-kodiċijiet tas-serje ta' l-istatistika monetarja u finanzjarja elenkata fil-parti ta' qabel, il-format tagħhom u l-listi tal-kodiċi minn fejn jieħdu il-valuri tal-kodiċi tagħhom.

| Familja ta' kodiċi | | | | | | | Kunċett (identifikatur) | Isem il-kunċett | Format tal-valur | Lista tal-kodiċi | Isem tal-kodiċi tal-lista |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| BSI | SSI | MIR | OFI | SEC | PSS | IVF | | | | | |
| Ordni tad-dimensjoni fil-kodiĊi | | | | | | | Dimensjonijiet | | | | |
| **1** | **1** | **1** | **1** | **1** | **1** | **1** | FREQ | Frekwenza | AN1 | CL_FREQ | Frekwenza tal-lista tal-kodiċi |
| **2** | **2** | **2** | **2** | **2** | **2** | **2** | REF_AREA | Qasam ta' referenza | AN2 | CL_AREA_EE | Lista tal-kodiċi taż-żona |
| **3** | | | **3** | | | **3** | ADJUSTMENT | Indikatur ta' aġġustament | AN1 | CL_ADJUSTMENT | Lista tal-kodiċi ta' l-indikatur ta' aġġustament |
| **4** | | **3** | | | | | BS_REP_SECTOR | Taqsim tas-settur ta' referenza tal-karta ta' bilanċ | AN1 | CL_BS_REP_SECTOR | Lista tal-kodiċi tal-karta ta' bilanċ tat-taqsim tas-settur ta' referenza |
| | **3** | | | | | | REF_SECTOR | Taqsim tas-settur ta' referenza | AN4 | CL_ESA95_SECTOR | Lista tal-kodiċi tat-taqsim settorali ta' referenza ESA 95 |
| | | | | **3** | | | SEC_ISSUING SECTOR | Settur li joħroġ it-titoli | AN4 | CL_ESA95_SECTOR | Lista tal-kodiċi tat-taqsim settorali ta' referenza ESA 95 |
| | | | | | **3** | | PSS_INFO_TYPE | Tip ta' informazzjoni PSS | AN4 | CL_PSS_INFO_TYPE | Lista tal-kodiċi tas-sistema ta' ħlas u *settlement* |

| Familja ta' kodiċi | | | | | | | Kunċett (identifikatur) | Isem il-kunċett | Format tal-valur | Lista tal-kodiċi | Isem tal-kodiċi tal-lista |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| BSI | SSI | MIR | OFI | SEC | PSS | IVF | | | | | |
| Ordni tad-dimensjoni fil-kodiĊi | | | | | | | Dimensjonijiet | | | | |
| | | | | | **4** | | PSS_INSTRUMENT | Strument PSS | AN3 | CL_PSS_INSTRUMENT | Lista tal-kodiċi sistema ta' strument ta' ħlas u *settlement* |
| | | | | | **5** | | PSS_SYSTEM | Punt ta' dħul PSS | AN4 | CL_PSS_SYSTEM | Lista tal-kodiċi tal-punt ta' dħul ta' sistema ta' strument ta' ħlas u *settlement* |
| | | | | | **6** | | DATA_TYPE_PSS | Tip tad-*data* PSS | AN2 | CL_DATA_TYPE_PSS | Lista tal-kodiċi tat-tip ta' *data* tas-sistema ta' ħlas u settlement |
| | | | **4** | | | | OFI_REP_SECTOR | Taqsim tas-settur li jirrapporta ta' intermedjarji finanzjarji ohrajn | AN2 | CL_OFI_REP_SECTOR | Lista tal-kodiċi tat-taqsim tas-settur li jirrapporta ta' intermedjarji finanzjarji ohrajn |
| | | | | | | **4** | IVF_REP_SECTOR | Settur tar-rapportar tal-fond ta' investiment | AN2 | CL_IVF_REP_SECTOR | Lista tal-kodiċi tat-taqsim settorjalita' fondi ta' investiment ta' referenza |
| | **4** | | | | | | SSI_INDICATOR | Indikatur finazjarju strutturali | AN3 | CL_SSI_INDICATOR | Lista tal-kodiċi ta' l-indikatur strutturali finanzjarju. |
| **5** | | **4** | | | | | BS_ITEM | Partita tal-karta ta' bilanċ | AN3 | CL_BS_ITEM | Lista tal-kodiċi tal-karta ta' bilanċ |
| | | | **5** | | | | OFI_ITEM | Partita tal-karta ta' bilanċ ta' intermedjarji finanzjarji oħrajn | AN3 | CL_OFI_ITEM | Lista tal-kodiċi tal-partita tal-karta ta' bilanċ ta' l-intermedjarji finanzjarji oħrajn |
| | | | | **4** | | | SEC_ITEM | Partita tat-titoli | AN6 | CL_ESA95_ACCOUNT | Lista tal-kodiċi tal-kont ESA 95 |
| | | | | | | **5** | IF_ITEM | L-attiv u passiv ta' fondi ta' investiment | AN3 | CL_IF_ITEM | Lista tal-kodiċi tal-partita tal-karta ta' bilanċ |
| **6** | | **5** | **6** | | | **6** | MATURITY_ORIG | Maturità oriġinali | AN1 | CL_MATURITY_ORIG | Lista tal-kodiċi tal-maturità oriġinali |
| | | | | **5** | | | SEC_VALUATION | Valutazzjoni tat-titoli | AN1 | CL_MUFA_VALU-ATION | Lista tal-kodiċi tal-valutazzjoni fil-kuntest MUFA |
| **7** | **5** | | **7** | | | **7** | DATA_TYPE | Tip tad-*data* | AN1 | CL_DATA_TYPE | Tip tad-*data* tal-flus u bankarja, fluss u pożizzjoni |
| | | **6** | | | | | DATA_TYPE_MIR | Tip tad-*data* MIR | AN1 | CL_DATA_TYPE_MIR | Lista tal-kodiċi tar-rati ta' imgħax tat-tip tad-MFI |
| | | | | **6** | | | DATA_TYPE_SEC | Tip tad-*data* tat-titoli | AN1 | CL_DATA_TYPE_SEC | Lista tal-kodiċi tat-tip tad-*data* tat-titoli |
| **8** | **6** | | **8** | | **7** | **8** | COUNT_AREA | Żona tal-kontroparti | AN2 | CL_AREA_EE | Lista tal-kodiċi taż-żona |
| | | **7** | | | | | AMOUNT_CAT | Kategorija ta' ammont | AN1 | CL_AMOUNT_CAT | Lista tal-kodiċi tal-kategorija ta' ammont |
| **9** | | **8** | **9** | | | **9** | BS_COUNT_SECTOR | Karta ta' bilanċ tas-settur tal-kontroparti | AN4 | CL_BS_COUNT_SEC-TOR | Karta ta' bilanċ counterpart sector lista tal-kodiċi |
| | | | | | **8** | | COUNT_SECTOR | Settur tal-kontroparti | AN2 | CL_PS_COUNT_SEC-TOR | Sistema ta' ħlas u *settle-ment* ttas-settur li jirċievi/jakkwista |
| **10** | **7** | **9** | **10** | **7** | **9** | **10** | CURRENCY_TRANS | Valuta tat-tranżazzjoni | AN3 | CL_CURRENCY | Valuta tat-tranżazzjoni |

| Familja ta' kodiċi | | | | | | | Kunċett (identifikatur) | Isem il-kunċett | Format tal-valur | Lista tal-kodiċi | Isem tal-kodiċi tal-lista |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| BSI | SSI | MIR | OFI | SEC | PSS | IVF | | | | | |
| Ordni tad-dimensjoni fil-kodiĊi | | | | | | | Dimensjonijiet | | | | |
| | **8** | | **11** | **8** | **10** | **11** | SERIES_DENOM | Denominazzjoni tas-serje jew kalkolu speċjali | AN1 | CL_SERIES_DENOM | Lista tal-kodiċi tad-denominazzjoni tas-serje jew kalkolu speċjali |
| **11** | | | | | | | BS_SUFFIX | Suffiss tal-karta ta' bilanċ | AN..3 | CL_BS_SUFFIX | Lista tal-kodiċi tas-suffiss tal-karta ta' bilanċ |
| | | | | **9** | | | SEC_SUFFIX | Suffiss tas-serje fil-kuntest tat-titoli | AN1 | CL_SEC_SUFFIX | Suffiss tas-serje lista tal-kodiċi tas-suffissi tat-titoli |
| | | **10** | | | | | IR_BUS_COV | Kopertura tan-negozju tar-rata ta' imgħax | AN1 | CL_IR_BUS_COV | Kopertura tan-negozju tar-rata ta' imgħax |

**Frekwenza**. Din id-dimensjoni tindika l-frekwenza tas-serje tal-ħin rrappurtati. Ħtiġijiet speċifiċi ta' l-iskambju tad-data:

— għall-familja ta' kodiċi "ECB_OFI1": meta *data* nazzjonali huma disponibbli biss fi frekwenza baxxa, jiġifieri kull sitt xhur jew kull sena, il-BĊNi jistmaw id-*data* trimestrali. Meta l-istimi trimestrali m'humiex fattibbli, jingħataw madankollu *data* bħala serje tal-ħin trimestrali, jiġifieri tingħata *data* annwali bħala yyyyQ4 u jingħataw *data* kull sitt xhur bħala yyyyQ2 u yyyyQ4 bi trimestri li jifdal jew ma jkunx rapportati jew rapportati bħala neqsin bl-istatus ta' osservazzjoni "L",

— għall-familja ta' kodiċi "ECB_SEC1": jekk id-*data* ta' kull xahar m'humiex disponibbli u ma jistgħux isiru stimi, jistgħu jintbagħtu *data* trimestrali jew annwali.

**Qasam ta' referenza**. Din id-dimensjoni tirrigwarda l-pajjiż ta' residenza ta' l-istituzzjoni li tirrapporta. Fil-familja ta' kodiċi "ECB_SEC1", tindika l-pajjiż ta' residenza tas-settur li joħroġ ([1]).

**Indikatur ta' aġġustament**. Din id-dimensjoni tindika jekk aġġustament staġjonali u/jew aġġustament tal-jum tax-xogħol humiex applikati

**Taqsim tas-settur ta' referenza tal-karta ta' bilanċ**. Din id-dimensjoni tirreferi għas-settur li jirrapporta skond it-taqsim iddefinit fil-lista tal-kodiċi assoċjata.

**Taqsim tas-settur ta' referenza**. Din id-dimensjoni tindika s-settur ta' referenza għall-indikaturi finanzjarji strutturali (f"ECB_SSI1").

**Settur li joħroġ it-titoli**. Din id-dimensjoni tirriferi għas-settur ta' referenza għall-indikaturi finanzjarji strutturali (f"ECB_SEC"1).

**Tip ta' informazzjoni PSS**. Din id-dimensjoni tirrappreżenta t-tip ġenerali ta' informazzjoni li tiġi pprovduta fil-kuntest tal-familja ta' kodiċi "ECB_PSS1".

**Strument PSS**. Din id-dimensjoni, użata fil-familja ta' kodiċi "ECB_PSS1", tindika t-tip partikolari ta' strument/apparat użat għat-tranżazzjoni ta' ħlas, eż. karti b'funzjoni ta' flus kontanti jew trasferimenti ta' kreditu eċċ.

**Punt ta' dħul PSS**. Din id-dimensjoni hija marbuta mat-tip tat-terminal jew sistema li bihom tkun saret it-tranżazzjoni ta' ħlasijiet. Għall-korrispondenza tas-sistemi ta' ħlas u l-valur tal-kodiċi tal-punt tad-dħul tal-PSS, ara l-Parti 13 Anness III.

**Tip tad-*data* PSS**. Fil-kuntest PSS, din id-dimensjoni tagħti lill-unità ta' kejl għall-osservazzjoni, jiġifieri jekk numru jew valur kellux jiġi rappurtat għall-partita (eż. numru ta' tranżazzjonijiet kull karta, valur ta' tranżazzjonijiet kull karta, eċċ.).

**Taqsim tas-settur li jirrapporta ta' intermedjarji finanzjarji oħrajn**. Din id-dimensjoni tindika s-settur ta' l-istituzzjoni li tirrapporta fis-settur OFI.

**Taqsim tas-settur li jirrapporta ta' fondi ta' investiment**. Din id-dimensjoni tindika s-settur ta' l-istituzzjoni li tirrapporta fis-settur IF.

([1]) Għall-BĊNi, il-pajjiż ta' residenza tas-settur ta' ħruġ huwa l-pajjiż ta' residenza tal-BĊN.

**Indikatur strutturali finanzjarju**. Din id-dimensjoni hija speċifika għall-familja ta' kodiċi "ECB_SSI1" u tirrappreżenta t-tip ta' indikatur finanzjarju strutturali.

**Partita ta' karta ta' bilanċ**. Din id-dimensjoni tindika l-partita tal- karta ta' bilanċ ta' MFI kif iddefinit fir-Regolament BĊE/2001/13.

**Partita tal-karta ta' bilanċ ta' intermedjarji finanzjarji oħrajn**. Din id-dimensjoni tindika partita tal- karta ta' bilanċ ta' l-OFI. L-OFIs jikkonċentraw fuq attivitajiet finanzjarji differenti jiddependi fuq it-tip ta' istituzzjoni, u mhux il-partit tal-karta ta' bilanċ kollha japplikaw għat-tipi kollha ta' intermedjarji finanzjarji oħrajn. Għalhekk, filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-partiti tal-karta ta' bilanċ hija komuni għat-tipi kollha ta' intermedjarji finanzjarji oħrajn, "attiv ieħor" u "passiv ieħor" jista' jkollhom definizzjonijiet differenti għat-tipi differenti ta' intermedjarji. Mil-lat ta' attiv, żewġ definizzjonijiet differenti huma adottati għall-partita ta' "attiv ieħor": (i) għall-kategoriji kollha ta' OFIs ħlief għall-korporazzjonijiet finanzjarji li jaħdmu fis-self (FCLs) din il-partita tinkludi self; u (ii) għal FCLs il-partita tinkludi depożiti, kontanti, ishma ta' fond ta' investiment, assi fissi u derivattivi fianzjarji. Fir-rigward tal-partita "passiv ieħor": (i) għal negozjanti ta' titoli u derivattivi (SDDs) din il-partita teskludi titoli ta' debitu, derivattivi finanzjarji ta' kapital u riżervi; (ii) għal FCLs din il-partita tinkludi derivattivi finanzjarji; u (iii) għal kategoriji ta' fondi ta' investiment din il-partita tinkludi titoli ta' dejn u kapital u riżervi.

**Partita ta' titolu**. Din id-dimensjoni tirriferi għall-partiti meħudin mil-lista ta' partiti stabbiliti għall-kontijiet finanzjarji ta' l-unjoni monetarja (MUFA) skond l-ESA 95. Hija użata biss għall-familja ta' kodiċi "ECB_SEC1". Żewġ kategoriji ta' strumenti fil-lista tal-kodiċi jirriferu għall "partiti tal-memorandum" li jistgħu jiġu trażmessi fuq bażi volontarja: "ishma mhux ikkwotati u" parteċipazzjoni azzjonarja oħra.

**Attiv u passiv tal-fondi ta' investiment**. Din id-dimensjoni għandha x'taqsam mal-partita ta' l-attiv u l-passiv ta' l- IF kif iddefinit fir-Regolament BĊE/2007/8

**Maturità oriġinali**. Għall-familji ta' kodiċijiet "ECB_BSI1", "ECB_IVF1" u "ECB_OFI1", din id-dimensjoni tindika l-maturità oriġinali tal-partita tal-karta ta' bilanċ. Għall-familja ta' kodiċi "ECB_MIR1", din id-dimensjoni tindika, għall-partiti ta' ammonti pendenti, it-taqsim skond il-maturità oriġinali jew il-perjodu ta' avviż tad-depożiti jew self; għal partiti fuq negozju ġdid, tindika t-taqsim skond il-maturità oriġinali jew il-perjodu ta' avviż fil-każ ta' depożiti u l-perjodu inizjali ta' l-iffissar fil-każ ta' self.

**Valutazzjoni tat-titoli**. Din id-dimensjoni tidentifika l-metodu ta' valutazzjoni użat għall-istatistika ta' ħruġ ta' titoli fil-familja ta' kodiċi "ECB_SEC1".

**Tip ta' *data***. Din id-dimensjoni tiddeskrivi t-tip ta' *data* rrapportata fil-familji ta' kodiċijiet "ECB_BSI1", "ECB_SSI1", "ECB_OFI1" u "ECB_IVF1".

**Tip ta' *data* MIR**. Fil-familja ta' kodiċi "ECB_MIR1", din id-dimensjoni tiddistingwi statistika ta' rati ta' imgħax MFI minn dawk li għandhom x'jaqsmu mal-volumi ta' ammonti ta' negożju ġdid jew pendenti.

**Tip ta' *data* ta' titoli**. Din id-dimensjoni tindika t-tip ta' data li hemm fl-istatistika tal-ħruġ tat-titoli fil- familja ta' kodiċi "ECB_SEC1". Ħruġ nett jingħataw biss jekk il-ħruġ u l-fidi ma jistax jiġi identifikat b'mod separat.

**Qasam tal-kontroparti**. Din id-dimensjoni tagħti l-qasam ta' residenza tal-kontroparti tal-partita rilevanti.

**Kategorija ta' l-ammont**. Din id-dimensjoni tagħti l-kategorija ta' l-ammont ta' self ġdid lill-korporazzjonijiet mhux finanzjarji; is-self il-ġdid huwa rrapportat ukoll skond id-daqs tiegħu. Hija rilevanti biss għall-familja ta' kodiċi "ECB_MIR1".

**Settur tal-kontroparti tal-karta ta' bilanċ**. Din id-dimensjoni hija marbuta mat-taqsim settorali tal-kontroparti tal-paritit tal-karta ta' bilanċ.

**Settur tal-kontroparti**. Din id-dimensjoni, iddefinita mill-familja ta' kodiċi "ECB_PSS1", tirrappreżenta t-taqsim tas-settur tat-tip ta' benefiċjarju (kontroparti) involut fi tranżazzjoni ta' ħlas.

**Valuta tat-tranżazzjoni**. Din id-dimensjoni tiddeskrivi l-valuta li fihom huma ddenominati dawn li ġejjin: (i) il- partiti tal-karta ta' bilanċ ta' MFI (għall-familja ta' kodiċi "ECB_BSI1"); (ii) l-indikaturi strutturali finanzjarji (għall-familja ta' kodiċi "ECB_SSI1"); (iii) id-depożiti u s-self (għall-familja ta' kodiċi "ECB_MIR1"); (iv) l-attiv u passiv ta' l-IF (għall-familja ta' kodiċi "ECB_IVF1"); (v) it-tranżazzjoni tal-ħlasijiet (għall-familja ta' kodiċi "ECB_PSS1"); u (vi) il-partiti tal-karta ta' bilanċ ta' l-OFI (għall-familja ta' kodiċi "ECB_OFI1"), jew fejn jinħarġu t-titoli (għall-familja ta' kodiċi "ECB_SEC1").

**Denominazzjoni tas-serjet jew kalkolu speċjali**. Din id-dimensjoni tindika l-valuta tad-denominazzjoni fejn l-osservazzjonijiet fis-serje tal-ħin huma mfissra jew tispeċifika l-kalkolazzjoni sottostanti.

**Suffiss tal-karta ta’ bilanċ**. Din id-dimensjoni, preżenti fil-familja ta’ kodiċi “ECB_BSI1”, tagħti l-valuta tad-denominazzjoni fejn l-osservazzjonijiet f’serje tal-ħin huma espressi jew tispeċifika l-kalkolazzjoni sottostanti.

**Suffiss tas-serje fil-kuntest tat-titoli**. Din id-dimensjoni fiha tipi ta’ data supplimentari għas-serje derivata. Tintuża biss għall-familja ta’ kodiċi għal “ECB_SEC1”.

**Kopertura tan-negozju tar-rata ta’ imgħax**. Din id-dimensjoni, speċifika għall-familja ta’ kodiċi “ECB_MIR1”, tindika jekk l-istatistika tar-rati ta’ imgħax ta’ l-MFI jirriferux għall-ammonti pendenti jew negozju ġdid.

## *PARTI 4*

## **Attributi**

It-taqsimiet ta’ hawn isfel jispjegaw fid-dettall l-attributi assoċjati mad-*data* skambjata. It-Taqsima 1 tikkonċentra fuq id-definizzjoni ta’ l-attributi kull familja ta’ kodiċi inkluż il-format tagħhom u l-livell ta’ *attachment*. It-taqsima 2 turi r-responsabbiltà ta’ l-imsieħba fl-iskambju tad-data tas-SEBĊ fil-ħolqien ta’ l-attributi u ż-żamma ukoll ta’ l-istatus tagħhom. Fl-aħħar it-taqsimiet 3, 4 u 5 jiffukaw fuq il-kontenut ta’ l-attributi ssortjati skond il-livell ta’ *attachment* rispettivament is-*sibling*, is-serje tal-ħin u l-livell ta’ osservazzjoni.

### ***Taqsima 1: Attributi kodifikati u mhux kodifikati ddefiniti fi familji ta’ kodiċijiet ECB_BSI1, ECB_SSI1, ECB_MIR1, ECB_OFI1, ECB_SEC1, ECB_IVF1, u ECB_PSS1***

Minbarra d-dimensjonijiet li jiddefinixxu kodiċijiet tas-serje, jiġi ddefinit sett ta’ attributi. L-attributi jintrabtu ma’ diversi livelli ta’ l-informazzjoni skambjata: fil-livell *sibling*, il-livell serje tal-ħin jew il-livell ta’ osservazzjoni. Kif jingħad hawn isfel, jew jieħdu l-valur tagħhom minn listi ta’ kodiċijiet pre-definiti jew mhumiex ikkodifikati, u huma użati biex iżidu spjegazzjonijiet testwali fuq aspetti rilevanti tad-*data*.

Il-valuri ta’ l-attribut jiġu skambjati biss meta jiġu ffissati għall-ewwel darba u kull meta jinbidlu bl-eċċezzjoni ta’ dawk l-attributi obbligatorji marbutin fil-livell ta’ osservazzjoni, li huma marbuta ma’ kull osservazzjoni u rrapportati b’kull trażmissjoni tad-*data*.

It-tabella ta’ hawn isfel tipprovdi informazzjoni fuq l-attributi ddefiniti għal kull familja ta’ kodiċi kkunsidrata, fil-livell li huma marbutin, il-format tagħhom u l-isem tal-listi tal-kodiċi li minnhom jieħdu l-valur l-attributi kkodifikati.

| Familji ta’ kodiċijiet | | | | | | | Kunċett statistiku | | Format [1] | Lista tal-kodiċi | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| BSI | SSI | MIR | OFI | SEC | PSS | IVF | ATTRIBUTI FIL-LIVELL SIBLING | | | (skambjat bl-użu tal-grupp FNS) | |
| √ | √ | | √ | √ | | √ | TITLE | Titlu | AN..70 | mhux ikkodifikat | |
| √ | √ | √ | √ | √ | √ | √ | UNIT | Unità | AN..12 | CL_UNIT | Lista tal-kodiċi ta’ l-unità |
| √ | √ | √ | √ | √ | √ | √ | UNIT_MULT | Multiplikatur ta’ l-unità | AN..2 | CL_UNIT_MULT | Lista tal-kodiċi tal-multiplikatur ta’ l-unità |
| √ | √ | √ | √ | √ | √ | √ | DECIMALS | Deċimali | N1 | CL_DECIMALS | Lista tal-kodiċi |
| √ | √ | √ | √ | √ | √ | √ | TITLE_COMPL | Tkomplija tat-titolu | AN..1050 | mhux ikkodifikat | |
| √ | √ | √ | √ | √ | √ | √ | NAT_TITLE | Titolu tal-lingwa nazzjonali | AN..350 | mhux ikkodifikat | |
| √ | √ | √ | √ | √ | √ | √ | COMPILATION | Kumpilazzjoni | AN..1050 | mhux ikkodifikat | |
| | √ | √ | √ | √ | | √ | COVERAGE | Kopertura | AN..350 | mhux ikkodifikat | |
| √ | √ | √ | √ | √ | √ | √ | SOURCE_AGENCY | Aġenzija oriġinali | AN3 | CL_ORGANISATION | Lista tal-kodiċi ta’ organizzazzjoni |
| | | | | | √ | | METHOD_REF | Referenza tal-metodoloġija | AN..1050 | mhux ikkodifikat | |
| | | | | | | | ATTRIBUTI FIL-LIVELL SERJE TAL-ĦIN | | (skambjat bl-użu tal-grupp FNS) | | |
| √ | √ | √ | √ | √ | √ | √ | COLLECTION | Indikatur tal-kollezzjoni | AN1 | CL_COLLECTION | Lista tal-kodiċi ta’ l-indikatur tal-kollezzjoni |

| Familji ta' kodiċijiet | | | | | | | Kunċett statistiku | | Format (¹) | Lista tal-kodiċi | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| √ | √ | √ | √ | √ | √ | √ | DOM_SER_IDS | Identifikatur tas-serje domestika | AN..70 | mhux ikkodifikat | |
| √ | √ | √ | √ | √ | √ | √ | BREAKS | Breaks | AN..350 | mhux ikkodifikat | |
| √ | | | | | | | UNIT_INDEX_BASE | Bażi ta' l-indiċi ta' l-unità | AN..35 | mhux ikkodifikat | |
| √ | √ | √ | √ | √ | √ | √ | PUBL_PUBLIC | Pubblikazzjoni tas-sors | AN..1050 | mhux ikkodifikat | |
| √ | √ | √ | √ | √ | √ | √ | PUBL_MU | Pubblikazzjoni tas-sors (Żona ta' l-euro biss) | AN..1050 | mhux ikkodifikat | |
| √ | √ | √ | √ | √ | √ | √ | PUBL_BĊE | Pubblikazzjoni tas-sors (BĊE only) | AN..1050 | mhux ikkodifikat | |
| | | | | | | | ATTRIBUTI FIL-LIVELL TA' L-OSSERVAZZJONI | | (skambjati flimkien mad-*data* fil-parti ARR ewlenija hlief ghal OBS_COM skambjata fil-grupp FNS) | | |
| √ | √ | √ | √ | √ | √ | √ | OBS_STATUS | Status ta' osservazzjoni | AN1 | CL_OBS_STATUS | Lista tal-kodiċi ta' l-istatus ta' osservazzjoni |
| √ | √ | √ | √ | √ | √ | √ | OBS_CONF | Kundfidenzjaltà ta' osservazzjoni | AN1 | CL_OBS_CONF | Lista tal-kodiċi tal-kundfidenzjaltà ta' osservazzjoni |
| √ | √ | √ | √ | √ | √ | √ | OBS_PRE_BREAK | Valur ta' l-osservazzjoni *pre-break* | AN..15 | mhux ikkodifikat | |
| √ | √ | √ | √ | √ | √ | √ | OBS_COM | Kumment ta' osservazzjoni | AN..1050 | mhux ikkodifikat | |

(¹) Dan jindika n-numru ta' ittri/ċifri permessi għat-trażmissjoni ta' kull attribut (eż. AN..1050 tfisser ċifra alfa-numerika twila sa 1050 karattru, AN1 tfisser karattru alfanumeriku wieħed, waqt li N1 tfisser figura 1).

***Taqsima 2: Proprjetajiet ta' l-attributi komuni għal ECB_BSI1, ECB_SSI1, ECB_MIR1, ECB_OFI1, ECB_SEC1, ECB_IVF1 and ECB_PSS1: BĊNi li jirrapportaw lill-BĊE*** (¹)

Kull attribut huwa kkaratterizzat minn ċerti proprjetajiet tekniċi, li huma elenkati fit-tabella hawn isfel

| | Status | L-ewwel valur iffissat, maħżun u mqassam minn (¹) … | Modifikabbli minn BĊNi |
|---|---|---|---|
| TITLE_COMPL | M | BĊE | Le (*) |
| NAT_TITLE | C | NCB | Iva |
| COMPILATION | C | NCB | Iva (**) |
| COVERAGE (not BSI) | C | NCB | Iva (**) |
| METHOD_REF | M | NCB | Iva |
| DOM_SER_IDS (²) | C | NCB | Iva |
| BREAKS | C | NCB | Iva |
| OBS_STATUS | M | NCB | Iva |
| OBS_CONF | C | NCB | Iva |
| OBS_PRE_BREAK | C | NCB | Iva |
| OBS_COM | C | NCB | Iva |
| | M: *Obbligatorju,* C: *Kundizzjonat* | | |

(*) Jekk BĊN ikun jixtieq jagħmel modifika, għandu jikkonsulta mal-BĊE, li mbagħad jimplimenta l-bidla.
(**) It-tibdil jiġi kkomunikat lil qasam responabbli tal-BĊE b'fax/e-mail.
(¹) BĊE jirriferi hawn lid-Direttorat Ġenerali ta' l-Istatistika tal-BĊE.
(²) Il-BĊE jirrakkomanda li l-BĊNi jagħtu dawn il-valuri biex jiżguraw komunikazzjoni aktar trasparenti.

(¹) L-attributi kollha speċifikati fit-Taqsima 1, li huma stabbiliti mill-BĊE, m'humiex koperti f'din it-tabella.

Id-definizjoni ta' sett ta' attributi li għandhom jiġu skambjati flimkien mad-data jippermetti biex tingħata aktar informazzjoni fis-serje tal-ħin. Id-dettalji ta' l-infomrazzjoni mogħtija mill-attributi għall-familji ta' kodiċi ta' statistika tal-BĊE ikkonċernati huma rapportati hawn isfel.

### *Taqsima 3: Attributi fil-livell sibling*

*Obbligatorju*

**TITLE_COMPL (Tkomplija tat-titolu)**. Dan l-attribut jippermetti numru akbar ta' karattri mill-attribut TITLE u għal din ir-raġuni jieħu post TITLE bħala l-atttrbut obbligatorju biex jinħżen it-titolu tas-serje..

**UNIT (Unità)**

| | |
|---|---|
| BSI | Għall-Istati Membri taż-żona ta' l-euro: EUR |
| SSI | Għall-Istati Membri taż-żona ta' l-euro: EUR<br>Għal serje rrapportati bħaal valuri assoluti u għall-indiċijiet: PURE_NUMB<br>Għal serje rrapportati bħala perċentwali: PCT |
| OFI | Għall-Istati Membri taż-żona ta' l-euro: EUR |
| MIR | Għal volumi ta' negozju: EUR<br><br>Għal rati ta' imgħax: PCPA |
| SEC | Għall-Istati Membri taż-żona ta' l-euro: EUR |
| PSS | Għal serje fuq unitajiet oriġinali (Anness III, Parti 13, tabelli 4, 5, 7 u 8) u serje fuq proporzjonijiet ta' konċentrazzjoni (Anness III, Parti 13, tabelli 8 u 9): PURE_NUMB<br>Għal serje fuq valur ta' tranżazzjonijiet fuq TARGET (Anness III, Parti 13, tabella 8): EUR<br>Għal serje fuq valur ta' trażazzjonijiet minn Stati Membri parteċipanti (Anness III, Parti 13, tabelli 6 u 9): EUR |
| IVF | Għall-Istati Membri taż-żona ta' l-euro: EUR |

**UNIT_MULT (Multiplikatur ta' l-Unità)**

| | |
|---|---|
| BSI | 6 |
| SSI | 0 |
| OFI | 6 |
| MIR ([1]) | Għal volumi ta' negozju: 6 Għal rati ta' imgħax: 0 |
| SEC | 6 |
| PSS | Għal serje fuq unitajiet oriġinali serje fuq tranżazzjonijiet (Anness III, Parti 13, tabelli 4 u 7): 0<br>Għal serje fuq tranżazzjonijiet (Anness III, Parti 13, tabelli 5, 6, 8 u 9, ħlief): 6<br>Għal serje proporzjonijiet ta' konċentrazzjoni (Anness III, Parti 13, tabelli 8 u 9): 0 |
| IVF | 6 |

([1]) Ir-rati ta' l-imgħax jintbagħtu bħala perċentwali.

**DECIMALS (Deċimali)**

| | |
|---|---|
| BSI | 0 |
| SSI | Għal valuri assoluti: 0 Għas-serje ta' indiċi u persentaġġi: 4 |
| OFI | 0 |
| MIR | Għal volumi ta' negozju: 0 Għal rati ta' imgħax: 4 |
| SEC | 0 |
| PSS | Serje fuq unitajiet oriġinali, ħlief fuq tranżazzjonijiet u proporzjonijiet ta' konċentrazzjoni (Anness III, Parti 13, tabelli 4 u 7): 0<br>Serje fuq tranżazzjonijiet u proporzjonijiet ta' konċentrazzjoni (Anness III, Parti 3, tabelli 5, 6, 8 u 9): 13 |
| IVF | 0 |

**METHOD_REF (Referenza tal-metodoloġija)**. Dan l-attribut jintuża biss għall-familja ta' kodiċi PSS u jindika jekk jinużax, għal kull serje tal-ħin jew parti minnha, id-definizzjoni "mtejba" ta' l-2005 jew definizzjoni ta' qabel. Żewġ valuri huma definiti:

| | |
|---|---|
| PSS | Jintużaw d-definizzjonijiet "mtejba" kif implimentati fl-2005: "2005".<br>Jintużaw definizzjonijiet indikati fis-snin ta' qabel (2004 jew qabel): "Qabel". |

L-attibut għandu jindika wkoll il-perjodu li għalih tapplika kull definizzjoni. Per eżempju definizzjonijiet għal "2005 għas-serje kollha", "definizzjonijiet 2005 md-*data* msemmija fl-2003, id-definizzjonijiet ta' qabel għall-bqija", jew "definizzjonijiet ta' qabel sad-*data* msemmija fl-2004".

*Kundizzjonat*

**NAT_TITLE (Titolu tal-lingwa nazzjonali)**. BĊNi jistgħu jużaw l-attribut NAT_TITLE biex jipprovdu deskrizzjoni preċiża u speċifikazzjonijiet oħrajn supplimentari jew ta' distinzjoni fil-lingwa nazzjonali tagħhom. Għalkemm l-użu ta' ittri majuskoli u miniskoli ma jikkawżax problemi, il-BĊNi huma mitlubin li jillimitaw lilhom innifishom għas-sett ta' karattri Latin-1. B'mod ġenerali, l-iskambju ta' karattri bl-aċċent u simboli alfanuumeriċi estiżi għandhom jiġu ttestjati qabel l-użu regolari.

**COMPILATION (Kumpilazzjoni)**. Għal familji ta' kodiċijiet BSI, IVF u MIR dan l-attribut jista' jintuża għal aktar spjegazzjoni testwali tal-metodi ta' kumpilazzjoni, skemi ta' l-ippeżar u proċeduri statistiċi użati biex jikkompilaw is-serje sottostanti, partikolarment jekk huma differenti mir-regoli u l-istandards tal-BĊE. B'mod ġenerali, l-istruttura tan-noti spjegattivi nazzjonali meħtieġa huwa kif ġej:

— sorsi tad-*data*/sistema tal-ġbir tad-*data*,

— proċeduri ta' kumpilazzjoni (inklużi deskrizzjoni ta' l-istimi/assunzjonijiet magħmulin),

— devjazzjonijiet mill-istruzzjonijiet tal-BĊE (metodi ta' klassifikazzjoni ġeografika/settorali u/jew metodi ta' valutazzjoni),

— informazzjoni dwar il-qafas legali nazzjonali.

Għall-familja ta' kodiċi SSI, l-attribut "kumpilazzjoni" jinkludi informazzjoni fuq rabtiet mal-qafas regolatorju EU għal intermedjarji li m'humiex istituzzjonijiet ta' kreditu.

Għall-familja ta' kodiċi OFI, deskrizzjoni ddettaljata li għandha tiġi inkluża taħt dan l-attribut hija pprovduta fil-punti 1-5 tan-noti spjegattivi nazzjonali (Anness III, Parti 11).

Bl-istess mod, għall-familja ta' kodiċi SEC, deskrizzjoni ddettaljata ta' l-informazzjoni li għandha tiddaħħal taħt dan l-attribut li għandu jiddaħħal taħt dan l-attribut għandha tiġi pprovduta fil-punti 1, 2, 4, 5, 8, 9 u 10 tan-noti spjegattivi nazzjonali (Anness III, Parti 12).

**COVERAGE (Kopertura)**

| Informazzjoni fuq | | Noti |
|---|---|---|
| SSI | — kopertura ta' kategoriji ta' intermedjarji<br>— tip ta' intermedjarju għal indikaturi differenti | — jekk kienx hemm stima fil-każ ta' kopertura parzjali<br>— indikazzjoni ta' żieda (jekk kien hemm) |
| OFI | — kopertura ta' serje ta' attiv/passiv totali<br>— tip ta' OFIs koperti fil-kategoriji ewlenin | — jekk kienx hemm stima fil-każ ta' kopertura parzjali<br>— indikazzjoni ta' żieda (jekk kien hemm)<br>— Ara wkoll Parti 11 ta' l-Anness III (in-noti spjegattivi nazzjonali, punt 6) |
| MIR | — kriterji ta' stratifikazzjoni, proċedura ta' għażla (probabbiltà ugwali/probabbiltà proporzjonali mad-daqs/għażla ta' l-ikbar istituzzjonijiet) fil-każ a' kampjunatura | |
| SEC | — klassifikazzjoni ta' ħruġ | — Ara wkoll Parti 12 ta' l-Anness III, Taqsima 2 (Punt 4) u Taqsima 3 (Punt 6) |

**SOURCE_AGENCY (Aġenzija tas-sors)**. Dan l-attribut jiġi stabbilit mill-BĊE għal valur li jirrappreżenta isem l-BĊN li jipprovdi d-*data*.

### *Taqsima 4: Attributi fil-livell serje tal-ħin*

*Obbligatorju*

**COLLECTION** (**Indikatur tal-kollezzjoni**). Dan l-attribut jipprovdi informazzjoni fuq il-perjodu jew il-punt fil-ħin meta s-serje tal-ħin titkejjel (eż. il-bidu, in-nofs jew fl-aħħar tal-perjodu) jew indikazzjoni jekk id-*data* humiex medji.

| | |
|---|---|
| BSI | Għal ammonti pendenti: fl-aħħar tal-perjodu (E) Għal serje ta' flussi: somma ta' osservazzjonijiet matul il-perjodu (S) |
| SSI | Fl-aħħar tal-perjodu (E) |
| OFI | Għal ammonti pendenti: fl-aħħar tal-perjodu (E) Għal serje ta' flussi: somma ta' osservazzjonijiet matul il-perjodu (S) |
| MIR | Għal rati ta' imgħax fuq ammonti pendenti: fl-aħħar tal-perjodu (E)<br>Għal rati ta' imgħax fuq negozju ġdid: medja ta' osservazzjonijiet matul il-perjodu (A)<br>Għal volumi ta' negozju fuq ammonti pendenti: fl-aħħar tal-perjodu (E)<br>Għal volumi ta' negozju ġdid: somma ta' osservazzjonijiet (miżjuda) matul il-perjodu (S) |
| SEC: | Għal ammonti pendenti: Fl-aħħar tal-perjodu (E)<br>Għal serje ta' flussi: somma ta' osservazzjonijiet matul il-perjodu (S) |
| PSS | Għal ammonti pendenti (Anness III, Parti 13, tabelli 4 u 7 u proporzjonijiet ta' konċentrazzjoni): fl-aħħar tal-perjodu (E)<br>Għal trażazzjonijiet (Anness III, Parti 13, tabelli 5, 6, 8 u 9, ħlief għal proporzjonijiet ta' konċentrazzjoni): somma ta' osservazzjoni matul il-perjodu (S) |
| IVF | Għal ammonti pendenti: fl-aħħar tal-perjodu (E)<br>Għal serje ta' flussi: somma ta' osservazzjonijiet matul il-perjodu (S) |

*Kundizzjonat*

**DOM_SER_IDS (Identifikatur tas-serje domestika)**. Dan l-attribut jagħmilha possibbli li ssir referenza għall-kodiċi użat fid-*databases* nazzjonali biex tiġi identifikata s-serje korrispondenti (jistgħu jiġu speċifikati wkoll formuli li jużaw kodiċi ta' referenza nazzjonali).

**UNIT_INDEX_BASE (Bażi ta' l-indiċi ta' unità)**. Dan l-attribut huwa obbligatorju meta assoċjat ma' kodiċi ta' serje li jesprimi indiċi. jindika wkoll il-bażi ta' referenza u l-valur tal-bażi għall-indiċijiet u huwa użat biss għal serje ta' l-indiċi ta' ishma kunċettwali derivati mill-BĊE u mqassma lis-SEBĊ. Għal dan l-iskop ġiet stabbilita mill-BĊE bħala "*Index Dec98=100*" u nbidel f'"*Index Dec01=100*" meta l-BĊE qassam id-*data* f'Ottubru 2002.

**BREAKS (Breaks)**. Dan l-attribut jipprovdi deskrizzjoni tal-breaks u tibdiliet ewlenin matul iż-żmien fil-ġbir, il-kopertura tar-rappurtar u l-kumpilazzjoni tas-serje. Fil-każ ta' breaks, semmi safejn *data* qodma u ġodda jistgħu jiġu kkunsidrati paragunabbli, meta jkun possibbli.

**PUBL_PUBLIC, PUBL_MU, PUBL_ECB (Pubblikazzjoni tas-sors, Pubblikazzjoni tas-sors (żona ta' l-euro biss), Pubblikazzjoni tas-sors (BĊE biss)**. Dawn l-attributi jiġu ffissati mill-BĊE jekk id-*data* jiġu ppubblikati fil-pubblikazzjonijiet BĊE, f'pubblikazzjonijiet pubbliċi tal-BĊE jew il-publikazzjonijiet kunfidenzjali tal-BĊE. Jirriferu għal (jiġifieri pubblikazzjonijiet, partiti, eċċ) *data* ppubblikata.

### *Taqsima 5: Attributi fil-livell ta' osservazzjoni*

Jekk NCB jixtieq jirrivedi atttribut fil-livell ta' osservazzjoni, l-osservazzjonijiet rispettivi għandhom jintbagħtu fl-istess ħin. Jekk NCB jirrivedi osservazzjoni mingħajr ma jipprovdi wkoll il-valur ta' attribut rilevanti, il-valuri eżistenti jinbidlu bil-valuri *default*.

*Obbligatorju*

**OBS_STATUS (Status ta' osservazzjoni)**. Il-BĊNi jirrapportaw valur ta' status ta' osservazzjoni marbut ma' kull osservazzjoni skambjata. Dan l-attribut huwa obbligatorju u għandu jiġi pprovdut b'kull trażmissjoni tad-*data* għal kull osservazzjoni individwali. Meta l-BĊNi jirrivedu l-valur ta' l-attribut, kemm il-valur ta' l-osservazzjoni (anki jekk mhux mibdul) u l-*flag* ta' l-istatus ta' osservazzjoni ġdid għandhom jintbagħtu mill-ġdid.

Il-lista tal-valuri mistennija għal dan l-attribut, skond il-ġerarkija miftehma, għal skopijiet ta' din l-istatistika:

**"A"=** valur normali (*default* għall-osservazzjonijiet neqsin),

**"B"=** valur *break* għall-familji ta' kodiċijiet li ġejjin: SSI, MIR, OFI u PSS ([1]),

**"M"=** valur nieqes, *data* ma jeżistux,

**"L"=** valur nieqes, *data* jeżistu imma ma nġabrux,

**"E"=** valur stmat ([2]),

**"P"=** valur provviżorju (jista' jintuża dan il-valur, f'kull data ta' trażmissjoni, b'referenza għall-osservazzjoni ta' l-aħħar, jekk dan jitqies provviżorju).

F'ċirkustanzi normali, il-valuri numeriċi għandhom jiġu rrapportati bl-istatus ta' osservazzjoni "A" (valur normali) marbut. Altrimenti, jingħata valur differenti minn "A" skond il-lista ta' hawn fuq. Jekk osservazzjoni hija kkwalifikata b'żewġ karatteristiċi, l-aktar importanti tiġi rrapportata skond il-ġerarkija li tidher hawn fuq.

F'kull trażmissjoni tad-*data*, l-osservazzjonijiet l-aktar riċenti disponibbli jistgħu jiġu rrapportati bħala provviżorji, u indikati bl-istatus ta' osservazzjoni valur "P", jekk dawn jitqiesu provviżorji. Dawn l-osservazzjonijiet jieħdu valuri definiti u huma rrapportati fil-indikaturi ta' l-istatus ta' osservazzjoni "A", fi stadu aktar tard meta l-indikaturi tal-valuri reveduti ġodda u ta' l-istatus ta' osservazzjoni jieħdu post dawk provviżorji.

Il-valuri neqsin ("-") jiġu rrapportati meta ma jkunx possibbli li jiġi rrapportat valur numeriku (eż. minħabba *data* li ma teżistix jew għaliex id-*data* ma jinġabrux). Osservazzjoni nieqsa qatt m'għandha tiġi rrapportata bħala "zero", billi żero huwa valur numeriku normali li jindika ammont preċiż u validu. Jekk il-BĊNi ma jistgħux jidentifikaw ir-raġuni għal valur nieqes jew ma jistgħux jużaw il-firxa sħiħa ta' valuri ppreżentati fil-lista tal-kodiċi CL_OBS_STATUS għar-rappurtar ta' valuri neqsin ("L" jew "M"), għandu jintuża l-valur "M".

— Meta, minħabba kundizzjonijiet statistiċi lokali, *data* għal serje tal-ħin ma jinġabrux jew f'dati speċifiċi jew għat-tul totali tas-serje tal-ħin (il-fenomenu ekonomiku sottostanti jeżisti, imma ma hux immoniterjat statistikament), jiġi rrapportat valur nieqes ("-") bl-istatus ta' osservazzjoni "L" għal kull perjodu,

— Meta, minħabba prattiċi tas-suq lokali jew il-qafas legali/ekonomiku, serje tal-ħin (jew parti minnu) ma japplikax (il-fenomenu ekonomiku sottostanti ma jeżistix), jiġi rrappura valur nieqes("-") bl-istatus ta' osservazzjoni "M".

*Kundizzjonat*

**OBS_CONF** (**Kunfidenzjalità ta' l-osservazzjoni**). Il-BĊNi jirrapportaw valur ta' kunfidenzjalità ta' osservazzjoni marbut ma' kull osservazzjoni skambjata. Filwaqt li dan l-attribut huwa ddefinit bħala kkundizzjonat fil-fajl tad-definizzjoni struttura tal-BĊE, għandu jingħata ma' kull trażmissjoni tad-*data* għal kull osservazzjoni individwali, billi kull osservazzjoni kunfidenzjali għandha tiġi indikati kif jixraq. Meta l-BĊNi jirrivedi l-valur ta' dan l-attribut, kemm il-valur ta' osservazzjoni assoċjat u l-indikatur ta' l-istatus ta' osservazzjoni (anki jekk mhux mibdul) għandu jiġi ritrażmess.

Il-lista ta' hawn taħt tispeċifika l-valuri mistenija għal dan l-attribut għall-iskopijiet ta' din l-istatistika:

**"F"=** ħielsa għall-pubblikazzjoni,

**"N"=** mhux għall-pubblikazzjoni, ristretta għall-użu intern biss,

**"C"=** informazzjoni statistika kunfidenzjali fis-sens ta' l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsll (KE) Nru 2533/98,

**"S"=** sett sekondarju ta' kunfdenzjalità u mmaniġġjat mir-riċevitur, mhux għall-pubblikazzjoni,

**"D"=** kunfidenzjalità sekondarja magħmula minn min jibgħat, mhux għall-pubblikazzjoni. Dan il-kodiċi jista' jintuża mill-BĊNi li jagħmlu differenza diġà bejn il-kunfidenzjalità primarja u sekondarja fis-sistema tar-rappurtar tagħha. Jekk le, il-BĊN li jirrapporta għandu juża "C" għall-indikazzjoni tal-kunfidenzjalità sekondarja.

**OBS_PRE_BREAK (Valur ta' osservazzjoni pre-break)**. Dan l-attribut fih il-valur ta' osservazzjoni pre-break, li huwa qasam numeriku bħall-osservazzjoni ([3]). "B"mod ġenerali, jiġi pprovdut meta jkun hemm break; f'dan il-każ l-istatus ta' osservazzjoni għandu jiġi ssettjat għal "B" (valur break).

([1]) Jekk OBS_STATUS jiġi rrapportat "B" għandu jiġi rrapportat valur taħt l-attribut OBS_PRE_BREAK.

([2]) L-istatus ta' osservazzjoni "E" għandu jiġi adottat għall-oservazzjonijiet kollha jew perjodi ta' *data* li huma r-riżultat ta' stimi li ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala valuri normali.

([3]) L-erba' oġġetti *valur ta' osservazzjoni* plus OBS_STATUS, OBS_CONF u OBS_PRE_BREAK huma ttrattati bħala entità waħda. Dan ifisser li l-BĊNi huma obbligati li jibagħtu l-informazzjoni kumplimentari kollha għal osservazzjoni. (Meta l-attributi ma jiġux irrapportati, il-valuri ta' qabel tagħhom jinbidlu bil-valuri *default*.)

Għall-iskopijiet tal-familja ta' kodiċi BSI, IVF u OFI, dan l-attribut mhux mitlub billi din l-informazzjoni hija diġà disponibbli mis-serje ta' riklassifikazzjoni. Żdied mal-lista ta' attributi billi huwa parti tas-subsett komuni ta' attributi għall-familji ta' kodiċijiet.

**OBS_COM (Kumment ta' osservazzjoni)**. Dan l-attribut jista' jintuża biex jipprovdi kummenti testwali fil-livell ta' osservazzjoni (eż. jiddeskrivi l-istima magħmula għal osservazzjoni speċifika minħabba n-nuqqas ta' *data*, bi spjegazzjoni tar-raġuni għal osservazzjoni anomala possibbli jew bl-għoti ta' dettalji ta' bidla fis-serje tal-ħin irrapportata).

*ANNESS V*

**AĠĠUSTAMENTI TAL-FLUSS FIL-KUNTEST TA' L-ISTATISTIKA BSI U IF**

*PARTI 1*

**Qafas u deskrizzjoni ġenerali tal-proċedura ta' aġġustament**

***Taqsima 1: Qafas***

1. Il-qafas biex tinkiseb statistika tal-fluss għall-partiti tal-karta ta' bilanċ ta' l-MFI (BSI) u statistika ta' l-attiv u l-passiv ta' fondi ta' investiment (IF) huwa bbażat fuq l-ESA 95 (1). Id-devjazzjonijiet minn dan l-istandard internazzjonali isiru kemm lill-kontenut tad-*data* u d-denominazzjonijiet tal-kunċett statistiku, meta jkun meħtieġ. Dan l-Anness huwa interpretat skond l-ESA 95, sakemm ir-Regolament BĊE/2001/13 tat-22 ta' Novembru 2001 dwar il-karta ta' bilanċ ikkonsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji, ir-Regolament BĊE/2007/8 tas-27 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika fuq l-attivi u l-passiv tal-fondi ta' investiment jew din il-Linja ta' Gwida, espliċitament jew impliċitament, jieħdu post id-dispożizzjonijiet tiegħu.

2. Fil-kuntest ta' l-istatistika BSI u IF, id-*data* tal-fluss jitkejlu f'termini tat-tranżazzjonijiet finanzjarji. It-tranżazzjonijiet finanzjarji huma ddefiniti bħala l-akkwist nett ta' attiv finanzjarju jew li jkun hemm passiv nett għal kull tip ta' strument finanzjarju, jiġifieri s-somma tat-trażazzjonijiet kollha finanzjarji li jiġru matul il-perjodu ta' rapportar rilevanti (2). Id-*data* tal-fluss li jkopru kull partita speċifikata fir-Regolament BĊE/2001/13 u r-Regolament BĊE/2007/8 huma kkalkolati fuq bażi netta, jiġifieri m'hemm l-ebda ħtieġa li jiġu identifikati tranżazzjonijiet finanzjarji grossi jew *turnover* (3). Il-metodu ta' valutazzjoni għal kull tranżazzjoni huwa li jittieħed il-valur ta' meta l-attiv jinkiseb/jinbiegħ u/jew jinħoloq, jiġi llikwidat jew skambjat. Minkejja dan, ir-Regolament BĊE/2001/13 u r-Regolament BĊE/2007/8 jippermettu devjazzjonijiet minn l-ESA fir-rigward ta' flussi dwar il-kunċett ta' tranżazzjonijiet finanzjarji.

***Taqsima 2: Kalkolu ta' flussi tad-data mill-BĊE u r-rapportar ta' l-aġġustament tad-data mill- BĊNi lill-BĊE***

1. **Introduzzjoni**

1. Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jikkalkola l-flussi tad-data billi jieħu, għal kull partita ta' l-attiv u l-passiv, id-differenza bejn il-pożizzjonijiet ta' l-ishma fid-data ta' l-aħħar tal-perjodu tar-rapportar imbagħad jitneħħa l-effett ta' l-iżviluppi li m'humiex ir-riżultat ta' tranżazzjonijiet, jiġifieri "tibdil ieħor". "Tibdil ieħor" jinqasmu f'żewġ kategoriji ewlenin "riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħrajn u aġġustamenti ta' rivalutazzjoni" (4).

2. Il-Banek Ċentral Nazzjonali (BĊNi) jirrapportaw "riklassifikazzjoni u aġġustamenti oħrajn" u "aġġustamenti ta' rivalutazzjoni" lill-BĊE biex dawn l-effetti mhux ta' tranżazzjoni jistgħu jitneħħew fil-kalkolazzjoni tal-fluss ta' l-istatistiċi.

(1) Is-Sistema Ewropea tal-Kontabilità 1995, li tinsab fl-Anness A tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tal-25 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea tal-kontabilità nazzjonali u reġjonali fil-Komunità..

(2) Skond l-ESA 95 u standards statistiċi oħra internazzjonali.

(3) Madankollu, fil-każ ta' l-istatistika IF, din il-Linja ta' Gwida titlob *data* fuq il-bejgħ u l-fidi ta' unitajiet/ishma IF safejn id-*data* jkunu disponibbli fil-BĊNi, inkluż fuq il-bażi ta' l-aħjar stima (Artikolu 18(1)(d)).

(4) Id-definizzjoni u l-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' "tibdil ieħor" jaqblu hafna ma' l-ESA 95. "Riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra" hija simili hafna għal "tibdil ieħor fil-volum" (K.3-K.10 u K.12), filwaqt li "valutazzjonijiet mill-ġdid" tista' tiġi trasferita "fl-investiment nominali qligħ/telf" (K.11). Għall-istatistika BSI differenza importanti tikkonċerna l-inklużjoni ta' "tħassir ta' self" fir-"rivalutazzjonijiet", filwaqt li fl-ESA 95 titqies bħala "tibdiliet fil-volum" (paragrafu 5.09). Fil-fatt, l-iskema ta' rapportar għal kisba ta' flussi tippermetti li d-*data* jigu ikkompilati skond l-ESA 95 hekk kif "tħassir/tnaqqis" ta' self hija l-uniku annotazzjoni taħt il-kolonna "aġġustamenti ta' rivalutazzjoni" fir-rigward tal-partita "self". L-inklużjoni ta' "tħassir ta' self" fil-"rivalutazzjonijiet" hija wkoll differenza mir-regoli tal-pożizzjoni ta' l-investiment internazzjonali (i.i.p.). Fl-i.i.p. dawn għandhom jiġu ttrattati bħala "modifiki oħra" u mhux bħala "tibdiliet fil-prezzijiet jew fir-rata tal-kambju". Għall-istatistika IF ma jinħtiġux "tħassir/tnaqqis" ta' self.

Fil-każ ta' statistika BSI, il-BĊNi jirrapportaw *data* ta' aġġustament lill-BĊE skond il-Parti I ta' l-Anness III. L-"aġġustamenti ta' rivalutazzjoni" rrapportati mill-BĊNi jikkonsistu minn tħassir/tnaqqis ta' self u aġġustamenti ta' rivalutazzjoni minħabba bidla fil-prezzijiet. L-aġġustamenti ta' rivalutazzjoni minħabba t-tibdil tar-rata tal-kambju huma kkalkulati mill-BĊE ([1]).

Fil-każ ta' statistika IF, il-BĊNi jirrapporata data ta' aġġustament lill-BĊE skond il-Parti 14 ta' l-Anness III. L-"aġġustamenti ta' rivalutazzjoni" rrapportati mill-BĊNi jikkonsistu mill-aġġustamenti ta' rivalutazzjoni minħabba tibdil fil-prezzijiet u r-rata tal-kambju.

### 2. Riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħrajn

1. Il-BĊNi jikkompilaw id-*data* fuq il-"riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra" kif mitlub minn din il-Linja ta' Gwida bl-użu ta' informazzjoni superviżorja, spezzjonijiet għall-plawsibilità, inkjesti *ad hoc* (eż. li jkunu relatati ma' min ikun qiegħed fuq barra), ħtigiet ta' l-istatistika nazzjonali, informazzjoni fuq min jingħaqad jew min iħalli l-popolazzjoni li tirrapporta ta' l-MFI, u kwalunkwe sors ieħor disponibbli għalihom. Il-BĊE mhux mistenni li jagħmel aġġustamenti ex post sakemm il-BĊNi jidentifikaw tibdil sostanzjali fid-data finali.

2. Il-BĊNi jidentifikaw bdil fl-ishma minħabba riklassifikazzjonijiet u jdaħħlu l-ammont nett identifikat taħt "riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra". Żieda netta fl-ishma minħabba r-riklassifikazzjonijiet tiddaħħal b'sinjal pożittiv, u tnaqqis nett fl-ishma b'sinjal negattiv.

3. Fil-prinċipju, il-BĊNi jibagħtu r-"riklassifikazzjonijiet u l-aġġustamenti l-oħrajn". Bħala minimu, il-BĊNi jibagħtu r-"riklassifikazzjonijiet u l-aġġustamenti l-oħrajn" il fuq minn EUR 50 miljun. Dan il-limitu huwa maħsub biex jgħin lill-BĊNi jiddeċiedu jagħmlux aġġustament jew le. Iżda, meta l-informazzjoni ma tkunx disponibbli malajr jew ta' kwalità baxxa, tista' ssir deċiżjoni jew li ma jsir xejn jew li jsiru l-istimi. Għal din ir-raġuni, teħtieġ il-flessibbiltà fit-tħaddim ta' dan il-limitu, mhux lanqas minħabba l-eteroġeneità ta' proċeduri eżistenti għall-kalkolu ta' l-aġġustamenti. Per eżempju, meta tingabar informazzjoni relattivament iddettaljata minkejja l-limitu, jista' jkun kontroproduttiv li jiġi applikat dak il-limitu.

### 3. Aġġustamenti ta' rivalutazzjoni

1. Biex iġibu l-"aġġustamenti ta' rivalutazzjoni", il-BĊNi jista' jkollhom il-bżonn li jikkalkolaw l-aġġustament minn tranżazzjonijiet, *data titolu b'titolu* jew *data* oħrajn irraportati mill-popolazzjoni li tirrapporta u/jew jagħmlu l-aġġustamenti fir-rigward ta' xi taqsim mhux rapportat bil-popolazzjoni li tirrapporta għaliex m'humiex ikkunsidrati bħala "ħtiġijiet minimi".

2. L-"aġġustamenti ta' rivalutazzjoni" huma kkompilati mill-BĊNi abbażi tad-*data* rrapportati mill-popolazzjonijiet li jirrapportaw skond ir-Regolament BĊE/2001/13 għall-istatistika BSI u r-Regolament BĊE/2007/8 għall-istatistika IF. Aġenti tar-rapportar huma suġġetti għar-rekwiżiti minimi ta' rapportar, li jiżguraw l-minimu meħtieġ biex jiġu kkumpilanti u stmati l-aġġustamenti fir-rigward tas-sett sħiħ ta' *data* meħtieġ mill-BĊE. Il-BĊNi huma permessi li jiġbru *data* addizzjonali mill-aġenti li jirrapportaw. Fi kwalunkwe każ, il-BĊNi huma meħtieġa li jissottomettu sett sħiħ ta' *data* meħtieġ mill-BĊE skond il-Parti 1 ta' l-Anness III għall-istatistika tal-BSI u Parti 14 ta' l-Anness III għall-istatistika ta' l-IF.

## *PARTI 2*

## Deskrizzjoni ddettaljata ta' l-aġġustamenti tal-fluss

### *Taqsima 1: Riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħrajn*

#### 1. Tibdil fil-kompożizzjoni tas-settur ta' rapportar

1. Tibdil fil-kompożizzjoni tas-settur li jirrapporta jista' jagħti lok għat-trasferiment tan-negozju matul l-oqsma tas-settur ekonomiku. Dawn it-trasferimenti ma jirrappreżentawx tranżazzjonijiet u għalhekk huma ttrattati bħala aġġustament fir-"riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħrajn".

([1]) L-aġġustamenti li jikkorrespondu mal-karta ta' bilanċ tal-BĊE huma rrapportati mid-Direttorat tal-Finanzji Interni tal-BĊE.

2. Istituzzjoni li tingħaqad mas-settur li jirrapporta tista' tittrasferixxi negozju f'dak is-settur, filwaqt li istituzzjoni li tħalli s-settur tar-rapportar tista' tittrasferixxi n-negozju barra mis-settur. Iżda, safejn l-istituzzjoni li tingħaqad tibda n-negozju tagħha *ex novo* wara li tkun ingħaqdet is-settur tar-rapportar, dan jirrappreżenta fluss ta' tranżazzjoni li m'huwiex imneħħi mill-fluss statistiku ([1]). Bl-istess mod, meta istituzzjoni li tkun sejra tnaqqas l-attivitajiet tagħha qabel ma tħalli s-settur tar-rapportar, dan jiddaħħal fil-fluss statistiku.

3. L-impatt tat-trasferiment tan-negozju fil/'il barra mis-settur tar-rapportar fuq il-partiti ta' l-attiv u l-passiv jiddependi fost l-oħrajn jew jekk hemmx rapportar sħiħ jew rapportar "ta' l-aħħar" minn xi aġenti ta' rapportar. Meta l-aġenti kollha ta' rapportar huma soġġetti għar-rapportar sħiħ, jiġifieri m'hemmx "ta' l-aħħar", istituzzjoni li tidħol fis-settur tar-rapportar tirrapporta l-ewwel *data* tagħha wara intervall xieraq, is-soltu fl-aħħar tax-xahar meta tidħol jew fl-aħħar tat-trimestu li jmiss. Bl-istess mod, id-*data* ta' istituzzjoni li tħalli s-settur tar-rapportar jitneħħew meta titlaq, biex tikkoinċidi mad-*data* rrapportata l-aħħar. Safejn l-attiv u l-passiv ta' l-ewwel/ta' l-aħħar jiġu ttrasferiti fi/'il barra mis-settur tar-rapportar, jista' jsir aġġustament fil-perjodu ta' rapportar fejn jiġri t-trasferiment. Meta istituzzjonijiet jidħlu jew iħallu bħala min jagħmel ir-rapport fl'aħħar' tar-rapportar, l-impatt fuq il-partiti ta' l-attiv u l-passsiv jiddependi fuq il-proċedura ta' żieda li tintuża.

4. Ħafna mill-informazzjoni li tkun meħtiega biex isir aġġustament għat-tibdil fil-kopertura ta' l-istatistika statistiku għandha tkun disponibbli fis-sistema statistika ta' rapportar. Madankollu, il-BĊNi jistgħu jkunu meħtieġa jiġbru informazzjoni *ad hoc* minn istituzzjonijiet li jkunu qed jidħlu fis-settur tar-rapportar biex jistabbilixxu jekk l-attiv u l-passiv l-ewwel irrapportat ikunux gew ittrasferiti minn barra s-settur tar-rapportar jew ikunx inħolqu wara d-dħul. Informazzjoni simili għandha tinġabar mingħand dawk l-istituzzjonijiet li jkunu ser joħorġu mis-settur tar-rapportar.

5. L-effett nett ta' min jidħol u min jitlaq fuq l-attiv u l-passiv aggregat tas-settur tar-rappurtar huwa kkalkulat billi jiġu aggregati l-ewwel attivi u passiv rrapportati min min jidħol ġdid u l-aħħar attiv u l-passiv irrapportat minn min jitlaq u, għal kull partita, titieħed id-differenza bejn it-tnejn. Din il-figura netta tiddaħħal taħt "riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħrajn". F'ċerti ċirkostanzi jista' jkun hemm effett fuq il-kontropartijiet li jirrapportaw, għalhekk dan l-effett jista' jkun inkluż fl-aġġustamenti, f'dan il-każ bħala bidla fis-settur. Per eżempju, jekk MFI iċċedi l-awtoritzzazzjoni tiegħu imma jkompli jopera bħala OFI ffinanzjat permezz tas-suq interbank, ikun hemm b'hekk żieda artifiċjali fis-self ta' l-MFI lill-OFIs, li jkun jeħtieġ aġġustament (kopert minn "bidliet fil-klassifikazzjoni tas-settur tal-kontroparti")

6. It-tibdil fil-politika ta' investiment ta' IF, inkluż il-fond tas-suq tal-flus (MMF), huwa possibbli fl-Istati Membri ta' l-UE. Kull bidla fil-politika ta' investiment għandha tiġi miftehma u kkomunikata lill-investituri qabel bidla. Il-kanali ta' komunikazzjoni jinkludu ittri, riklami fil-gazzetti, il-laqgħa ġenerali ta' l-azzjonisti eċċ. Jekk investitur ma jieħux azzjoni, l-investitur huwa kkunsidrat li jkun ta l-approvazzjoni impliċita tiegħu għal bidla fil-fond fil-politika ta' investiment. Dan ifisser li bidliet unilaterali fil-politika ta' investiment m'humiex possibbli fl-UE. Għalhekk, il-fatt li l-investituri jibqgħu ma' fond wara bidla fil-politika, titqies bħala deċiżjoni konxja ta' dawn l-investituri biex jemendaw l-allokazzjoni tal-portafoll tagħhom minn settur wieħed (MFIs) għall-ieħor (IFs) jew minn tip ta' fond wieħed għall-ieħor (fl-IFs). F'termini statistiċi, is-sitwazzjoni hija l-istess bħall-investitur li jiżbanka l-flus minn fond u jinvestihom f'fond ieħor. Iż-żewġ sitwazzjonijiet huma ttrattati bl-istess mod, jiġifieri bħala tranżazzjonijiet finanzjarji ġenwini fejn aġġustamenti ta' riklassifikazzjoni m'humiex rrapportati. Għalhekk, il-pożizzjoni tas-soltu hija li bidla fil-politika ta' investiment ta' fond, li tkopri iż-żewġ MMFs fl-istatistika tal-BSI fl-istatistika ta' l-IF, tiġi rreġistrata bħala tranżazzjoni finanzjarja. Il-BĊN jista' jiddevja minn din il-pożizzjoni tas-soltu u jirrapporta aġġustament ta' riklassifikazzjoni biss jekk ikollu informazzjoni ex ante li l-bidla tal-politika ma kinitx minħabba deċiżjoni konxja magħmula mill-investituri.

## 2. **Bidliet fl-istruttura**

1. Bidla fl-istruttura hija d-dehra jew l-għibien ta' ċertu attiv u l-passiv finanzjarju li jiġi mir-ristrutturar. Tipikament tirriferi għall-għaqdiet, il-kisbiet u d-diviżjonijiet. Meta istituzzjoni li tirrapporta ma tibqax tidher għaliex tiġi assorbita minn istituzzjoni li tirrapporta waħda jew iżjed, l-attiv u l-passiv finanzjarji kollha li kienu jeżistu bejn l-istituzzjoni li tirrapporta u dawk li assorbewha jgħibu mis-sistema.

2. Is-sors ta' informazzjoni biex jiġu identifikati dawn l-aġġustamenti huma l-attiv u l-passiv irrapportati mill-istituzzjonijiet il-qodma u l-ewwel attiv u l-passiv rrapportati mill-istituzzjonijiet il-ġodda.

([1]) Dan il-kriterju japplika f'każijiet estremi, per eżempju, it-twaqqif ta' bank ġdid li jieħu l-operazzjonijiet li qabel kienu jsiru minn uffiċċju rappreżentattivi f'isem bank mhux residenti, jagħti lok għal fluss ta' tranżazzjoni li ma titneħħiex mill-fluss statistiku.

3. Il-BĊNi jidentifikaw il-bilanċi pendenti bejn l-istituzzjonijiet li huma ristrutturati. Dawn l-ammonti jinħolqu jew jiġu nnettjati minħabba l-għaqda, il-kisba jew id-diviżjoni, u m'humiex trażazzjonijiet reali. Għalhekk, huma kkunsidrati bħala "riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħrajn". L-effett ta' rivalutazzjoni jistgħu jkunu assoċjati ma' tibdil fl-istruttura u huma kkompilati b'mod separat.

4. Għal analiżi kompleta tal-bidliet fl-istruttura, flimkien ma żviluppi oħrajn li jiġu mill-għaqdiet, kisbiet u diviżjonijiet ara l-Appendiċi 1.

## 3. Riklassifikazzjoni ta' l-attiv u l-passiv

1. Bidla, per eżempju, fil-klassfikazzjoni tas-settur jew l-istrument tal-kontropartijiet tagħhom iwassal lill-aġenti tar-rapportar biex jirriklassifikaw partiti ta' l-attiv/passiv fil-konfront tal-kontropartijiet. Din ir-riklassifikazzjoni tirriżulta f'bidla fil-pożizzjoni ta' l-ishma irrapportata fil-perjodu meta jseħħ it-trasferiment. Billi din il-bidla hija trasferiment ta' negozju fil-kontabbiltà bejn is-setturi u l-klassijiet ta' strumenti u mhux tranazzjoni, għandu jiġi introdott aġġustament biex jitneħħa l-impatt tagħha mill-istatistika tal-fluss.

2. Bidliet fil-klassifikazzjoni jseħħu minħabba numru ta' ragunijiet. Bidla fil-klassifikazzjoni tas-setturi tal-kontrapartijiet tista' sseħħ jekk korp tas-settur pubbliku jiġi ttrasferit għas-settur privat jew jekk dawk li jingħaqdu/jinfirdu jibdlu l-attività prinċipali tal-korporazzjonijiet. *Securitisations* kważi dejjem jinvolvu t-tranżazzjonijet finanzjarji; madankollu, fejn dawn jinvolvu biss bidla fil-kontijiet, għandhom jiġu inklużi hawnhekk.

3. Tista' tkun difficli għall-BCNi biex jidentifikaw ir-riklassifikazzjoni ta' l-attiv u l-passiv minħabba l-fatt li dawn normalment ma jkunux jintgħarfu minn ċaqliq ieħor fil-karta ta' bilanċ. Fid-dawl ta' dan, il-BĊNi għandhom jikkonċentraw fuq l-identifikazzjoni tat-tibdiliet permezz ta' l-attiv u l-passiv irrapportati, jiġifieri spezzjonijiet għall-plawsibbiltà billi jew jużaw informazzjoni superviżorja, informazzjoni oħra *ad hoc* (eż. relatata ma' min ikun qiegħed fuq barra), ħtigiet statistiċi nazzjonali, informazzjoni dwar min jingħaqad u min joħrog mill-popolazzjoni ta' l-MFI li tirrapporta, jew kwalunkwe sors ieħor li jkun disponibbli għalihom. Fejn jiġu identifikati tibdiliet potenzali minħabba riklassifikazzjonijiet, l-MFIs li jkunu qed jirrapportaw għandhom jiġu mitluba informazzjoni *ad hoc* dwar l-impatt preċiż fuq il-karta ta' bilanċ irrappurtata. Billi l-klassifikazzjonijiet normalment jiġu identifikati barra minn network standard ta' rappurtar, għandu jkun aċċettat li l-BĊNi jikkonċentraw fuq it-tneħħija tat-tibdiliet sinifikanti.

## 4. Aġġustamenti ta' żbalji ta' rapportar

Fil-limiti ddefiniti mill-politika ta' reviżjoni, il-BĊNi jikkorreġi l-iżbalji tar-rapportar fid-*data* ta' l-ishma hekk kif jiġu identifikati l-iżbalji. Idealment, il-korrezzjonijiet ineħħu l-iżball kompletament mid-*data*, speċjalment meta l-iżball jaffettwa perjodu wieħed jew medda limitata ta' żmien. F'dawn iċ-ċirkustanzi, m'hemm l-ebda waqfa fis-serje. Iżda, meta l-iżball jaffettwa d-*data* storiċi u ma jsir l-ebda "riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħrajn".

## *Taqsima 2: Aġġustamenti ta' rivalutazzjoni*

## 1. Tħassir/tnaqqis ta' self

L-aġġustament għat-"tħassir/tnaqqis" jirriferi għall-impatt ta' bidliet fil-valur tas-self irreġistrat fuq il-karta ta' bilanċ li jiġru bl-applikazzjoni tat-tħassir/tnaqqis tas-self. Dan l-aġġustament jirrifletti wkoll il-bidliet fil-livell ta' dispożizzjonijiet ta' telf ta' self, jekk BĊN jiddeċiedi li l-ishma pendenti jiġu rreġistrati netti mid-dispożizzjonijiet. It-tħassir rikonoxxut fiż-żmien tal-bejgħ jew it-trasferiment tas-self lil terz huwa inkluż ukoll, meta jkun identifikabbli.

## 2. Aġġustamenti ta' rivalutazzjoni minħabba bidliet fil-prezzijiet

1. L-aġġustament tar-rivalutazzjoni tal-prezzijiet ta' l-attiv u l-passiv jirriferi għall-flutwazzjonijiet fil-valutazzjoni ta' l-attiv u l-passiv li jkun hemm minħabba bidla fil-prezz li bl-attiv u l-passiv jiġu rreġistrati jew innegozjati. L-aġġustament jinkludi l-bidliet li jkun hemm maż-żmien fil-valur ta' l-ishma ta' l-aħħar tal-perjodu minħabba bidliet fil-valur ta' referenza kif jiġu rreġistrati, jiġifieri qligħ minn investimenti/telf. Jista' jkollu wkoll bidliet ta' valutazzjoni li jkun hemm minn tranżazzjonijiet fl-attiv/passiv, jiġifieri qligħ/telf realizzati; iżda hemm prattiċi nazzjonali diverġenti f'dan ir-rigward.

2. In-natura u d-daqs ta’ l-“aġġustamenti ta’ rivalutazzjoni” huma ddeterminati bil-metodu ta’ valutazzjoni adottat. Għal-kemm huwa rrakkomandat li ż-żewġ naħat tal-karta ta’ bilanċ jiġu rreġistrati fil-valur tas-suq, fil-prattika, varjetà ta’ metodi ta’ valutazzjoni differenti jistgħu jiġu użati fuq in-naħat kemm tal-passiv u ta’ l-attiv. Dan huwa aċċettabbli sakemm il-valur kontabbli ma jkunx differenti b’mod sinjifikanti mill-valur tas-suq

### *Taqsima 3: Aġġustamenti ta’ rivalutazzjoni minħabba l-bidliet fir-rati tal-kambju*

1. Għall-finijiet li jintbagħtu *data* statistika lill-BĊE, il-BĊNi jiżguraw li l-pożizzjonijiet ta’ l-attiv u l-passiv ddenominati f’valuti barranin jinqalbu f’euro bl-użu tar-rata tal-kambju tas-suq fl-aħħar jum tal-perjodu. Ir-rata tal-kambju ta’ referenza tal-BĊE hija r-rata komuni li tinuża ([1]).

2. Movimenti fir-rati tal-kambju kontra l-euro li jiġru bejn id-dati tar-rapportar ta’ l-aħħar tal-perjodu jagħtu lok għall-bidliet fil-valur ta’ l-attiv u l-passiv tal-valuta barranija meta mfissra f’euro. Billi dawn il-bidliet jirrappreżentaw qligħ minn investimenti/telf u m’humiex dovuti għall-tranżazzjonijiet finanzjarji, dawn l-effetti għandhom jitneħħew mid-*data* tal-fluss. Aġġustamenti ta’ rivalutazzjoni minħabba bidliet fir-rata tal-kambju jista’ jkollhom ukoll bidliet li jinqalgħu minn tranżazzjonijiet fl-attiv/passiv, jiġifieri qligħ/telf irrealizzat; iżda, hemm prattiċi nazzjonali diverġenti f’dan ir-rigward.

## *PARTI 3*

## Statistika tal-BSI — aġġustamenti tal-fluss

### *Taqsima 1: Introduzzjoni*

1. Fil-każ ta’ statistika tal-BSI, kull BĊN jissottometti *data* ta’ aġġustament separati li jkopru l-karta ta’ bilanċ tiegħu stess u l-karta ta’ bilanċ ta’ MFIs oħrajn. Aġġustamenti għall-karta ta’ bilanċ tal- BĊE huma kkompilati wkoll mid-Direttorat tal-Finanzi Interni. Il-BĊNi jissottomettu aġġustamenti għall-partiti kollha fil-karta ta’ bilanċ ta’ l-MFIs skond il-frekwenza indikata fl-Artikolu 3(2) ta’ din il-Linja ta’ Gwida. F’dan il-proċess, il-BĊNi jista’ jkollhom jikkalkulaw u/jew jistmaw aġġustamenti għal xi wħud mit-taqsim mhux irapportat mill-MFIs billi m’humiex ikkunsidrati “rekwiżiti minimi” fir-Regolament BĊE/2001/13, Anness I, Parti 2, Tabella 1A. Parti 1 ta’ l-Anness III ta’ din il-Linja ta’ Gwida tindika biss jekk ir-‘riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħrajn “jew ukoll l-‘aġġustamenti ta’ rivalutazzjoni” għandhomx jiġu sottomessi lill-BĊE.

L-aġġustamenti għall-movimenti fir-rati tal-kambju huma kkalkulati mill-BĊE. Għal din ir-raġuni, l-aġġustamenti pprovduti mill-BĊNi fir-rigward ta’ bilanċi ddenominati f’valuti barranin jeskludu l-effett ta’ bidliet minħabba r-rata tal-kambju.

2. L-aġġustamenti tal-fluss huma suġġetti għall-istess sistema ta’ kontabbiltà ta’ l-entrata fuq iż-żewġ naħat bħall-ishma. Fil-każijiet kollha, l-aġġustamenti għandhom kontroparti li, f’ħafna każijiet, aktarx ikun “kapitali u riżervi” jew “passiv li fadal”, jiddependi fuq l-operazzjoni jew ir-regoli nazzjonali tal-kontabbiltà.

3. Fil-prinċipju, il-gwida li ġejja tingħata għall-valuri tat-tranżazzjoni tad-depożitu/self u tat-titoli. Il-valur tat-tranżazzjoni ta’ depożiti/self jeskludu drittijiet, eċċ ([2]). Il-valur tat-tranżazzjoni ta’ depożitu/self jeskludi imgħax akkumulat li huwa riċevibbli/pagabbli imma għadu ma ġiex irċevut jew imħallas. Minflok, imgħax akkumulat fuq depożiti/self jiġi rreġis-trat taħt “attiv li jibqa” “passiv li jibqa”, kif ikun xieraq. Il-valur tat-tranżazzjoni ta’ titoli miżmumin u maħruġin huwa konsistenti mal-prinċipji fuq ir-reġistrazzjoni u r-rapportar ta’ ishma skond ir-Regolament BĊE/2001/13. M’hemm l-ebda regola fir-Regolament imsemmi fuq il-klassifikazzjoni ta’ l-imgħax akkumulat tat-titoli. Dan jista’ jimplika l-inklużjoni/esklużjoni ta’ l-imgħax akkumulat fuq id-*data* ta’ l-imgħax kkompilati fuq it-titoli. Għall-armonizzazzjoni tat-trattament fil-pajjiżi kollha, u peress li biex issir distinzjoni bejn l-imgħax akkumulat u l-bidliet fil-prezzijiet hija problema kruċjali u li xi problemi konċettwali jistgħu jinqalgħu fir-rigward tad-definizzjoni tar-rati ta’ l-imgħax fuq strumenti negozjabbli, tiġi applikata regola flessibbli u sempliċi, kif ġej:

(a) jekk imgħax akkumulat huwa intrinsiku għall-prezz tal-kontabbiltà kif inhu rrapportat fil- karta ta’ bilanċ ta’ l-istatistika, jiġi eskluż mill-valur tat-tranżazzjoni u, minflok, jiddaħħal mingħajr ma jintgħaraf fl-“aġġustamenti ta’ rivalutazzjoni”;

([1]) Ara l-istqarrija għall-istampa tal-BĊE tas-7 ta’ Lulju 1998.

([2]) Mandankollu, it-tħassir assoċjat mat-tranżazzjonijiet m’humiex irrapportati dejjem, li jimplika devjazzjoni minn dan il-prinċipju, li huwa permess skond ir-Regolament BĊE/2001/13.

(b) jekk imgħax akkumulat jiġi eskluż mill-valur ta' l-ishma tat-titoli li magħhom għandu x'jaqsam fil- karta ta' bilanċ ta' l-istatistika, għandu jiġi kklassifikat taħt "attiv li jibqa" jew "passiv li jibqa" kif xieraq u għalhekk mhux ikkunsidrat meta jiġu kkalkulati l-aġġustament tal-flussi jew ir-rilvalutazzjoni ([1]).

### *Taqsima 2: Aġġustamenti ta' rivalutazzjoni*

#### 1. Tħassir/tnaqqis

1. Fl-allokazzjoni ta' aġġustamenti għal-medda ta' maturità korrispndenti u s-settur tal-kontroparti, il- BĊNi jikkunsidraw ir-regoli ta' kontabbiltà dwar is-self ħażin (eż l-allokazzjoni ta' self ħażin f'ċertu medda ta' maturità) u r-riskju ta' kreditu relattiv ta' kull settur.

2. Meta jkun hemm informazzjoni mhux suffiċjenti għall-allokazzjoni ta' l-aġġustament, jista' jinqasam fil-kategoriji tar-Regolament BĊE/2001/13 fuq bażi pro rata ddeterminata mid-daqs tal-pożizzjonijiet ta' l-ishma.

3. Ċelloli mmarkati bħala "minimu" fir-Regolament BĊE/2001/13 huma rrapportati lill-BĊE, anki jekk m'humiex kkompilati direttament għaliex il-BĊN jiġbor aktar informazzjoni ddettaljata fuq it-tħassir/tnaqqis. F'każ bħal dan, iċ-ċelloli minimi huma kkalkulati bħala s-somma tal-komponenti.

#### 2. Rivalutazzjoni tal-prezz tat-titoli

1. Ir-rivalutazzjonijiet tal-prezz jaffettwaw biss medda limitata ta' partiti tal-karta ta' bilanċ: fuq in-naħa tal-passiv, il-partita "titoli ta' dejn maħruġin" u, fuq in-naħa ta' l-attiv, "titoli li m'humiex ishma" u "ishma u parteċipazzjoni azzjonarja oħra" u l-kontropartijiet tagħhom li huma "kapital u riżervi" u "passiv li jibqa". Depożiti u self għandhom valuri nominali fissi u għalhekk m'humiex suġġetti għall-bidliet fil-prezzijiet.

2. Fuq in-naħa tal-passiv tal-karta ta' bilanċ, ir-rivalutazzjonijiet jistgħu jiġu rrapportati wkoll għat-titoli ta' debitu maħruġin. Iżda, m'hi introdotta f'dan ir-rigward l-ebda bidla fl-obbligi tar-rapportar ta' l-MFI, billi r-rivalutazzjoni ta' titoli ta' debitu maħruġin jibqgħu barra "r-rekwiżiti minimi" li hemm fir-Regolament BĊE/2001/13.

3. Fuq in-naħa ta' l-attiv tal-karta ta' bilanċ, investimenti ta' titoli jistgħu jiġu rreġistrati bl-użu tal-prezz tas-suq, il-prezz tax-xiri, il-prezz aktar baxx tas-suq jew tax-xiri jew il-valur tal-fidi skond il-prattika standard tal-kontabbiltà. Il-kontenut ta' l-aġġustament jiddependi fuq il-metodu ta' valutazzjoni applikat.

4. Jekk m'hemmx aktar informazzjoni, jista' jiġi assunt li r-rivalutazzjonijiet li jikkorrespondu mat-"titoli matul sentejn" huwa daqs l-ammont totali ta' l-aġġustament ta' rivalutazzjoni fir-rigward ta' investimenti li m'humiex ishma maħruġin għal kull settur.

5. Ir-Regolament jippermetti l-flessibbiltà skond it-tip ta' *data* meħtieġa għall-kalkolu tar-rivalutazzjoni tat-titoli u l-forma kif jinġabru u jiġu kkompilati dawn id-*data*. Id-deċiżjoni dwar il-metodu jitħalla f'idejn il-BĊNi, skond dawn l-għażliet li ġejjin:

— *MFIs jirrapportaw l-aġġustamenti*: L-MFIs jirrapportaw l-aġġustamenti applikabbli għal kull partita, li jirriflettu l-bidliet fil-valutazzjoni minħabba bidla fil-prezzijiet. Il-BĊNi li jagħżlu dan il-metodu jaggregaw l-aġġustamenti rrapportati mill-MFIs għas-sottomissjoni tad-data lill-BĊE,

([1]) Il-definizzjoni u l-valutazzjoni tat-tranżazzjonijiet finanzjarji għall-iskopijiet tal-kumpilazzjoni ta' l-istatistiċi tal-flussi għall-istatistika tal-BSI huma differenti f'xi aspetti minn dawk imsemmija fl-ESA 95 għall-kalkolazzjoni tal-kontabbltà finanzjarja (flussi). L-ESA 95 tgħid li t-tranżazzjonijiet finanzjarji li jseħħu minħabba differenzi fiż-żmien bejn it-tranżazzjonijiet imqassmin jew akkumulati jew it-tranżazzjonijiet finanzjarji fuq is-suq sekondarju u l-pagament li jikkorrispondi jiġu ikklassifikati bħala "F.79 Kontijiet oħra li jistgħu jiġu rċevuti/jistgħu jitħallsu" (paragrafi 5.128 u 5.129). Minn naħa l-oħra, l-ESA 95 tgħid ukoll li "preferibbilment it-tranżazzjoni finanzjarja tal-kontroparti ta' l-interess akkumulat fuq l-assi finanzjarji għandha tigi rreġistrata bħal li kieku ġiet investita mill-ġdid f'dak l-attiv finanzjarju". Ir-reġistrazzjoni ta' l-interess ikollu, madankollu, jimxi mal-prattika nazzjonali. Jekk l-interess akkumulat ma jiġix irreġistrat bħala investit mill-ġdid fl-attiv finanzjarju, għandu jiġi rregistrat fil-"kontabilitajiet oħra li jistgħu jiġu irċevuti/jistgħu jitħallsu" (paragrafu 5.130). Fil-bilanċ tal-ħlasijiet, l-ammonti akkumulati għandhom jitqiesu bħala żieda fil-valur ta' l-istrument finanzjarju. B'riżultat ta' dan, tinħoloq differenza meta l-interessi akkumulati jiġu inklużi fl-"assi li jibqa" jew "fid-djun li jibqa"'. It-trattament ta' l-interess akkumulat fuq strumenti negozzjabbi fil-kuntest ta' l-istatistiċi tal-karta ta' bilanċ ta' l-MFI (kemm ishma kif ukoll flussi) jista' jkun suġġett għal aktar studji.

— *MFIs jirrapportaw il-flussi*: L-MFIs jakkumulaw il-flussi matul ix-xahar u jittrażmettu l-valur tax-xiri u l-bejgħ ta' titoli lill-BĊE. Il-kumpilazzjoni u s-sottomissjoni lill-BĊN tal-flussi netti huwa aċċettabbli. Il-BĊNi li jirċievu d-*data* tat-tranżazzjonijiet għandhom jikkalkolaw l-"aġġustament ta' rivalutazzjoni" bħala reżidwu mid-differenza bejn l-ishma u t-tranżazzjonijiet u aġġustamenti oħrajn, u jibagħtu aġġustament ta' rivalutazzjoni lill-BĊE skond din il-Linja ta' Gwida,

— *rapportar* titolu btitolu: L-MFIs jirrapportaw lill-BĊNi l-informazzjoni rilevanti kollha fuq l-investimenti tat-titoli, bħall-valur nominali (jiġifieri tal-wiċċ), valur kontabbli (skond il-kotba), il-valur tas-suq, bejgħ u xiri, fuq bażi titolu btitolu. Din l-informazzjoni tippermetti lill-BĊNi li jiksbu informazzjoni eżatta fuq l-"aġġustment tar-rivalutazzjoni" li għandha tintbagħat lill-BĊE. Dan il-metodu huwa maħsub biex jakkomoda lill-BĊNi li diġà jsegwu dan il-metodu fil-ġbir tad-*data* fil-livell lokali.

6. Fil-prinċipju, il-BĊNi huma ristretti għall-metodi ta' hawn fuq. Iżda, jistgħu jintużaw metodi oħrajn jekk jintwera li jistgħu jagħtu *data* ta' kwalità paragunabbli.

### *Taqsima 3: Aġġustamenti tal-fluss ta' kull xahar — adattamenti speċjali*

#### 1. **Statistika tal-karta ta' bilanċ tal- BĊE/BĊN**

1. Skond l-eżerċizzju temporanju, il-ħtieġa għad-data tal-karta ta' bilanċ ġiet immodifikata biex tirrifletti l-attivitajiet tal-BĊE/BĊNi. Ċerti partiti tneħħew, jiġifieri l-ebda *data* ma huma meħtieġa fuq repos jew depożiti b'perjodi ta' avviż. Partiti oħrajn żdiedu, jiġifieri fuq in-naħa tal-passiv, "kontroparti ta' l-SDRs" fuq in-naħa ta' l-attiv, "deheb u riċevibbli f'deheb" u "riċevibbli minn drittijiet ta' ġbid, SDRs, oħrajn", billi ishma għal dawn il-partiti huma meħtieġa wkoll f'din il-Linja ta' Gwida. Il-BĊE/BĊNi jibagħtu *data* ta' aġġustament għal kull partita minn dawn.

2. Il-BĊE/BĊNi jibagħtu aġġustamenti lill-BĊE skond il-proċeduri stabbiliti f'din il-Linja ta' Gwida. Iżda, xi modifikazzjonijiet jistgħu jiġu identifikati:

— *riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħrajn*: l-aġġustamenti għal "bidliet fil-kopertura statistika" m'humiex rilevanti. Iżda, il-BĊE/BĊNi jista' jkollhom pożizzjonijiet suġġetti għar-riklassifikazzjonijiet u r-reviżjonijiet, fejn jingħataw aġġustamenti tal-każ.

— *aġġustamenti għall-bidliet fir-rata tal-kambju*: skond ir-Regolament BĊE/2001/13, Anness I, Parti 2, Tabella 4, *data* valuta b'valuta jingħataw mill-aħħar ta' Diċembru 1998. Għall-iskop tal-kalkolu ta' l-aġġustament tar-rata tal-kambju, *data b'lura* u storika tista' tintbagħat. Fil-każ tal-BĊE, l-aġġustment tar-rata tal-kambju m'hijiex stmata bl-użu ta' proċedura standard; minflok, hija rrapportata direttament mid-*data* tal-kontabbiltà,

— *aġġustamenti ta' rivalutazzjoni*: skond il-proċedura miftehma, il-BĊE/BĊNi jipprovdi *data* fuq id-daqs ta' din ir-rivalutazzjoni. Il-karta ta' bilanċ tal-BĊE/BĊNi hija ppreżentata fuq bażi ta' kull xahar skond il-valur tas-suq għall-iskop ta' statistika. Bħala konsegwenza, l-aġġustamenti ta' rivalutazzjoni jiġu rrapportati kull xahar.

3. Limitu ta' EUR 5 miljun huwa ffissat għad-*data* tar-"riklassifikazzjoni u aġġustamenti ieħor" tal-BĊNi. Dan il-limitu huwa meħtieġ għaliex il-karti ta' bilanċ tal-BĊN jiġu rrapportati separatament u jistgħu jiġu ppubblikati separatament (ġewwa l-karta ta' bilanċ kkonsolidata tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali).

#### 2. **Fondi tas-suq tal-flus**

1. Il-BĊNi jipprovdu aġġustamenti dwar ir-'riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħrajn' u l-"aġġustamenti ta' rivalutazzjoni" skond l-iskema tar-rapportar għall-fondi tas-suq tal-flus (MMFs). F'ċerti ċirkostanzi dawn il-proċeduri jista' jkollhom bżonn ta' adattament. Minkejja dan, l-Artikolu 4.6 tar-Regolament BĊE/2001/13 jipprovdi lill-BĊNi bil-possibbiltà li tingħata deroga lil uħud jew l-MMFs kollha fir-rigward tar-rapportar ta' l-"aġġustamenti ta' rivalutazzjoni".

2. Japplikaw ir-regoli li ġejjin sakemm ma tingħatax deroga:

(a) in-naħa ta' l-attiv tal-karta ta' bilanċ ta' l-MMFs ma teħtieġx xi trattament speċjali billi hija diġà koperta kollha minn din il-Linja ta' Gwida;

(b) in-naħa tal-passiv jikkonsisti kważi għal kollox mill-partita "ishma/unitajiet tal-fond tas-suq tal-flus". L-MMFs huma unitajiet istituzzjonali fihom innifishom u, għalhekk ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala trasparenti. Bħala konsegwenza, it-trattament tan-naħa ta' l-attiv tal-karta ta' bilanċ ta' l-MMFs m'għandux implikazzjonijiet diretti għat-trattament tan-naħa tal-passiv. Barra minn dan, it-trattament huwa simili għal dak mogħti lill-istrumenti simili fuq in-naħa tal-passiv;

(ċ) l-MMFs huma inklużi fil-listi ta' l-MFIs għaliex l-ishma/unitajiet ta' l-MMF huma sostituti viċin id-depożiti. Għal-hekk, l-ishma/unitajiet ta' l- MMF jirċievu l-istess trattament bħad-depożiti. Tranżazzjonijiet finanzjarji f'depożiti jinkludu flussi "il ġewwa/"il barra tal-kontijiet tad-depożitu minħabba l-krediti/debitu tal-klijenti u li jiddaħħal l-imgħax. Billi d-depożiti għandhom valur nominali fiss, m'hemmx qligħ jew telf ta' l-investiment Bhekk, il-bidliet kollha f'ishma bejn żewġ perjodi jirrappreżentaw, bl-eċċezzjoni tar-'riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħrajn', tranżazzjonijiet finanzjarji;

(d) għal dak li għandu x'jaqsam ma' ishma/unitajiet ta' l-MMF, il-krediti/debiti tal-klijenti fi/minn depożiti għandhom l-ekwivalent tagħhom fi bdil fil-valur ta' l-ishma/unitajiet. Billi t-tibdil fil-valur ta' l-ishma/unitajiet iseħħ ta' kuljum, dan l-istrumenti huwa simili għad-depożiti meta l-imgħax jiġi rċevut kuljum. Dan huwa spjegat bil-faċilità li bihom l-ishma/unitajiet MMF jistgħu jiġu llikwidati. Bħala depożiti, it-tibdil kollu fl-ishma ta' l-ishma/unitajiet ta' l-MMF għandhom jiġu kkunsidrati bħala tranżazzjonijiet finanzjarji (l-istess, bl-eċċezzjoni ta' "riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħrajn").

3. Fil-qosor, jekk id-deroga fir-rigward ta' l-"aġġustamenti ta' rivalutazzjoni" ma tiġix applikata, l-attiv ta' l-MMF jiġu kkun-sidrati skond il-proċedura komuni ([1]). Taħt il-passiv, biex jiġi kkalkulat il-fluss tal-'fond tas-suq tal-flus ta' l-ishma/unitajiet, huwa biżżejjed li jiġu esklużi l-aġġustamenti tar-"riklassifikazzjoni" mid-differenza bejn il-bilanċi sakemm ma jiġi rapportat l-ebda aġġustament ta' rivalutazzjoni għal dan l-istrument.

### 3. **Passiv tal-Gvern ġenerali (u l-attiv)**

*Data* ta' l-ishma jinġabru għall-attiv u l-passiv tal-Gvern ġenerali. Għall-finijiet tal-kumpilazzjoni ta' l-istatistika tal-fluss, *data* ta' l-aġġustament huma, fil-prinċipju, mogħtija skond ir-rekwiżiti stabbiliti fl-istatistika tal-karta ta' bilanċ ta' l-MFI. Fil-prattika, bidliet li ma humiex tranżazzjonijiet, jiġifieri minħabba r-rata tal-kambju jew bidliet tal-prezz tas-suq, x'aktarx ma jseħħux. Dawn id-*data* jiġi rapportati kif indikat fil-Parti 3 ta' l-Anness III.

### 4. **Partiti tal-Memorandum**

Flussi ta' partita tal-memorandum huma kkalkulati wkoll bl-użu tat-taqsim tar-residenza ta' detenturi ta' titoli maħruġin mill-MFIs, biex jintegraw dawn id-*data* fil-produzzjoni regolari ta' statistika BSI u fil-kalkolu ta' l-aggregati monetarji. Għal dik ir-raġuni, l-aġġustamenti ta' riklassifikazzjoni, l-aġġustmenti tar-rata tal-kambju u l-aġġustamenti ta' rivalutazzjoni huma kkalkolati għal dawn il-partiti tal-memorandum. Dawn id-*data* huma rapportati kif indikat fil-Parti 4 ta' l-Anness III.

## ***Taqsima 4: Kalkolu ta' l-aġġustamenti tal-fluss***

1. Peress li parti mid-*data* rrapportata qabel fuq bażi trimestrali skond ir-Regolament BĊE/1998/16 ([2]) Anness I, Parti 2, Tabelli 2 u 3, hija rrapportata fuq bażi ta' kull xahar skond ir-Regolament BĊE/2001/13, Anness I, Parti 2, Tabella 1 (iktar 'il quddiem it-Tabella 1), u peress li hemm il-ħtieġa biex jitkompla l-kalkolu ta' l-istatistika tal-fluss għal dawk il-partiti li għadhom irrapportati fuq bażi trimestrali, jiġifieri partiti meħtieġa skond ir-Regolament BĊE/2001/13, Anness I, Parti 2, Tabella 2 (iktar 'il quddiem it-Tabella 2), il-BĊNi huma meħtieġa li jipprovdu data ta' aġġustament għal *data* trimestrali kif speċifikat hawn taħt, jekk hemm bżonn bl-użu ta' stimi.

2. Għall-kompletezza, din il-ħtieġa tapplika wkoll għar-rapportar ta' l-aġġustamenti għad-*data* tal-BĊN, inkluż *data* sto-rika, ta' l-anqas minn u inkluż Jannar ta' l-1999.

3. Il-proċedura għall-kalkolazzjoni tal-flussi għat-Tabella 2 hija simili għal dik applikata fit-Tabella 1, kif deskritt fil-paragrafi a u b hawn isfel. Aġġustamenti trimestrali rilevanti huma rrapportati fil-każijiet li ġejjin:

(a) Meta aġġustament jintbagħat għat-Tabella 1, jista' jaffettwa l-partiti tat-taqsim li hemm fit-Tabella 2. Fi kliem iehor, meta aġġustament jiġi rrapportat fit-Tabella 1, dan jimplika li l-aġġustamenti huma rrapportati għall-partiti li hemm fit-Tabella 2. Il-konsistenza hija assigurata bejn iż-żewġ settijiet ta' *data* fuq bażi trimestrali, jiġifieri, is-somma ta' l-aġġustamenti ta' kull xahar għandha tkun daqs aġġustament trimestrali. Jekk limitu huwa stabbilit għall-aġġustamenti trimestrali, jew l-aġġustamenti trimestrali ma jistgħux jiġu identifikati għal kollox jew fl-istess livell ta' dettall bħall-aġġustament ta' kull xahar, l-aġġustament huwa kkalkolat biex jiġu evitati d-diskrepanzi bl-aġġustament irrapportat għad-data ta' kull xahar.

([1]) Il-kontroparti tar-rivalutazzjoni fuq in-naħa ta' l-attiv, fil-każ ta' MMFs, m'huwiex "ishma/unitajiet tal-fond tas-suq tal-flus imma 'passiv li baqa'".

([2]) ĠU L 356, 30.12.1998, p. 7. Regolament kif imħassar mir-Regolament BĊE/2001/13.

(b) Fir-rigward tar-"rivalutazzjoni" tal-prezz tat-titoli, bl-esklużjoni tal-bidliet ta' valutazzjoni li jiġu minn tranżazzjonijiet f'titoli, jiġifieri l-applikazzjoni tal-'metodu karta ta' bilanċ (ara n-Noti ta' Gwida tar-Regolament 2001/13), jista' jkun hemm inkonsistenzi bejn aġġustamenti ta' kull xahar u trimestrali. Skond dan il-metodu, ir-rivalutazzjonijiet biss li jaffettwaw it-titoli rrapportati bħala ishma kemm fl-aħħar tar-rapportar preżenti u fl-aħħar tal-kurrenti u ta' qabel huma kkunsidrati. Bħala konsegwenza, bidla fil-frekwenza tar-rapportar jagħti lok għad-differenzi fl-aġġustament irrapportat. Biex jiġi evitat dan l-effett mhux mixtieq u biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-aġġustamenti trimestrali u ta' kull xahar, il-kalkolazzjoni tal-'prezz ta' rivalutazzjoni tat-titoli, fejn jiġi applikat "il-metodu tal-karta ta' bilanċ" isiru fuq bażi ta' kull xahar irrispettivament minn jekk id-*data* humiex irrapportati kull xahar jew trimestralment. Fi kliem ieħor l-aġġustament trimestrali huwa kkalkolat bħala s-somma ta' l-aġġustamenti ta' kull xahar, biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-aġġustamenti ta' kull xahar u trimestrali. Meta d-*data* sottostanti m'humiex disponibbli fuq bazi ta' kull xahar, l-istimi jiġu aċċettati, biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-aġġustamenti ta' kull xahar u trimestrali. Għal kuntrarju, biex jiġu inklużi l-bidliet ta' valutazzjoni li jinqalgħu minn tranżazzjonijiet f'titoli, jiġifieri bl-applikazzjoni tal-'metodu ta' tranżazzjoni, jiġu pprovduti aġġustamenti trimestrali li huma konsistenti għal kollox mad-*data* ta' kull xahar. Skond il-"metodu ta' tranżazzjoni", ir-rivalutazzjonijiet kollha li jaffettwaw it-titoli huma rrapportati, mingħajr ma jitqiesu l-ishma fil-bidu jew l-aħħar tal-perjodu. Bħala konsegwenza, l-aġġustamenti trimestrali jikkoinċidu mas-somma ta' l-aġġustamenti ta' kull xahar.

(ċ) L-aġġustamenti jistgħu jkunu meħtieġa għal tabelli trimestrali anki jekk l-ebda aġġustament ma jkun irrapportat fit-Tabella 1. Dan huwa l-każ meta jkun hemm riklassifikazzjoni fil-livell tad-dettall trimestrali imma titħassar fil-livell aktar aggregat ta' kull xahar. Jista' applika wkoll għall-"aġġustamenti ta' rivalutazzjoni" meta l-komponenti differenti ta' partita ta' kull xahar jimxu f'direzzjonijiet differenti. Il-konsistenza hija żgurata wkoll bejn id-*data* ta' kull xahar u trimestrali f'dawn il-każijiet. Fir-rigward tar-"rivalutazzjoni tal-prezz tat-titoli", il-konsistenza hija żgurata bl-applikazzjoni tal-"metodu tal-karta ta' bilanċ" fuq bażi ta' kull xahar, mhux biss għat-tabelli ta' kull xahar imma wkoll għat-tabelli trimestrali.

4. Safejn il-BĊNi jipprovdu aġġustamenti għall-istatistika trimestrali jiddependi fuq l-abbiltà tagħhom biex jidentifikaw jew jagħmlu stima, fi grad ta' preċiżjoni raġonevoli, tal-klassifikazzjoni settorali/ta' strument ddettaljata ta' aġġustamenti ta' kull xahar eżistenti. Fir-rigward tar-"riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħrajn", l-informazzjoni hija disponibbli. B'mod partikolari, il-BĊNi għandhom informazzjoni ddettaljata biżżejjed biex jallokaw faċilment aġġustamenti kbar ta' darba. (eż. riklassifikazzjoni minħabba żball ta' rapportar) lill-partiti trimestrali speċifiċi. Bl-istess mod, aġġustamenti trimestrali minħabba bidliet fil-popolazzjoni li tirrapporta ma jimplikawx diffikultajiet għall-BĊNi. Fir-rigward ta' l-"aġġustament ta' rivalutazzjoni", it-tħassir u r-rivalutazzjonijiet huma aktar diffiċli biex jinkisbu minħabba n-nuqqas ta' taqsim xieraq fis-sorsi tad-*data* oriġinali. Huwa mistenni li l-"aġġustament ta' rivalutazzjoni" huwa bbażat, ta' l-anqas parzjalment, fuq l-istimi. L-għoti ta' stimi huwa akkumpanjat b'noti spjegattivi fuq il-metodu użat (eż. taqsim nieqes huwa stmat fuq bażi *pro rata* bl-użu ta' *data* ta' l-ishma).

5. Biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-aġġustamenti għat-Tabella 2 u t-Tabella 1, l-aġġustamenti għat-Tabella 1 jirriferi għall-perjodu ta' xahar, filwaqt li l-aġġustamenti għat-Tabella 2 jirriferi għal trimestru wieħed. Aġġustamenti għad-data trimestrali huma daqs l-aggregazzjoni ta' tliet perjodi ta' xahar (eż. l-aġġustament trimestrali rrapportat f'Marzu huwa konsistenti mas-somma ta' l-aġġustamenti ta' kull xahar ta' Jannar, Frar u Marzu). Billi flussi trimestrali jadottaw l-istess qafas bħall-flussi ta' kull xahar, inkluż l-użu tal-"metodu tal-karta ta' bilanċ" fuq bażi ta' kull xahar ukoll għall-flussi trimestrali, għandhom ikunu konsistenti magħhom matul iż-żmien.

6. Il-flussi huma kkalkulati wkoll għall-partiti tal-memorandum trimestrali meta jkunu qed jiġu kkompilati l-kontijiet finanzjarji ta' l-unjoni monetarja taż-żona ta' l-euro. Biex jiġi evitat li jiżdied il-piż tar-rappurtar, dawn il-partiti tal-memorandum ġew integrati fil-qafas statistiku eżistenti għall-produzzjoni regolari ta' l-istatistika tal-flus u bankarja. Għal din ir-raġuni r-riklassifikazzjoni u l-aġġustamenti ta' rivalutazzjoni huma kkalkolati għal dawn il-partiti tal-memorandum.

*PARTI 4*

**Statistika ta' l-IF — aġġustamenti tal-fluss**

***Taqsima 1: Introduzzjoni***

1. Għall-istatistika ta' l-IF, il-BĊNi jissottomettu aġġustamenti ta' rivalutazzjonijiet, li jkopru kemm ir-rivalutazzjonijiet minħabba bidliet tal-prezzijiet u tar-rata tal-kambju u aġġustamenti ta' riklassifikazzjoni għall-partiti kollha tal-karta ta' bilanċ ta' l-IF, skond il-frekwenza indikata fl-Artikolu 18. F'dan il-proċess, il-BĊNi jista' jkollhom bżonn jikkalkulaw u/jew jagħmlu stima ta' l-aġġustamenti għal xi taqsim mhux rapportat mill-IFs għaliex m'humiex kkunsidrati "rekwiżiti minimi" fir-Regolament BĊE/2007/8, Anness I, Parti 3, Tabella 3.

2. Aġġustamenti tal-fluss huma suġġetti għall-istess sistema tal-kontabbiltà ta' l-entrata doppja bħall-ishma. Fil-każijiet kollha, l-aġġustamenti għandhom kontroparti li, f'ħafna każijiet, x'aktar tkun "ishma/unitajiet ta' l-IF maħruġa" jew "passiv li baqa'", jiddipendi fuq l-operazzjoni jew ir-regoli tal-kontabbiltà lokali.

3. Fil-prinċipju, il-gwida li ġejja tingħata għall-valuri tat-tranżazzjoni ta' depożiti/self u titoli. Il-valur tat-tranżazzjoni ta' depożiti/self u titoli jeskludi drittijiet, eċċ. Il-valur tat-tranżazzjoni ta' depożitu/self jeskludi imgħax akkumulat li huwa riċevibbli/pagabbli imma li għadu ma ġiex irċevut jew imħallas. Minflok, imgħax akkumulat fuq depożiti/self huwa rreġistrat taħt "attiv li jibqa'" jew "passiv li baqa'", kif jixraq.

Imgħax akkumulat fuq titoli miżmumin u maħruġin huwa inkluż fid-*data* ta' l-ishma fuq titoli u fil-valur tat-tranżazzjoni.

### *Taqsima 2: Aġġustamenti ta' rivalutazzjoni*

1. Regolament BĊE/2007/8 jippermetti l-flessibbiltà inkwantu għat-tip ta' *data* meħtieġ għall-kalkolazzjoni ta' l-aġġustamenti ta' rivalutazzjoni ta' l-attiv u l-passiv u l-forma kif dawn id-*data* huma miġburin u kkumpilati. Id-deċiżjoni fuq il-metodu jitħalla għall-BĊNi.

2. Fil-każ li IFs isegwu l-metodu kkombinat skond l-Anness I tar-Regolament BĊE/2007/8, iż-żewġ għażliet jeżistu biex jinġabu l-aġġustamenti ta' rivalutazzjoni għat-titoli:

   — *IFs jirrapportaw informazzjoni titolu b'titolu li tippermetti lill-BĊNi jġibu aġġustamenti ta' rivalutazzjoni*: IFs jirrapportaw lill-BĊNi l-informazzjoni li tidher fit-Tabella 2, paragrafi, b u d, tar-Regolament BĊE/2007/8, Anness I, Parti 3 fuq il-bażi ta' titolu b'titolu. Din l-informazzjoni tippermetti lill-BĊNi li jiksbu informazzjoni preċiża fuq l-"aġġustament ta' rivalutazzjoni" li tintbagħat lill-BĊE. Meta tiġi segwita din l-għażla, il-BĊNi jistgħu jġibu l-"aġġustamenti ta' rivalutazzjoni" skond metodu komuni ta' l-Eurosistema, jiġifieri il-'metodu tad-derivazzjoni tal-fluss, kif deskritt fil-Manwal IF li jakkumpanja r-Regolament BĊE/2007/8,

   — *IFs jirrapportaw direttament tranżazzjonijiet fuq bażi ta' titolu b'titolu lill-BĊN*: l-IFs jirrapportaw l-ammonti akkumulati ta' xiri u bejgħ ta' titoli, li jkunu ġraw matul il-perjodu ta' referenza kif jidher fit-Tabella 2, paragrafi a u ċ, tar-Regolament BĊE/2007/8 fuq bażi ta' titolu b'titolu. Il-BĊNi jikkalkula l-"aġġustament ta' rivalutazzjoni" billi tittieħed id-differenza bejn l-ishma ta' l-aħħar tal-perjodu u t-tneħħija tat-tranżazzjonijiet, u jibagħtu l-aġġustament ta' rivalutazzjoni lill-BĊE skond din il-Linja ta' Gwida.

3. Għall-attiv u l-passiv li m'humiex titoli jew għal titoli fil-każ li IFs isegwu l-metodu aggregat, iż-żewġ għażliet li ġejjin jeżistu biex jinġiebu l-aġġustamenti ta' rivalutazzjoni:

   — *IFs jirrapportaw aġġustamenti aggregati*: IFs jirrapportaw l-aġġustamenti applikabbli għal kull partita, li tirrifletti l-bidliet ta' valutazzjoni minħabba bidliet fil-prezzijiet u r-rata tal-kambju ([1]). Il-BĊNi li jagħżlu dan il-metodu jaggregaw l-aġġustamenti rrapportati mill-IFs biex tintbagħat id-*data* lill-BĊE.

   — *IFs jirrapportaw tranżazzjonijiet aggregati*: IFs jakkumulaw tranżazzjonijiet matul ix-xahar u jittrażmettu l-valur tax-xiri u tal-bejgħ lill-BĊN. Il-BĊNi li jirċievu d-data tat-tranżazzjonijiet jikkalkolaw l-"aġġustament ta' rivalutazzjoni" bħala forma reżidwa mid-differenza bejn l-ishma u t-tranżazzjonijiet, u jibagħtu l-aġġustament ta' rivalutazzjoni lill-BĊE skond il-Linja ta' Gwida tal- BĊE.

---

([1]) Skond ir-Regolament BĊE/2007/8, il-BĊNi jiġbru jew id-*data* mir-rivalutazzjonijiet minħabba bidliet fil-prezzijiet u r-rata tal-kambju mill-IFs jew alternattivament il-BĊNi jiġbru mill-IFs id-*data* biss mir-rivalutazzjonijiet minħabba bidliet fil-prezzijiet u d-*data* meħtieġa, li jkopru, bħala minimu, taqsim tal-valuta f'Liri Ingliżi, Dollari US, Yen Ġappuniż u Franki Svizzeri, biex jinġiebu r-rivalutazzjonijiet minħabba bidliet fir-rati tal-kambju.

*Appendiċi I*

## EFFETTI TA’ GĦAQDIET, AKKWISTI U DIVIŻJONIJIET FUQ IL-KUMPILAZZJONI TAL-FLUSSI

### 1. Għaqda ta’ żewġ istituzzjonijiet li jirrapportaw jew aktar f’istituzzjoni li tirrapporta ġdida (żewġ MFIs jew aktar f’MFI ġdida jew żewġ Ifs jew aktar f’IF ġdida)

Meta issehh għaqda, żewg tipi differenti ta’ entitajiet li ma jkunux tranżazzjonijiet jistgħu jinħolqu. L-ewwelnett, u probabbilment l-aktar importanti, tista’ sseħħ bidla fil-valur ta’ l-assi u tad-djun. Rivalutazzjoni/żvalutar bħal din ma tkunx tranżazzjoni, għalhekk l-ammont involut jiġi rreġistrat taħt “aġġustamenti ta’ rivalutazzjoni”. Aktar minn hekk, kwalunkwe bilanci li jibqa’ bejn iż-żewg istituzzjonijiet magħquda jiġu mħassra. Skond il-paragrafu 6.30 ta’ l-ESA 95 dan it-tħassir ma jkunx tranżazzjoni finanzjarja u għalhekk għandu jiġi inkluż aġġustament biex jitneħħa l-impatt mill-istatistiċi tal-flussi taħt “riklassifikazzjonijiet u aġġustmanenti oħra” (b’sinjal negattiv) ([1]). Fejn il-metodi ta’ valutazzjoni ta’ l-attiv u l-passiv ikunu differenti, huma involuti ukoll ir-rivalutazzjoni/żvalutar tal-partiti netti. Is-sorsi ta’ l-informazzjoni għall-identifikazzjoni ta’ dawn l-aġġustamenti huma l-ewwel attiv u passiv rreġistrati għall-istituzzjoni l-ġdida. Idealment, l-istituzzjonijiet magħquda għandhom jiġu mitluba informazzjoni fuq l-attiv u l-passiv tagħhom kemm fuq bażi mhux magħquda kif ukoll fuq bażi magħquda skond iż-żmien meta l-għaqda sseħħ. B’dan il-mod, id-differenza bejn l-attiv u l-passiv mhux magħquda u l-attiv u l-passiv magħquda b’mod totali tirrappreżenta l-flussi li ma jkunux tat-tranżazzjoni. Madankollu, ir-rati tat-tkabbir jiġu ikkalkolati mill-Bank Ċentrali Ewropew fuq is-supposizzjoni impliċita li l-aġġustamenti ta’ riklassifikazzjoni jsiru fl-aħħar ta’ kull perjodu ta’ rapportar. Għalhekk ikun korrett li l-aġġustamenti jkunu ibbażati fuq l-aħħar attiv u passiv irrappurtat lill-banek centrali nazzjonali mill-istituzzjonijiet separati u fuq l-ewwel attiv u passiv irrappurtati mill-istituzzjoni magħquda xahar wara. F’dan il-każ l-effett ta’ l-għaqda u t-tranżazzjonijiet li jseħħu fil-perjodu ta’ bejn iż-żewg osservazzjonijiet jiġu irrappurtati flimkien bħala aġġustament.

### 2. Akkwist ta’ istituzzjoni li tirrapporta minn istituzzjoni li tirrapporta oħra (MFI waħda minn MFI oħra jew IF minn IF ieħor)

Din l-operazzjoni hija simili ħafna għall-għaqda u ż-żewg tipi ta’ entitajiet li ma jkunux tranżazzjonijiet kif identifikati hawn fuq jistgħu jinħolqu. Madankollu, hemm differenza wada. Minflok ma jkun hemm attiv u passiv minn tliet istituzzjonijiet differenti, f’dan il-każ l-istituzzjoni li qed tagħmel l-akkwist tirreġistra żewg settijiet ta’ attiv u passiv u l-istituzzjoni akkwistata tirreġistra sett wieħed ta’ attiv u passiv. Madankollu, il-proċedura għall-identifikazzjoni ta’ l-impatt ta’ l-akkwist tkun l-istess bħal dik ta’ għaqda. Għal darb’oħra, idealment, l-istituzzjonijiet li jagħmlu l-akkwist u dawk akkwistati għandhom jiġu mitluba informazzjoni fuq l-attiv u l-passiv kemm dik ta’ qabel l-akkwist kif ukoll dik ta’ wara l-akkwist skond iż-żmien ta’ meta jsir l-akkwist. Madankollu, soluzzjoni li taqbel ħafna mal-kalkolazzjoni tar-rati tat-tkabbir hija dik ta’ aġġustament li ssir fuq bażi ta’ l-aħħar attiv u passiv irrappurtati mill-istituzzjonijiet separati u mill-ewwel attiv u passiv ta’ wara l-akkwist ta’ l-istituzzjoni li tkun għamlet l-akkwist.

### 3. Diviżjoni ta’ istituzzjoni li tirrapporta f’żewġ istituzzjonijiet li jirrapportaw (MFI waħda f’żewġ MFIs jew IF waħda f’żewġ IFs)

Din l-operazzjoni hija l-kontra ta’ għaqda. Madankollu, kwalunkwe bidla fil-valutazzjoni ta’ l-attiv/passiv ikollha l-istess impatt bħal ma jkollha f’għaqda. Hawnhekk ukoll, il-bilanċi vis-à-vis istituzzjonijiet oħra jistgħu jinkludu ammonti bejn iż-żewg istituzzjonijiet li ma jkunux minħabba tranżazzjonijiet. Dawn l-ammonti jiġu inklużi bħala modifika fir-“riklassifikazzjonijiet u aġġustamenti oħra” (bis-sinjal posittiv). L-informazzjoni disponibbli f’dan il-kuntest hija differenti. Jekk jinħolqu żewg istituzzjonijiet ġodda, ikun hemm żewġ settijiet ta’ attiv u passiv mill-istituzzjonijiet godda. Il-proceduri maħsuba elenkati hawn fuq jistgħu jsiru applikabbli f’dan il-każ billi jittieħed kont taż-żmien tad-diviżjoni u mhux taż-żmien ta’ l-għaqda, u permezz ta’ l-użu ta’ l-informazzjoni relevanti fil-każ tad-diviżjoni.

### 4. Għaqdiet, akkwisti u diviżjonijiet meta waħda mill-istituzzjonijiet ma tkunx tappartjeni għas-settur li jirrapporta

Fit-tliet każijiet kollha, fejn istituzzjoni waħda ma tkunx tappartjeni għas-settur li jirrapporta, ikun hemm ukoll bidla fil-popolazzjoni li tirrapporta ([2]). F’dan il-każ, huwa diffiċli li wieħed jiddistingwi bejn l-aġġustamenti li jiġu mirristrutturar u aġġustamneti u tranżazzjonijiet oħrajn.

([1]) Fl-ESA 95 l-għaqdiet huma kkunsidrati bħala bidla fl-istruttura, ara “bidliet fil-klassifikazzjoni u l-istruttura tas-settur” (K.12.1).

([2]) Bidla fil-popolazzjoni li tirrapporta ma timplikax necessarjament bidla fin-numru ta’ istituzzjonijiet li jirrapportaw. Huwa n-negozju li ma kienx qed jigi irrappurtat u issa dan huwa li jagħmel id-differenza.

Fil-principju, id-*data* għandhom ikunu mfittxija mill-istituzzjonijiet kollha involuti, għalkemm huwa rikonoxxut li d-*data* fuq l-attiv u l-passiv ta' istituzzjoni li ma tappartjenix għas-settur li jirrapporta jista' ma jkunux disponibbli. Inkella għandha ssir stima tat-tranżazzjonijiet ta' l-istituzzjoni li qabel din l-operazzjoni kienet tappartjeni għas-settur li jirrapporta u li tibqa' hekk anke wara (jista' jkun fuq il-bażi tat-tendenza li tkun giet ippreżentata mid-*data* disponibbli għax-xhur ta' qabel). Il-bqija tad-differenza bejn iż-żewg settijiet ta' attiv u passiv tiġi inklużа fir-"riklassifikazzjonijiet u aġġustmenti oħra".

5. **Effetti fuq l-aggregazzjonijiet monetarji/tal-kredtu ta' l-għaqdiet, akkwisti u d-diviżjonijiet fil-kuntest ta' l-istatistika BSI**

Il-probabbiltà li l-aggregazzjonijiet monetarji/tal-kredtu ikunu milquta b'dawn l-iżviluppi hija żgħira, iżda ma tistax tigi injorata. Ir-ragunijiet prinċipali li jistgħu jwasslu biex dawn jiġu milquta huma:

— *bidliet fil-popolazzjoni li tirrapporta*: dawn ma jkunux ikkawżati mill-għaqda/akkwist/diviżjoni innifishom, iżda permezz ta' bidla biss fis-settur ta' istituzzjoni,

— *rivalutazzjoni*: rivalutazzjoni tista' tkun assocjata ma' għaqda/akkwist u tista' tolqot kważi l-partiti kollha. Huwa mistenni li tolqot aktar il-parti ta' l-attiv tal-karta ta' bilanċ

— *Nettjar tal-bilanci bejn iż-żewg istituzzjonijiet*: dan l-iżvilupp jista' jimmodifika biss l-aggregazzjonijiet tat-tip monetarji/tal-kredtu jekk il-metodi ta' valutazzjoni ta' l-attiv u l-passiv ikunu differenti. F'każ bħal dan, tkun biss il-bidla fil-valur li jkollha xi effett fuq l-aggregazzjonijiet tat-tip monetarji/tal-kredtu, filwaqt li "bidla fl-istruttura" (*nettjar*) mhux mistenni li jkollha xi impatt fuq dawn l-aggregazzjonijiet..

*Appendiċi II*

## TRATTAMENT TA' L-AKKWIST TAD-DEJN

### 1. Definizzjoni ta' l-akkwist tad-dejn

1. L-akkwist tad-dejn hija operazzjoni li normalment tinvolvi li l-gvern ċentrali jieħu post il-korporazzjonijiet pubbliċi (parti mis-setturi residenti l-oħra) bħala d-debitur fir-rigward tas-self li oriġinarjament kien mogħti mill-banek (is-settur ta' l-istituzzjoni monetarja finanzjarja (MFI)). Din l-operazzjoni finanzjarja tista' sseħħ ukoll bejn is-setturi l-oħra istituzzjonali. F'dan il-każ it-trattament għandu jkun l-istess.

2. Billi l-akkwist tad-dejn ikollu impatt fuq il-karta ta' bilanċ ta' l-MFI, huwa importanti li jkun assigurat it-trattament korrett ta' l-aspetti finanzjarji ta' l-operazzjoni fl-istatistiċi bankarji u tal-flus. Dan l-Appendiċi jelenka t-trattament statistiku li jkun meħtieġ għall-akkwist tad-dejn.

### 2. Trattament Statistiku

1. L-akkwist tad-dejn li jkun jinvolvi relazzjoni triangolari bejn il-gvern ċentrali, is-setturi residenti l-oħra u s-settur ta' l-MFI għandu jkun irreġistrat kif ġej [1]. L-akkwist tad-dejn mill-gvern ċentrali ikun ittrattat bħala trasferiment kapitali mill-gvern ċentrali (l-entità li takkwista d-dejn) għas-settur residenti l-ieħor (debitur). Il-kontroparti finanzjarja ta' l-irċevuta tal-kapital mis-setturi residenti l-oħra tkun tnaqqis fis-self ta' l-MFI lis-setturi residenti l-oħra (jiġifieri l-pagament mill-ġdid lis-settur ta' l-MFI tad-dejn oriġinali tas-setturi residenti l-oħra), bil-kontroparti finanzjarja tal-pagament kapitali tal-gvern ċentrali rregistrata bħala żieda fis-self ta' l-MFI lill-gvern ċentrali.

2. Għalhekk, fl-istatistiċi tal-flussi ikkompilati fir-rigward tal-karta ta' bilanċ ta' l-MFI jidhru żewġ tranżazzjonijiet finanzjarji separati: (i) il-pagament mill-ġdid tad-dejn tas-setturi residenti l-oħra lis-settur ta' l-MFI u; (ii) fl-istess ħin, l-għoti ta' self mis-settur ta' l-MFI lill-gvern ċentrali. In-nuqqas ta' kwalunkwe ċaqliq ta' flus kontanti bejn il-partijiet ikkonċernati ma jbiddilx l-importanza ekonomika ta' l-operazzjoni u lanqas it-trattament statistiku tagħha.

3. Fil-karta ta' bilanċ ta' l-MFI u fl-istatistiċi relatati ikkompilati skond ir-Regolament BCE/2001/13 tat-22 ta' Novembru 2001 li jikkonċerna l-karta ta' bilanċ ikkonsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet monetarji finanzjarji (2) kif emendat bir-Regolament BCE/2002/8 (3), l-akkwist tad-dejn għandu jiġi trattat kif ġej:

   (a) Għall-istatistiċi tal-karta ta' bilanċ ta' l-MFI, l-att ta' akkwist ta' dejn jiġi awtomatikament irreġistrat fil-karta ta' bilanċ bħala tnaqqis fl-ishma tas-self ta' l-MFI lis-setturi l-oħra residenti u jkun ikkomplementat b'żieda fis-self ta' l-MFI lis-settur tal-gvern ġenerali fl-istatistiċi tal-karta ta' bilanċ ta' kull xahar fit-Tabella 1 fir-Regolament BĊE/2001/13, Anness I, Parti 2. Fit-taqsim settorjali aktar dettaljata, l-operazzjoni tidher bħala tnaqqis fis-self ta' l-MFI għall-korporazzjonijiet li ma jkunux finanzjarji fit-Tabella 1 jew, fejn il-korporazzjoni pubblika tkun intrapriża finanzjarja, għall-intermedjarji l-oħra u żieda fis-self ta' l-MFI lill-gvern ċentrali fit-Tabella 2 fir-Regolament BĊE/2001/13, Anness I, Parti 2

   (b) Għad-*data* li jimmodifikaw li jintużaw għall-kumpilazzjoni tal-flussi, fl-istatistiċi bankarji u tal-flus taż-żona euro, il-flussi ta' tranżazzjoni (finanzjarji) jiġu kkalkolati bħala d-differenza ta' l-ishma li jibqa' bit-tnaqqis ta' kull aġġustament li ma tkunx tranżazzjoni. Għalhekk, it-tnaqqis fis-self ta' l-MFI għas-setturi residenti l-oħra u ż-żieda fis-self ta' l-MFI lill-gvern ġenerali jiġu rreġistrati impliċitament bħala tranżazzjonijiet finanzjarji, mingħajr il-bżonn ta' aktar interventi fil-figuri. Ma jkun hemm l-ebda ħtiega għall-BĊNi li jipprovdu xi data ta' l-aġġustamenti fir-rigward ta' l-operazzjonijiet finanzjarji.

---

[1] L-ESA 95 tittratta l-akkwist tad-dejn bħala trasferiment tal-kapital, jiġifieri it-"tranżazzjoni kontroparti ta' l-akkwist tad-dejn … hija klassifikata fit-trasferimenti ta' kategorija tal-kapital" (paragrafu 5.16) u, b'definizzjoni, il-kontroparti finanzjarja ta' trasferiment tal-kapital hija tranżazzjoni. Billi l-interpretazzjoni ta' l-ESA 95 kif imsemmija hawnhekk u t-trattament propost ta' l-akkwist tad-dejn fl-istatistiċi tal-karta ta' bilanċ ta' l-MFI hija konformi mat-trattament ta' l-akkwist tad-dejn fil-kontijiet finanzjarji taż-żona euro, l-attenzjoni għandha tingħata għall-preżenza ta' ċertu eċċezzjonijiet tar-regola li permezz tagħhom l-akkwist tad-dejn ikun meqjus bħala trasferiment tal-kapital (elenkat fl-ESA 95 paragrafi 5.16. 6.29 u 6.30). Madankollu, dawn l-eċċezzjonijiet japplikaw biss fejn l-akkwist tad-dejn ikun jinkludi li gvern ċentrali jassorbi korporazzjoni pubblika, jiġifieri daħħal il-korporazzjoni fil-gvern ċentrali. F'dan il-każ, l-operazzjoni m'għandiex titqies bħala tranżazzjoni finanzjarja iżda bħala riklassifikazzjoni ta' settur (mis-setturi l-oħra residenti għall-gvern ċentrali). Sabiex jitneħħa l-impatt minn fuq il-flussi ta' din il-riklassifikazzjoni ta' settur, il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandhom jibagħtu aġġustament għal din ir-riklassifikazzjoni.

### 3. **Eżempju b'entrati tal-kontabbiltà**

1. L-ewwel parti ta' dan l-eżempju tirrappreżenta l-entrati fil-kont ta' matul il-proċess kollu li jkunu relatati ma' l-akkwist tad-dejn fil-forma ta' T-diagrams. It-tieni parti, fit-taqsima li jmiss, tqabbel l-akkwist tad-dejn ma' pagamenti oħra li jkunu saru mill-gvern ċentrali lis-setturi residenti l-oħra, u kif dawn jiġu riflessi fit-termini tal-kontabbiltà.

2. Il-bidu ta' din l-operazzjoni huwa self li oriġinarjament jingħata minn bank (MFI) lill-korporazzjoni ta' proprjetà pubblika (fis-setturi residenti l-oħra). B'mod ġenerali s-self ikun iggarantit mill-gvern ċentrali. Meta s-self jingħata, l-annotazzjonijiet li ġejjin jidħlu fis-seħħ b'ċertu metodu ([1]):

| MFI | | Setturi oħra residenti | | Gvern ċentrali | |
|---|---|---|---|---|---|
| A | L | A | L | A | L |
| – Flus kontanti<br>+ Self lil setturi oħra residenti | Depożiti-- | + Flus kontanti | Self mill- MFI + | | |

3. Aktar tard, il-korporazzjoni ma tkunx kapaċi tħallas lura s-self, u għalhekk il-gvern ċentrali jieħu r-responsabbiltà tad-dejn. Minn hemm 'il quddiem, id-debitur ma jibqgħux is-setturi residenti l-oħra, imma jkun il-gvern ċentrali. L-entrati huma kif gej ([2]):

| MFI | | Setturi oħra residenti | | Gvern ċentrali | |
|---|---|---|---|---|---|
| A | L | A | L | A | L |
| + Self lill-gvern ċentrali<br>– Self lil setturi oħra residenti | Depożiti -- | | Kapital +<br>Self minn MFI - | | Kapital –<br>Self minn MFI + |

4. Għalhekk, fil-karta ta' bilanċ ta' l-MFI ikun hemm biss bidla fis-settur tas-self tal-kontroparti. Din il-bidla hija reali, hekk kif hija timxi mar-regoli li għandhom x'jaqsmu ma' trasferiment reali bejn il-gvern ċentrali u s-setturi residenti l-oħra. L-entrata fil-kont tal-kapital issir minħabba t-trasferiment tal-kapital li jseħħ.

5. Il-flus kontanti m'humiex inklużi fl-eżempju ta' hawn fuq, iżda li kieku kienu, is-sitwazzjoni finali kienet tkun l-istess. F'każ li l-gvern ċentrali jiffinanzja l-akkwist tad-dejn billi jnaqqas id-depożiti, u mhux billi jżid is-self, għandu jirriżulta caqliq triangolari mingħajr ebda riżultat nett finali, kif jidher hawn taht.

Fl-ewwel parti, il-gvern centrali jissellef il-flus mill-MFI:

| MFI | | Setturi oħra residenti | | Gvern ċentrali | |
|---|---|---|---|---|---|
| A | L | A | L | A | L |
| + Self lill-gvern centrali<br>– Flus kontanti<br>-- Self lil setturi ohra residenti | | | Self mill- MFI -- | + Flus kontanti | Self mill-MFI MFI + |

([1]) It-tifsiriet tas-sinjali huma kif ġej: + tfisser żieda, — tfisser tnaqqis, — tfisser l-ebda tnaqqsis f'dak il-punt.
([2]) It-terminoloġija li tintuża għall-kontijiet hija dik tal-karta ta' bilanċ ta' l-MFI. Għalhekk "kapital" tfisser "kont tal-profitt u tat-telf" fil-każ tas-setturi l-oħra residenti u tfisser "krediti u debiti netti" fil-każ tal-gvern ċentrali.

Fit-tieni parti, il-gvern ċentrali jagħmel trasferiment ta' flus kontanti lis-setturi residenti l-oħra:

| MFI | | Setturi oħra residenti | | Gvern ċentrali | |
|---|---|---|---|---|---|
| A | L | A | L | A | L |
| -- Self lill-gvern ċentrali<br>– Self lil setturi oħra residenti | | + Flus kontanti | Kapital +<br>Self mill- MFI -- | – Flus kontanti | Kapital–<br>Self mill- MFI -- |

Fit-tielet parti, is-setturi residenti l-oħra jużaw il-flus kontanti li jkunu rċevew mill-gvern ċentrali biex jiffinanzjaw il-pagament lura tad-dejn lill-MFI:

| MFI | | Setturi oħra residenti | | Gvern ċentrali | |
|---|---|---|---|---|---|
| A | L | A | L | A | L |
| -- Self lil Gvern ċentrali<br>– Self lil Setturi oħra residenti<br>+ Flus kontanti | | – Flus kontanti | Kapital –<br>Self minn MFI - | | Kapital –<br>Self minn MFI -- |

Kif jidher aktar 'il fuq, il-flus kontanti jidhru darbtejn b'sinjali differenti f'kull karta ta' bilanċ. Għalhekk l-effett nett huwa xejn.

### 4. **Pagamenti oħra mill-gvern centrali**

1. Għall-għanijiet biex isir tqabbil ma' operazzjonijiet fejn isir l-akkwist tad-dejn, l-entrati tal-kontabbiltà li jikkorrispondu ma' trasferimenti oħra mill-gvern ċentrali huma ppreżentati hawn taħt. Trasferiment mill-gvern ċentrali għas-setturi residenti l-oħra normalment iseħħ f'forma ta' pagament bi flus kontanti/depożitu.

Il-gvern ċentrali jkollu depożiti ma' banek jew mal-bank ċentrali, u dawn id-depożiti jintużaw biex isiru l-ħlasijiet għall-infiq. Għalhekk, meta l-gvern ċentrali jagħmel pagament minħabba trasferiment lis-setturi residenti l-oħra, l-entrati jkunu kif ġej:

| MFI | | Setturi oħra residenti | | Gvern ċentrali | |
|---|---|---|---|---|---|
| A | L | A | L | A | L |
| | Depożitu minn Gvern ċentrali -<br>Depożitu minn Setturi oħra residenti + | + Depożitu ma' MFI | Kapital + | Depożitu ma' MFI - | Kapital - |

2. Il-karatterisitiċi ta' dan it-trasferiment huma l-istess bħal dawk fil-każ ta' fejn isir l-akkwist tad-dejn, bl-entrati jvarjaw biss sal-punt li strumenti finanzjarji differenti jiġu użati fl-operazzjoni. Għall-analiżi monetarja, id-differenza tkun li l-akkwist tad-dejn mill-gvern ċentrali jolqot l-aggregati tal-kreditu (self lis-setturi residenti l-oħra jonqsu, filwaqt li self lill-gvern ċentrali jiżdiedu), filwaqt li l-istess trasferiment tal-kapital imħallas fi flus kontanti jolqot l-aggregati monetarji (depożiti għand il-gvern ċentrali jonqsu — li jkunu fis-settur newtrali tal-flus, filwaqt li jiżdiedu d-depożiti fis-setturi l-oħra residenti — li jkunu fis-settur ta' detenzjoni tal-flus). Fiż-żewg każijiet, madankollu, ikun hemm tranżazzjoni finanzjarja, biex l-ebda modifika ma tkun meħtieġa.

*Appendiċi III*

## TRATTAMENT TA' SECURITISATION U TRASFERIMENTI TA' SELF FIL-KUNTEST TAL-KISBA TA' L-ISTATISTIĊI TAL-FLUSSI BSI

### 1. Securitisation u trasferiment ta' self

1. "*Securitisation*" hija proċess fejn il-finanzi jkunu jistgħu jinkisbu minn investituri esterni billi dawn tingħatalhom l-opportunità jinvestu f'pakketti ta' assi finanzjarji speċifiċi. Din titlob biex l-istituzzjoni finanzjarja monetarja (MFI) jew tbigħ self lil terzi partijiet, li minn naħa tagħhom dawn jużaw is-self biex isostnu l-ħruġ ta' titoli, jew takkwista titoli negozzjabbli sabiex jieħdu post is-self. Din l-operazzjoni tikkonsisti f'li l-MFI jew ibiegħu s-self lil intermedjarju u l-ħruġ sussegwenti jew simultanju ta' titoli, minn dak l-intermedjarju, sostnut minn self, jew il-kisba ta' titoli maħruġin mid-debitur bħala sostitut għas-self, mingħajr ma jkun involut intermedjarju. Iż-żewġ tipi ta' operazzjonijiet jagħtu lok għall-istess riżultat fil-karta ta' bilanċ ta' l-MFI. Ta' l-ewwel huwa ferm aktar komuni. Iżda, ta' l-ewwel jiġi spjegat l-ewwel, billi huwa anqas kumpless.

2. "Trasferiment ta' self" hija operazzjoni simili bħal *securitisation* fejn l-MFIs ibiegħu self lill-investituri fi process li ma jkunx jinvolvi l-ħruġ ta' titoli. Madankollu, l-iskop ekonomiku ta' din l-operazzjoni u t-trattament statistiku tagħha huwa f'xi aspetti simili għas-*securitisation*.

### 2. Securitisation mingħajr intermedjarju u trasferimenti ta' self

(a) Deskrizzjoni

Din l-operazzjoni ssir meta "titolu ġdid jinħareg (mid-debitur oriġinali) sabiex jieħu post l-attiv oriġinali, li jkun attwalment likwidat" (ESA 95 (1), paragrafu 5.63) u dan it-titolu jkun fl-istess ħin mibjugħ lill-investituri ta' terzi partijiet.

(b) Sens ekonomiku:

L-operazzjoni tinvolvi li l-kreditur ta' l-MFI jitħallas lura s-self oriġinali mid-debitur. Dan il-ħlas mill-ġdid huwa ffinanzjat mid-debitur li joħrog it-titoli. It-titoli maħrugin mid-debitur jistgħu fit-teorija jinżammu għal ftit żmien mill-kreditur ta' l-MFI, iżda b'mod ġenerali dawn jinbiegħu lura direttament lill-investituri. Hemm xi dubji jekk din it-tip ta' operazzjoni hijiex komuni ħafna, għaliex fil-prattika korporazzjonijiet kbar u korpi pubbliċi joħorġu t-titoli. Jekk l-operazzjoni ma tinvolvix it-trasformazzjoni tas-self f'titoli, jiġifieri jekk l-istrument mibjugħ lill-investituri jibqa' mhux negozjabbli, jitqies li jkun sar trasferiment ta' self. Trasferiment ta' self madankollu is-soltu jiġri billi jinqasam is-self oriġinali f'unitajiet iżgħar, li jinbiegħ lill-kreditur ta' l-MFI, flimkien mal-benefiċċji/riskji, lill-terzi.

(ċ) Trattament statistiku

Minn naħa ta' kreditur ta' l-MFI, is-*securitisation*, b'mod ġenerali, tinvolvi l-bejgħ tas-self għall-flus kontanti jiġifieri l-MFI tirċievi flus kontanti mingħand id-debitur bħala pagament lura tas-self. Din hija meqjusa bħala tnaqqis fis-"self lill-entitajiet li ma jkunux MFIs" u żieda fil-"flus kontanti/depożiti". Id-debitur jiffinanzja dan il-pagament lura tas-self permezz tal-qligħ li jinholoq mill-ħrug ta' titoli ([1]). L-MFI jistgħu jirċievu minghand id-debitur it-titoli maħruġa minflok il-flus kontanti. F'dak il-każ, l-MFI għandha tittratta l-kontrparti għat-tnaqqis fis-"self" bħala żieda fis-"titoli li ma jkunux ishma". B'mod ġenerali l-MFI imbagħad tbigħ it-titoli il-ġodda lill-investituri ta' terz. F'dawn iż-żewġ każijiet, l-MFI hija permessa tneħħi s-self/titoli mill-karta ta' bilanċ tagħha jekk ir-"riskji u l-kisbiet" tad-dritt tal-proprjetà jkunu ttrasferiti b'mod sħiħ lit-terzi partijiet. F'każ ta' trasferiment ta' self, għandha sseħħ bidla fil-karta ta' bilanċ meta l-bejgħ lit-terzi partijiet ikun lest.

([1]) L-istrumenti maħruga mid-debitur huma klassifikati bħala titoli biss meta dawn jilħqu l-kondizzjonijiet meħtiega f'termini ta' l-istat tan-negozju u tas-suq. Skond ir-Regolament BĊE/2001/13 il-punt "titoli li ma jkunux ishma" jinkludi "self negozjabbli li jkunu gew ristrutturati f'numru kbir ta' dokumenti identiċi u li jkunu jistgħu jiġu nnegozzjati fi swieq sekondarji".

Għal skopijiet statistiċi, il-bejgħ tas-self tal-kreditur ta' l-MFI għandu jkun trattat bħala tranżazzjoni finanzjarja. F'każijiet fejn is-self ikunu *securitised*, il-kreditur ta' l-MFI għandu jaċċetta jew il-flus kontanti jew (temporanjament) it-titoli il-ġodda maħruga mid-debitur bħala pagament lura tas-self. F'każijiet fejn is-self ma jkunux *securitised* (eż trasferiment ta' self), il-kreditur l-MFI b'mod ġenerali għandu jirċievi jew il-flus kontanti mingħand id-debitur bi ħlas lura tas-self iffinanzjati permezz tal-bejgħ tas-self lill-investituri ta' terzi partijiet. Dawn l-operazzjonijiet huma meqjusa bħala tranżazzjonijiet finanzjarji. Billi dawn l-operazzjonijiet huma tranżazzjonijiet (flussi veri), l-ebda modifika ma tkun irrappurtata. Dan it-trattament huwa konsistenti ma' l-ESA 95 (paragrafu 5.62k), li tispeċifika li l-konverżjoni ta' self f'titoli "tinvolvi żewg tranżazzjonijiet finanzjarji: il-likwidazzjoni tas-self u l-ħolqien ta' titoli ġodda".

(d) Illustrazzjoni:

It-trasferiment ta' *securitisation*/self huwa sempliciment il-bejgħ ta' self lil xi parti terza. Huwa jidher fil-karta ta' bilanċ ta' l-MFI bħala bejgħ tas-self b'annotazzjoni tal-kontroparti fi flus kontanti (jew depożiti).

| MFI | |
|---|---|
| A | L |
| + 100 Flus kontanti<br>− 100 Self | |

## 3. Securitisation permezz ta' intermedjarju finanzjarju

(a) Deskrizzjoni:

Is-*securitisation* isseħħ meta "l-attiv originali (is-self) jiġi ttrasferit (mill-kreditur) lejn xi unità oħra istituzzjonali u t-titoli il-ġodda jieħdu post l-attiv oriġinali (self) fil-karta ta' bilanċ ta' l-unità istituzzjonali oriġinali" (ESA 95, paragrafu 5.63) u dawn it-titoli fl-istess ħin (jew wara) jinbiegħu lill-investituri ta' xi parti terza. Fil-prattika, l-operazzjoni tista' tiġi strutturata b'tali mod li t-titoli maħruġa mill-intermedjarju finanzjarju jinbiegħu direttament lill-investituri ta' xi parti terza.

(b) Sens ekonomiku:

L-għan huwa għall-kreditur ta' l-MFI biex dan ineħħi r-riżorsi permezz tat-trasferiment ta' assi lil terzi partijiet. F'dan il-każ l-attiv oriġinali (is-self) jinbiegħ lil xi intermedjarju finanzjarju speċjali. Dan l-intermedjarju finanzjarju, imsejjaħ "korporazzjoni finanzjarja bħala vettura" (FVC) (ESA 95, paragrafu 2.55), b'mod ġenerali jinħoloq għall-iskop uniku biex iżomm l-assi *securitised*. L-MFI tbiegħ lill-FVC l-attiv li jkun irid jigi *securitised* bi bdil ma' flus kontanti jew titoli maħruġin mill-FCV.

(ċ) Trattament statistiku:

Minn naħa tal-kreditur ta' l-MFI, l-operazzjoni tinvolvi bdil ta' assi (bħal fil-każ t'hawn fuq). L-MFI tirċievi attiv ġdid (flus kontanti jew titoli) għall-bejgħ tas-self. Għalhekk, fil-karta ta' bilanċ ta' l-MFI, il-bdil ikun jidher bħala tnaqqis fis-"self" u żieda fil-"flus kontanti/depositi" jew "titoli". Dan it-trattament ikun applikabbli biss fejn il-kreditur ta' l-MFI jittrasferixxi r-riskji u l-kisbiet kollha tad-dritt tal-proprjetà tas-self oriġinali lill-FCV. Fejn ir-riskji u l-kisbiet tad-dritt tal-proprjetà jibqgħu għand l-MFI, dan il-każ għandu jitqies bħala *securitisation* ta' fuq il-karta ta' bilanċ (ara hawn taħt). Għal skopijiet ta' statistika, il-bejgħ ta' self mill-kreditriċi MFI jiġi ttrattat bħala tranżazzjoni finanzjarja, jiġifieri fluss reali, bl-ebda aġġustament irrapportat.

(d) Illustrazzjoni:

B'mod ġenerali din it-tip ta' *securitisation* isseħħ bħala operazzjoni "trianguląri". L-MFI ikollha self li tbiegħu lill-FVC li tiffinanzja x-xiri permezz tal-ħruġ ta' titoli li jkunu sostnuti mis-self. Fil-karti ta' bilanċ din tidher kif ġej:

| MFI | | FVC | |
|---|---|---|---|
| A | L | A | L |
| + 100 Flus kontanti<br>− 100 Self | | + 100 Self | + 100 Titoli ttad-debitu maħruġin |

Fil-każ li MFI tirċievi t-titoli maħruġa mill-FVC minflok il-flus kontanti, l-operazzjoni tinqasam f'żewġ partijiet kif ġej:

Parti 1: Is-self jinbiegħ lill-FVC bi bdil mat-titoli maħruga mill-FVC:

| MFI | | FVC | |
|---|---|---|---|
| A | L | A | L |
| – 100 Self<br>+ 100 Titoli li ma jkunux ishma | | + 100 Self | + 100 Titoli li ma jkunux ishma |

Parti 2: wara, l-MFI tbiegħ it-titoli:

| MFI | | FVC | |
|---|---|---|---|
| A | L | A | L |
| + 100 Flus kontanti<br>– 100 Titoli li ma jkunux ishma | | | |

## 4. **Titoli li jkunu sostnuti mill-assi**

(a) Deskrizzjoni:

Il-ħruġ ta' titoli li jkunu sostnuti mill-assi huwa relatat mas-*securitisation*. Din l-operazzjoni tikkonsisti fil-ħruġ ta' titoli mill-kreditur ta' l-MFI li jkunu sostnuti mis-self ta' fuq il-kotba ta' dik l-istituzzjoni. Ħruġ li jkunu sostnuti mill-assi m'humiex meqjusa bħala *securitisation* fl-ESA 95 ([1]).

(b) Sens ekonomiku:

L-iskop ta' din it-tip ta' operazzjoni huwa biex il-kreditur ta' l-MFI jikseb fondi minn investituri esterni billi l-investituri jiġu mħajra jinvestu b'mod indirett f'pakketti ta' assi speċifiċi permezz tax-xiri ta' titoli li jkunu maħruga f'isem, u fuq il-kont tal-kreditur ta' l-MFI, iżda bis-saħħa ta' dan is-self. Din it-tip ta' operazzjoni ma jwassal għall-ebda bidla fir-relazzjoni bejn il-kreditur oriġinali u d-debitur. Aktar il-quddiem, il-kreditur ta' l-MFI jista' jinħeles mid-drittijiet u l-obbligi kollha lejn iż-żewġ partijiet l-oħra. Jekk jiġri dan, l-operazzjoni għandha titqies bħala *securitisation*.

(ċ) Trattament statistiku

Fil-prinċipju, din l-operazzjoni mhix differenti mill-ħruġ tat-titoli tad-dejn biż-żieda ta' garanzija li ma tkunx fuq il-karta ta' bilanċ jiġifieri l-operazzjoni hija trattata fuq l-istess termini għal skopijiet statistiċi mingħajr konsiderazzjoni lejn l-involviment tal-garanzija. Minħabba f'hekk, il-ħruġ ta' titoli huwa meqjus bħala tranżazzjoni. L-ebda aġġustament mhu rrappurtat. Jekk wara l-kreditur ta' l-MFI jinħeles mill-obbligi kollha lejn l-investitur finali, dan ikun ifisser il-ħlas tad-dejn filwaqt li s-self jiġi irreġistrat fuq il-parti ta' l-assi. Din hija wkoll tranżazzjoni finanzjarja. Fil-qosor, il-ħruġ u l-bejgħ ta' titoli sostnuti mill-assi huma tranżazzjonijiet finanzjarji u, bħala konsegwenza, l-ebda aġġustament mhu rrapportat.

(d) Illustrazzjoni:

It-trattament statistiku jidher pass pass, kif gej, fil-karta ta' bilanċ:

| MFI | |
|---|---|
| A | L |
| + 100 Flus kontanti<br>+ 100 Titoli ta' debitu | |

([1]) Anke jekk it-terminu "*securitisation*" fin-negozju jintuża biex jirreferi għall-operazzjonijiet li jkunu sostnuti mill-assi, fil-qasam ta' l-istatistiċi bankarji u tal-flus it-terminu jirreferi biss għad-definizzjoni ta' l-ESA 95 ta' *securitisation*.

L-MFI toħroġ titoli li jkunu sostnuti mill-assi. Fil-prinċipju, l-operazzjoni tkun mitmuma. Aktar 'il quddiem, l-MFI tista' tinħeles minn kull obbligu lejn il-kreditur jiġifieri l-investitur f'titoli billi tħallas lura l-obbligu tagħha filwaqt li s-self ikun irreġistrat fuq il-parti ta' l-attiv. F'dan il-każ l-operazzjoni issir *securitisation*:

| MFI | |
|---|---|
| A | L |
| + 100 Self | |
| + 100 Titoli ta' debitu | |

## 5. Tħassir u securitisation

1. It-tħassir jista' jkun magħqud mas-*securitisation*. Dan ikun il-każ meta self ħażin ikun *securitised*. Jekk għas-self ħażin ikun hemm dispożizzjonijiet u d-dispożizzjonijiet ikunu inklużi fuq il-parti tad-dejn, jew ma jkun hemm l-ebda dispożizzjoni, fiż-żmien meta s-self ikunu *securitised*, l-MFI tircievi fil-partita "titoli tad-dejn" (jew flus kontanti) ammont sħiħ li jkun inqas mis-self *securitised*. Id-differenza bejn il-valur tal-kontabbiltà tas-self u l-valur tas-suq tiegħu meta jinbidel mat-titoli huwa telf għall-MFI.

   L-operazzjoni hija kif ġej: MFI tbiegħ lill-FVC self ħażin li jkun nnegozjat b'50 % tal-valur tiegħu għat-titoli tad-dejn maħruġa mill-FVC. Għas-self kienu jeżistu dispożizzjonijiet qabel iżda kien irreġistrat f'termini sħaħ, jiġifieri d-dispożizzjoni kienet irreġistrata fuq il-parti tad-djun taħt "kapital u riservi".

2. Fil-fatt tħassir ta' l-attiv seħħ fiż-żmien meta s-self kien *securitised*. Għalhekk għandu jiġi rrappurtat aġġustament, bl-ammont li jkun involut fit-tħassir (50), sabiex il-fluss ikun jista' jiġi ikkalkolat tajjeb. Fejn it-tħassir iseħħ fl-istess żmien tas-*securitisation*, l-aġġustament, jekk disponibbli, għandha tkun irrappurtata għal dan it-tħassir (ara wkoll in-noti tal-Linji ta' Gwida għar-Regolament BĊE/2001/13).

*ANNESS VI*

## LISTA TA' MIFs GĦAL SKOPIJIET TA' STATISTIKA

*PARTI 1*

### Varjabbli għar-rapportar tal-lista ta' MFIs għall-finijiet statistiċi

| Isem il-varjabbli | Deskrizzjoni tal-varjabbli | Status |
|---|---|---|
| object_request | Din tispeċifika t-tip ta' aġġornament ta' istituzzjoni monetarja finanzjarja (MFI) mibgħut u jista' jkollha wieħed minn sebgħa valuri predefiniti:<br>"mfi_req_new": tispeċifika li tingħata informazzjoni fuq MFI ġdidaa,<br>"mfi_req_mod": tispeċifika li tingħata informazzjoni fuq modifiki għall-MFI ġdida,<br>"mfi_req_del": tispeċifika li tingħata informazzjoni fuq MFI eżistenti li trid titħassar,<br>"mfi_req_merger": tispeċifika li tingħata informazzjoni fuq itituzzjonijiet involuti f'għaqda ([1]),<br>"mfi_req_realloc": tispeċifika li teħtieġ ir-riallokazzjoni ta' mfi_id imħassar għal MFI ġdida,<br>"mfi_req_mod_id_realloc": tispeċifika li teħtieġ bidla fl-mfi_id ta' MFI eżistenti għal dik ta' MFI mħassra,<br>"mfi_req_mod_id": tispeċifika li teħtieġ bidla ta' "mfi_id". | Obbligatorju |
| mfi_id | Din hija l-kodiċi primarju għad-*dataset* MFI. Tispeċifika l-kodiċi ta' identifikazzjoni uniku (iktar il quddiem kodiċi id) ta' l-MFI, u jikkonsisti f'żewġ partijiet: "host" u "id". Il-valuri għż-żewġ partijiet kkombinati għandhom jiżguraw li l-"mfi_id" huwa uniku għal dak l-MFI. | Obbligatorju |
| host | Din il-varjabbli tispeċifika l-pajjiż ta' reġistrazzjoni ta' l-MFI, mogħti bħala kodiċi ISO b'żewġ karattri tal-pajjiż. | Obbligatorju meta parti minn kodiċi id |
| id | Din tispeċifika l-kodiċi id għall-MFI mingħajr il-kodiċi ISO b'żewġ karattri tal-pajjiż bħala prefiss | Obbligatorju meta parti minn kodiċi id |
| name | Din tispeċifika l-isem sħiħ ta' reġistrazzjoni ta' l-MFI, inkluż l-isem tal-kumpannija (i.e. Plc, Ltd, SpA, eċċ.). | Obbligatorju |
| address | Din tispeċifika d-dettalji tal-post ta' l-MFI, u huwa kompost minn erba' partijiet: "postal_address", "postal_box", "postal_code" u "city". | Obbligatorju għal talbiet "new" u "mod" |
| postal_address | Din tispeċifika isem it-triq u n-numru tal-bini. | Obbligatorju għal talbiet "new" u "mod" |
| postal_box | Din tispeċifika n-numru tal-kaxxa postali, bl-użu ta' sistemi konvenzjonali nazzjonali tal-kaxxi. | Obbligatorju għal talbiet "new" u "mod" |
| postal_code | Din tispeċifika l-kodiċi postali, bl-użu tas-sistema konvenzjonali postali nazzjonali | Obbligatorju għal talbiet "new" u "mod" |
| city | Din tispeċifika l-belt tal-post. | Obbligatorju għal talbiet "new" u "mod" |
| category | Din tindika t-tip ta' MFI, u jista' jkollha wieħed minn erba' valuri predefiniti: "bank ċentrali", "istituzzjoni ta' kreditu", "fond tas-suq tal-flus" jew istituzzjoni oħra. | Obbligatorju għal talbiet "new" u "mod" |

| Isem il-varjabbli | Deskrizzjoni tal-varjabbli | Status |
|---|---|---|
| report | Din tindika jekk l-MFI tirrapportax jew le l-istatistika ta' kull xahar tal-karti tal-bilanċ u tista' tieħu wieħed minn żewġ valuri predefiniti li huma reċiprokament esklużivi: (i) "true" meta l-MFI tkun suġġetti għall-ħtiġijiet tar-rapportar sħiħ; jew (ii) "false" meta l-MFI ma tkunx suġġetta għall-ħtiġijiet tar-rapportar sħiħ. | Obbligatorju għal talbiet "new" u "mod" |
| order_r | Din tindika l-ordni mixtieqa tal-lista ta' MFIs jekk l-ordni alfabetiku bl-Ingliż ma japplikax. Valur numeriku għandu jiġi assenjat lil MFI f'ordni li tikber. | Mhux obbligatorju |
| head_of_branch | Din tindika li l-MFI hija fergħa barranija. Din tista' tieħu wieħed minn tliet valuri: "non_eu_head", "eu_non_mfi_head" u "eu_mfi_head". | Obbligatorju għall-frieghi barranin |
| non_eu_head | Din tindika li l-uffiċċju ewlienu huwa residenti barra l-UE, u huwa kompost minn tliet partijiet: "host" u "name". | Obbligatorju għall-frieghi barranin |
| eu_non_mfi_head | Din tindika li l-uffiċċju ewlieni huwa residenti ta' l-UE resident u mhux MFI. Dan jikkonsisti minn żewġ partijiet: "non_mfi_id" (pajjiż ta' reġistrazzjoni u kodiċi ta' identifikazzjoni) u "name" (isem l-uffiċċju ewlieni). Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tan-non-MFI jista' jkun jew "OFI" (istituzzjoni finanzjarja oħra) jew kodiċi ISO b'żewġ karattri tal-pajjiż segwit b'suffiss mal-klassifikazzjoni settorali xierqa ta' l-ESA 95. | Obbligatorju għall-frieghi barranin |
| eu_mfi_head | Din tindika li l-uffiċċju ewlieni huwa resident ta' l-UE resident u MFI. Il-valur għal din il-varjabbli jikkonsisti minn "mfi_id". | Obbligatorju għall-frieghi barranin |
| mfi_req_merger | Din tispeċifika li informazzjoni ta' l-għaqda qed tintbagħat. | Obbligatorju għal l-għaqdiet (kemm domestiku u internazzjonali) |
| submerger | Din tintuża biex tirrapporta istituzzjonijiet li jaqsmu l-istess "date" ta' effett legali ta' l-attività ta' għaqda, u huwa kompost minn erba' partijiet: "date", "comment", "involved_mfi" u "involved_non_mfi". | Obbligatorju għal l-għaqdiet |
| involved_mfi | Din tispeċifika li MFI hija involuta f'għaqda internazzjonali. Il-valur għal din il-varjabbli jikkonsisti minn "mfi_ref". | Obbligatorju għal internazzjonali l-għaqdiet |
| involved_non_mfi | Din tispeċifika li mhux MFI hija involuta fl-għaqda. Il-valur għal din il-varjabbli hija kompriża fi "non_mfi_obj". | Obbligatorju għal l-għaqdiet |
| mfi_ref | Din tispeċifika d-dettalji ta' MFI involuta ta' għaqda internazzjonali, u huwa kompost minn żewġ partijiet: "mfi_id" u "name". | Obbligatorju għal internazzjonali l-għaqdiet |
| non_mfi_obj | Din tispeċifika dettalji ta' mhux MFI involuta f'għaqda ma' MFI, u huwa kompost minn żewġ partijiet: "non_mfi_id" u "name". | Obbligatorju għal l-għaqdiet |
| non_mfi_id | Din tispeċifika dettalji ta' mhux MFI involuta f'għaqda ma' MFI, u komposta minn żewġ partijiet: "host" u "id". | Obbligatorju għal l-għaqdiet |
| ecb_id | Dan huwa kodiċi uniku stabbilit mill-BĊE, mogħti lil kull MFI. Jintbagħat, permezz tar-RIAD Data Exchange System, lill-BĊNi mat-tqassim kollu standard. BĊNi jistgħu jagħżlu li jaċċettawh jew iħassruh. | Ma japplikax għal aġġornamenti BĊN. Għat-tqassim biss. |
| head_ecb_id | Dan huwa kodiċi uniku stabbilit mill-BĊE, mogħti lil uffiċċji ewlenin tal-frieghi barranin a' MfIs ta' l-UE. Jintbagħat, permezz tar-RIAD Data Exchange System, lill-BĊNi mat-tqassim kollu standard. BĊNi jistgħu jagħżlu li jaċċettawh jew iħassruh. | Ma japplikax għal aġġornamenti BĊN. Għat-tqassim biss. |

(1) Sakemm ma jingħadx espliċitament mod ieħor, il-kelma "l-għaqdiet" tirriferi għall-għaqdiet domestiċi.

*PARTI 2*

**Verifiki ta' validazzjoni**

1. **Verifiki ġenerali**

Ikun ivverifikat li:

— il-varjabbli obbligatorji kollha jkunu lesti;

— il-valur għall-varjabbli "object_request" huwa wieħed minn tmien tipi predefiniti kif jidher fil-Parti 1 ta' dan l-Anness ("if_req_new", "if_req_mod", "if_req_del", "if_req_merger, if_req_realloc", "if_req_mod_id_realloc", "if_req_mod_id" u "if_req_nav"), jiddependi mill-mod kif tiġi trażmessa din l-informazzjoni; u

— Il-BĊNi jużaw l-alfabet Ruman meta jirrapportaw l-aġġornamenti lill-BĊE.

2. **Verifiki kodiċi id**

Ikun ivverifikat li:

— il-varjabbli "mfi_id" hija komposta minn żewġ partijiet separati, varjabbli "host" u varjabbli "id", u l-valuri għaż-żewġ partijiet ikkombinati jiżguraw li l-"mfi_id" hija unika għal dik l-MFI;

— Il-valur għal varjabbli "host" għal MFI huwa kodiċi b'żewġ karattri tal-pajjiż ISO ta' l-UE;

— kodiċi id użat qabel mhuwiex allokat lil MFI ġdida, sakemm jiġu sodisfatti il-kundizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 19(1) ta' din il-linja ta' gwida, ir-raba "paragrafu. F'każ bħal dan, il-BĊNi għandhom jibagħtu talba" mfi_req_realloc' lill-BĊE;

— Jintużaw l-istess kodiċijiet id li joħorġu kull xahar fil-lista ta' MFIs fil-websajt tal-BĊE;

— L-istess kodiċijiet id joħorġu kull xahar, tintuża talba speċifika "mfi_req_mod_id"; u

— meta tiġi rapportata bidla tal-kodiċi id għal kodiċi id li jkun tħassar, tintuża talba speċifika "mfi_req_mod_id_realloc".

Jekk il-kodiċi id M IF ġdid intuża diġà u t-talba m'hijiex mfi_req_mod_id_realloc (jew il-kodiċi id MIF ġdid huwa fil-lista kurrenti), il-BĊE jiċħad it-talba.

Jekk il-varjabbli "mif_id" mhuwiex komplet, skorrett jew nieqes, il-BĊE jiċħad it-talba kollha.

3. **Isem**

Ikun ivverifikat li:

— din il-varjabbli jkollha l-isem irreġistrat sħiħ ta' l-istituzzjoni ([1]), inkluż l-isem tal-kumpannija, i.e. Plc, Ltd, SpA, eċċ. u isem il-kumpannija huwa rapportat b'mod konsistenti għall-ismijiet kollha fejn dan japplika;

— il-konvenzjonijiet ta' ittri minuskoli tiġi segwita biex jitqiesu l-aċċenti; u

— l-ittri minuskoli jintużaw meta dan japplika.

Jekk l-varjabbli "name" hija nieqsa, il-BĊE jiċħad it-talba kollha.

([1]) Per eżempju, kif ikunu rreġistrati f'Reġistru Kummerċjali jew tan-Negozju.

4. **Indirizz**

Ikun ivverifikat li:

— ta' l-anqas waħda mill-varjabbli ta' l-indirizz "postal_address", "postal_box" jew "postal_code" hija sħiħa;

— il-varjabbli "postal_address" tindika isem it-triq u n-numru tat-triq ta' l-istituzzjoni;

— il-varjabbli "postal_box" tuża l-konvenzjoni tas-sistemi tal-kaxxa nazzjonali, u li l-ebda test ta' referenzi tal-kaxxa postali ma tittpoġġa quddiem in-numri "postal_box"; u

— il-varjabbli "postal_code" tuża l-konvenzjonijiet postali nazzjonali u tispeċifika l-kodiċi postali rilevanti.

Jekk is-sett ta' varjabbli "address" ikun nieqes, il-BĊE jiċħad it-talba kollha.

5. **Belt**

Ikun ivverifikat li:

— il-varjabbli "city" tispeċifika post il-belt.

Jekk il-varjabbli "city" tkun mhux kompleta, skorretta jew nieqsa, il-BĊE jiċħad it-talba kollha.

6. **Kategorija**

Ikun ivverifikat li:

— il-varjabbli "category" tindika it-tip ta' MFI skond wieħed minn erba' valuri predefiniti li hemm fil-Parti 1 ta' dan l-Anness ("bank ċentrali", "istituzzjoni ta' kreditu", "fond tas-suq tal-flus" jew "istituzzjoni oħra"), u jintużaw ittri minuskoli, ħlief għal pożizzjonijiet inizjali li għandhom ikunu f'itti majuskoli.

Jekk il-varjabbli "category" tkun mhux kompleta, skorretta jew nieqsa, il-BĊE jiċħad it-talba kollha.

7. **Rapport**

Ikun ivverifikat li:

— għal il-varjabbli "report", jintuża valur wieħed minn tnejn (veru jew falz) kif jidher fil-Parti 1 ta' dan l-Anness.

Jekk il-varjabbli "report" tkun mhux kompleta, skorretta jew nieqsa, il-BĊE jiċħad it-talba kollha.

8. **Ordni**

Ikun ivverifikat li:

— il-varjabbli "order_r", tindika l-ordni mixtieqa tal-lista ta' MFIs, jekk ma tapplikax l-ordni alfabetika bl-Ingliż, u li valur numeriku jingħata lil kull MFI f'ordni dejjem tikber.

Jekk il-varjabbli "order_r" mhix kompleta jew nieqsa (u huma sodisfatti l-verifiki ta' validazzjoni kollha l-oħra), il-BĊE jimplimenta t-talba fid-*dataset* ta' l-MFI.

9. **Verifiki ta' fiergħi barranin**

Ikun ivverifikat li:

— valur għall-varjabbli "head_of_branch" jiġi kkompletat, jekk l-MFI hija fergħa barranija;

— il-varjabbli "head_of_branch", tindika t-tip ta' uffiċċju ewlieni skond waħda mill-varjabbli predefiniti li jidhru fil-Parti 1 ta' dan l-Anness ("non_eu_head", "eu_non_mfi_head" jew "eu_mfi_head");

— meta l-varjabbli "head_of_branch" jingħata bħala "non_eu_head" (uffiċċju ewlieni residenti UE), jingħataw il-host u isem l-uffiċċju ewlieni;

— meta l-varjabbli "head_of_branch" jingħata bħala "eu_non_mfi_head" (uffiċċju ewlieni residenti UE, li mhux MFI) jingħataw il-host, l-isem u l-id ta' l-uffiċċju ewlieni. L-"id" tan-"non_mfi" huwa jew "OFI" (istituzzjoni ohra finanzjarja) jew kodiċi ISO b'żewġ karattri tal-pajjiż segwit b'suffiss li jirriferi għall-klassifikazzjoni settorali xierqa ta' l-ESA 95;

— meta l-varjabbli "head_of_branch" hija "eu_mfi_head" (MFI), jingħataw il-host u l-id ta' l-uffiċċju ewlieni;

— meta l-varjabbli "head_of_branch" hija "eu_mfi_head" (MFI), isem l-uffiċċju ewlieni ma jingħatax.

Jekk xi waħda mill-verifiki ta' validazzjoni ta' hawn fuq jinkisru, il-BĊE jiċħad it-talba kollha.

Hemm żewġ każijiet meta informazzjoni inkonsistenti ta' l-uffiċċju ewlieni tipprevali fid-*dataset* MFI tal-BĊE:

— Jekk il-varjabbli "head_of_branch" tingħata f"eu_mfi_head" imma l-id ta' l-uffiċċju ewlieni ma taqbilx mad-*dataset* MFI tal-BĊE, it-talba xorta tiġi implimentata. Iżda, isem l-uffiċċju ewlieni ma jiddaħħalx fid-*dataset* MFI tal-BĊE,

— Jekk talba għal bdil tal-kodiċi id ta' MFI jintbagħat, huwa possibbli li l-informazzjoni ta' uffiċċju ewlieni dwar friegħi barranin fi Stati Membri oħrajn, ta' dik l-MFI, isiru inkonsistenti.

  Biex tittaffa din l-impreċiżjoni, ir-RIAD Data Exchange System jibgħat lista ta' informazzjoni ta' uffiċċju ewlieni inkonsistenti fir-rikonoxximenti mibgħuta lill-BĊNi.

  Jekk fergħa barranija rrapportata għall-inklużjoni jew l-esklużjoni fl-lista ta' MFIs minn BĊN ta' pajjiż ospitanti, tiġi kkontestata mill-BĊN tal-pajjiż *home*, jittieħdu l-passi li ġejjin: (i) il-BĊE, bil-kooperazzjoni tal-BĊNi *home* u ospitanti, jippruvaw jirrikonċiljaw l-informazzjoni. Jekk dan mhux possibbli allura (ii) il-BĊE jiddeċiedi favur l-informazzjoni li jqis adegwata, mogħtija mill-BĊN mill-pajjiż ospitanti.

10. **Verifiki ta' l-għaqdiet**

Ikun ivverifikat li:

— meta jiġu rrapportati l-għaqdiet internazzjonali u domestiċi, tingħata l-varjabbli "mfi_req_merger";

— kull grupp, jiġifieri żewġ istituzzjonijiet jew iżjed li jaqsmu l-istess "date" ta' l-effett legali ta' l-attività ta' l-għaqda tiġi rrapportata taħt "submerger" tag separata;

— meta l-varjabbli "submerger" tiġi speċifikata, jiġi kkompletat valur għall-varjabbli "date";

— ta' l-anqas istituzzjoni waħda involuta fl-għaqda hija MFI;

— meta tiġi rapportata għaqda (jiġifieri tintuża "mfi_req_merger") fejn m'hemmx bidla fl-attributi ta' MFI involuta f"għaqda, din l-MFI tiġi rrapportata bħala modifika (jiġifieri" mfi_req_mod') fil-qafas ta' l-għaqda;

— il-varjabbli "involved_mfi" tiġi rrapportata biss fil-każ ta' l-għaqdiet internazzjonali;

— meta istituzzjoni tiġi speċifikata bħala "involved_mfi", tiġi kkompletata l-varjabbli "mfi_ref";

— il-varjabbli "mfi_ref" tikkonsisti f'żewġ partijiet: (i) "mfi_id" innifisha hija komposta mill-varjabbli "host" u "id"; u (ii) "name";

— meta istituzzjoni hija speċifikata bħala "involved_non_mfi", in-"non_mfi_id" u "name" jiġu kkompletati;

— l-"non_mfi_id" ta' "involved_non_mfi" tikkonsisti minn żewġ partijiet: "host" u "id", u hija ta' ħames karattri fit-tul. Il-"host" hija kodiċi ISO b'żewġ karattri tal-pajjiż. L-"id" huwa ta' tliet karattri fit-tul u jirreferi għall-klassifikazzjoni settorjali xierqa ta' l-ESA 95.

Il-BĊE ma jimplimentax informazzjoni ta' għaqda internazzjonali fid-*dataset* MFI tiegħu, sakemm talbiet ta' għaqda kompleti mill-Istati Membri kollha involuti jkunu ġew rrapportati u vvalidati.

Jekk xi verifika ta' validazzjoni ta' l-għaqdiet tinkiser, il-BĊE jiċħad it-talba kollha.

11. **MFI-MPEC kontroverifika**

Meta l-BĊNi jeħtieġu li l-BĊE jagħmel kontroverifika tad-*data* bejn l-MFI u d-*datasets* l-kontropartijiet tal-politika monetarja eliġibbli (MPEC), għandhom ipoġġu indikatur ta' kontroverifika fil-fajl li jiġi trażmess lir-RIAD Data Exchange System. Il-BĊE jagħmel il-kontroverifiki fuq l-informazzjoni ta' l-MFI u l-MPEC rrapportati mill-BĊN li bagħat l-informazzjoni, jiġifieri bl-esklużjoni ta' l-informazzjoni ta' l-MFI u l-MPEC fid-*datasets* rispettivi tagħhom, u mhux biss fuq l-informazzjoni rċevuta fil-fajl li fih l-indikatur. Ir-riżultati jintbagħtu minnufih fil-forma ta' rikonoxximent.

L-indikatur tal-kontroverifika għandu jiġi użat b'dan il-mod:

— Meta *data* MFI u MPEC jistgħu jiġu kkoordinati bejn l-oqsma tan-negozju rispettivi, l-indikatur tal-kontroverifika għandu jkun inkluż fit-tieni fajl biss trażmess għat-talba ta' l-MFI jew l-MPEC,

— meta l-koordinazzjoni m'hijiex fattibbli, messaġġ addizzjonali ta' l-indikatur tal-kontroverifika għandu jiġi trażmess fl-aħħar tal-jum. Dan il-messaġġ jista' jintbagħat f'wieħed jew fiż-żewġ oqsma tan-negozju ta' l-MFI-MPEC,

— meta ma tkunx meħtieġa minnufih kontroverifika għall-konsistenza MFI-MPEC, l-indikatur m'għandux jitpoġġa fil-fajl,

— meta tkun teħtieġ verifika għall-eżekuzzjoni aktar tard fil-ġurnata, id-*data* għandha tintbagħat mingħajr l-indikatur tal-kontroverifika. Fajl vojt mingħajr l-indikatur tal-kontroverifika għandu jintbagħat sussegwentement. F'dan il-każ, billi m'hemmx *data* għall-verifika tal-fajl vojt, il-kontroverifika ssir mal-ewwel,

— ir-rikonoxximent ikollu biss ir-riżultat ta' kontroverifika bejn id-*datasets* ta' l-MFI u l-MPEC ta' min jibgħat.

Kontroverifika ta' MFI-MPEC tipprovdi twissija biss. Għalhekk, jekk tfalli l-kontroverifika, il-BĊE xorta jimplimenta t-talba fid-*dataset* MFI tal-BĊE.

Diskrepanzi tal-MFI u MPEC huma vverifikati mill-oqsma tan-negozju ta' l-MFI u l-MPEC, ħamest ijiem qabel, u fil-jum tar-rilaxx ta' l-aħħar tax-xahar tal-lista ta' MFIs u istituzzjonijiet suġġetti għar-riżervi minimi. Il-BĊNi huma mfakkra, permezz ta' e-mail, biex isolvu d-diskrepanzi minnufih. Jekk id-diskrepanzi ma jistgħux ikunu solvuti qabel ir-rilaxx, il-BĊNi huma mitluba jipprovdu spjegazzjoni. Rekords MFI-MPEC inkonsistenti ma jiġux ippubblikati fil-websajt tal-BĊE fl-aħħar ta' kull xahar.

*ANNESS VII*

**LISTA TA' IFs GĦAL SKOPIJIET TA' STATISTIKA**

*PARTI 1*

**Varjabbli għar-rappurtar tal-lista ta' fondi ta' investiment għal skopijiet ta' statistika**

| Isem il-varjabbli | Deskrizzjoni tal-varjabbli | Status |
|---|---|---|
| object_request | Din il-varjabbli tispeċifika t-tip ta' aġġornament ta' fond ta' investiment (IF) mibgħut u jista' jkollha wieħed minn tmien valuri predefiniti:<br>"if_req_new": informazzjoni fuq<br>"if_req_mod": informazzjoni fuq modifiki għal IF<br>"if_req_del": informazzjoni fuq IF għandu jitħassar<br>"if_req_merger": informazzjoni fuq istituzzjonijiet involuti f'għaqda ([1])<br>"if_req_realloc": riallokazzjoni ta' if_id mħassar għal IF<br>"if_req_mod_id_realloc" ġdid: bidla ta' if_id ta' IF ta' dak IF imħassar<br>"if_req_mod_id": bidla ta' "if_id"<br>"if_req_nav": informazzjoni fuq il-valur ta' assi nett (NAV) kull fond ta' investiment (*) | Obbligatorju |
| if_id | Il-kodiċi prinċipali tad-*dataset* ta' l-IF li tispeċifika l-kodiċi ta' identifikazzjoni IF (iktar 'il quddiem "kodiċi id"), magħmul minn żewġ partijiet: "host" u "id". Il-valuri għaż-żewġ partijiet mgħoddin li l-"if_id" huwa uniku għal dak l-IF | Obbligatorju |
| host | Il-kodiċi b'żewġ karattri ISO tal-pajjiż jekk l-IF għall-pajjiż ta' reġistrazzjoni — parti minn tnejn tal-varjabbli "if_id" — ara 'l fuq | Obbligatorju meta parti minn kodiċi id |
| id | Il-kodiċi id ta' l-IF- parti minn tnejn tal-varjabbli "if_id' v" — ara 'l fuq | Obbligatorju meta parti minn kodiċi id |
| name | L-isem sħiħ ta' l-IF, inkluż l-isem tal-kumpannija jiġifieri Plc, Ltd, SpA, eċċ. | Obbligatorju |
| address | Id-dettalji tal-post ta' l-IF, jew il-kumpannija maniġerjali meta japplika komposti minn erba' partijiet: "postal_address", "postal_box", "postal_code" u "city" | Obbligatorju għal talbiet "new" u "mod" |
| postal_address | Isem it-triq u in-numru tal-bini | Obbligatorju għal talbiet "new" u "mod" |
| postal_box | In-numru tal-kaxxa postali, bl-użu ta' sistemi konvenzjonali nazzjonali tal-kaxxi | Obbligatorju għal talbiet "new" u "mod" |
| postal_code | Il-kodiċi postali, bl-użu tas-sistema konvenzjonali postali nazzjonali | Obbligatorju għal talbiet "new" u "mod" |
| city | Il-belt tal-post | Obbligatorju għal talbiet "new" u "mod" |
| management company name | L-isem sħiħ irreġistrat ta' l-IF tal-kumpannija maniġerjali. Jekk m'hemm dik l-informazzjoni, il-valur "not available" (meta IF għandu kumpannija maniġerjali) jew mhux applikabbli (meta l-IF m'għandux kumpannija maniġerjali) għandu jiġi rappurtat | Obbligatorju |
| investment policy | It-tip ta' assi fejn il-portafoll ta' investiment huma investit primarjament. Huma possibbli seba' valuri pre-definiti: "bonds", "parteċipazzjonijiet azzjonarji", "*hedge*", "mħalltin", "proprjetà immobbli", "oħrajn" jew "not available" | |

| Isem il-varjabbli | Deskrizzjoni tal-varjabbli | Status |
|---|---|---|
| variability of the capital | Din il-varjabbli tispeċifika l-forma legali li l-IF j u jista' jkollha waħda minn dawn it-tliet valuri predefiniti: "open-end" jew "closed-end" jew "not available" | Obbligatorju |
| structure_1 | Din il-varjabbli tispeċifika l-istruttura ta' l-IF u jista' jkollha waħda minn dawn it-tliet valuri predefiniti: "UCITS ([2])" jew "mhux UCITS" jew "not available" | Obbligatorju |
| structure_2 | Aktar informazzjoni ddettaljata fuq l-istruttura tal-fond ta' investiment b'valur wieħed minn 11-il valur predefinit. Irriferi għall-Parti 2 hawn isfel | Obbligatorju |
| sub-fund | Din il-varjabbli tispeċifika jekk il-fond ta' investiment huwa sub fond jew mod ieħor u jista' jkollha waħda minn dawn l-erbgħa valuri predefiniti: "iva" jew "le" jew "not available" jew "mhux applikabbli". | Obbligatorju |
| ISIN codes | Din il-varjabbli tispeċifika l-kodiċijiet ISIN ([3])għal kull klassi ta' sehem għal kull fond ta' investiment. Il-varjabbli hija komposta minn diversi partijiet inkluż ir-referenza għal: "ISIN_1", "ISIN_2", "ISIN_3", "ISIN_4" u "ISIN_n". Il-kodiċijiet ISIN kollha applikabbli għal kull fond ta' investiment għandhom jiġu rapportati (*). Jekk jiġi rapportat IF fejn ma japplikawx kodiċijiet ISIN, il-kelma b'12-il karattru "XXXXXXXXXXXX" għandha tiġi rapportata għal"ISIN_1" | Obbligatorju |
| If_req_nav | Din il-varjabbli tispeċifika li l-informazzjoni fuq il-valur nett ta' assi tal-fond ta' investiment qed tintbagħat. Hija komposta minn żewġ partijiet: "if_nav_value" u "if_nav_date". Jekk m'hemmx din l-informazzjoni, il-valur "not available" għandha tiġi rappurtata (*) | Obbligatorju |
| if_req_merger | Din il-varjabbli tindika li l-informazzjoni ta' l-għaqda qed tiġi rappurtata | Obbligatorju għal għaqdiet domestiċi u internazzjonali |
| submerger | Din il-varjabbli tintuża biex tirrapporta istituzzjonijiet li jaqsmu l-istess "data" ta' l-effett legali ta' l-għaqda, u hija komposta minn erba' biċċiet: "date", "comment", "involved_if" u "involved_non_if" | Obbligatorju għal għaqdiet |
| involved_if | Din il-varjabbli tispeċifika li IF hija involuta f'għaqda internazzjonali. Il-valur għal din il-varjabbli huwa kompost minn "if_ref" | Obbligatorju għal għaqdiet internazzjonali |
| involved_non_if | Din il-varjabbli tispeċifika li entit li m'hijiex IF hja involuta f'għaqda ma' IF. il-valur għal din il-varjabbli huwa kompost minn "non_if_obj". | Obbligatorju għal għaqdiet |
| if_ref | Din il-varjabbli tispeċifika dettalji ta' IF involuta f'għaqda internazzjonali, u hija komposta minn żewġ partijiet: "if_id" u "name" | Obbligatorju għal għaqdiet internazzjonali |
| non_if_obj | Din il-varjabbli tispeċifika dettalji ta' entità li m'hijiex IF involuta f'għaqda ma' IF, u hija komposta minn żewġ partijiet: "non_if_id" u "name" | Obbligatorju għal għaqdiet |
| non_if_id | Din il-varjabbli tispeċifika dettalji ta' entità li m'hijiex IF involuta f'għaqda ma' IF, u tikkonsisti minn żewġ partijiet: "host" u "id" | Obbligatorju għal għaqdiet |
| confidentiality flag | faċilità tal-BĊE (*)li jindika valuri bħala kunfidenzjali | Fakultattiv |
| free_text | Informazzjoni spjegattiva fuq il-fond ta' investiment | |

(*) Irriferi għad-dokument RIAD Exchange Specifications għall-konfigurazzjoni preċiża għar-rappurtar varjabbli

([1]) Sakemm ma jingħadx mod ieħor, il-kelma 'għaqdiet' tirriferi għall-attività ta' għaqdiet domestiċi.

([2]) Direttiva tal-Kunsill 85/611/KEE ta' l-20 ta' Diċembru 1985 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għal impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS)

([3]) *International Securities Identification Number*: kodiċi li jidentifika b'mod uniku ħarġa ta' titoli, kompost minn 12-il karattru alfanumeriku.

*PARTI 2*

**Għażliet għar-rappurtar u definizzjonijiet għall-varjabbli "structure_2"**

Il-valuri predefiniti li ġejjin għandhom japplikaw għar-rappurtar tal-varjabbli "structure_2".

1. **Il-fond ta' investiment huwa awtorizzat li jikkonforma ma' l-UCITS**

Jekk il-fond ta' investiment huwa awtorizzat bħala li jikkonforma ma' l-UCITS, wieħed mill-ħames valuri predefiniti għandu jiġi rrapportat taħt il-varjabbli "structure_2":

— "*UCITS unit trust*": impriża kkostitwita skond il-liġi tat-*trust* għall-investiment kollettiv f'titoli trasferibbli,

— "*UCITS variable capital corporation*": arranġament limitat b'ishma. Il-karatteristika ewlenija hija l-faċilità li biha istituzzjoni tista' tixtri mill-ġdid jew tifdi il-kapital ta' l-ishma tagħha. Il-kapital ta' l-ishma maħruġ għandu f'kull ħin ikun daqs il-valur nett ta' l-assi sottostanti. Azzjonisti ta' korporazzjoni kapitali varjabbli jgawdu minn responsabbiltà limitata,

— "*UCITS unincorporated*": istituzzjoni mhux inkorporata,

— "*other*": jimplika l-ebda wieħed minn dawn il-valuri predefiniti ta' hawn ma japplika għall-fond ta' investiment. Jekk dan il-valur jiġi rappurtat, għandha tiġi rrappurtata definizzjoni ddettaljata parallelament bħala "free_text",

— "not available": jimplika li l-informazzjoni fuq "structure_2" ta' l-istituzzjoni bħalissa mhux disponibbli.

2. **Il-fond ta' investiment ma jikkonformax ma' l-UCITS**

Jekk il-fond ta' investiment ma jikkonformax ma' l-UCITS, wieħed mit-tmien valuri predefiniti għandu jiġi rrappurtat taħt il-varjabbli "structure_2":

— "*unit trust*": impriża kkostitwita skond il-liġi tat-*trust* għall-investiment kollettiv f'titoli trasferibbli,

— "*variable capital corporation*": arranġament limitat bl-ishma. Il-karatteristika ewlenija hija l-faċilità li biha istituzzjoni tista' tixtri mill-ġdid jew tifdi l-kapital ta' l-ishma tagħha. Il-kapital ta' l-ishma maħruġ għandu f'kull ħin ikun daqs il-valur nett ta' l-assi sottostanti. Azzjonisti ta' korporazzjoni kapitali varjabbli igawdu minn responsabbiltà limitata,

— "*limited partnership*": arranġament li jipprovdi parteċipazzjoni b'responsabbiltà limitata imma hija vettura trasparenti għat-tassazzjoni ta' l-investituri, jiġifieri kull imsieħeb jiġi intaxxat direttament fuq is-sehem tiegħu ta' l-investimenti sottostanti. Barra minn hekk, il-kapital miġjub jista' faċilment jingħata lill-investituri meta jkun hemm profitti fuq l-investiment individwali,

— "*investment trust*": kumpannija ta' investiment kollettiv, mniżżla fil-borża, li tinvesti primarjament f'portafoll iddiversifikat ta' ishma u titoli ta' kumpanniji oħrajn. Il-borża tiddetermina l-prezz ta' l-ishma f'*trust* ta' investiment,

— "*unincorporated investment trust*": f'*trust* ta' investiment mhux inkorporat,

— "*unincorporated*": istituzzjoni mhux inkorporata,

— "*other*": timplika l-ebda valur predefinit ma japplika għall-fond ta' investiment. Jekk dan il-valur jiġi rappurtat, għandha tiġi rrappurtata definizzjoni ddettaljata parallelament bħala "free_text",

— "not available": jimplika li l-informazzjoni fuq "structure_2" ta' l-istituzzjoni bħalissa mhux disponibbli.

*PARTI 3*

**Verifiki ta' validazzjoni**

1. **Verifiki ġenerali**

Ikun ivverifikat li:

— il-varjabbli obbligatorji kollha jkunu lesti;

— il-valur għall-varjabbli "object_request" huwa wieħed minn tmien tipi predefiniti kif jidher fil-Parti 1 ta' dan l-Anness ("if_req_new", "if_req_mod", "if_req_del", "if_req_merger", "if_req_realloc", "if_req_mod_id_realloc", "if_req_mod_id" u "if_req_nav"), jiddependi mill-mod kif tiġi trażmessa din l-informazzjoni; u

— Il-BĊNi jużaw l-alfabet Ruman meta jirrapportaw l-aġġornamenti lill-BĊE.

2. **Verifiki kodiċi id**

Ikun ivverifikat li:

— il-varjabbli "if_id" hija komposta minn żewġ partijiet separati, varjabbli "host" u varjabbli "id", u l-valuri għaż-żewġ partijiet ikkombinati jiżguraw li l-"if_id" huwa uniku fond ta' investiment;

— il-valur għal varjabbli "host" għal IF huwa kodiċi b'żewġ karattri tal-pajjiż EU ISO;

— kodiċi id użat qabel m'humiex allokat lil IF ġdida. Jekk azzjoni bħal din ma tistax tiġi evitata, il-BĊNi għandhom jibagħtu talba "if_req_realloc" lill-BĊE;

— meta tiġi rappurtata bidla tal-kodiċi id għall-IF eżistenti, tintuża talba speċifika "if_req_mod_id"; u

— meta tiġi rappurtata bidla tal-kodiċi id għal kodiċi id li jkun tħassar, tintuża talba speċifika "if_req_mod_id_realloc".

Jekk il-kodiċi id IF ġdid intuża diġà u it-talba m'hijiex if_req_mod_id_realloc (jew il-kodiċi id IF ġdid huwa fil-lista kurrenti), il-BĊE jiċħad it-talba.

Jekk il-varjabbli "if_id" m'humiex komplet, skorett jew nieqes, il-BĊE jiċħad it-talba kollha.

3. **Isem**

Ikun ivverifikat li:

— Din il-varjabbli tispeċifika isem l-IF;

— isem il-kumpannija inkluż kif tissejjaħ hija rrappurtata konsistentement għall-ismijiet kollha fejn dan japplika;

— il-konvenzjonijiet ta' ittri minuskoli tiġi segwita biex jitqiesu l-aċċenti; u

— l-ittri minuskoli jintużaw meta dan japplika.

Jekk l-varjabbli "name" hija nieqsa, il-BĊE jiċħad it-talba kollha.

4. **Indirizz**

Ikun ivverifikat li:

— ta' l-anqas waħda mill-varjabbli ta' l-indirizz "postal_address", "postal_box" jew "postal_code" hija sħiħa;

— il-varjabbli"postal_address" tindika isem it-triq u n-numru tat-triq ta' l-istituzzjoni (jew tal-kumpannija maniġerjali, skond il-każ);

— il-varjabbli "postal_box" tuża l-konvenzjoni tas-sistemi tal-kaxxa nazzjonali, u li l-ebda test ta' referenzi tal-kaxxa postali ma tittpoġġa quddiem in-numri "postal_box"; u

— il-varjabbli "postal_code" tuża l-konvenzjonijiet postali nazzjonali u tispeċifika l-kodiċi postali rilevanti.

Jekk is-sett ta' varjabbli "address" ikun nieqes, il-BĊE jiċħad it-talba kollha.

5. **Belt**

Ikun ivverifikat li:

— il-varjabbli "city" tispeċifika post il-belt.

Jekk il-varjabbli "city" tkun nieqsa, il-BĊE jiċħad it-talba kollha.

6. **Isem il-kumpannija maniġerjali**

Kumpannija maniġerjali hija istituzzjoni li hija responsabbli għall-amministrazzjoni ta' kuljum tal-fond ta' investiment. Il-kumpannija maniġerjali tista' tipprovdi l-fond b'servizzi ta' riċerka ta' investiment u l-immaniġġjar tal-portafoll. Jekk fond ta' investiment għandu kemm maniġer u maniġer ta' investiment li jkunu ngħatalu kuntratt biex jimmaniġġja s-servizzi, il-BĊN għandu jipprovdi d-dettalji tal-maniġer.

Ikun ivverifikat li:

— il-varjabbli "management company name" tiġi kkompletata jew b'isem kumpannija jew bħala "not available" jew "not applicable"; u

— jekk il-varjabbli "management company name" tingħata bħala "not available", tingħata raġuni wkoll fil-qasam "free_text".

Jekk il-varjabbli "management company name" tkun nieqsa, il-BĊE jittrażmetti twissija lill-BĊN fil-messaġġ ta' rikonoxximent.

7. **Politika a' investiment**

Din il-varjabbli tispeċifika it-tip ta' assi fejn il-portafoll ta' investiment huwa primarjament investit.

Ikun ivverifikat li:

— il-varjabbli "investment policy" tiġi kkompletata skond wieħed minn seba' valuri pre-definiti: "bonds", "parteċipazzjonijiet azzjonarji", "*hedge*", "mixed", "proprjetà immobbli", "oħrajn" jew bħala "not available".

Jekk il-varjabbli "politika ta' investiment" m'hijiex kkompletata, skorretta jew nieqsa, il-BĊE jittrażmetti twissija lill-BĊN fil-messaġġ ta' rikonoxximent.

8. **Varjabbiltà tal-kapital**

Fond jista' jiġi stabbilit bħala "open-end" jew "closed-end".

Ikun ivverifikat li:

— il-varjabbli "variability of capital" tiġi kkompletata bħala jew "open-end", "closed-end" jew "not available".

Jekk il-varjabbli "variability of capital" m'hijiex kkompletata, skorretta jew nieqsa, il-BĊE jittrażmetti twissija lill-BĊN fil-messaġġ ta' rikonoxximent.

9. **Structure_1**

Ikun ivverifikat li:

— il-varjabbli "structure_1" "UCITS" jew "non-UCITS" jew "not available"; u

— jekk il-varjabbli "structure_1" tingħata bħala "UCITS", il-varjabbli "variability of capital" tingħata bħala "open-end".

Jekk il-varjabbli "structure_1" m'hijiex kkompletata, skorretta jew nieqsa, il-BĊE jittrażmetti twissija lill-BĊN fil-messaġġ ta' rikonoxximent.

10. **Structure_2**

Ikun ivverifikat li:

— il-varjabbli "structure_2" hija kkompletata b'wieħed minn 11-il valur predefinit: "UCITS unit trust", "UCITS variable capital corporation", "UCITS unincorporated", "unit trust", "variable capital corporation", "limited partnership", "investment trust", "unincorporated investment trust", "unincorporated", "other" jew "not available";

— jekk il-varjabbli "structure_1" tingħata bħala "UCITS", il-varjabbli "structure_2" tkun ingħata bħala "UCITS unit trust" jew "UCITS variable capital corporation" jew "UCITS unincorporated" jew "other" jew "not available", u

— jekk il-varjabbli "structure_1" tingħata bħala "non-UCITS", il-varjabbli "structure_2" tkun ngħatat bħala "unit trust" jew "variable capital corporation" jew "limited partnership" jew "investment trust" jew "unincorporated investment trust" jew "unincorporated" jew "other" jew "not available".

Jekk il-varjabbli "structure_2" m'hijiex kkompletata, skorretta jew nieqsa, il-BĊE jittrażmetti twissija lill-BĊN fil-messaġġ ta' rikonoxximent.

11. **Sub-fund**

Ikun ivverifikat li:

— il-varjabbli "sub-fund" tiġi kkompletata b'wieħed minn erba' valuri predefiniti: "yes" jew "no" jew "not available" jew "not applicable".

Jekk il-varjabbli "sub-fund" m'hijiex kkompletata, skorretta jew nieqsa, il-BĊE jittrażmetti twissija lill-BĊN fil-messaġġ ta' rikonoxximent..

12. **Kodiċijiet ISIN**

Ikun ivverifikat li:

— taħt il-varjabbli "ISIN codes", ta' l-anqas varjabbli "ISIN_1" tiġi kkompletata għal kull fond ta' investiment, u li l-valur għal "ISIN_1" huwa jew il-kodiċi attwali jew il-kelma bi 12-il karattru "XXXXXXXXXXXX";

— il-kodiċijiet ISIN kollha applikabbli biex jaqsmu l-klassijiet maħruġin minn fond ta' investiment ġew irrappurtati skond il-konvenzjoni: ISIN_1, ISIN_2, ISIN_3…. ISIN_*n*.

Jekk il-varjabbli "ISIN codes" u "ISIN_1" ikunu neqsin, il-BĊE jiċħad it-talba kollha.

13. **NAV kull fond ta' investiment**

Ikun ivverifikat li:

— meta jiġi rrappurtat il-valur nett ta' assi għal fond ta' investiment, jingħata l-varjabbli "if_req_nav";

— il-varjabbli "if_req_nav" jikkomprendi żewġ partijiet: "if_nav_value" u "if_nav_date". Jekk il-valuri attwali m'humiex disponibbli, jiddaħħal il-kliem "not available"; u

— jekk tintuża raġuni għal jew "not available", tingħata wkoll informazzjoni li takkumpanja fil-qasam "free_text".

Jekk il-varjabbli "if_req_nav" u u l-partijiet rilevanti tagħha huma inkompleti jew neqsin, il-BĊE twissija lill-BĊN fil-messaġġ ta' rikonoxximent..

14. **Verifiki ta' l-għaqdiet**

Ikun ivverifikat li:

— meta jiġu rrappurtati għaqdiet domestiċi jew internazzjonali, tingħata l-varjabbli "if_req_merger";

— kull grupp (jiġifieri żewġ istituzzjonijiet jew aktar) li jaqsmu l-istess "date" ta' l-effett legali ta' l-għaqda *huwa* rrappourtat taħt tag separata "submerger";

— meta l-varjabbli "submerger" tiġi speċifikata, valur għall-varjabbli "date" *hija* kkompletata;

— ta' l-anqas distituzzjoni waħda involuta f'għaqda hija IF;

— meta m'hemmx bidla fl-attributi ta' IF bħala riżultat ta' attività ta' għaqda, dan l-IF *huwa* rrappurtat bħala modifika (jiġifieri "if_req_mod");

— il-varjabbli "involved_if" hija rrappurtata biss fil-każ ta' għaqdiet internazzjonali;

— meta istituzzjoni hija rrappurtata bħala "involved_if", il-varjabbli "if_ref" hija kkompletata;

— il-varjabbli "if_ref" hija komposta minn żewġ partijiet: "if_id" innifisha hija komposta minn varjabbli "host" u "id" u "name";

— meta istituzzjoni hija speċifikata bħala"involved_non_if", in-"non_if_id" u "name" huma kkompletati; u

— in-"non_if_id" ta' "involved_non_if" tikkonsisti minn żewġ partijiet: "host" u "id". Il-"host" huwa kodiċi tal-pajjiż ISO b'żewġ karattri. L-"id" għandu jirriferi jew lill-klassifikazzjoni settorjali xierqa ta' l-ESA 95 eż. jekk l-"involved_non-if" huwa awżiljarju finanzjarju Belġjan, il-parti "host" għandha tiġi rrappurtat bħala "BE" u l-parti "id" bħala "124" jew jekk l-IF ngħaqdet ma' MFI, l-"id" għandu jkun l-kodiċi ta' identifikazzjoni xieraq MFI (bl-esklużjoni tal-kodiċi b'żewġ ċifri li jirriferi għall-pajjiż ta' referenza li għandu jiġi rrappurtat taħt il-parti "host").

Jekk xi waħda mill-verifiki ta' validazzjoni ta' għaqda tinkiser, il-BĊE jiċħad it-talba kollha.

15. **L-indikatur ta' konfidenzjalità**

Il-BĊNi jistgħu jimmarkaw ċerti valuri bħala konfidenzjali bl-indikatur ta' kunfidenzjalità meta jirrappurtaw aġġornament għal fond ta' investiment lill-BĊE. F'dawn il-każijiet, l-informazzjoni li takkumpanja r-raġuni għall-kunfidenzjalità għandha tingħata fil-qasam "free_text". Il-BĊE ma jippubblikax dawn il-valuri fuq il-websajt tiegħu jew ixandarhom lura lill-BĊNi.

## GLOSSARJU

**Assunzjoni ta' dejn (*debt assumption*):** hija operazzjoni li s-soltu tinvolvi gvern ċentrali li jieħu post korporazzjonijiet pubbliċi (parti mis-setturi residenti oħrajn) bħala debitur dwar self oriġinarjament mogħti minn banek (is-settur ta' l-istituzzjoni finanzjarja monetarja (MFI)). Din l-operazzjoni finanzjarja tista' sseħħ ukoll bejn setturi istituzzjonali oħrajn.

**Attributi (*attributes*):** huma kunċetti statistiċi li jipprovdu lill-utenti b'informazzjoni addizzjonali kkodifikata (eż. unità) u mhux ikkodifikata (eż. il-metodu ta' kumpilazzjoni) dwar *data* mibdulin. "Obbligatorju" japplika għall-attributi li għandhom jieħdu valur, altrimenti l-osservazzjonijiet li għalihom jirriferu ikunu bla sens. "Kondizzjonali" japplika għal attributi li huma ddefiniti biss jekk huma disponibbli fl-istituzzjoni tar-rappurtar (eż. ids tas-serje domestika) jew kull meta jkunu rilevanti (eż. kumpilazzjoni, waqfien, eċċ), u jistgħu jieħdu valuri vojta.

**Automated teller machine (ATM)**: huwa apparat elettromekkaniku li jippermetti li detenturi ta' karti awtorizzati, tipikament karti tal-plastik li jinqraw mill-magni, għall-iżbank ta' flus kontanti mill-kontijiet tagħhom u/jew l-aċċess għal servizzi oħrajn, bħal tagħrif fuq il-bilanċ, it-trasferiment ta' fondi jew l-aċċettazzjoni ta' depożiti. Apparat li jaċċetta biss tagħrif fuq il-bilanċ ma jikkwalifikax bħala ATM. Il-funzjonijiet li ġejjin huma riflessi fl-istatistika: 'il-funzjoni ta' l-iżbank ta' flus kontanti' li jippermetti li utenti awtorizzati jiżbankaw kontanti mill-kontijiet tagħhom bl-użi ta' kard b'funzjoni ta' flus kontanti; u l-'funzjoni tat-trasferiment ta' kreditu' li jippermetti utenti awtorizzati jagħmlu trasferimenti ta' kreditu bl-użu ta' kard ta' ħlas.

**Awżiljarji finanzjarji (*financial auxiliaries*):** jikkonsistu mill-korporazzjonijiet finanzjarji kollha u kważi korporazzjonijiet li huma li jaħdmu priċipalment fl-attivitajiet finanzjarji awżiljarji (ESA 95, paragrafi 2.57-2.59).

**Bonds globali (*global bonds*):** huma bonds li jinħarġu simultajament fis-suq domestiku u ta' l-euro.

**Bonds maħruġin privatament (*privately issued bonds*):** huma bonds ristretti minn ftehim bilaterali lil ċerti investituri, jekk il-bonds huma potenzjalment trasferibbli.

**Bonds subordinati, spiss jiġi jissejħu debitu subordinat (*subordinated bonds, often referred to as subordinated debt*),:** jipprovdu klejm sussidarja fuq l-istituzzjoni ta' ħruġ li jistgħu jiġu eżerċitati wara l-klejms bi status ogħla (eż. depożiti/self jew titoli tad-dejn antik) ikunu ġew sodisfatti, li f'xi każijiet jista' jagħtihom xi uħud mill-karatteristiċi ta' "ishma u parteċipazzjoni azzjonarja oħra".

**Bonds ta' kupuni żero (*zero rated bonds*):** jinkludu l-ħruġ kollu mingħajr ħlas ta' kupun. Solitament dawn il-bonds jinħarġu bi skont u mifdija b'par. Jinkludu wkoll bonds maħruġin par u mifdija bi premium, per eżempju bonds bil-valur ta' fidi marbut mar-rata ta' skambju jew ma' indiċi. Ħafna mill-iskontijiet jew premium jirrappreżentaw l-ekwivalenti ta' l-imgħax li jinġabar matul il-ħajja tal-bond.

**Ċekk (*cheque*):** hija ordni bil-miktub minn parti (min jiġbed) li parti oħra (lil min jinħareġ; normalment istituzzjoni ta' kreditu) li jeħtieġ li lil min jinħareġ iħallas somma speċifikata mat-talba lil min jiġbed jew parti terza speċifikat minn min jiġbed.

**Debiti diretti (*direct debits*):** huma strumenti ta' ħlas li jawtorizzaw debitu fil-kont bankarju tal-pagatur, li jinbeda minn nin jitħallas fuq il-bażi ta' awtorizzazzjoni mogħtija mill-pagatur.

**Debiti mill-kontijiet b'entrata sempliċi f'kont (*debits from the account by simple book entry*):** huma tranżazzjonijiet ta' debitu li jinbdew minn MFI mingħajr ordni speċifika ta' tranżazzjoni u eżegwita bit-tniżżil sempliċi f'kont, jiġifieri tniżżil ta' debitu, fil-kontijiet ta' klijent, jiġifieri mingħajr l-użi ta' strument ta' ħlas tradizzjonali.

**Depożiti b'maturità miftehma (*deposits with agreed maturity*):** huma depożiti mhux trasferibbli, li ma jistgħux jiġu kkonvertiti f'valuta qabel terminu fiss miftiehem jew jistgħu jiġu kkonvertiti f'kontanti qabel terminu miftiehem, imma d-detentur imbagħad jeħel b'penali. Prodotti finanzjarji b'dispożizzjonijiet *roll-over* għandhom jiġu kklassifikati skond l-aktar maturità kmieni tagħhom. Għalkemm depożiti b'maturità miftehma jistgħu jippermettu fidi aktar kmieni wara notifika minn qabel jew jistgħu jinfdew wara talba bla ħsara għal penali, dawn il-karatteristiċi m'humiex ikkunsidrati rilevanti għall-finijiet ta' klassifikazzjoni.

**Depożiti li jinfdew wara avviż (*deposits redeemable at notice*):** huma depożiti mhux trasferibbli, mingħajr ftehim fuq il-maturità, li ma jistgħux jiġu kkonvertiti f'valuta mingħajr perjodi ta' avviż minn qabel li l-konverżjoni f'kontanti m'huwiex possibbli jew possibbli biss b'penali. Dan jikkomprendi depożiti, għalkemm forsi legalment żbankabbli wara talba, dak ikun suġġett għal penali u restrizzjonijiet skond il-prattiċi nazzjonali (ikklassifikati fil-perijodu ta' maturità "sa u inklużi tliet xhur") u kontijiet ta' investiment mingħajr perijodu ta' avviż jew maturità miftehma, imma li fihom dispożizzjonijiet restrittivi fuq l-iżbankar (ikklassifikati fil-perijodu ta' maturità "aktar minn tliet xhur").

**Depożiti oħrajn (*other deposits*):** huma investimenti f'depożiti li ma jkunux depożiti trasferibbli. Depożiti oħrajn ma jistgħux jintużaw biex jagħmlu l-ħlasijiet f'xi ħin u huma konvetibbli f'valuta jew depożiti trasferibbli suġġetti għal restrizzjoni jew penali sinjifikanti. Din is-subkategorija tinkludi depożiti biż-żmien, depożiti tat-tifdil eċċ (ESA 95, paragrafi 5.45-5.49).

**Depożiti ta' matul il-lejl bl-Internet/mqabbda mal-PC (*Internet/PC-linked overnight deposits*):** huma kontijiet ta' depożitu ta' matul il-lejl miżmumin minn mhux IMFs li d-detentur tal-kont jista' jaċċedi għalihom jew juża elettronikament permezz ta' l-internet jew mal-programmi bankarji tal-PC permezz ta' software apposta u linji tat-telekomunikazzjonijiet apposta (eż. biex isiru trasferimenti ta' kreditu u jitħallsu l-kontijiet). Spiss ikollhom bżonn ta' estensjoni tal-kuntratt, bejn id-detentur tal-kont u l-MFI tagħhom, biex ikunu inklużi dawn is-servizzi u jista' jkun meħtieġ li l-MFI jipprovdi d-detentur tal-kont b'identifikaturi elettroniċi (PINs, TANs, eċċ).

**Depożiti ta' matul il-lejl (*overnight deposits*):** huma depożiti li huma konvertibbli f'valuta u/jew huma trasferibbli wara talba b'ċekk, ordni bankarja, entrata ta' debitu jew mezz simili, mingħajr dewmien, restrizzjoni jew penali sinjifikanti. Bilanċi li jirrappreżentaw ammonti mħallsin minn qabel fil-kuntest ta' *e-money*, jew fil-forma ta' *e-money* ibbażat fuq il-*hardware* (eż. karti mħallsin minn qabel) jew *e-money* ibbażat fuq is-*software* maħruġ minn MFIs, huma inklużi. Depożiti mhux trasferibbli, li teknikament huma żbankabbli wara talba imma li huma suġġetti għall-penali sinjifikanti, huma esklużi.

**Depożiti trasferibbli (*transferable deposits*):** huma depożiti (f'valuta nazzjonali jew barranija), konvertibbli immedjatament f'valuta jew trasferibbli b'ċekk, ordni bankarja, tniżżil ta' debitu jew bħalhom, mingħajr xi tip ta' restrizzjoni jew penalità sinjifikanti (ESA 95, paragrafi 5.42-5.44).

**Derivattivi finanzjarji (*financial derivatives*):** huma assi finanzjarji bbażati fuq jew derivattivi minn strument sottostanti differenti. Dan l-istrument sottostanti solitament huwa assi ieħor fiannzjarju, imma jista' jkun prodott jew indiċi (ESA 95, paragrafu 5.65).

*Households:* jinkludu individwi jew gruppi ta' individwi bħala konsumaturi u produtturi ta' oġġetti u servizzi mhux finanzjarji esklużivament għall-konsum finali tagħhom, u bħala produtturi ta' oġġetti tas-suq u servizzi finanzjarji u mhux finanzjarji sakemm sakemm l-attivitajiet tagħhom m'humiex dawk ta' kważi-korporazzjonijiet. Inklużi huma istituzzjonijiet mhux ta' profitt li jservu d-djar u li primarjament jaħdmu fil-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux tas-suq maħsubin għall-gruppi partikolari ta' djar (ESA 95, paragrafi 2.75-2.88).

***E-money* ibbażat fuq il-*hardware* (*Hardware-based e-money*):** jikkomprendi prodotti ta' l-*e-money* li jipprovdu l-klijenti b'apparat elettroniku li jinġarr, tipikament kard b'ċirkuwitu integrat li jkun fih mikroproċessur (eż. karti mħallsin minn qabel).

***E-money* ibbażat fuq is-software (*Software based e-money*):** jirriferi għall-prodotti ta' *e-money* li jużaw software speċjalizzat fuq PC u tipikament jista' jintuża għat-trasferiment ta' valur elettroniku permezz ta' netwerks ta' telekomunikazzjoni bħall-Internet.

***E-money:*** jfisser valur monetarju kif irrappreżentat b'talba fuq min joħroġ li (i) huwa maħżun f'apparat elettroniku; (ii) maħruġ fuq fondi rċevuti ta' ammont mhux anqas fil-valur mill-valur monetarju maħruġ; (iii) aċċettat bħala mezz ta' ħlas minn impriżi minbarra min ikun ħareġ. Din id-definizzjoni ssegwi t-tifsira tad-Direttiva 2000/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenti tal-kummerċ ta' istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi.

***Eurobonds:*** huma bonds, impoġġijin simultanjament fis-suq ta' mill-anqas żewġ pajjiżi u ddenominati f'valuta li m'għandhiex għalfejn tkun ta' xi wieħed minnhom, solitament permezz ta' sindakat internazzjonali ta' korporazzjonijiet finanzjarji minn diversi pajjiżi.

**Fergħa ta' istituzzjoni ta' kreditu (*branch of a credit institution*):** tfisser il-post tan-negozju, li mhux l-uffiċċju ewlieni, li jinsab fil-pajjiż tar-rappurtar u ġie stabbilit minn istituzzjoni ta' kreditu inkorporata legalment f'pajjiż ieħor. Il-postijiet kollha tan-negozju stabbilit fil-pajjiż li jirrapporta mill-istess istituzzjoni legalment inkorporata f'pajjiż ieħor, jikkostitwixxu fergħa waħda. Kull post tan-negozju minn dawn jgħodd bħala uffiċċju individwali (ara Uffiċċju).

**Flussi, imsejħin ukoll bħala tranżazzjonijiet (finanzjarji) (*flows, also referred to as (financial) transactions*),:** jiġu kkalkolati billi tittieħed id-differenza bejn l-istokkijiet ta' l-aħħar tax-xahar u mbagħad jitneħħew dawk l-effetti li ma joħorġux minn dawn it-tranżazzjonijiet. L-iżviluppi mhux tat-tranżazzjonijiet jitneħħew permezz ta' aġġustamenti tal-fluss.

**Fondi mħalltin (*mixed funds*):** huma fondi ta' investiment kemm fil-parteċipazzjonijiet azzjonari u l-bonds bl-ebda politika prevalenti favur strument wieħed jew l-ieħor. Il-kriterji għall-klassifikazzjoni tal-fondi ta' investiment f'fondi mħalltin huma dderivati minn prospett pubbliku, regoli ta' fondi, strumenti ta' inkorporazzjoni, statuti jew *by-laws* stabbiliti, dokumenti ta' sottoskrizzjoni jew kuntratti ta' investiment, dokumenti ta' kummerċjalizzazzjoni, jew kull stqarrija oħra b'effett simili.

**Fondi oħrajn (*other funds*):** huma fondi ta' investiment li ma jkunux fondi ta' bonds, fondi ta' parteċipazzjoni azzjonarja, fondi mħalltin, fondi ta' proprjetà immobbli jew *hedge funds*.

**Fondi speċjali ta' l-investituri (*special investors funds*):** huma fondi fejn l-unitajiet/ishma huma rriżervati għal ċerti tipi ta' investituri.

**Fondi ta' bonds (*bond funds*):** huma fondi ta' investiment (IF) li jinvestu primarjament f'titoli u ishma oħrajn. Il-kriterji għall-klassifikazzjoni ta' fondi ta' investiment f'fondi ta' bonds jiġu mill-prospett pubbliku, regoli tal-fond, strumenti ta' inkorporazzjoni, statuti stabbiliti jew *bye-laws*, dokumenti ta' sottoskrizzjoni jew kuntratti ta' investiment, dokumenti tal-kummerċjalizzazzjoni, jew kull stqarrija b'effett simili.

**Fondi ta' fondi (*funds of funds*):** huma fondi ta' investiment li jinvestu primarjament fl-ishma jew l-untajiet tal-fondi ta' investiment. Il-kriterji għall-klassifikazzjoni tal-fondi ta' investiment f'fondi ta' fondi jiġu minn prospett pubbliku, regoli ta' fondi, strumenti ta' inkorporazzjoni, statuti stabbiliti jew *by-laws*, dokumenti ta' sottoskrizzjoni jew kuntratti ta' investiment, jew kull stqarrija b'effett simili. M'għandhomx jiġu kklassifikati fil-kategorija ta' fondi li jinvestu primarjament fihom.

**Fondi ta' investiment (*Investment funds*):** huma ddefiniti fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament BĊE/2007/8.

**Fondi ta' investiment *closed-end* (*closed-end investment funds*):** huma IFs b'numru fiss ta' ishma maħruġin li l-azzjonijisti tagħhom għandhom ibiegħu jew jixtru ishma eżistenti biex jidħlu jew iħallu l-fond.

**Fondi ta' investiment *open-end* (*open-end investment funds*):** huma fondi ta' investiment li l-unitajiet jew l-ishma tagħhom huma, fuq talba tad-detenturi, mixtrija mill-ġdid jew mifdijin direttament jew indirettament mill-attiv ta' l-impriżi.

**Fondi ta' parteċipazzjoni azzjonarja (*equity funds*):** huma fondi ta' investiment li jinvestu primarjament f'ishma u parteċipazzjoni azzjonarja oħra. Il-kriterji għall-klassifikazzjoni ta' fondi ta' investiment f'fondi ta' parteċipazzjoni azzjonarja jiġu minn prospett pubbliku, regoli ta' fondi, strumenti ta' inkorporazzjoni, statuti jew *by-laws* stabbiliti, dokumenti ta' sottoskrizzjoni jew kuntratti ta' investiment, dokumenti ta' kummerċjalizzazzjoni, jew kull stqarrija oħra b'effett simili.

**Fondi ta' proprjetà immobbli (*real estate funds*):** huma fondi ta' investiment li primarjament jinvestu fil-proprjetà immobbli. Il-kriterji għall-klassifikazzjon ta' fondi ta' investiment f'fondi ta' proprjetà immobbli jiġu minn prospett pubbliku, regoli ta' fondi, strumenti ta' inkorporazzjoni, statuti jew *by-laws* stabbiliti, dokumenti ta' sottoskrizzjoni jew kuntratti ta' investiment, dokumenti ta' kummerċjalizzazzjoni, jew kull stqarrija oħra b'effett simili.

**Fondi tal-pensjoni awtonomi (*autonomous pension funds*):** huma unitajiet istituzzjonali separati li l-attività ewlenija tagħhom huwa l-iffinanzjar tal-pensjonijiet. M'humiex kumpanniji ta' assigurazzjoni.

**Fondi tal-pubbliku ġenerali (*general public funds*):** huma fondi li l-unitajiet/ishma tagħhom jinbiegħu lill-pubbliku.

**Fondi tas-sigurtà soċjali (*social security funds*):** huma ddefiniti bħala unitajiet istituzzjonali ċentrali, statali u lokali li l-attività prinċipli tagħhom hija li jipprovdu benefiċċji soċjali (ESA 95, paragrafu 2.74).

**Fondi tas-suq tal-flus (*money market funds*) (MMFs):** huma ddefiniti fl-Anness I, Parti 1 (I.6), tar-Regolament BĊE/2001/13 tat-22 ta' Novembru 2001 dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji.

**Fondi (*funds*):** tfisser kontanti, flus skritturali u l-flus elettroniċi kif imsemmi fid-Direttiva 2000/46/KE.

**Fergħat (*branches*):** huma entitajiet mhux inkorporati, mingħajr status legali indipendenti, proprjetà sħiħa tal-ġenitur tagħhom.

**Għoti ta' flus kontanti fit-terminals POS (*Cash advance at POS terminals*):** huwa tranżazzjoni fejn id-detentur tal-kard jirċievi kontanti f'terminal POS flimkien ma' ħlas POS għall-oġġetti u servizzi.

**Gvern ċentrali (*central government*):** jikkonsisti mid-dipartimenti amministrattivi ta' l-Istat u aġenziji oħra ċentrali li l-kompetenza tagħhom testendi fuq it-territorju ekonomiku kollu, ħlief għall-amministrazzjoni tal-fondi tas-sigurtà soċjali (ESA 95, paragrafu 2.71).

**Gvern ġenerali (*general government*):** jikkomprendi unitajiet ta' residenti, li jaħdmu primarjament fil-produzzjoni ta' oġġetti u servizzi mhux għas-suq maħsubin għall-konsum individwali u kollettiv u/jew fir-ridistribuzzjoni tal-qligħ u l-ġid nazzjonali (ESA 95 paragrafi 2.68-2.70). Il-gvern ġenerali jikkomprendi l-gvern ċentrali, il-gvern statali, il-gvern lokali u l-fondi tas-sigurtà soċjali (ESA 95, paragrafi 2.71-2.74). Għall-aktar gwida fuq il-klassifikazzjoni settorjali, irreferi għall-*Money and Banking Statistics Sector Manual: Guidance for the statistical classification of customers*, Bank Ċentrali Ewropew, it-tieni edizzjoni, Novembru 1999.

**Gvern statali u lokali (*State and local government*):** l-gvern statali jikkomprendi unitajiet istituzzjonali separati li jeżerċitaw xi funzjonijiet governattivi f'livell anqas minn dak ta' gvern ċentrali u 'l fuq minn dak ta' gvern lokali, ħlief għall-amministrazzjoni tal-fondi tas-sigurtà soċjali. Il-gvern lokali jikkomprendi l-amministrazzjoni pubblika li l-kompetenza pubblika testendi biss għall-parti lokali tat-territorju ekonomiku tal-pajjiż li jirrapporta, bl-esklużjoni ta' aġenziji lokali tal-fondi tas-sigurtà soċjali (ESA 95, paragrafi 2.72 u 2.73).

***Hedge funds:*** għall-finijiet ta' din il-Linja ta' Gwida, ifissru kull impriża ta' investiment kollettiva immaterjalmnet mill-istruttura legali tagħha skond il-liġijiet nazzjonali, li japplikaw strateġiji ta' investiment relattivament mhux kostretti biex ikun hemm rendiment pożittiv assolut, u li l-maniġers tagħha, flimkien mad-drittijiet tal-maniġment, huma mħallsin fir-rigward tar-rendiment tal-fond. Għal dak l-iskop, *hedge funds* ftit għandhom restrizzjonijiet fuq it-tip ta' strumenti finanzjarji fejn jistgħu jinvestu u għalhekk huma fllessibbli biex jużaw varjetà ta' modi, fosthom il-*leverage, short-selling* jew mezzi oħrajn. Din id-definizzjoni tkopri wkoll fondi li jinvestu, kollox jew in parti, f'*hedge funds* oħrajn sakemm jikkonformaw ma' din id-definizzjoni. Dawn il-kriterji biex jidentifikaw *hedge funds* għandhom ikunu vvalutati skond il-prospett pubbliku kif ukoll regoli ta' fondi, strumenti ta' inkorporazzjoni, statuti stabbiliti jew *by-laws*, dokumenti ta' sottoskrizzjoni jew kuntratti ta' investiment, dokumenti ta' kummerċjalizzazzjoni, jew kull stqarrija oħra b'effett simili tal-fond.

**Ħlas b'kard, ħlief b'funzjoni ta' *e-money* (*Card payment, except with an e-money function*):** hija tranżazzjoni ta' ħlas bl-użu ta' kard b'funzjoni ta' debitu, kreditu jew debitu ttardjat f'terminal jew permezz ta' kanali oħrajn.

**Ħruġ b'rata fissa (*Fixed rate issues*):** jikkomprendi l-ħruġ kollu fejn il-ħlas bil-kupun, ibbażat fuq rata tal-kupun prinċipali tas-sigurtà, ma jinbidilx matul l-eżistenza tal-ħarġa. Titoli li m'humiex maħruġin b'rati fissi jew varjabbli, jiġifieri ħruġ b'rata mħallta, huma inklużi wkoll (eż. ħruġ fiss imbagħad varjabbli, varjabbli mbagħad fissi, ħruġ li m'għandux l-istess ħlas ta' kupun matul l-eżistenza tat-titoli, titoli *step-up* u *step-down*).

**Ħruġ b'rata varjabbli (*variable rate issues*):** inkluż ħruġ ta' ħlas ta' kupun kollha fejn il-kupun jew il-prinċipal huwa perjodikament iffissat b'referenza għal rata ta' imgħax indipendenti jew indiċi.

**Ħruġ ta' ishma bonus (*issue of bonus shares*):** huwa l-ħlas lill-azzjonisti fi proporzjon ma' l-investimenti eżistenti tagħhom.

**Ħruġ ta' ishma maqsumin (*split share issues*):** huwa ħruġ ta' ishma fejn il-korporazzjoni jew il-kważi korporazzjoni jżidu n-numru ta' ishma bi proporzjon jew multipu.

**Intermedjarji finanzjarji oħrajn (*other financial intermediaries*) (OFIs):** huma korporazzjonijiet u kważi korporazzjonijiet finanzjarji mhux monetarji (ħlief għall-korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjoni) li jaħdmu fl-intermedjazzjoni finanzjarja billi jkollhom passiv li ma jkunx f'forma ta' valuta, depożiti u/jew sostituti jixxiebhu mad-depożiti minn unitajiet istituzzjonali li ma jkunux MFIs (ESA 95, paragrafi 2.53-2.56).

**Investimenti ta' strumenti maħruġin mill-MFIs taż-żona ta' l-euro tal-Gvern Ċentrali:** (*Central government holdings of instruments issued by euro area MFIs*) huma titoli ta' dejn u ishma tal-fond tas-suq tal-flus mill-MFIs taż-żona ta' l-euro u miżmumin minn Gvern Ċentrali.

**Ishma (*shares*):** (ikkwotati u mhux ikkwotati) jinkludu l-attiv finanzjarju, li jirrappreżenta drittijiet ta' proprjetà fuq korporazzjonijiet jew kważi korporazzjonijiet. Dawn l-assi finanzjarji ġeneralment jintitolaw lid-detenturi għal sehem fil-profitti tal-korporazzjonijiet jew kważi korporazzjonijiet u għal sehem fl-assi netti fil-każ ta' likwidazzjoni.

**Ishma kapitali maħruġin minn kumpanniji b'responsabbiltà limitata(*Capital shares issued by limited liability companies*):** huma titoli li jagħtu lid-dententuri l-istatus ta' proprjetarji konġunti u jintitolahom jaqsmu fil-profitti kollha ddistribwiti u fl-assi netti fil-każ ta' likwidazzjoni.

**Ishma kkwotati, imsejħin ukoll bħala ishma llistjati, bl-esklużjoni ta' ishma/unitajiet ta' fond ta' investiment (*quoted shares, also referred to as listed shares, excluding investment fund's shares/units*):** huma kollha ishma kkwotati fuq borża rikonoxxuta jew xi forma oħra ta' suq regolat (ESA 95, paragrafi 5.88-5.93). L-ishma kkwotati huma vvalutati u rappurtati fil-valuri tas-suq. Dan jikkorrespondi għall-ESA 95 kategorija F.511.

**Ishma mhux ikkwotati, bl-esklużjoni ta' ishma ta' fond ta' investiment (*unquoted shares, excluding investment fund shares*),:** huma ishma li m'humiex ikkwotati (ESA 95, paragrafi 5.88-5.93).

**Ishma mifdijin f'kumpanniji b'responsabbiltà limitata (*redeemed shares in limited liability companies*):** huma ishma li l-kapital tagħhom tħallas mill-ġdid imma jinżammu mid-detenturi li jkomplu jkunu proprjetarji konġunti u jkunu intitolati għal sehem fil-profitti li jifdal wara li jitħallsu d-dividendi fuq il-kapital irreġistrat li jibqa' u għal sehem f'kull eċċedenza li tibqa' mil-likwidazzjoni.

**Ishma ta' dividendi maħruġin minn kumpanniji b'responsabbiltà limitata (*dividend shares issued by limited liability companies*):** huma titoli, li skond il-pajjiż u ċ-ċirkostanzi fejn jinħolqu, għandhom diversi ismijiet bħall-ishma ta' fundaturi, ishma ta' profitt, ishma ta' dividendi, eċċ. Dawn it-titoli: (i) m'humiex parti mill-kapital irreġistrat; (ii) ma jagħtux lid-detenturi l-istatus ta' proprjetarji konġunti fis-sens strett, u (iii) ma jagħtux lil detenturi proporzjon ta' xi profitti li jifdal wara li jitħallsu d-dividendi fuq il-kapital irreġistrat u għal frazzjoni ta' kull eċċedenza li jibqa' mil-likwidazzjoni.

**Ishma u parteċipazzjoni azzjonarja oħra, bl-esklużjoni ta' ishma ta' fond ta' investiment (*shares and other equity*, *excluding investment fund shares*)**: jirriferu għall-investimenti tat-titoli, li jirrappreżentaw dritt ta' proprjetà f'korporazzjonijiet jew kważi korporazzjonijiet. Dawn it-titoli ġeneralment jintitolaw lid-detenturi għal sehem fil-profitti ta' korporazzjonijiet jew kważi korporazzjonijiet u għal sehem fil-fondi tagħhom fil-każ ta' likwidazzjoni.

**Istituzzjoni ta' l-*e-money* (*e-money institution*)**: hija impriża jew persuna legali oħra, li mhijiex istituzzjoni ta' kreditu kif iddefinit fl-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2006/48/KE, li toħroġ mezzi ta' ħlas fil-forma ta' flus elettroniċi.

**Istituzzjonijiet finanzjarji mhux monetarji (mhux MFIs) (*non-monetary financial institutions (non-MFIs)*:** huma ddefinti fl-Anness I, Parti 3, tar-Regolament BĊE/2001/13 tat-22 ta' Novembru 2001 dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji.

**Istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFIs) li m'humiex banek ċentrali (*monetary financial institutions (MFIs) other than central banks*):** huma definti bl-Artikolu 2(1) tar-Regolament BĊE/2001/13 tat-22 ta' Novembru 2001 dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji.

**Istituzzjonijiet internazzjonali (*international institutions*):** jinkludu organizzazzjonijiet sovranazzjonali u internazzjonali, bħall-Bank ta' Investiment Ewropew, l-IMF u l-Bank Dinji.

**Kards (*cards*):** għall-finijiet ta' statistika ta' ħlas huma apparat tal-plastik li jistgħu jintużaw mid-detenturi tagħhom jew biex iħallsu għall-oġġeti u s-servizzi jew għall-iżbank tal-flus.

**Karti tal-flus u muniti euro miżmumin mill-gvern ċentrali (*euro banknotes and coins held by the central government*):** huma karti tal-flus u muniti maħruġin mill-Bank Ċentrali Ewropew, banek ċentrali nazzjonali taż-żona ta' l-euro u gvernijiet ċentrali, u jinżammu mill-gvern ċentrali.

**Kategoriji oħrajn ta' OFIs (*other categories of OFIs*):** hija kategorija reżidwa komposta minn korporazzjonijiet finanzjarji li ma jispeċjalizzawx f'xi qasam ta' attività li tapplika għat-tliet kategoriji oħrajn ta' l-OFIs (fondi ta' investiment, negozjanti f'titoli u derivattivi u korporazzjonijiet finanzjarji li jagħmlu s-self). Per eżempju, korporazzjonijiet ta' investiment finanzjarju, kumpanniji ta' kapital għall-proġetti (*venture*) u kumpanniji kapitali ta' l-iżvilupp huma inklużi f'din il-kategorija.

**Korporazzjonijiet finanzjarji (FVCs), imsejħin ukoll bħala mezzi/entitajiet bi skop speċjali jew istituzzjonijiet finanzjarji speċjali (*Financial vehicle corporations (FVCs), also referred to as special purpose vehicles/entities or special financing institutions*):** huma maħluqin biex iżomm l-assi *securitised* (ESA 95, paragrafu 2.55(f)).

**Korporazzjonijiet finanzjarji li jaħdmu fis-self (*financial corporations engaged in lending*) (FCLs),:** ikklassifikati bħala OFIs, huma korporazzjonijiet finanzjarji speċjalizzati primarjament fl-iffinanzjar ta' l-assi għad-djar u korporazzjonijiet mhux finanzjarji. Korporazzjonijiet li jispeċjalizzaw fil-*leasing* finanzjarju, *factoring*, self għall-ipoteki u self tal-konsumatur huma inklużi f'din il-kategorija. Dawn il-korporazzjonijiet finanzjarji jistgħu joperaw f'forma legali ta' *building society*, istituzzjoni ta' kreditu muniċipali, korporazzjoni għall-finanzjament maħluqin biex iżommu assi *securitised* eċċ.

**Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (*non-financial corporations*):** jinkludu korporazzjonijiet u kważi korporazzjonijiet li jaħdmu primarjament fil-produzzjoni ta' oġġetti tas-suq servizzi mhux finanzjarji, imma ma jaħdmux f'intermedjazzjoni finanzjarja (ESA 95, paragrafi 2.21-2.31).

**Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni (*insurance corporations and pension funds*):** jikkomprendu korporazzjonijiet u kważi-korporazzjonijiet finanzjarji mhux monetarji li jaħdmu fl-intermedjazzjoni finanzjarja bħala konsegwenza ta' tagħqid tar-riskji (ESA 95, paragrafi 2.60-2.67).

**Krediti għall-kontijiet b'entrata sempliċi fil-kontijiet (*credits to the accounts by simple book entry*):** huma tranżazzjonijiet ta' kreditu li jinbdew minn MFI mingħajr ordni speċifika ta' tranżazzjoni u eżegwita b'entrata sempliċi fil-kontijiet, jiġifieri tniżżil ta' kreditu, fil-kontijiet ta' klijent, jiġifieri mingħajr l-użu ta' strument ta' ħlas tradizzjonali.

**Kumpanniji ta' l-assigurazzjoni (*insurance companies*):** huma definiti bħala impriżi li rċevew awtorizzazzjoni uffiċjali skond l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 73/239/KEE ta' l-24 ta' Lulju 1973 dwar il-koordinament ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrigwardaw il-bidu u t-twettiq tan-negozju ta' l-assigurazzjoni diretta barra mill-assigurazzjoni tal-ħajja jew l-Artikolu 6 ta' l-Ewwel Direttiva tal-Kunsill tal-5 ta' Marzu 1979 dwar il-koordinament ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrigwardaw il-bidu u t-twettiq tan-negozju ta' l-assigurazzjoni. In-negozju ta' l-assigurazzjoni mill-ġdid huwa eskluż.

***Leasing*:** huwa definit għall-finijiet statistiċi bħala *leasing* finanzjarju meta l-perijodu tal-*leasing* jkopri l-ħajja ekonomika kollha jew il-biċċa l-kbira tagħha ta' l-oġġett. Fl-aħħar tal-perijodu tal-*leasing*, il-kerrej spiss ikollu l-għażla li jixtri l-oġġett bi prezz nominali (ESA 95, Anness II).

**Mezzi ta' ħlas, imsejħin ukoll bħala mezzi ta' *settlement (means of payments, also referred to as settlement media)*,:** huma assi jew klejms fuq assi li huma aċċettati minn min jitħallas bħala ħlas ta' obbligu ta' ħlas tal-pagatur filkonfront ta' min jitħallas.

**Min jagħmel il-ħruġ mhux residenti (*non-resident issuers*):** huma unitajiet li: (i) jinsabu fit-territorju ekonomiku tal-pajjiż li jirrapporta, imma li ma jagħmlux attivitajiet ekonomiċi jew tranżazzjonijiet għall-perijodu ta' sena jew iżjed fit-territorju tal-pajjiż li qed jirrapporta; jew (ii) jinsabu barra t-territorju ekonomiku tal-pajjiż li jirrapporta.

**Min joħroġ titoli (*issuers of securities*):** huma dawk il-korporazzjonijiet u kważi-korporazzjonijiet li joħorġu titoli u jkollhom obbligu legali ma' min ikollu f'idejh dawn l-istrumenti skond il-kundizzjonijiet tal-ħarġa.

**Min joħroġ kard (*card issuer*):** huwa, fil-każ ta' skemi b'erba' partijiet, istituzzjoni ta' kreditu (jew aktar rari, impriża oħra) li hija membru fi skema ta' kards u għandha relazzjoni kontrattwali ma' detentur ta' kard li jirriżulta fl-għoti u fl-użu ta' kard minn dik l-iskema ta' kards. Fil-każ ta' skemi bi tliet partijiet (eż. American Express, Diners Club International, eċċ), min joħroġ il-kard huwa l-iskema ta' karti nnifsu.

**Ħlas-M (*M-payment*):** huwa ħlas meta jintuża telefown ċellulari biex tinħareġ ordni ta' ħlas u possibbilment trasferiment ta' ħlas.

**Negozjant (*merchant*):** huwa professjonist, jew korp li jirrappreżenta grupp ta' professjonisti, awtorizzati li jirċievu fondi bi skambju ta' oġġetti u servizzi u fejn huwa stabbilit ftehim ma' istituzzjoni ta' kreditu għall-aċċettazzjoni ta' dawn il-fondi (mezzi ta' ħlas). Negozjant jista' jopera server (is-server tan-negozjant), li jippermetti lill-klijent jagħżel mezz ta' ħlas u li jaħżen it-tranżazzjoni għall-kumpens ta' l-aħħar.

**Negozjanti f'titoli u derivattivi (*security and derivative dealers*) (SDDs),:** ikklassifikati bħala OFIs, huma korporazzjonijiet finanzjarji prinċipalment li jaħdmu fl-attivitajiet ta' intermedjazzjoni finanzjarja li ġejjin: (1) negozju fit-titoli għalihom, permezz ta' l-akkwist u l-bejgħ ta' dawk it-titoli għan-nom u għar-riskju ta' intermedjarju; u (ii) negozju f'isimhom, pemezz ta' intermedjarju fiannzjarju awtorizzat biex jopera fil-borża, jew fi swieq organizzati oħrajn.

**Ordni ta' flus (*money order*):** huwa strument, spiss użat użata minn persuni li m'għandhomx kont kurrenti ma istituzzjoni finanzjarja, użata biex jitħallsu l-flus lil min jitħallas imsemmi, għall-ħħas ta' kontijiet, jew għat-trasferiment tal-flus lill-persuna jew kumpanija oħra. Ordnijiet postali huma ordnijiet tal-flus fejn f'isem min jinħarġu tkun istituzzjoni postali.

**Ordni ta' ħlas (*payment order*):** hija struzzjoni mill-pagatur jew minn min jitħallas lill-provditur tas-servizz ta' ħlas tiegħu fejn tintalab l-eżekuzzjoni ta' tranzazzjoni ta' ħlas.

**Parteċipant (*participant*):** hija entità identifikata/rikonoxxuta mis-sistema ta' trasferiment u li tista' tibgħat/u kapaċi tirċievi ordnijiet ta' trasferiment lis-/mis-sistema, direttament jew indirettament.

**Parteċipazzjoni azzjonari oħra (*other equity*):** tinkludi t-tranżazzjonijiet kollha f'parteċipazzjoni azzjonarja oħra li mhix koperta b'ishma kkwotati jew le (ESA 95, paragrafi 5.94-5.95).

*Point of sale (POS) terminals:* huma apparat li jippermetti l-użu ta' karti ta' ħlas f'punt ta' bejgħ fiżiku aktar milli virtwali. Punt ta' bejgħ (POS) ifisser l-għoti ta' oġġetti u servizzi f'terminals moqdijin jew le.

**Provveditur tas-sistema ta' ħlas (*payment system provider*):** hija persuna naturali jew legali li x-xogħol jew l-attivita ta' negozju regolari tagħha jikkomprendi l-għoti ta' servizzi ta' ħlas lill-utenti tas-servizz ta' ħlas.

**Reviżjoni eċċezzjonali (*exceptional revision*):** hija reviżjoni fid-*data* li tirriferi għall-perjodi qabel il-perijodu ta' referenza ta' qabel.

**Reviżjoni ordinarja (*ordinary revision*):** hija reviżjoni ta' *data* li tirreferi għall-perijodu li jippreċedi dak kurrenti.

**Residenza ta' min joħroġ (*residency of issuer*)::** l-unità tal-ħruġ hija ddefinita bħala resident tal-pajjiż li jirrapporta meta jkollha ċentru ta' interess ekonomiku fit-territorju ekonomiku tal-pajjiż li jirrapporta, jiġifieri, meta għal perijodu estiż (sena jew iżjed) tagħmel attivitajiet ekonomiċi f'dan it-territorju.

**Securitisation:** huwa proċess kif jista' jsir l-iffinanzjar minn investituri esterni billi jkunu jistgħu jinvestu f'biċċiet ta' assi finanzjarji mhux speċifikati. Din l-operazzjoni tikkonsisti minn jew l-MFI jbiegħ self lill-intermedjarju u l-ħruġ sussegwenti u simultanju ta' titoli minn intermedjarju sostnut mis-self, jew bil-kisba ta' titoli maħruġin mid-debitu biex jieħu post self (mingħajr l-involviment ta' xi intermedjarju). Iż-żewġ tipi ta' operazzjonijiet jagħtu lok għall-istess riżultat fil-karta tal-bilanċ ta' l-MFI.

**Self (*loans*):** huma fondi mislufin mill-aġenti li jirrapportaw li ma jkollox in sostenn dokumenti jew jiġu rappreżentati minn doument wieħed (anki jekk ikun sar negozjabbli).

**Self *intraday* mill-bank ċentrali (*intraday borrowing from the central bank*):** huwa l-valur totali tal-kreditu estiż mill-bank ċentrali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u rimborżat f'perijodu ta' anqas minn jum tax-xogħol.

**Servizz ta' ħlas (*payment service*):** hija attività tan-negozju li tikkonsisti fl-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas f'isem persuna naturali jew legali, fejn ta' lanqas wieħed mill-provdituri tas-servizz ta' ħlas jinsab fil-Komunità Ewropea. Għall-finijiet ta' l-istatistika ta' ħlas, servizz ta' ħlas huwa mifhum bħala l-aċċettazzjoni minn entità (eż. istituzzjoni ta' kreditu) ta' tranżazzjoni ta' ħlas għall-eżekuzzjoni ulterjuri (li jista' jkun ix-xogħol ta' entità oħra) bħala kklerjar mingħajr kontanti u/jew ħlas. Is-servizz ta' ħlas m'huwiex marbut ma' li tiġi pprovduta infrastruttura teknika (eż. terminals tat-telekomunikazzjoni jew tal-ħlas installati għand ta' l-imnut) jew biex isir il-ħlas (eż sistema ta' ħlas).

**Settur li jżomm il-flus (*money-holding sector*):** jikkomprendi residenti ta' mhux MFIs fiż-żona ta' l-euro, bl-esklużjoni tas-settur tal-gvern ġenerali.

**Sistemi ta' trasferiment ta' fondi interbank (*interbank funds transfer systems*) (IFTS):** huma arranġamenti formali, ibbażati fuq kuntratt privat jew il-liġi statutorja, bi sħubija molteplici, regoli komuni u arranġamenti standardizzati għat-trażmissjoni u l-ħlas ta' obbligi tal-flus li jinqalgħu bejn membri, fejn il-biċċa l-kbira jew il-parteċipanti diretti kollha huma istituzzjonijiet ta' kreditu u jintuża l-aktar għall-ipproċessar ta' ħlasijiet mingħajr kontanti.

**Skema tal-kards (*card scheme*):** hija arranġament tekniku u kummerċjali stabbilit biex iservi marka tal-kards waħda jew iżjed u li tipprovdi r-regoli organizzattivi, legali u l-qafas meħtieġa għall-funzjonament tas-servizzi kkummerċjalizzati mill-marka.

**Strument ta' ħlas (*payment instrument*):** huwa għodda jew sett ta' proċeduri li jippermetti t-trasferiment ta' fondi mill-pagatur lill-min jitħallas.

**Sub-fondi** (***sub-funds***): jispeċifikaw klassi separata jew isem unità f'fond li jinvesti f'*pool* separata jew portafoll ta' investimenti. "Sub-fond" huwa magħruf bħala "kompartiment". Kull sub-fond jikkostitwixxi stabbiliment awtonomu u speċjalizzat. L-ispeċjalizzazzjoni tista' tkun relatata ma' strument fiannzjarju partikolari jew suq partikolari.

**Sussidjarji (*subsidiaries*):** huma entitajiet inkorporati separati fejn entità oħra għandha maġġoranza jew parteċipazzjoni sħiħa.

**Terminals (*terminals*):** huma apparat elettromekkanikui jippermetti li detenturi awtorizzati jkollhom aċċess għal firxa ta' servizzi. L-utenti jagħmlu użu mis-servizzi fit-terminal b'kard li jkollha l-funzjonijiet li ġejjin: flus kontanti, debitu, debitu ttardjat, kreditu u *e-money*. It-terminals huma punti ta' aċċess fiżiċi u jistgħu jkunu moqdija (jeħtieġu l-involviment ta' operatur tat-terminal jew kaxxier) jew mhux moqdija (iddisinjati biex jintużaw mid-detentur tal-kard fil-modalità *self-service*).

**Terminals tal-kards ta' l-*e-money* (*e-money card terminals*):** jippermettu t-trasferiment ta' *e-money* minn min joħroġ *e-money* lil kard b'funzjoni ta' *e-money* u viċi-versa (terminal li jikkredita jew li jiżbanka kard ta' *e-money*) jew mill-bilanċ ta' kard għall-bilanċ ta' benefiċjarju (terminal li jaċċetta kard ta' *e-money*).

**Titoli ta' dejn għal perijodu qasir (*short-term debt securities*):** jikkonsistu mill-ħruġ kollu ta' titolu ta' dejn f'maturità oriġinali għal perijodu qasir ta' sena jew anqas; titoli għal perijodu qasir ġeneralment jinħarġu bi skont. Din is-sub-pożizzjoni ma tinkludix titoli li n-negozjabbiltà tagħhom, filwaqt li teoretikament possibbli, hja restrittiva fil-prattika (ESA 95, paragrafi 5.56-5.59). Dan jikkorrespondi ma' ESA 95 kategorija F.331.

**Titoli ta' dejn fit-tul (*long term debt securities*):** jinkludu kull ħarġa ta' titolu ta' dejn b'maturità oriġinali fit-tul ta' iżjed minn sena; titoli fit-tul huma ġeneralment maħruġin mal-kupuni (ara ESA 95 paragrafi 5.60-5.64). Dan jikkorrispondi mal-kategorija ESA 95 F.332.

**Titoli ta' dejn (*debt securities*),:** jiġifieri titoli li m'humiex ishma bl-esklużjoni ta' derivattivi finanzjarji, jikkonsistu minn attiv finanzjarju kollu li huma strumenti tal-portatur, jistgħu jiġu nnegozjati u kkummerċjalizzati fi swieq sekondarji u ma jagħtux lid-detentur xi drittijiet ta' proprjetà lill-unità istituzzjonali li toħroġhom. Din il-kategorija tkopri attiv finanzjarju li tipikament huwa rrappreżentat b'dokumenti maħubin għaċ-ċirkolazzjoni u li l-valur nominali huwa ddeterminat mal-ħruġ. Tinkludi ħruġ ta' kontijiet, bonds, noti, obbligazzjonijiet u strumenti simili li s-soltu jiġu nnegozjati fis-swieq finanzjarji. Strumenti inklużi f'din il-kategorija jistgħu jiġu kkaratterizzati bħala li jipprovdu lid-detentur bid-dritt mhux kundizzjonat għal dħul monetarju varjabbli partikolari f'forma ta' ħlasijiet bil-kupun (imgħax) u/jew somma fissa ddikjarata f'data jew dati speċifikati jew li jibdew minn data fissa fiż-żmien tal-ħruġ. Tqegħid privat huwa kopert kemm jista' jkun. Bonds globali huma inklużi (ESA 95, paragrafi 5.50-5.55). Dan jikkorrespondi ma' l-ESA 95 kategorija F.33.

**Tqegħid privat (*private placements*):** jirriferi għall-bejgħ ta' ħarġa' ta' parteċipazzjoni azzjonarja lil xerrej wieħed jew lil numru limitat ta' xerrejja mingħajr offerta lill-pubbliku.

**Tranżazzjoni ta' l-*e-money card-loading/card-unloading* (*e-money card-loading/card-unloading transaction*):** hija tranżazzjoni li tippermetti t-trasferiment ta' *e-money* minn min joħroġ *e-money* lil kard b'funzjoni ta' *e-money* u viċi versa.

**Tranżazzjoni ta' flus kontanti mill-ATM (*ATM cash transaction*):** hija żbank ta' flus kontanti minn jew depożitu ta' flus kontanti f'kont, magħmul minn ATM, bl-użu ta' kard b'funzjoni ta' flus kontanti.

**Tranżazzjoni POS (*POS transaction*):** hija tranżazzjoni magħmula permezz ta' terminal POS bl-użu ta' kard b'funzjoni ta' debitu, kreditu jew debitu ttardjat.

**Tranżazzjoni ta' flus kontanti** *over-the-counter* (**OTC**) (*over-the-counter (OTC) cash transaction*): hija depożitu ta' flus kontanti fi jew żbank ta' flus kontanti minn kont f'bank bl-użu ta' formula bankarja. Dawn it-tranżazzjonijiet ma jirrappreżentawx ħlasijiet f'sens strett billi jinkludu biss bidla mill-flus tal-bank ċentrali għall-flus tal-kont tal-bank jew viċi versa.

**Tranżazzjoni ta' ħlas** (*payment transaction*): hija att, li jinbeda mill-pagatur jew il-minn min jitħallas, ta' depożitar, żbankar jew trasferiment ta' fondi minn pagatur lil min jitħallas, irrispettivament mill-obbligi sottostanti bejn l-utenti tas-servizz ta' ħlas. Ara wkoll fondi u mezzi ta' ħlas.

**Tranżazzjoni ta' xiri ta' l-***e-money (e-money purchase transaction)*: hija tranżazzjoni fejn id-detentur ta' *e-money* jittrasferixxi *e-money* mill-bilanċ tagħhom lill-bilanċ tal-benefiċjarju, jew b'kard ta' *e-money* jew b'apparat ieħor li jaħżen *e-money*.

**Tranżazzjonijiet internazzjonali mibgħuta (*cross-border transactions sent*):** huma tranżazzjonijiet bi strumenti ta' ħlas li jinvolvu mhux-MFIs mibgħuta barra l-pajjiż li jirrapporta, jiġifieri l-parti li tirċievi t-tranżazzjonijiet tinsab barra l-pajjiż li qed jirrapporta.

**Tranżazzjonijiet internazzjonali rċevuti (*cross-border transactions received*):** huma tranżazzjonijiet bi strumenti ta' ħlas li jinvolvu mhux-MFIs rċevuti minn barra l-pajjiż li jirrapporta, jiġifieri l-parti li tibgħat t-tranżazzjoni tinsab barra l-pajjiż li jirrapporta.

**Trasferiment ta' fondi elettroniċi f'terminals fil-punt tal-bejgħ (EFTPOS) (*Electronic funds transfer at point of sale (EFTPOS) terminals*):** huma terminals POS li jaqbdu l-informazzjoni b'mezzi elettroniċi. Jistgħu jkunu ddisinjati biex jitrażmettu din l-informazzjoni ta' ħlas jew *online* (b'talba f'ħin reali għall-awtorizzazzjoni) jew *offline*.

**Trasferiment ta' kreditu (*credit transfer*):** huwa strument ta' ħlas li jippermetti lill-pagatur li jagħti struzzjonijiet lill-istituzzjoni li jkollha l-kont tiegħu biex tittrasferixxi l-fondi lill-benefiċjarju. Huwa ordni ta' bejgħ, jew segwenza ta' ordnijiet ta' bejgħ, magħmula biex jitpoġġew fondi għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju. Kemm l-ordni ta' ħlas u l-fondi deskritti hemmhekk jimxu mill-istituzzjoni ta' kreditu tal-pagatur lill-istituzzjoni ta' kreditu ta' dak li jitħallas (benefiċjarju), potenzjalment permezz ta' diversi istituzzjonijiet ta' kreditu intermedjarji u/jew sistema ta' ħlas wieħed jew iżjed.

**Trasferiment ta' self (*loan transfer*):** hija operazzjoni simili għal *securitisation* fejn MFIs jbiegħu self lill-investituri f'proċess li ma jinvolvix il-ħruġ tatitloi. L-iskop ekonomiku ta' din l-operazzjoni u t-trattament statistiku huwa madankolu f'ċerti aspetti simili għal *securitisation*.

**Uffiċċju (*office*):** huwa post tan-negozju li jifforma parti dipendenti legali ta' (i) istituzzjoni ta' kreditu jew bank mhux fiż-ŻEE, (ii) bank ċentrali, jew (iii) istituzzjoni oħra li toffri servizzi ta' ħlas lil mhux MFI, u li direttament tagħmel uħud jew it-tranżazzjonijiet kollha inerenti għan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu.

**Unitajiet ta' residenti kunċettwali (*notional resident units*):** huma (i) unitajiet mhux residenti li għandhom ċentru ta' interess ekonomiku fit-territorju ekonomiku tal-pajjiż jew (ii) unitjaiet mhux residenti fil-kapaċitŕ tagħhom bħala proprjetarji ta' l-art jew bini fit-territorju ekonomiku tal-pajjiż, imma fir-rigward biss ta' tranżazzjonijiet li jaffettwaw din l-art jew dan il-bini (ESA 95 paragrafu 2.15).

**Utent tas-servizz ta' ħlas (*payment service user*):** hija persuna naturali jew legali li tuża servizz ta' ħlas bħala pagatur u/jew minn min jitħallas. Il-pagatur huwa l-parti fi tranżazzjoni ta' ħlas li toħroġ l-ordni ta' ħlas jew taqbel mat-trasferiment ta' fondi lil minn min jitħallas, Min jitħallas jew il-benefiċjarju huwa persuna naturali jew legali li għandha tirċievi il-fondi fl-aħħar, li jkunu suġġetti għal tranżazzjoni ta' ħlas.

**Valur ta' l-assi nett (*net asset value*) (NAV):** ta' fond ta' investiment huwa l-valur ta' l-attiv tiegħu wara li jitneħħa l-pasiv, bl-esklużjoni ta' ishma ta' fond ta' investment.

**Valuta fiċ-ċirkulazzjoni (*currency in circulation*):** tinkludi karti tal-flus u muniti fiċ-ċirkolazzjoni li jintużaw komunement biex isiru l-ħlasijiet.

**Valuta ta' fejn isir il-ħruġ (*currency of issuance*):** tfisser id-denominazzjoni tal-valuta tat-titolu.